**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/032 |
| **Ilment:** | Allegazzjoni ta' nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' dħul fid-Dikjarazzjoni tal-Assi tal-Ministri u Segretarji Parlamentari |
| **Ilmentatur:** | Prof Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 20 ta' Diċembru 2020 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 2 ta' Lulju 2021 |

**L-Ilment**

1. Permezz ta' email datata 20 ta' Diċembru 2020 (annessa u mmarkata Dokument A/1), Prof Arnold Cassola (l-Ilmentatur) talabni ninvestiga ksur ta' etika da parti tal-Onor. Rosianne Cutajar, dak iż-żmien Segretarju Parlamentari għall-Ugwaljanza u r-Riformi, li ġie allegat f'rapporti fil-midja.

2. L-Ilmentatur imposta l-ilment hekk:

> *Kif qed tara mill-annessi, hemm akkużi gravi ta' evażjoni fiskali fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa magħmula minn* […] *Rosianne Cutajar fl-2020 (sena stima 2019).*
>
> *Is-sitwazzjoni tal-On. Cutajar hija ulterjorment aggravata billi l-flus mhux iddikjarati allegatament għamlithom bħala sensara ta' Yorgen Fenech, minkejja li kienet ġà a konjizzjoni tal-fatt li huwa, bħala sid 17 Black, kien intenzjonat ixaħħam Ministru u Chief of Staff fl-OPM.*
>
> *Nitolbok tinvestiga urġentement dawn il-każi għax issa jiena, u l-ħafna Maltin onesti, tqażżiżna bil-klima ta' impunità li biha jaġixxu numru ta' politiċi Maltin.*

3. L-Ilmentatur irrefera għal żewġ rapporti li dehru fil-midja dakinhar stess.[1]

4. Aktar tard fl-istess ġurnata, l-Ilmentatur bagħat email oħra fejn qal:

*Qiegħed nibgħatlek id-dikjarazzjoni ta' dħul tal-On. Cutajar, fejn tiddikjara 74,000 dħul.*

*Minn dawn 25,000 paga ta' MP, 35000 ewro ta' Kummissarju għas-Simplifikazzjoni.*[2]

*Jiġifieri hawn is-46000 senserija ma ddikjarathomx.*

*Jekk ħallsitx 18% VAT fuqhom u income tax ... ma nafx.*

5. Id-dikjarazzjoni tad-dħul tal-Onor. Cutajar bħala Segretarju Parlamentari għas-sena 2019 hija annessa ma' dan ir-rapport bħala d-Dokument A/2.[3]

**Il-Kuntest**

6. Importanti li tiġi stabbilita sekwenza ċara tal-avvenimenti ewlenin li huma relatati ma' dan il-każ. Dawn jistgħu jiġu elenkati kif ġej:

| | |
|---|---|
| 30 ta' Jannar 2019 | Isir konvenju bejn Henley Estates Malta Ltd ("Henley") (għan-nom ta' klijent ta' nazzjonalità Ċiniża) u Green Eyes Ltd ("Green Eyes"), li tagħha Joseph Camilleri huwa s-sid benefiċjarju aħħari, biex propjetà fl-Imdina tinbiegħ lil Green Eyes. |
| Frar/Marzu 2019 | Isiru kuntatti bejn Joseph Camilleri u Carmelo sive Charles Farrugia, magħruf ukoll bħala Charlie it-Tikka, bil-għan li jinstab xi ħadd interessat jixtri l-istess |

1 Ara https://timesofmalta.com/articles/view/junior-minister-chased-to-repay-cash-from-yorgen-fenech-deal.839981; u https://www.maltatoday.com.mt/news/national/106595/yorgens_31_million_mdina_deal_rosianne_cutajar_and_the_judges_husband#.YMHOwPkzaUl.

2 L-Ilmentatur irrefera għal rapport li sar f'Mejju tal-2018 u li huwa aċċessibbli minn https://www.maltatoday.com.mt/news/national/87085/mp_paid_34504_for_role_as_commissioner_for_reduction_of_bureaucracy#.YMHPNvkzaUm in konnessjoni mas-salarju li kienet taqla' l-Onor Cutajar bħala Kummissarju għas-Simplifikazzjoni.

3 Id-dikjarazzjonijiet tal-ministri u s-segretarji parlamentari kollha għall-istess sena huma aċċessibbli minn https://www.parlament.mt/media/109557/05495.pdf.

| | |
|---|---|
| | propjetà mingħand Green Eyes waqt li din ghada fuq konvenju. Charles Farrugia jassumi r-rwol ta’ sensar. Sussegwentement l-Onor. Cutajar, ħabiba ta’ Farrugia, tħajjar lil Yorgen Fenech jixtri l-propjetà. |
| | F’dan l-istadju l-Onor. Cutajar tokkupa l-kariga ta’ membru parlamentari. Hija wkoll ingaġġata fl-uffiċċju tal-Prim Ministru Joseph Muscat bħala persuna ta’ fiduċja bit-titolu ta’ Kummissarju għas-Simplifikazzjoni u t-Tnaqqis tal-Burokrazija. |
| 9 ta’ Mejju 2019 | Issir laqgħa fl-Imdina bejn Joseph Camilleri, Charles Farrugia, l-Onor. Cutajar u Yorgen Fenech biex tintwera l-propjetà lil dan tal-aħħar. |
| 14 ta’ Mejju 2019 | Isir konvenju bejn Green Eyes u Yorgen Fenech biex il-propjetà fl-Imdina tinbiegħ lil Yorgen Fenech għas-somma ta’ €3.1 miljun. Yorgen Fenech iħallas depożitu ta’ €310,000 (10% tal-prezz tal-bejgħ tal-propjetà), fi flus kontanti, lil Joseph Camilleri. |
| | Xi ġranet wara, Joseph Camilleri jħallas is-somma ta’ €93,000 bħala senserija. Din is-somma hija ekwivalenti għal tlieta fil-mija (3%) tal-prezz tal-propjetà in vendita. |
| | F’dan l-istadju Green Eyes għadha mhix is-sid tal-propjetà. L-intenzjoni ta’ Joseph Camilleri, is-sid benefiċjarju ta’ Green Eyes, hi li juża l-flus li jdaħħal mingħand Yorgen Fenech biex jiffinanzja x-xiri tal-propjetà mingħand il-klijent ta’ Henley. |
| 26 ta’ Ġunju 2019 | L-Onor. Cutajar tagħmel intervent fl-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa waqt dibattitu fuq abbozz ta’ riżoluzzjoni dwar il-qtil ta’ Daphne Caruana Galizia. |
| 27 ta’ Awissu 2019 | Yorgen Fenech iħallas €31,000 fi flus kontanti bħala sehmu mis-senserija (wieħed fil-mija (1%) tal-prezz tal-propjetà). Huwa jgħaddi dawn il-flus lill-Onor. Cutajar biex hi tgħaddihom lil Charles Farrugia, |

| | |
|---|---|
| | flimkien ma' somma addizzjonali ta' €9,000 li huwa rigal lill-Onor. Cutajar. |
| 18 ta' Settembru 2019 | Il-konvenju bejn Green Eyes u Yorgen Fenech jiġi estiż sal-5 ta' Ottubru 2019. |
| 7 ta' Ottubru 2019 | Il-konvenju bejn Green Eyes u Yorgen Fenech jiġi estiż sat-28 ta' Ottubru 2019. |
| 15 ta' Ottubru 2019 | Isir ftehim bejn Tumas Group Co. Ltd, kumpanija tal-familja Fenech, u Green Eyes għas-self ta' €1.2 miljun lil Green Eyes biex din takkwista l-propjetà fl-Imdina mingħand il-klijent ta' Henley (billi kien ser jiskadi l-konvenju ta' bejniethom).<br><br>Fl-istess ġurnata jsir ftehim bejn Yorgen Fenech u Green Eyes biex il-prezz tal-propjetà jitnaqqas minn €3.1 miljun għal €3 miljun. Dan it-tnaqqis ġie impost fuq Green Eyes minn Tumas Group Ltd bħala kondizzjoni tas-self ta' €1.2 miljun.<br><br>Minħabba dan it-tnaqqis, Joseph Camilleri jitlob rifużjoni ta' €4,000 mis-senserija mħallsa minnu. Din ir-rifużjoni titħallas minn Charles Farrugia f'żewġ pagamenti separati ta' €2,000. |
| 30 ta' Ottubru 2019 | Il-konvenju jiġi estiż għat-tielet u l-aħħar darba, sal-20 ta' Novembru 2019.[4] |
| 6 ta' Novembru 2019 | Isir il-kuntratt tal-bejgħ tal-propjetà bejn Henley u Green Eyes. |
| 20 ta' Novembru 2019 | Jiskadi l-konvenju bejn Green Eyes Ltd u Yorgen Fenech, u ma jiġix imġedded.<br><br>Yorgen Fenech jiġi arrestat in konnessjoni mal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. |

4 Fid-19 ta' Novembru 2019 Joseph Camilleri iffirma estensjoni oħra tal-konvenju, iżda din baqgħat ma ġietx iffirmata minn Yorgen Fenech.

| | |
|---|---|
| 15 ta' Jannar 2020 | L-Onor. Cutajar tinħatar Segretarju Parlamentari għall-Ugwaljanza u r-Riformi fil-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza. |
| 17 ta' Frar 2020 | Isir recording ta' konversazzjoni bejn Camilleri u Farrugia meħuda minn Camilleri ad insaputa ta' Farrugia. |
| 9 ta' Lulju 2020 | L-Avukat Pierre Lofaro jibgħat ittra bonarja lil Charles Farrugia u lill-Onor. Cutajar biex jirrifondu s-senserija, ġaladarba l-bejgħ ma sarx. |
| 12 ta' Ottubru 2020 | Jitqiegħdu fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati d-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-ministri u s-segretarji parlamentari kollha, inkluż l-Onor. Cutajar, għas-sena 2019. Il-formola titlob li kull ministru u segretarju parlamentari jagħti d-dħul tiegħu għas-sena 2019. L-Onor. Cutajar ma tagħmel l-ebda riferenza għal dħul minn senserija fid-dikjarazzjoni tagħha. |
| 27 ta' Novembru 2020 | Isir il-kuntratt tal-bejgħ tal-propjetà bejn Green Eyes u Easysell Properties Ltd (kumpanija oħra tal-familja Fenech). |
| 1 ta' Diċembru 2020 | Isir affidavit minn Joseph Camilleri quddiem l-Onor. Nutar Ian Castaldi Paris dwar l-allegat rwol tal-Onor. Cutajar fil-bejgħ tal-propjetà. |
| 20 ta' Diċembru 2020 | Il-gazzetti *Times of Malta* u *Malta Today* jallegaw li fis-sena ta' qabel, l-Onor. Cutajar tħallset €46,500 bħala senserija bil-quddiem relatata mal-bejgħ tal-propjetà fl-Imdina u li qegħda tintalab tirrifondi s-somma.<br><br>Fl-istess ġurnata l-Onor. Cutajar toħroġ stqarrija fuq Facebook biex tiċħad li kellha x'taqsam mal-ħlas ta' senserija. Tippubblika wkoll ittra bonarja mibgħuta mill-avukat tagħha b'risposta għal dik tal-Avukat Lofaro. L-ittra tgħid li l-pretensjoni tas-Sur Camilleri |

| | |
|---|---|
| | għandha tiġi indirizzata lil terzi, u mhux lill-Onor. Cutajar. |
| | Jitressaq l-ilment kontra l-Onor. Cutajar quddiem dan l-uffiċċju. |
| 14 ta' Frar 2021 | It-*Times of Malta* tippubblika rapport li jallega li l-Onor. Cutajar ingħatat is-somma ta' €40,000 minn Yorgen Fenech. Minn din is-somma, €31,000 kienu intenzjonati biex hi tgħaddihom lil Charles Farrugia u €9,000 kienu rigal għaliha. L-istess rapport jirreferi għall-affidavit magħmul minn Joseph Camilleri quddiem l-Onor. Nutar Ian Castaldi Paris. |
| 25 ta' Frar 2021 | L-Onor. Cutajar toffri r-riżenja tagħha mill-kariga ta' Segretarju Parlamentari "*pendenti l-eżitu tal-proċess*" tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Hajja Pubblika. Il-Prim Ministru Robert Abela jaċċetta r-riżenja u jistqarr li ser jistenna l-eżitu ta' dina l-investigazzjoni qabel ma jiddeċiedi x'għandu jagħmel dwar dan il-każ. |
| 28 ta' Frar 2021 | It-*Times of Malta* tirrapporta li minn skambju ta' messaġġi bejn Yorgen Fenech u l-Onor. Cutajar, joħroġ li Yorgen Fenech kien għaddielha s-somma ta' €40,000. Minn din is-somma €31,000 kienu intenzjonati bħala senserija biex hija tgħaddihom lil Charles Farrugia, filwaqt li €9,000 kienu rigal għaliha personali. |
| 1 ta' Marzu 2021 | Rapport fit-*Times of Malta* jirreferi għall-affidavit ta' Joseph Camilleri u jgħid li skont dan l-affidavit, l-Onor. Cutajar informat lil Joseph Camilleri li kienet għaddet is-somma ta' €46,500 li kien ħallasha hu bħala sehemha tas-senserija u kkonfermatlu li kollox sew. |

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

7. L-ilment li sar lili dwar dan il-każ jiġbor fih tliet allegazzjonijiet:

(a) nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-ammont ta' €46,500 bħala dħul minn senserija fid-dikjarazzjoni tal-assi magħmula mill-Onor. Cutajar bħala Segretarju Parlamentari;

(b) nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-istess dħul għall-finijiet ta' taxxa (evażjoni fiskali); u

(ċ) assoċjazzjoni ma' persuna li allegatament kienet involuta f'korruzzjoni; fattur li, skont l-Ilmentatur, jaggrava l-każ.

8. L-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-Kap 570 tal-liġijiet ta' Malta) jagħtini s-setgħa li ninvestiga ksur ta' etika da parti ta' membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti, inkluż segretarji parlamentari.

9. Biss, l-Att jistabbilixxi ċerti termini ta' żmien u ma jagħtinix l-awtorità li ninvestiga atti li jaqgħu 'il barra minn dawn it-termini. L-artikolu 14(2) tal-Att jistipula illi:

*Ma għandhiex tittieħed konjizzjoni ta' lment taħt dan l-Att kemm-il darba dak l-ilment ma jsirx sa mhux aktar tard minn tletin jum tax-xogħol minn dakinhar li fih min jagħmel l-ilment kien jaf bil-fatt li ta lok għall-ilment jew minn sena minn meta jkun seħħ il-fatt li jkun ta lok għall-ilment, skont liema data tiġi l-ewwel.*

10. Huwa raġonevoli li wieħed jassumi li l-Ilmentatur ma kienx jaf bl-allegazzjonijiet li huwa ilmenta dwarhom sa dakinhar li għamel l-ilment, billi bbaża ruħu fuq rapporti fil-midja li dehru dakinhar stess. Għaldaqstant il-limitu ta' 30 jum tax-xogħol ma jiskattax.

11. Il-ħlas ta' senserija lill-Onor. Cutajar allegatament sar f'Mejju tal-2019, ferm aktar minn sena qabel sar l-ilment. Dan ifisser li jiena ma nistax ninvestiga jekk il-ħlas fih innifsu jirrappreżentax ksur ta' etika jew ta' xi dmir statutorju ieħor. Biss, dan ma jaffettwax l-ewwel u t-tieni allegazzjoni għaliex dawn jikkonċernaw in-nuqqas fid-dikjarazzjoni tal-assi, mhux il-ħlas innifsu.

12. Il-ħlas, jekk tassew sar, kellu jiġi dikjarat fis-sena 2020, jiġifieri inqas minn sena qabel sar l-ilment. Id-dikjarazzjoni tal-Onor. Cutajar mhix datata, iżda l-formola tad-dikjarazzjoni tgħid li kull ministru u segretarju parlamentari għandu jissottometti d-dikjarazzjoni tiegħu lis-Segretarju tal-Kabinett fi żmien xahrejn wara l-ħatra tiegħu u mhux aktar tard mix-xahar ta' Marzu ta' kull sena. X'aktarx li kien hemm min issottometta d-dikjarazzjoni tiegħu tard, għax id-dikjarazzjonijiet tal-ministri għas-sena 2019 ġew intavolati f'daqqa fil-

Parlament fit-12 ta' Ottubru 2020. Biss, id-data preċiża ta' meta l-Onor. Cutajar issottomettiet id-dikjarazzjoni mhix rilevanti għax f'kull każ kien inqas minn sena qabel sar l-ilment. Għaldaqstant jiena nista' ninvestiga l-allegat nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-ħlas. Sabiex nagħmel dan, naturalment għandi ninvestiga jekk fil-fatt sarx il-ħlas, iżda dan nista' nagħmlu diment li nillimita l-konklużjonijiet tiegħi għall-fatt li l-ħlas ma ġiex iddikjarat (jekk jirriżulta li l-ħlas kien sar).

*L-ewwel allegazzjoni*

13. L-Ilmentatur ma jindikax liema dispożizzjoni tal-Kodiċi tal-Etika tal-Ministri u s-Segretarji Parlamentari jew dispożizzjoni oħra tal-Kap 570, fl-opinjoni tiegħu, ġiet miksura mill-Onor. Cutajar. Madankollu, l-ewwel allegazzjoni tal-Ilmentatur, li l-Onor. Cutajar ma nkludietx dħul li kellu jidher fid-dikjarazzjoni li hija kienet obbligata tagħmel bħala Segretarju Parlamentari, taqa' taħt l-artikolu 13(1)(a) tal-Kap 570. Dan l-artikolu jgħid hekk:

> ***13.*** *(1) Il-Kummissarju għandu jkollu dawn il-funzjonijiet li ġejjin:*
>
> *(a) li jeżamina u jekk ikun meħtieġ jivverifika, dawk id-dikjarazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' dħul jew attiv, jew interessi jew benefiċċji oħra ta' kull xorta ta' persuni li għalihom japplika dan l-Att, li għandhom id-dmir li jagħmlu dawk id-dikjarazzjonijiet kif jista' jkun provdut taħt dan l-Att jew kull liġi oħra u li jagħmel rakkomandazzjonijiet f'forma ta' linji gwida li l-Kummissarju jqis li jkunu xierqa u proporzjonati wkoll fir-rigward ta' kull persuna li tonqos milli tagħmel xi dikjarazzjoni kif imsemmi jew li tagħmel dikjarazzjoni skorretta b'mod li materjalment tiżvija l-iskop tad-dikjarazzjoni;* [...]

14. L-obbligu ta' ministru jew segretarju parlamentari li ta' kull sena jagħmel dikjarazzjoni tad-dħul u l-assi tiegħu joħroġ mill-artikolu 7.3 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari. Dan jgħid hekk:

> *7.3 Hekk kif Ministru jingħata l-kariga, għandu minnufih jagħti rendikont tal-assi u l-interessi tiegħu lis-Segretarju tal-Kabinett fuq il-formola relattiva. Għandu jiġi indikat ukoll lis-Segretarju tal-Kabinett kull interess illi jista' b'xi mod jagħti lok għal perċezzjoni ta' konflitt ta' interess jew konflitt ta' interess reali. Dan ir-rendikont għandu jingħata kull sena bil-mod indikat minn żmien għal żmien.*

15. L-artikolu 7.3 jirreferi għal assi u interessi, mhux dħul, iżda jgħid li r-rendikont "*għandu jingħata kull sena bil-mod indikat minn żmien għal żmien*".

Il-formola relevanti kif riprodotta fid-Dokument B teżiġi dikjarazzjoni ta' dħul, u għaldaqstant inqis li jkun ksur tal-artikolu 7.3 jekk xi dħul mitlub mill-formola jitħalla barra.

16. L-istess nuqqas jirrappreżenta ksur ukoll tal-artikolu 5.7 tal-Kodiċi, li jgħid hekk:

> *5.7 Onestà – il-Ministri għandhom jevitaw li jidħlu f'konflitti ta' interess bejn l-interess pubbliku u dak privat tagħhom u għandhom jagħtu informazzjoni sħiħa u korretta lill-Parlament, lill-Kabinett u lill-pubbliku inġenerali.*

*It-tieni allegazzjoni*

17. It-tieni allegazzjoni tal-Ilmentatur tikkonċerna nuqqas ta' dikjarazzjoni tad-dħul għall-finijiet ta' taxxa. Din hija materja li taqa' fil-kompetenza tal-awtoritajiet tat-taxxa.

18. Jiena adottajt il-prattika li bħala regola ġenerali ma nikkunsidrax ilmenti li jaqgħu fil-kompetenza ta' awtoritajiet oħra tal-istat, u li ilment tali għandu jiġi trattat mill-awtorità konċernata u mhux mill-uffiċċju tiegħi. Il-każ preżenti huwa eċċezzjoni parzjali għal din ir-regola għaliex l-artikolu 13(1)(a) tal-Kap 570 jimponi fuqi d-dover li nivverifika d-dikjarazzjonijiet dwar dħul, assi u interessi li jsiru minn deputati parlamentari taħt kull liġi, inkluż il-liġijiet dwar it-taxxa.

19. Dan ma jfissirx li jiena għandi nidduplika l-irwol tal-Kummissarju tat-Taxxi u niddikjara li l-Onor. Cutajar hija ħatja ta' xi nuqqas taħt il-leġiżlazzjoni amministrata minnu, jekk jirriżulta li rċeviet ħlas ta' senserija kif inhu allegat. L-enfażi primarja tiegħi fix-xogħol ta' eżami u verifika taħt l-artikolu 13(1)(a) tal-Kap 570 hija fuq id-dikjarazzjonijiet li jsiru mid-deputati fil-kapaċità tagħhom bħala deputati u bħala ministri jew segretarji parlamentari (skont kif applikabbli). Fil-każ preżenti se nsegwi l-istess prattika u niffoka l-investigazzjoni tiegħi fuq id-dikjarazzjoni magħmula mill-Onor. Cutajar bħala Segretarju Parlamentari.

*It-tielet allegazzjoni*

20. It-tielet allegazzjoni tal-Ilmentatur, li l-assoċjazzjoni bejn l-Onor. Cutajar u s-Sur Yorgen Fenech fiha nnifisha tirrappreżenta xi forma ta' imġieba ħażina da parti tal-Onor. Cutajar, tirrifletti l-fatt li fil-perjodu li kienu qegħdin isiru t-trattativi għall-bejgħ tal-propjetà in kwistjoni, kien ġie magħruf li Yorgen

Fenech kien sid il-kumpanija 17 Black, li allegatament kellha tintuża għal tixhim ta' persuni fil-gvern (għalkemm kien għadu mhux magħruf li Fenech kien persuna ta' interess fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia).

21. Biss, din l-allegazzjoni da parti tal-Ilmentatur hija marbuta man-negozju tal-propjetà, li ġie konkluż aktar minn sena qabel sar l-ilment. Għaldaqstant jiena ma nistax ninvestiga din l-allegazzjoni, kif lanqas ma nista' ninkorpora f'dan l-ilment u ninvestiga ċ-ċirkostanzi tad-diskors tal-Onor. Cutajar fl-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, li dwaru saru rapporti mill-midja fil-kors ta' din l-investigazzjoni, stante li dawn l-inċidenti ġraw aktar minn sena qabel ma sar l-ilment u għalhekk huma preklużi milli jiġu investigati ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Att.

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

22. L-evidenza li nġabret tkopri informazzjoni mogħtija mix-xhieda taħt ġurament, reġistrazzjoni bl-awdjo meħuda minn Joseph Camilleri *ad insaputa* ta' Charles Farrugia, stqarrijiet bil-miktub, u fatti miġbura mid-dominju pubbliku.

23. Bħala parti mill-investigazzjoni jiena tlabt li informazzjoni u dokumenti jiġu provduti lili mid-diversi xhieda, kemm bil-miktub kif ukoll taħt ġurament kif indikat hawn taħt.

24. **Joseph Camilleri**, is-sid ta' Green Eyes, ippreżentali stqarrija bil-miktub fl-4 ta' Jannar 2021. Ta xhieda bil-fomm fit-8 u s-16 ta' Frar 2021. Fit-8 ta' Frar 2021 ipprovdieli compact disk b'reġistrazzjoni awdjo li huwa ħa ta' konversazzjoni ma' Charles Farrugia ad insaputa ta' dan tal-aħħar. Fit-2 ta' Marzu 2021 huwa ffirma stqarrija fejn formalment irrilaxxja lill-Onor. Nutar Ian Castaldi Paris mill-obbligu ta' sigriet professjonali in konnessjoni ma' affidavit li huwa ħalef quddiemu.

25. **L-Av. Pierre Lofaro**, l-avukat ta' Joseph Camilleri u segretarju tal-kumpanija Green Eyes, u li sal-20 ta' Jannar 2020 kien direttur ta' Green Eyes, ippreżentali stqarrija bil-miktub fl-4 ta' Jannar 2021.

26. **Carmelo sive Charles Farrugia**, magħruf ukoll bħala Charlie t-Tikka, sensar fil-ftehim dwar il-bejgħ tal-propjetà lil Yorgen Fenech, ippreżentali stqarrija bil-miktub fis-17 ta' Jannar, il-5 ta' Frar u l-24 ta' Frar 2021. Xehed bil-fomm fid-19 ta' Frar u l-11 ta' Marzu 2021.

27. **L-Onor. Nutar Ian Castaldi Paris**, li quddiemu Joseph Camilleri għamel affidavit dwar il-każ, deher biex jixhed quddiemi dwar dan l-affidavit fil-1 u t-2 ta' Marzu 2021.

28. **L-Onor. Rosianne Cutajar** dehret quddiemi fit-3 ta' Marzu 2021 biex tara l-evidenza li kont ilħaqt ġbart sa dakinhar u biex tixhed. Fuq talba tagħha xehdet jumejn wara, fil-5 ta' Marzu 2021. Fis-7 u t-23 ta' April 2021 hija ppreżentatli wkoll dokumentazzjoni li tikkonsisti f'bank statements u phone chats bejnha u bejn Yorgen Fenech dwar il-propjetà tal-Imdina, flimkien ma' affidavit dwar dawn iċ-chats.

29. L-Onor. Cutajar dehret quddiemi wkoll fil-21 ta' Ġunju 2021 biex tara l-bqija tal-evidenza miġbura minni. Fit-23 ta' Ġunju 2021 hija ressqet żewġ persuni bħala xhieda. Dawn kienu George Cutajar, missierha, u Clive Azzopardi, l-eks sewwieq tagħha. Fit-23 ta' Ġunju 2021 ukoll, l-Avukat Edward Gatt, wieħed mir-rappreżentanti legali tagħha, għamel sottomissjonijiet f'isimha.

30. **Ivan Martin**, ġurnalista mat-*Times of Malta*, deher quddiemi fit-13 ta' April 2021 in konnessjoni mal-affidavit ta' Joseph Camilleri li jissemma' fuq, u li kien is-suġġett ta' rapport tat-*Times* fl-1 ta' Marzu 2021.

31. Bħala parti mill-investigazzjoni tiegħi ikkorrispondejt ukoll mal-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-phone chats bejn l-Onor. Cutajar u Yorgen Fenech dwar il-propjetà fl-Imdina. Għamilt rikors lill-qorti biex nakkwista l-phone chats in kwistjoni, iżda l-qorti ma laqgħetx it-talba tiegħi.

32. In vista tal-volum ta' evidenza li nġabret għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni, kif ukoll tan-natura privata ta' xi dokumenti li jiffurmaw parti minn din l-evidenza, jiena qed niddipartixxi mill-prattika li adottajt f'investigazzjonijiet preċedenti, fejn inkorporajt l-evidenza bħala anness mar-rapport dwar l-investigazzjoni. F'dan il-każ l-evidenza ġiet maqsuma fi tliet kategoriji:

- **Kategorija A:** dokumenti annessi ma' dan ir-rapport. Din il-kategorija tinkludi biss l-ilment li wassalni biex ninvestiga dan il-każ, u d-dikjarazzjoni tal-assi magħmula mill-Onor. Cutajar.
- **Kategorija B:** dokumenti li qed jiġu pprovduti separatament, u li huma miġbura f'żewġ volumi. Din il-kategorija tinkludi l-biċċa l-kbira tal-evidenza, inkluż traskrizzjonijiet ta' xhieda bil-fomm u stqarrijiet bil-miktub ipprovduti mix-xhieda. Hija r-rakkomandazzjoni tiegħi li meta

dan ir-rapport jiġi ppubblikat, iż-żewġ volumi ta' dokumenti fil-kategorija B jiġu ppubblikati miegħu.

- **Kategorija Ċ:** dokumenti li huma ta' natura privata allura qed jinżammu fl-uffiċċju tiegħi. Din il-kategorija tinkludi fost oħrajn iċ-chats bejn l-Onor. Rosianne Cutajar u Yorgen Fenech, il-bank statements tal-Onor. Cutajar, u riċerki dwar ix-xiri ta' propjetà da parti tagħha. Jiena lest nagħti aċċess għal dawn id-dokumenti fl-uffiċċju tiegħi lill-membri tal-Kumitat għall-Istandards, jekk dawn ikunu jixtiequ.

33. Il-kategorija ta' kull dokument li ssir riferenza għalih f'dan ir-rapport hija indikata mill-prefiss "A", "B" jew "Ċ" fin-numru tad-dokument. Elenku tad-dokumenti f'kull kategorija huwa anness ma' dan ir-rapport, flimkien mad-dokumenti attwali fil-kategorija A.

**Sommarju tax-Xhieda Ewlenin**

34. Hawn taħt qed jingħata sommarju tax-xhieda ta' Joseph Camilleri, l-Avukat Pierre Lofaro, Charles Farrugia, u l-Onor. Cutajar. Ix-xhieda tan-Nutar Ian Castaldi Paris u tal-ġurnalista Ivan Martin mhix inkluża hawn billi din tittratta speċifikament il-kwistjoni tal-affidavit ta' Joseph Camilleri, li mhix ċentrali għall-każ u hija indirizzata aktar tard f'dan ir-rapport.

*Ix-xhieda ta' Joseph Camilleri*

35. Joseph Camilleri kkonferma illi bħala l-benefiċjarju aħħari ta' Green Eyes, kien ser ibiegħ propjetà fl-Imdina lil Yorgen Fenech. Qal illi l-kwistjoni ta' senserija bdiet meta ltaqa' ma' Charles Farrugia fil-Café Cordina l-Belt, u qallu li kellu propjetà fl-Imdina għall-bejgħ.

36. Skont Joseph Camilleri, aktar tard huwa ftiehem ma' Farrugia fuq senserija ta' wieħed punt ħamsa fil-mija (1.5%) tal-prezz tal-bejgħ. Wara xi jiem ġie avviċinat minn Farrugia li qallu li kien hemm sensar ieħor li wkoll ried wieħed punt hamsa fil-mija (1.5%) u li dan is-sensar kellu kompratur interessat. Camilleri aċċetta li jħallas tlieta fil-mija (3%) komplessivament għaż-żewġ sensara kemm-il darba jġib il-prezz li xtaq. Kif aċċetta, Farrugia qallu li l-Onor. Cutajar kienet it-tieni sensar. F'dan l-istadju ma ssemmiex minn kien il-kompratur.

37. Sussegwentement ġiet organizzata laqgħa mal-kompratur biex jara l-propjetà. Kien dakinhar li Camilleri sar jaf li l-kompratur kien Yorgen Fenech.

Kienu preżenti Camilleri, Fenech, Farrugia u Cutajar, għalkemm Fenech dam ħafna ma ġie. Kienet l-Onor. Cutajar li kkomunikat u ftehmet ma' Yorgen Fenech. Waqt il-laqgħa l-Onor. Cutajar ipparteċipat attivament fid-diskussjoni billi bdiet tħajjar lil Fenech jixtri d-dar. Skont is-Sur Camilleri ukoll, l-Onor. Cutajar kienet preżenti, flimkien mas-Sur Farrugia, meta kkonfermaw li Yorgen Fenech għamel offerta għall-propjetà.

38. Meta eventwalment sar il-konvenju relattiv l-Onor. Cutajar ma kinetx preżenti.

39. Camilleri jgħid illi ta l-flus b'senserija, b'valur totali ta' €93,000, nofs lil Charles Farrugia u nofs lill-Onor. Cutajar, f'żewġ okkażjonijiet separati. Sehem Farrugia tahomlu f'Café Cordina. Jallega li Farrugia qallu li ser imur bihom dritt il-Bank of Valletta u jqegħedhom ġo safe deposit box li kellu hemmhekk. Jallega li sehem Cutajar tahomlha, fil-preżenza ta' Farrugia, waqt ikla li saret fir-ristorant Il Porticello, Marsamxett. Camilleri ma kienx jaf x'jismu r-ristorant iżda spjega li kien ristorant li ma jiħux credit cards, u dan għaliex l-Onor. Cutajar marret biex tħallas hi għall-ikla bil-credit card tagħha u spiċċa ħallas hu.

40. Meta Tumas Group silef il-flus lil Green Eyes biex din tixtri id-dar, li allura kienet għadha fuq konvenju mas-sid ta' nazzjonalità Ċiniża, Raymond Fenech, Direttur ta' Tumas Group, eżiġa li Green Eyes traħħas il-prezz miftiehem ma' Yorgen Fenech b'€100,000, u sar ftehim f'dan is-sens.

41. B'hekk ġie li Camilleri kien ħallas senserija eċċessiva bil-quddiem u għalhekk talab lura total ta' €4,000 mingħand Farrugia u mingħand l-Onor. Cutajar.

42. Camilleri jgħid illi Farrugia aċċetta u l-ewwel tah rifużjoni ta' €2,000 u wara xi jiem gablu €2,000 mingħand l-Onor. Cutajar. Jgħid ukoll illi Farrugia oriġinarjament urih ċekk tal-Onor. Cutajar għall-ħlas ta' €2,000 iżda ma tahulux u minflok tah €2,000 fi flus kontanti.

43. Il-konvenju bejn Green Eyes u Yorgen Fenech (Dokument B/JC/3) kif originarjament abbozzat mill-Avukat Lofaro fuq struzzjonijiet ta' Joseph Camilleri kien jinkludi dispożizzjoni li taħseb għal senserija ta' erba' fil-mija (4%) tal-valur tal-propjetà – tlieta fil-mija (3%) mingħand il-venditur u wieħed fil-mija (1%) mingħand il-kompratur. Biss, din id-dispożizzjoni ġiet imħassra bil-pinna min-nutar qabel ma ġie ffirmat il-konvenju. Skont Camilleri, dawn il-kliem ġew imħassra peress illi Farrugia qal li ma kienx hemm bżonn riferenza għas-senserija għax kien jafda l-partijiet.

*Ix-xhieda tal-Avukat Pierre Lofaro*

44. Il-parti l-kbira tal-informazzjoni li pprovda l-Avukat Lofaro tirrigwardja dak li qallu Camilleri. Dan ifisser li din l-informazzjoni tista' tingħata piż bħala xhieda in kwantu tikkonferma li dak li xehed Camilleri quddiemi kien qalu wkoll lill-avukat tiegħu, jiġifieri Camilleri baqa' konsistenti fil-verżjoni tiegħu.

45. Barra minn dan, però, l-Avukat Lofaro stqarr bil-miktub illi dakinhar tal-konvenju, Farrugia kien qal li l-Onor. Cutajar kienet sensara flimkien miegħu u għalhekk kien ikun aħjar li s-senserija ma tissemmiex fil-konvenju. L-Avukat Lofaro qal li sema' dal-kliem hu personalment. Qal ukoll illi meta kien iltaqa' b'kumbinazzjoni ma' Farrugia l-Belt, u kellmu fuq ir-rifużjoni tal-flus imħallsa bħala senserija, Farrugia kien qallu illi l-Onor. Cutajar ma setgħetx tirritorna l-flus peress li kienet xtrat propjetà. Farrugia qallu wkoll li hu, flimkien mal-Onor. Cutajar, kienu ħadu parir mingħand avukat li kien qalilhom li Camilleri ma kellu l-ebda dritt jitlob lura l-flus li tahom.

*Ix-xhieda ta' Charles Farrugia*

46. Charles Farrugia xehed illi filwaqt li sal-lum il-ġurnata għadu jaħdem ta' sensar, qatt ma aġixxa ta' sensar mal-Onor. Cutajar. Huwa kkonferma li hu rċieva flus kontanti mingħand Camilleri iżda qal li fil-fehma tiegħu dawn il-flus kienu mogħtija lilu "*buona gratia għaliex irnexxieli ngħaqqad il-konvenju u allura ingħatat lili indipendentement mill-kuntratt*" (Dok B/CF/2, paġna 2, punt 5). Għalhekk, meta ġie mitlub jirrifondihom lil Joseph Camilleri, deherlu li ma kellux għalfejn jagħtihom lura.

47. Fir-rigward tal-involviment tal-Onor. Cutajar, Farrugia sostna li ma kellha x'taqsam xejn man-negozju u ma ħadet ebda flus bħala senserija. Hu kien jiddiskuti n-negozju tal-propjetà magħha, iżda biss għax kienu qrib ta' xulxin u kienu jitkellmu fuq ħafna affarijiet. L-uniku involviment tagħha fin-negozju kien li ssuġġeriet lil Yorgen Fenech bħala xerrej u introduċietu lil Farrugia u lil Camilleri. Hi kienet tikkomunika ma' Fenech u Farrugia ma kienx jikkomunika miegħu hu. Meta ltaqgħu biex jaraw il-propjetà, Yorgen Fenech ittardja u ċemplitlu hi biex tara jekk kienx ġej.

48. Farrugia qal li hu rċieva €93,000 bħala rikonoxximent għas-sehem tiegħu fin-negozju tal-propjetà fl-Imdina. Dan l-ammont jirrappreżenta tlieta fil-mija (3%) tal-prezz fuq il-konvenju ta' €3,100,000. Biss, Farrugia ma kienx ċar fix-xhieda tiegħu dwar meta rċieva dawn il-flus. Fl-istqarrija bil-miktub tiegħu tal-

5 ta' Frar 2021, qal "*Dan il-pagament ma niftakarx fejn Camilleri tahuli. Jekk il-memorja isservini tajjeb, jidhirli li kien ġo ristorant f'Marsamxett jew f'cafeteria ġol-Belt*" (Dok B/CF/4, paġna 1, punt 1). Fix-xhieda bil-fomm tiegħu fid-19 ta' Frar 2021, semma' l-café *Charles Grech* iżda qal li ngħata pakkett bil-flus kontanti ġewwa r-ristorant Marsamxett (Dok B/CF/6, paġna 5, linja 153). Farrugia kkonferma illi l-Onor. Cutajar kienet preżenti għal dina l-ikla. Qal ukoll illi Yorgen Fenech qatt ma tah flus lilu. Mistoqsi jekk għandux safe deposit box il-Bank of Valletta, qal li kellu waħda imma li ma kenitx għadha għandu (Dok B/CF/6, paġna 12, linja 395).

49. Farrugia qal li meta l-prezz fuq il-kuntratt finali ġie ridott għal €3,000,000, Camilleri talbu jirritorna €4,000 minn dawk il-flus li hu kien irċieva buona gratia. Farrugia ħallas l-€4,000 f'żewġ pagamenti ta' €2,000 kull wieħed fi żmien ftit jiem mit-talba. L-ewwel parti jgħid illi ħallsu €2,000 f'kontanti li ġibed mill-bank, u t-tieni parti l-ġurnata ta' wara f'kontanti li ma qalx minn fejn ġabhom.

*Ix-xhieda tal-Onor. Cutajar*

50. L-Onor. Cutajar filwaqt li ċaħdet li hi aġixxiet ta' sensara u li ħadet senserija, ikkonfermat illi hi kienet issuġġeriet lil Yorgen Fenech bħala l-kompratur potenzjali għall-propjetà ta' Camilleri, peress li kienet preżenti meta Camilleri u Farrugia ddiskutew il-propjetà għall-ewwel darba, u peress li kienet ilha taf lil Yorgen Fenech. Ikkonfermat ukoll illi kienet preżenti meta l-partijiet konċernati ltaqgħu biex jaraw il-propjetà, u li kienet hi li ċemplet lil Yorgen Fenech meta ma tfaċċax fil-ħin.

51. L-Onor. Cutajar ikkonfermat ukoll li kienet preżenti waqt l-ikla f'ristorant f'Marsamxett iżda ċaħdet l-allegazzjoni ta' Camilleri li ħadet flus mingħandu.

52. L-Onor. Cutajar ikkonfermat ukoll li Yorgen Fenech taha €40,000, li jirrappreżentaw €31,000 bħala wieħed fil-mija (1%) tas-senserija dovuta, biex hija tgħaddihom lil Charles Farrugia, u €9,000 bħala rigal ta' għeluq sninha.

**Konsiderazzjoni Preliminari**

53. Dan ir-rapport jirrivolvi madwar l-allegazzjoni li l-Onor. Cutajar ħadet il-flus bħala senserija, stante ċ-ċaħda tagħha. Kemm-il darba jirriżulta li ħadet il-flus, allura messha ddikjarathom. Mill-banda l-oħra, jekk ma ħadithomx naturalment ma kellhiex x'tiddikjara.

54. Għalhekk stante li jien ġejt konfrontat b'żewġ verżjonijiet djamettrikament opposti kelli nifforma opinjoni biex dwar dan il-fatt allegat nissottometti lill-Kumitat konklużjoni dwar l-allegazzjoni a bażi tal-evalwazzjoni tiegħi tal-provi relattivi.

55. Skont l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, wara li jagħmel investigazzjoni l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għandu jirrapporta l-fehma tiegħu lill-Kumitat Parlamentari għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-ġudizzju tal-Kumitat, u li l-Kummissarju jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet meta jkun tal-fehma li l-allegazzjoni li tkun tifforma l-qofol tal-investigazzjoni –

(a) tidher li prima facie tkun saret kontra dak li trid il-liġi;

(b) tkun prima facie kisret xi dmir statutorju jew etiku kif previst taħt dan l-Att jew kull liġi oħra; jew

(ċ) tkun twettqet xi setgħa diskrezzjonali b'mod li tikkostitwixxi abbuż ta' poter.

56. Jiġifieri, fejn jidħlu rapporti dwar allegazzjonijiet kontra persuni soġġetti għall-Att, il-Kummissarju għandu rwol ta' investigatur bil-poteri kollha assoċjati ma' dak l-irwol; inoltre jista' jiddeċiedi li ma hemmx lok għal investigazzjoni; jista' ma jsibx ksur, u d-deċiżjoni tiegħu f'dan ir-rigward tkun waħda finali; jista' jirreferi każijiet lill-Pulizija jew l-Avukat Ġenerali skont il-każ u jsegwihom. Iżda fejn isib ksur prima facie għandu jirreferi l-konklużjonijiet tiegħu lill-Kumitat għad-deċiżjoni. Huwa indikattiv il-fatt li l-Kumitat żamm għalih id-dritt ossija d-diskrezzjoni meta u jekk għandux jippubblika r-rapporti li l-Kummissarju jirreferi lilu.

57. Għalhekk għandi nassumi li l-kliem "*tidher li prima facie tkun saret kontra dak li trid il-liġi*" jew "*tkun prima facie kisret xi dmir statutorju jew etiku*" fl-artikolu 22 tal-Kap 570 għandhom rilevanza għall-grad ta' prova li għandi naddotta fl-analiżi li jwassalni għall-konklużjonijiet mitluba mill-liġi.

58. Però l-liġi ma tagħti l-ebda tifsira ta' x'jikkostitwixxi prima facie. Naturalment lanqas ma għandi każistika jew interpretazzjonijiet għal xiex nirreferi.

59. Wieħed jista' b'kawtela, u b'ċerta riżerva, jagħmel xebħ ma' dak li jsir fil-qrati tagħna għal dik li hi l-interpretazzjoni ta' "prima facie".

60. Il-Qorti Kostituzzjonali spjegat il-pożizzjoni fil-kamp kriminali b'dan il-mod fil-kawża Mark Charles Kenneth Stephens v. Avukat Ġenerali:[5]

> *Ghalkemm generalment jinghad li l-Qorti Istruttorja, fl-istadju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 401(2), tiddeciedi fuq bazi prima facie, dan ma jfissirx li d-decizjoni hija wahda "superficjali". Ifisser biss li, jekk ikun hemm provi mressqa mill-prosekuzzjoni li a bazi taghhom l-imputat jista' jinstab hati ta' reat fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali, anke jekk hemm provi ohra li jistghu igibu fix-xejn dawk il-provi, il-Qorti Istruttorja ghandha xorta wahda tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza – ghax altrimenti l-Qorti Istruttorja tkun qed taghmel apprezzament tal-provi li jispetta biss lill-Qorti Kriminali jew lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.*

61. Fil-kuntest tal-qrati tagħna allura, l-evidenza prima facie fl-istadju ta' inkjesta maġisterjali tinvolvi l-konsiderazzjoni ta' evidenza, cioè fatti. Li persuna jew ġudikant sempliċiment jissuspetta jew jifforma opinjoni dwar is-suġġett in kwistjoni, ma jikkostitwix evidenza. L-evidenza prima facie sservi biex ġudikant, inizjalment meta jikkunsidra l-evidenza quddiemu, jiddetermina jekk hemmx lok għal proċeduri kriminali.

62. F'dan il-każ, in kwantu li l-Kap 570 jikkonsidra l-livell ta' evidenza li jintuża bħala evidenza "*prima facie*", ma jistax ikun allura li l-Ilment jiġi ikkunsidrat bl-ogħla livell ta' prova, cioè dak li jintuża fil-kuntest ta' sentenza f'kawża kriminali, u cioè dak ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni.

63. In vista tan-natura tal-ilmenti li jitressqu għall-konsiderazzjoni tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika u r-rwol li hu mistenni minnu, ċertament m'għandux jiġi applikat il-livell ta' prima facie li jiġi applikat mill-maġistrat istruttur fl-għeluq tal-kumpilazzjoni, altrimenti l-Kummissarju jkollu jirreferi prattikament kull każ li jirċievi lill-Kumitat.

64. Il-livell ta' provi li għandu jintuża mill-Kummissarju ghall-Istandards fil-Ħajja Pubblika allura, huwa wieħed ogħla u cioè dak tal-preponderanza ta'

[5] Appell Ċivili Numru 47/2005/1 – 14 ta' Frar, 2006 (Degaetano, Filletti, Depasquale).

probabbiltajiet li normalment jiġi applikat f'kawżi ċivili, kif spjegat fil-kawża Enrico Camilleri vs Martin Borg,[6] fejn il-Qorti tal-Appell qalet li:

> *… kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna "l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet". ("Eucaristico Zammit –vs- Eustrachio Petrococchino", Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; "Paul Vassallo –vs- Carmelo Pace", Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986).*
>
> *Il-Qorti allura jehtiegilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo".*

65. Għalhekk stante li, skont l-artikolu 22(3) tal-Kap 570, dak li qed jiġi sottomess għall-ġudizzju finali tal-Kumitat huwa opinjoni, dik l-opinjoni għandha tkun ibbazata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. La għanda tkun ibbażata fuq il-prima facie applikata fl-istadju ta' kompilazzjoni u lanqas fuq il-livell ta' prova "mingħajr dubju dettat mir-raġuni" li tiġi applikata mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

66. Nifhem li l-grad ta' prova li l-Att jirrikjedi mill-Kummissarju huwa l-istess grad ta' prova ta' kull stadju ta' konsiderazzjoni ta' każ skont l-Att.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-mertu**

*Punti ta' Qbil*

67. Hemm qbil fost ix-xhieda, inkluż l-Onor. Cutajar innifisha, li kienet hi li identifikat lil Yorgen Fenech bħala l-kompratur prospettiv tal-propjetà fl-Imdina; kienet preżenti meta l-partijiet konċernati ltaqgħu biex jaraw il-propjetà; u hi ċemplet lil Yorgen Fenech meta ttardja għal-laqgħa.

68. L-Onor. Cutajar taċċetta wkoll li kienet preżenti ma' Joseph Camilleri u Charles Farrugia waqt ikla f'ristorant f'Marsamxett, xi ġranet wara li ġie ffirmat

[6] Qorti tal-Appell (17 ta' Marzu, 2003), Appell Ċivili Numru 478/2000/1, Enrico Camilleri vs Martin Borg.

il-konvenju. Skont Joseph Camilleri, waqt din l-ikla l-Onor. Cutajar tħallset sehemha tas-senserija. Dan Charles Farrugia jikkontestah iżda f'waħda miż-żewġ verżjonijiet tiegħu dwar il-ħlas, jgħid li waqt din l-ikla hu tħallas pagament buona gratia li hu ekwivalenti għat-tlieta fil-mija (3%) senserija li kien jissemma fil-verżjoni oriġinali tal-konvenju.

69. M'hemmx qbil fuq żewġ punti ta' importanza ċentrali għal dan il-każ. L-Onor. Cutajar u Charles Farrugia it-tnejn isostnu li l-Onor. Cutajar ma tħallsitx senserija. Charles Farrugia jmur oltre u jgħid li ma tħallset ebda senserija. Isostni li hu biss (u mhux l-Onor. Cutajar) tħallas pagament buona gratia ekwivalenti għal tlieta fil-mija (3%) tal-valur tal-bejgħ.

70. Għaldaqstant għandi nindirizza żewġ domandi permezz tal-evidenza miġbura minni:

(a) Ġiet imħallsa senserija in konnessjoni mal-proprjetà fl-Imdina?

(b) Jekk iva, l-Onor. Cutajar kienet sensara u irċeviet sehem mis-senserija?

*Ġiet Imħallsa Senserija In Konnessjoni mal-Propjetà fl-Imdina?*

71. Din id-domanda tindirizza ċ-ċaħda min-naħa ta' Charles Farrugia li tħallset senserija. Mhux il-kompitu tiegħi li niddeċiedi kwistjonijiet ta' natura ċivili bejn Charles Farrugia u Joseph Camilleri, iżda din id-domanda hija ċentrali għall-każ in konsiderazzjoni għaliex jekk jirriżulta li ma tħallsitx senserija, l-allegazzjoni li l-Onor. Cutajar tħallset senserija ekwivalenti għal wieħed punt ħamsa fil-mija (1.5%) tal-valur tal-propjetà taqa' weħidha.

72. Farrugia xehed bil-fomm darbtejn quddiemi, id-darbtejn taħt ġurament. Hemm ċertu ambivalenza fix-xhieda tiegħu dwar il-pagament ta' €93,000 li jgħid li ngħata, fis-sens li minn banda qal li dan il-pagament kien rigal u mhux senserija, iżda mill-banda l-oħra qal li l-pagament kien għas-sehem tiegħu fin-negozju – li hija preċiżament ir-raġuni għalfejn titħallas is-senserija. Per eżempju, Farrugia sostna li Joseph Camilleri qatt ma qallu li kellu jaqsam it-€93,000 mal-Onor. Cutajar, u li kieku Camilleri qallu hekk Farrugia kien jgħidlu: "*Isma' n-negozju jien għamiltu ma għamlitux Rosianne* [...] *Ix-xogħol jien għamiltu, jien laqqajt, jien ġrejt*" (Dok B/CF/6, paġni 5–6, linji 165, 172). Qal ukoll li "*dawn huma 93,000 rigal tax-xogħol li għamilt, talli wassaltlu sa fejn wassaltlu*" (Dok B/CF/6, paġna 10, linja 325).

73. Barra minn hekk, Farrugia ammetta li rrifonda €4,000 mill-ammont ta' €93,000 lil Camilleri meta l-prezz tal-proprjetà niżel minn €3.1 miljun għal €3

miljun. Mistoqsi għaliex ta lura l-€4,000 ġaladarba kien qed jgħid li dawn ma kinux senserija iżda rigal, Farrugia qal li għamel hekk bħala punt ta' irġulija (Dok B/CF/6, paġna 10, linji 344–347). Iżda jibqa' l-fatt li, kieku t-€93,000 ma kenux senserija, Farrugia ma kienx ikun obbligat jirrifondi parti minnhom.

74. Mistoqsi jekk kienx minnu li Yorgen Fenech ħallas €31,000 bħala senserija, is-Sur Farrugia qal, fl-ewwel okkażjoni li xehed (jiġifieri fid-19 ta' Frar 2021), li huwa ma rċieva ebda ħlas mingħand Yorgen Fenech (Dok B/CF/6, paġna 15, linji 488–492). Madankollu, fit-tieni okkażjoni li xehed Farrugia (fil-11 ta' Marzu 2021), ammetta li huwa rċieva €31,000 mingħand Yorgen Fenech u qal "*li jammontaw ghal one per cent senserija*" (Dok B/CF/9, paġna 2, linji 27–29). Jiġifieri filwaqt li s-Sur Farrugia kien qed jiċħad li tħallas senserija minn Joseph Camilleri, ammetta li tħallas senserija minn Yorgen Fenech. Qal ukoll: "*Jiena ma semmejthomlokx għax inti ma saqsejtnix għalihom l-aħħar ... laqgħa li kelli miegħek*" (Dok B/CF/9, paġna 2, linji 29–30).

75. Ma nistax ma nosservax li Farrugia bidel il-verżjoni tiegħu wara li xehdet l-Onor. Cutajar fil-5 ta' Marzu 2021 u insistiet li hija kienet għaddiet il-€31,000 kollha lil Farrugia.

76. Fit-tieni okkażjoni li xehed Farrugia, irreferejtu għal allegazzjoni ta' Joseph Camilleri li għall-bidu Farrugia kien talbu wieħed punt ħamsa fil-mija (1.5%) bħala senserija iżda aktar tard talab tlieta fil-mija (3%) għaliex qal li kien hemm persuna oħra involuta. Farrugia kkonferma li kien għamel dan, għalkemm ma semmiex min kienet il-persuna l-oħra. Qal li l-iskop tiegħu kien "*Biex is-senserija dejjem tikber iktar*" (Dok B/CF/9, paġna 3, linja 72). Hawnhekk Farrugia qed jammetti apertament li s-somma ta' €93,000 mogħtija minn Camilleri kienet senserija, u qed jikkontradixxi b'mod lampanti t-teżi tiegħu li dawn il-flus kienu rigal.

77. Minħabba f'dawn l-inkonsistenzi ma nistax inqis kredibbli l-verżjoni ta' Charles Farrugia li l-pagament ta' €93,000 kien jirrappreżenta rigal u mhux senserija. Il-konvenju kif oriġinarjament abbozzat kien jaħseb għall-ħlas ta' senserija ta' tlieta fil-mija (3%) da parti tal-venditur u wieħed fil-mija (1%) da parti tal-kompratur (Dok B/JC/3, paġna 5, para. 13). Għad li din id-dispożizzjoni inqatgħet bil-pinna min-nutar Mario Bugeja meta ġie ffirmat il-konvenju, sew il-pagament ta' €93,000 da parti ta' Joseph Camilleri u sew il-pagament ta' €31,000 da parti ta' Yorgen Fenech huma konsistenti magħha u jindikaw li l-ftehim dwar is-senserija baqa' jgħodd minkejja li d-dispożizzjoni relevanti

tħassret. Kulħadd jista' jasal għal konklużjoni għaliex tħassret id-dispożizzjoni in kwistjoni.

*L-Onor. Cutajar Tħallset Senserija?*

78. Oltre x-xhieda ġuramentata, li hija kontradetta, teżisti evidenza dokumentarja li waħedha mhix konklussiva. L-evidenza dokumentarja tikkonsisti f'dawn li ġejjin:

(a) compact disk (CD) b'reġistrazzjoni ta' konversazzjoni bejn Joseph Camilleri u Charles Farrugia, li ġiet magħmula minn Camilleri ad insaputa ta' Farrugia, u li fiha allegatament tissemma' l-Onor. Cutajar;

(b) riċerki dwar ix-xiri ta' propjetà da parti tal-Onor. Cutajar, kif ukoll bank statements tal-Onor. Cutajar li jkopru l-perjodu tal-istess xiri;

(ċ) xi phone chats bejn l-Onor. Cutajar u Yorgen Fenech.

*Reġistrazzjoni ta' konversazzjoni bejn Joseph Camilleri u Charles Farrugia*

79. Mal-ittra tiegħu tal-4 ta' Jannar 2021, Joseph Camilleri inkluda fost affarijiet oħra traskrizzjoni ta' konversazzjoni li huwa kellu ma' Farrugia (Dok B/JC/7). Sussegwentement jiena tlabtu kopja tar-recording innifsu. Fit-8 ta' Frar 2021 Camilleri attenda l-uffiċċju tiegħi fejn ippreżenta r-recording fuq CD. Ir-recording kien ġie magħmul minn Camilleri, li wkoll kiteb it-traskrizzjoni. Camilleri informani illi l-file kien ġie ipproċessat biex jinstema' iktar ċar.

80. Billi partijiet mir-recording ma kenux ċari, minkejja li l-file kien ġie ipproċessat, iddeċidejt li m'għandix noqgħod fuq it-traskrizzjoni ta' Camilleri u qabbadt uffiċjal mill-uffiċċju tiegħi biex tagħmel traskrizzjoni ibbażata biss fuq ir-recording, jiġifieri mingħajr ma tiġi influwenzata mit-traskrizzjoni ta' Camilleri. B'hekk inkun nista' nibbaża ruħi fuq traskrizzjoni li tirrifletti biss x'tista' tifhem mir-recording persuna li ma kenitx preżenti waqt il-konversazzjoni (Dokumenti B/JC/8 u B/JC/9).

81. Mill-konversazzjoni li tinstema' bejn iż-żewġt irġiel, jidher li Camilleri kien qiegħed jinsisti li rifużjoni ta' €89,000 (it-€93,000 li tħallsu bħala senserija minn Camilleri, neqsin l-€4,000 li tħallsu lura lilu) kienet dovuta lilu peress illi kuntratt finali ma sarx, ammont li ma jiġix miċħud minn Farrugia. Jidher ukoll illi Farrugia kien ħa parir mingħand xi ħadd dwar il-flus li kien tah Camilleri.

82. Camilleri jsostni illi f'din il-laqgħa Farrugia irrefera għall-Onor. Cutajar, fil-kuntest li t-tnejn li huma kienu dehru flimkien bħala sensara. Fil-fatt, Farrugia jinstema' jgħid "*kellimtha*" u "*għax għedtilha jien*" (Dok B/JC/9, paġna 1), li jindika li kien hemm terza persuna femminili. Iżda safejn jista' jinftiehem, fir-recording la jissemma' isem din il-persuna u lanqas x'kien l-involviment tagħha. Għaldaqstant dan ir-recording, waħdu, ma jistax jitqies konklussiv.

*Ix-xiri ta' propjetà f'Ħal Qormi mill-Onor. Cutajar*

83. Sew Joseph Camilleri u sew l-Avukat Pierre Lofaro xehdu li Charles Farrugia qalilhom li l-Onor. Cutajar ma setgħetx tħallas lura sehemha tat-€89,000 għaliex xtrat dar.

84. Riċerki li saru fir-Reġistru Pubbliku juru li huwa minnu li l-Onor. Cutajar xtrat dar f'dak iż-żmien. Biss, l-Onor. Cutajar ipprovdietli kopji tal-istatements tal-kontijiet tal-bank tagħha biex turi li ħallset il-propjetà minn flus li kellha mġemmgħin. Ma nħossx li dawn l-istatements għandhom jiġu ppubblikati u għaldaqstant huma inklużi mal-evidenza fil-kategorija Ċ, iżda jsostnu l-argument tal-Onor. Cutajar in kwantu li d-dar tħallset mill-flus li kellha mġemmgħin. Għaldaqstant il-fatt li hi xtrat propjetà minn banda jagħti kredibilità lill-allegazzjoni ta' Camilleri u l-Avukat Lofaro dwar dak li qalilhom Farrugia, iżda mill-banda l-oħra ma jistax jittieħed bħala xi forma ta' prova li hija tassew ingħatat flus bħala senserija, inqas u inqas li użathom biex tixtri d-dar.

*Phone chats*

85. In vista ta' rapporti li dehru fil-midja dwar chats bejn l-Onor. Cutajar u Yorgen Fenech li kienu ngabru fil-proċess fl-istadju ta' kompilazzjoni dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, fis-17 Marzu 2021 jiena ktibt lill-Kummissarju tal-Pulizija (Dok B/KP/1) u tlabtu jirrilaxxja kopji taċ-chats in kwistjoni, peress illi dawn setgħu jikkostitwixxu prova materjali in konnessjoni mal-irwol tal-Onor. Cutajar fl-allegat senserija.

86. Il-Kummissarju tal-Pulizija irrisponda permezz ta' ittra datata t-22 Marzu 2021 (Dok B/KP/2) fejn sostna illi minħabba ordni tal-maġistrat mogħtija fil-proċeduri pendenti kontra ta' Yorgen Fenech, huwa kien prekluż milli jirrilaxxja d-dokumenti in kwistjoni.

87. Il-pożizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija baqgħet l-istess wara li erġajt ktibtlu (korrispondenza datata 22 u 23 ta' Marzu 2021 immarkata bħala Dok B/KP/3 u B/KP/4). Huwa ssuġġerixxa li nagħmel l-istess talba direttament lill-Qorti.

88. Sussegwentement intavolajt rikors (Dok B/QM/1) fejn tlabt illi d-dokumenti in kwistjoni, cioè il-phone chats jew messaġġi li ġew skambjati bejn l-Onor. Cutajar u Yorgen Fenech għall-perjodu minn 1 ta' April 2019 sa 20 Novembru 2019, jiġu rilaxxati lili għall-finijiet tal-investigazzjoni tiegħi.

89. Fit-30 ta' Marzu 2021, il-Qorti ċaħdet it-talba (Dok B/QM/2). Ir-raġunament tal-Qorti kien illi dawk il-phone chats li ġew ikkwotati fil-gazzetti kienu ppubblikati bi ksur tad-divjet tal-pubblikazzjoni li ġie ordnat mill-Qorti fit-30 ta' Novembru 2020. L-Qorti rat ukoll il-poteri tiegħi taħt l-artikli 18(2) u (5) u l-art. 19(2) u (5) tal-Att, li fil-fehma tal-Qorti, jipprovdu biżżejjed skop għall-ġbir tal-evidenza. Barra minn dan, il-Qorti innutat ukoll illi peress illi l-messaġġi mitlubin ikopru perjodu sostanzjali, l-akkoljiment tat-talba kien jikkostitwixxi interferenza fil-jedd tal-individwu għall-privatezza tal-komunikazzjonijiet tiegħu.

90. Fit-23 ta' April 2021, wara li jiena informajt lill-Onor. Cutajar li l-Qorti ċaħdet it-talba tiegħi għaċ-chats, hija pprovdietni b'żewġ settijiet ta' kopji ta' skambji ta' messaġġi bejnha u bejn Yorgen Fenech. Il-kontenut ta' l-ewwel sett kienu messaġġi tas-27 ta' Awwissu 2019 li, skont nota ġuramentata tal-Onor. Cutajar (Dok B/RC/4), huma "*kopja fidila*" u ingħataw lill-Onor. Cutajar "*mill-Pulizija Eżekuttiva bħala dritt ta' disclosure*".

91. It-tieni set ta' messaġġi ppreżentati mill-Onor. Cutajar, juru screenshots ta' messaġġi fuq Whatsapp bejnha u bejn Yorgen Fenech, tal-24 t'Awissu 2019.

92. Fit-23 ta' Ġunju 2021 jiena kkomparajt dawn l-iscreenshots maċ-chats kif jidhru fuq il-mobile tal-Onor. Cutajar, u rriżulta li kien hemm xi chats neqsin mill-iscreenshots. Sussegwentement hija pprovdietni bis-sekwenza kompleta taċ-chats tal-24 ta' Awwissu 2019.

93. Fin-nota ġuramentata tagħha, l-Onor. Cutajar tgħid li ċ-chats "*jindikaw b'mod ċar illi jiena qatt ma ħadt flus dwar senserija ta' propjetà fl-Imdina, kif ġie allegat abbużivament fil-konfront tiegħi u minn qari akkurat tal-imsemmija chats jidher ċar illi jiena kull ma ħadt kien rigal fis-somma ta' Euro9,000 li s-Sur Yorgen Fenech kien għoġbu jagħtini bħala rigal ta' egħluq żmieni, ftit jiem qabel kelli l-birthday*".

94. Wara li eżaminajt iċ-chats ma nistax naqbel ma' din l-interpretazzjoni. Iċ-chats jindikaw li l-Onor. Cutajar *qalet* li ma ħaditx senserija, u li Yorgen Fenech emminha. Qed ngħid dan għax miċ-chats toħroġ ċerta ambigwità fl-atteġjament tal-Onor. Cutajar lejn in-negozju tal-propjetà tal-Imdina, kif ukoll fl-involviment tagħha fl-istess negozju.

95. Fiċ-chats, Yorgen Fenech jibgħat lill-Onor. Cutajar screenshot ta' messaġġ li huwa rċieva mingħand Charles Farrugia, fejn dan tal-aħħar jgħid li hu bi ħsiebu jagħti xi ħaġa lill-Onor. Cutajar bħala ringrazzjament u jħeġġeġ lil Fenech jgħaddilha xi ħaġa hu ukoll.[7] B'reazzjoni għal din l-iscreenshot, l-Onor. Cutajar tgħid lil Fenech li Farrugia se jtiha xi ħaġa żgħira. Bħala ċajta tgħidlu li forsi Farrugia se jtiha xi arloġġ, iżda mbagħad tgħid li taħseb li se tibqa' bix-xewqa.

96. Min-naħa tiegħu Yorgen Fenech jesprimi l-aspettativa li l-Onor. Cutajar imissha tiggwadanja mill-bejgħ tal-propjetà. Jgħid li jippretendi li Charles Farrugia jgħaddilha l-flus li Fenech se jħallsu f'senserija, jiġifieri l-ammont ta' €31,000 li jirrappreżenta wieħed fil-mija (1%) tal-prezz tal-propjetà. Fenech addirittura jgħid li aċċetta li jħallas din is-senserija għax kien mingħalih li se teħodha hi.

97. Min-naħa tagħha, l-Onor. Cutajar minn banda tgħid li ma tridx tieħu senserija mingħand Fenech, iżda mill-banda l-oħra taqbel miegħu u tgħid li kieku Farrugia kellu jgħaddilha l-flus kien ikun sew għax għandha bżonnhom. Tgħid ukoll li fejn jidħlu l-flus, ftit hemm irġiel. Għandi nifhem allura li oġġezzjoni tagħha mhix tant li tieħu senserija mingħand Fenech, iżda li *tidher* li qed toħodhom.

98. Hemm ambigwità fiċ-chats anki fir-rigward tal-involviment tal-Onor. Cutajar fin-negozju. Fiċ-chats tal-24 ta' Awwissu 2019, Fenech jitlobha tikkuntattja lil Farrugia bil-għan li Fenech iħallsu s-senserija. Hi iżda tgħid lil Fenech li aħjar jikkuntattja lil Farrugia direttament hu, biex ma jqumux domandi dwar kif daħlet fin-nofs hi. Iżda wara tlett ijiem din is-sitwazzjoni tinbidel, tant li l-Onor. Cutajar taċċetta s-somma ta' €31,000 mingħand Fenech biex tgħaddiha lil Farrugia. Iċ-chats ma jagħtu ebda indikazzjoni dwar kif u għaliex sar dan il-kambjament fl-attitudni tagħha.

---

[7] Din l-isreenshot partikolari ma kenitx inkluża fil-verżjoni taċ-chats oriġinarjament mogħtija lili mill-Onor. Cutajar (ara l-paragrafu 92 ta' dan ir-rapport).

99. Barra minn hekk, ma jirriżultax minn dawn iċ-chats li d-€9,000 li Yorgen Fenech irregala lill-Onor. Cutajar kienu rigal għal għeluq sninha. L-unika riferenza fiċ-chats għal għeluq snin l-Onor. Cutajar kienet tagħha stess, fejn tirreaġixxi għar-rigal billi tgħidlu li aħjar xtralha xi ħaġa żgħira tal-birthday. Tajjeb niċċara iżda li l-fatt jibqa' li dawn id-€9,000 kienu rigal, u ma hemm ebda indikazzjoni fiċ-chats li kienu xi forma ta' ħlas ta' senserija lill-Onor. Cutajar. Għaldaqstant jiena lest naċċetta li l-Onor. Cutajar ma kellha ebda obbligu li tiddikjara dawn id-€9,000 fid-dikjarazzjoni ministerjali tagħha bħala dħul minn impieg, professjoni jew attività kummerċjali. Il-pożizzjoni tkun differenti jekk jiġu aċċettati r-rakkomandazzjonijiet dwar tibdil fil-kodiċi ta' etika li jiena għamilt fid-29 ta' Lulju 2020.[8]

100. Dawn iċ-chats gew mgħoddija lili mill-Onor. Cutajar. M'għandix mezz kif inkun naf humiex selettivi jew kompleti billi kemm il-Pulizija u kemm il-Qorti rrifjutaw li jagħtuni kopji ta' dawn ic-chats. Ma nistax allura nikkonferma illi m'hemmx riferenzi oħrajn, forsi fi ġranet oħra barra l-24 u s-27 ta' Awwissu 2019, li huma rilevanti għall-allegazzjonijiet favur jew kontra t-tezi tal-Onor. Cutajar.

101. Miċ-chats ma joħroġx li l-Onor. Cutajar ma kellhiex interess tagħmel gwadann min-negozju tal-propjetà fl-Imdina. Anzi, hi tesprimi x-xewqa li tagħmel gwadann. Hu minnu li tgħid li ma tixtieqx tieħu flus direttament mingħand Yorgen Fenech, iżda din tidher li hija kwistjoni biss ta' apparenza. Filwaqt li m'hemm ebda indikazzjoni fiċ-chats li fil-fatt hi ħadet xi flus, apparti r-rigal ta' €9,000, ma nistax nieħu ċ-chats bħala prova li hi ma tħallsitx senserija. Iċ-chats juru biss li jekk tħallset, ma riditx turi lil Fenech.

102. Fiċ-chats tal-24 ta' Awwissu 2019, sew Yorgen Fenech u sew l-Onor. Cutajar jgħaddu kummenti xejn kumplimentużi dwar Charles Farrugia. M'għandix għalfejn nikkwota dawn il-kummenti. Biss, huwa diffiċli għalija li naċċetta bla riżervi chats fejn li l-Onor. Cutajar tgħaddi kummenti ta' dan it-tip dwar individwu li ngaġġatu biex taħdem magħha sew meta kienet Kummissarju għas-Simplifikazzjoni u sew meta kienet Segretarju Parlamentari (ara Dok B/CF/6, paġna 1), u li, skont dak li jidher fil-midja soċjali, għadu viċin tagħha sal-lum.

---

[8] Ara https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/report-revised-codes-of-ethics.pdf.

103. F'dan il-kuntest, ta' min wieħed jikkunsidra stqarrija ta' Joseph Camilleri datata 16 ta' Frar 2021 (Dok B/JC/11, paġna 2), fejn huwa jgħid hekk:

> *Għar-rigward il-kummenti li tlabtni dwar is-senserija li allegatament ġiet imħallsa minn Yorgen Fenech lil Rosianne Cutajar u Carmelo Farrugia, ngħid li dak kollu li naf fuq din il-ħaġa huwa dak li qalli Carmelo Farrugia. Carmelo Farrugia qalli li Rosianne Cutajar kienet marret għand Yorgen Fenech u li dan ta €30,000 biex Rosianne Cutajar u hu jaqsmuhom bejniethom. Żied jgħid li hu kien qiegħed jaħseb li Yorgen Fenech ta lil Rosianne Cutajar aktar minn hekk imma hi tatu biss €15,000.*

104. Ma nħossx li għandi nippubblika dawn iċ-chats b'rispett lejn id-digriet tal-Qorti. Madankollu, lest nagħmilhom aċċessibbli lill-membri tal-Kumitat għall-Istandards fl-uffiċċju tiegħi jekk ikunu jixtiequ, u għal dan il-għan huma kklassifikati fil-kategorija ta' evidenza "Ċ".

105. Oltre l-provi li ssemmew qabel, wieħed għandu jara x'indikazzjonijiet joħorġu mill-evidenza l-oħra. L-aspetti relevanti huma dawn li ġejjin:

(a) l-affidavit ta' Joseph Camilleri;

(b) is-sehem tal-Onor. Cutajar fin-negozju tal-propjetà tal-Imdina;

(ċ) ir-rifużjoni ta' €4,000 minn Charles Farrugia f'żewġ pagamenti separati.

*L-affidavit ta' Joseph Camilleri*

106. Fil-15 ta' Frar 2021, jien ktibt lil Camilleri permezz ta' ittra (immarkata bħala Dok B/JC/10) fejn tlabtu jixhed ukoll dwar rapport fit-*Times of Malta* li Camilleri kien għamel affidavit quddiem in-Nutar l-Onor. Ian Castaldi Paris, liema affidavit ipprovda iktar informazzjoni dwar l-allegazzjoni illi l-Onor. Cutajar irrifjutat li tirrifondi l-ammont ta' €44,500 lil Camilleri.

107. Camilleri stqarr li peress li kien ilu jaf lill-Onor. Castaldi Paris, mar għandu għall-għajnuna biex jitlob lill-Prim Ministru Robert Abela jintervjeni mal-Onor. Cutajar għar-ritorn tal-flus. Sostna li l-affidavit kien sar fuq suġġeriment tal-Onor. Castaldi Paris stess, li ma riedx imur għand il-Prim Ministru mingħajr evidenza, iżda sussegwentement l-Onor. Castaldi Paris qallu li ma kellimx lill-Prim Ministru wara li l-istorja ħarġet fil-midja (Dok B/JC/11, paġna 2). Camilleri xehed li hu ma kellux kopja tal-affidavit għaliex kien qattgħu (Dok B/JC/12, paġna 3, linji 93–96).

108. Deher quddiemi l-Onor. Castaldi Paris fl-1 ta' Marzu 2021. Taħt ġurament, l-Onor. Castaldi Paris ikkonferma li kien ilu jaf lil Camilleri, però ħass li ma setax jagħtini informazzjoni dwar jekk qatt ġiex maħluf affidavit minn Camilleri quddiemu, u dan peress illi ma kellux rilaxx mill-obbligu ta' segretezza professjonali tiegħu, u li kieku stess ried jara d-dokument li allegatament ġie maħluf quddiemu. F'dan ir-rigward, qbilna li jiena stajt nottjeni r-rilaxx rekwiżit mingħand Camilleri u li l-Onor. Castaldi Paris jerġa' jixhed f'dan ir-rigward (Dok B/ICP/3).

109. Fit-2 ta' Marzu 2021 deher quddiemi s-Sur Camilleri, li ffirma dokument (Dok B/JC/13) fejn irrilaxxa lill-Onor. Castaldi Paris mill-obbligu ta' sigriet professjonali tiegħu fir-rigward tal-affidavit imsemmi.

110. Fit-2 ta' Marzu ukoll, l-Onor. Castaldi Paris reġa' deher quddiemi. Urejtu r-rilaxx li kien tani Camilleri dakinhar stess. L-Onor. Castaldi Paris xorta rrifjuta li jixhed dwar l-eżistenza ta' affidavit iffirmat minn Camilleri mingħajr ma jara l-affidavit in kwistjoni, u lanqas ma ried jikkonferma jekk Camilleri kienx għamel affidavit quddiemu.

111. L-Onor. Castaldi Paris qal li dakinhar stess filgħodu, huwa kien ġie mhedded minn persuna li ma kienx jafha. Din il-persuna marret l-uffiċċju tiegħu u ammonietu li l-affidavit m'għandux joħroġ, għax inkella l-familjari tiegħu "*jistgħu jiġu imminati b'xi mod*". L-Onor. Castaldi Paris qal li din kienet it-tieni darba li ġie mhedded in konnessjoni mal-affidavit. Qal ukoll li kien qed isemmi dan l-inċident biss biex ipoġġih "*on the record*". L-Onor. Castaldi Paris qal li min-naħa tiegħu ħadd ma kien jaf li kellu jixhed quddiemi, lanqas il-mara tiegħu (Dok B/ICP/4, paġna 1, linji 18–26).

112. Mhux il-kompitu tiegħi li nidħol fil-merti ta' din l-allegazzjoni dwar theddid. Sta għall-Pulizija li jinvestigaw, jekk l-Onor. Castaldi Paris jagħmel rapport kif qalli li kien bi ħsiebu jagħmel. Nista' nosserva biss li fis-26 ta' Frar 2021 (Dokument B/ICP/2), persuna fl-uffiċċju tal-Onor. Castaldi Paris kitbet għan-nom tiegħu biex twieġeb l-ittra ta' taħrika li jiena kont bgħattlu. Dan jindika li mhux korrett li l-Onor. Castaldi Paris ma kien qal lil ħadd li kellu jiġi jixhed quddiemi.

113. Fil-5 ta' April 2021 jiena ktibt lil Ivan Martin, ġurnalist mat-*Times of Malta*, kif ukoll lill-editur tiegħu Herman Grech, biex nitlob kopja tal-affidavit li t-*Times of Malta* kienu qed jikkwotaw minnu (Dokumenti B/TOM/1 u B/TOM/2).

114. Fit-13 ta' April 2021 iltqajt ma' Ivan Martin għall-finijiet ta' diskussjoni fuq l-affidavit surreferit. Filwaqt li l-ġurnalist ma tanix kopja tal-affidavit, peress li fl-opinjoni tal-edituri tiegħu din kellha tinżamm għall-protezzjoni tas-sorsi ġurnalistiċi tiegħu, urieni l-affidavit fuq il-laptop tiegħu. B'hekk stabbilejt li veru jeżisti dan l-affidavit. Il-punti ewlenin li joħorġu minnu huma dawn:

- L-affidavit sar fl-1 ta' Diċembru 2020. Fiħ stqarrija mingħand Camilleri li qed "*jiddikjara bil-ġurament u jikkonferma*" iżda ma fihx dikjarazzjoni tan-nutar li dan qed jiġi maħluf quddiemu, kif solitament isir.
- L-affidavit fih timbru li mhuwiex ċar minħabba l-kwalità fqira tal-kopja. Jidhru l-kliem "*Notary Public*" u possibbilment "*Commissioner for Oaths*", iżda isem in-nutar ma jidhirx. Fih ukoll firma li tista' tkun tan-nutar iżda ma tinqarax.
- Skont ix-xhieda ta' Joseph Camilleri fl-affidavit, Charles Farrugia talab wieħed punt ħamsa fil-mija (1.5%) tal-valur tal-propjetà bħala senserija għalih, imbagħad talab wieħed punt ħamsa fil-mija (1.5%) oħra għal persuna oħra peress li din il-persuna kienet sabet il-kompratur.
- Camilleri sar jaf min kien il-kompratur fid-9 ta' Mejju 2019, meta ltaqgħu biex jaraw il-propjetà.
- L-Onor. Cutajar xtaqet tara l-propjetà waqt li kienu qegħdin jistennew lil Yorgen Fenech, allura Camilleri uriha l-propjetà.
- Fenech ġie siegħa tard. Waqt li kienu qed jaraw il-propjetà miegħu, l-Onor. Cutajar bdiet tinkoraġġih jixtriha. Hi biss tkellmet miegħu.
- Il-konvenju ġie ffirmat fl-14 ta' Mejju 2019. Camilleri staqsa għall-Onor. Cutajar iżda Charles Farrugia qallu li aħjar ma tidhirx minħabba l-kariga tagħha.
- Xi ġranet wara Camilleri ħallas €46,500 lil Charles Farrugia bħala sehemu tas-senserija. Fl-istess ġurnata ltaqgħu mal-Onor. Cutajar u marru bil-karozza tagħha sa restorant f'Marsamxett, u hemmhekk ħallasha s-sehem tagħha bi flus kontanti f'basket żgħir.
- Jumejn wara, l-Onor. Cutajar ċemplitlu biex tgħidlu li kienet għaddet il-flus ma' missierha u kkonfermat li l-ammont kien dak miftiehem.
- Fid-19 ta' Novembru 2019 ġie ppreparat dokument biex jestendi l-konvenju iżda aktar tard Camilleri rrealizza li Yorgen Fenech ma kienx iffirma d-dokument.

- Camilleri kellem sew lil Charles Farrugia u sew lill-Onor. Cutajar biex jitlobhom il-flus lura, iżda assigurawh li l-bejgħ tal-propjetà kien se jseħħ.
- Charles Farrugia qallu li l-Onor. Cutajar qalet li kienet ingħatat €30,000 mingħand Yorgen Fenech, iżda ħaseb li Fenech kien taha somma addizzjonali.
- L-Avukat Pierre Lofaro donnu ma xtaqx li jieħu passi biex iġib il-flus lura, iżda Camilleri fl-aħħar ikkonvinċih jikteb ittra uffiċjali lil Farrugia u Cutajar.
- Sad-data tal-affidavit Camilleri kien għadu ma tħallasx, u kien iħoss li daħqu bih.

115. Dan l-affidavit huwa konsistenti max-xhieda ta' Camilleri iżda ma jżid xejn ta' natura determinanti miegħu. L-irwol tal-Onor. Castaldi Paris fl-istorja tal-affidavit u t-tixrid tiegħu fil-midja jibqa', fl-aħjar ipotesi, wieħed ambigwu.

116. In konnessjoni mal-allegazzjoni li Camilleri, Farrugia u l-Onor. Cutajar marru sar-ristorant f'Marsamxett bil-karozza tagħha, fit-23 ta' Ġunju 2021 l-Onor. Cutajar ippreżentat bħala xhud lill-eks xufier tagħha, Clive Azzopardi. Dan xehed li dam sentejn bħala xufier tal-Onor. Cutajar, inkluż fiż-żmien in kwistjoni. Xehed li ħadd ħlief l-Onor. Cutajar, Charles Farrugia u membri oħra tal-istaff tal-uffiċċju tagħha ma kien jirkeb fil-karozza. Intwera ritratt ta' Joseph Camilleri, iżda qal li m'għarfux u qatt ma rikkbu fil-karozza.

117. Madankollu nqis li ġaladarba l-Onor. Cutajar, Charles Farrugia u Joseph Camilleri kollha jaqblu li marru jieklu f'ristorant Marsamxett, il-mod ta' kif waslu s'hemm mhux importanti. Anki jekk huwa minnu li ma marrux ir-ristorant bil-karozza tal-Onor Cutajar, dan m'għandux inaqqas mill-kredibilità ta' Camilleri.

118. In konnessjoni mal-allegazzjoni li l-Onor. Cutajar għaddet il-flus ma' missierha, fit-23 ta' Ġunju 2021 l-Onor. Cutajar ippreżentatu bħala xhud. George Cutajar, missier l-Onor. Cutajar, stqarr bil-ġurament li huwa ma jafx lil Joseph Camilleri u ma għadd l-ebda flus ma' bintu.

*Is-sehem tal-Onor. Cutajar fin-negozju tal-propjetà tal-Imdina*

119. L-involviment tal-Onor. Cutajar fin-negozju dwar il-propjetà, b'xi mod jew ieħor, huwa rikonoxxut u kkonfermat mix-xhieda kollha, inkluż mill-Onor.

Cutajar innifisha illi tikkonferma li kienet hi li introduċiet lil Charles Farrugia u lil Joseph Camilleri lil Yorgen Fenech, li kien ħabib tagħha.

120. Fl-ewwel stadji tal-investigazzjoni, Joseph Camilleri sostna illi n-negozji diretti li saru min-naħa tiegħu kienu dejjem ma' Charles Farrugia. Madanakollu, jsostni illi mill-bidu nett tan-negozji, Farrugia kien jirreferi għalih innifsu u għall-Onor. Cutajar bħala l-partijiet li laqqgħu lil Camilleri ma' Yorgen Fenech, cioè, is-sensara.

121. Dan il-fatt ġie kkonfermat ukoll mill-Avukat Lofaro, li kien preżenti għall-firma tal-konvenju u kkonferma li f'dak l-istadju Farrugia ppreżenta lilu nnifsu bħala rappreżentant tal-interessi tiegħu u l-Onor. Cutajar fil-kapaċità tagħhom ta' sensara.

*Il-rifużjoni tal-flus*

122. Tqum domanda dwar il-fatt li Charles Farrugia ħallas lura €4,000 lil Joseph Camilleri f'żewġ pagamenti ta' €2,000. Għall-bidu Farrugia qal li għamel hekk għax ma kellux biżżejjed flus kontanti, allura kellu bżonn jiġbed mill-bank xi jiem wara li ġie mitlub. Dan huwa xi ftit inkredibbli jekk tikkonsidra li suppost kellu almenu €46,500 kontanti id-dar (jekk mhux it-€93,000 kollha kif jgħid hu). Biss, xorta ma tagħmilx sens li jagħmel żewġ pagamenti separati.

123. Meta xehed għat-tieni darba, Farrugia ammetta li huwa kien informa lil Joseph Camilleri li l-Onor. Cutajar kienet se tħallas €2,000 hi b'ċekk, iżda mbagħad kienet qalet li se tħallashom bi flus kontanti. Camilleri jgħid li Farrugia urih iċ-ċekk. Farrugia ammetta li kien qal dan id-diskors lil Joseph Camilleri bl-iskop li forsi "*tirtablu daqsxejn qalbu*" u jirrinunzja għal dawn l-€2,000 (Dok B/CF/9, paġna 5, linja 120). Baqa' jinsisti li ried jiffranka l-flus hu, u li ħallas l-ammont sħiħ ta' €4,000 minn butu.

124. Dwar dina l-allegazzjoni ta' ħlas b'ċekk li mbagħad ma ngħatax, l-Onor. Cutajar ġiet mitluba tipprovdi kopji tal-istubs u l-istatements tal-kont bankarju tagħha sabiex kemm-il darba ma hemmx ċekkijiet neqsin fil-perjodu relevanti, dina l-allegazzjoni tkun tista' tiġi mxejna. Hija pprovdiet kopji tal-istatements (mhux tal-istubs) u minnhom jirriżulta li hemm ċekk wieħed (dak bin-numru 23) li jidher maqbuż jew mhux imsarraf. Dan huwa fil-perjodu mid-9 ta' Novembru 2019 sad-19 ta' Diċembru 2019. Naturalment dan ma jikkostitwix prova li dak li qed jallega Camilleri huwa minnu, billi seta' kien sempliċi każ ta'

ċekk miktub ħażin u li tqatta', imma inqas u inqas huwa prova li dak li qed jallega Camilleri mhuwiex minnu.

125. Din il-kwistjoni apparti, importanti li wieħed jiftakar li f'dan l-istadju l-bejgħ tal-propjetà kien għadu se jsir, u ġara biss li l-prezz tal-propjetà tnaqqas minn €3.1 miljun għal €3 miljun. Kemm-il darba l-Onor. Cutajar ma kellhiex x'taqsam, ifisser li Farrugia kien daħħal €93,000 senserija mingħand Camilleri kollha hu. F'dal-kuntest nikkonsidrah mhux kredibbli li Farrugia kellu għalfejn iżeffen lill-Onor. Cutajar fin-nofs, u jissogra li jagħmel il-ħsara lil persuna li kien assoċjat mill-qrib magħha, biex forsi jiffranka €2,000 meta kien se jibqa' bil-gwadann ta' €89,000.

126. Fit-tieni darba li xehed, Farrugia ammetta wkoll li huwa kien qal lil Dr Lofaro li l-Onor. Cutajar ma setgħatx tirrifondi sehemha mid-€89,000 għaliex kienet nefqet il-flus fuq proprjetà. Farrugia stqarr li kien qal dan il-kliem lil Dr Lofaro bħala skuża biex ma jirrifondix flus.

127. Diġà rajna li m'hemmx evidenza li l-Onor. Cutajar nefqet is-sehem tagħha tad-€89,000 fuq ix-xiri ta' dar. Biss, mhux dan il-punt. Il-punt hawn hu li Farrugia qed jammetti li għal darb'oħra żeffen lill-Onor. Cutajar fin-nofs u ta l-impressjoni li hija kienet tħallset €46,500 bħala s-sehem tagħha fis-senserija.

128. Jiġifieri Charles Farrugia żeffen lill-Onor. Cutajar fin-nofs l-ewwel darba meta talab li s-senserija tiżdied minn 1.5% għal 3%; it-tieni darba biex ma jirrifondix €2,000; it-tielet darba wara li rrifonda l-€2,000 biex jieħu l-kredtu ma' Joseph Camilleri li dawn ħallsithom bis-saħħa tiegħu; u r-raba' darba billi qal li ma setgħetx tirrifondi sehemha mid-€89,000 għaliex nefqet il-flus fuq propjetà. Inoltre jidher li kkonvinċa lil Yorgen Fenech iħallas 1% senserija, meta Fenech ma kienx tenut iħallas senserija u, skont kif jirriżulta miċ-chats ta' bejn l-Onor. Cutajar u Fenech, ħallashom bl-aspettativa li teħodhom l-Onor. Cutajar.

129. Għalhekk bl-applikazzjoni ta' grad ta' prova bażat fuq preponderanza ta' probabbiltajiet hemm biżżejjed biex nemmen li l-Onor. Cutajar kienet fil-fatt involuta fin-negozju u li rċeviet €46,500 ta' sehemha fis-senserija, kemm minħabba l-irwol determinanti li kellha fl-introduzzjoni tal-kompratur, u b'mod partikolari meta wieħed jikkonsidra x-xhieda ta' Farrugia. Dan oltre x-xhieda ġuramentata tal-Av. Lofaro u Joseph Camilleri.

*Sottomissjonijiet finali mir-rappreżentant legali tal-Onor. Cutajar*

130. Fit-23 ta' Ġunju 2021 l-Avukat Edward Gatt għamel sottomissjonijiet finali għan-nom tal-Onor. Cutajar fejn qajjem is-segwenti punti:

(a) Il-livell ta' provi f'kawżi quddiem il-Kummissarju għall-Istandards huwa l-livell tal-prima facie, u cioè livell baxx. Madankollu, il-Kummissarju xorta għandu jeżamina jekk il-kontenut ta' verżjoni, cioè d-dikjarazzjoni promotur tal-Ilment, huwiex veru jew le.

(b) Joseph Camilleri "stad" lil Charles Farrugia biex jislet inċidenti li ġraw u jirrendu l-verżjoni tiegħu kredibbli fir-rigward tal-allegazzjoni illi l-Onor. Cutajar ħadet flus bħala senserija mingħandu. Biss, it-test ta' kredibbiltà ta' Joseph Camilleri ma jistax isir bi tqabbil mal-verżjoni tal-avvenimenti pprovduta minn Charles Farrugia, peress li Farrugia mhuwiex il-persuna taħt investigazzjoni. F'dan ir-rigward, ikun inġust u żbaljat illi Joseph Camilleri jidher kredibbli minħabba x-xhieda ta' Charles Farrugia. Filwaqt illi Farrugia żgur ried jaqdi lill-Onor. Cutajar f'dawn il-proċeduri, "*fil-verità, kieku kellek issaqsini, jien ngħidlek mhux talli ma qdihiex, talli jekk kien hemm xi ħadd li ħolqilha l-inkwiet, kien hu*."

(ċ) Il-messaġġi bejn l-Onor. Cutajar u Yorgen Fenech kollha kemm huma juru illi l-Onor. Cutajar ma ħaditx flus mingħand Joseph Camilleri, u meta nkitbu dawk il-messaġġi, ħadd ma kien jaf illi kienu ser jispiċċaw quddiem il-Kummissarju. L-iscreenshot ta' messaġġ li ntbagħat minn Farrugia lil Yorgen Fenech, u li Fenech sussegwentement bagħat lill-Onor. Cutajar, jindika li Camilleri gideb meta allega illi ta l-flus lill-Onor. Cutajar, kif ukoll li Farrugia ried li jew hu jew Yorgen Fenech jagħti xi ħaġa ta' flus lill-Onor. Cutajar.

(d) Joseph Camilleri involva nies importanti f'eżerċizzju qarrieqi biex jieħu dak li ma kienx tiegħu, u żeffen ukoll politikant ieħor fil-proċeduri. Dan kien każ ta' entrapment fejn in-Nutar Ian Castaldi Paris għamel affidavit, li imbagħad quddiem il-Kummissarju ma riedx jgħid fejn spiċċa.

(e) Fir-rigward tal-allegazzjoni li għaddew €300,000 flus kontanti, iqumu domandi dwar il-possibbiltà legali li seta' jsir il-kuntratt finali bejn Green Eyes Ltd u kumpratur ġdid. Malli l-avukat Dr Pierre Lofaro sar jaf bl-affidavit li għamel Joseph Camilleri u mar jarah, Joseph Camilleri qatta' l-affidavit. Dan jindika li l-affidavit kien falz, jiġifieri Joseph Camilleri ikkommetta reat kriminali billi għamel ġurament falz.

(f) Protest ġudizzjarju li għamel Camilleri juri li hemm kontestazzjoni dwar l-allegat pagament ta' senserija. Għaldaqstant anke jekk titwemmen l-allegazzjoni ta' Camilleri li l-Onor. Cutajar tħallset flus bħala senserija, il-flus jistgħu isiru tagħha biss meta Camilleri jagħmel dikjarazzjoni li jgħid li saru tagħha, jew meta ikun hemm deċiżjoni minn xi tribunal jew istituzzjoni li jgħid illi dawk il-flus huma tal-Onor. Cutajar u mhux ta' Camilleri. Fil-kuntest, allura, ta' kontestazzjoni, tqum id-domanda ta' jekk jeżistix jew le l-obbligu li tiddikjara l-flus f'dan l-istadju.

131. Se nindirizza dawn il-punti fl-istess sekwenza li huma elenkati hawn.

(a) Il-kwistjoni tal-livell ta' prova diġà ġiet indirizzata fil-paragrafi 54 sa 66 ta' dan ir-rapport.

(b) Huwa minnu li hemm numru ta' asserzjonijiet magħmula minn Joseph Camilleri, bil-ġurament, li huma miċħuda u/jew mhux konfortati bi provi oħra. Madanakollu dan mhux biżżejjed biex jirrenduh xhud mhux kredibbili. Fl-agħar ipotesi xi wħud minn dawn l-allegazzjonijiet huma kontradetti. Oltre ċ-ċaħda tal-Onor. Cutajar li ħadet is-senserija mingħandu, dak li ġie miċħud huwa li hija għoddet il-flus ma' missierha u li x-xufier tagħha wassal lil Camilleri meta marru r-ristorant Porticello. L-argument li Camilleri stad lil Charles Farrugia għar-rigward tal-involviment tal-Onor. Cutajar mhux attendibbli. Kien Charles Farrugia li daħħalha u dan ċertament mhux riżultat ta' xi manuvra ta' Camilleri, u għalhekk ma huwa inġust u żbaljat xejn illi Joseph Camilleri jiġi emmnut minħabba x-xhieda ta' Farrugia. Anzi, mhix kredibbli t-teżi li Charles Farrugia żeffen isem l-Onor. Cutajar bħala ingann biex idaħħal aktar flus hu tas-senserija. Jekk dan kien ingann da parti ta' Farrugia, kien ingann a skapitu mhux biss ta' Joseph Camilleri u Yorgen Fenech iżda a skapitu anki tal-Onor. Cutajar innifisha. Dan l-ingann wassal direttament għar-riżenja tagħha mill-kariga ta' segretarju parlamentari. Diffiċli wieħed jifhem kif Charles Farrugia kien lest jilgħab lill-Onor. Cutajar b'dan il-mod meta kien jgħid kemm huwa viċin tagħha.

(ċ) Il-kwistjoni taċ-chats ġiet indirizzata fil-paragrafi 85 sa 104 ta' dan ir-rapport. Fl-opinjoni tieghi dawn iċ-chats ma jipprovawx li l-Onor. Cutajar ma ħadet xejn mis-senserija li Fenech ħallas lil Farrugia, u inqas u inqas li ma ħaditx senserija mingħand Camilleri. Juru biss li hekk intqal lil Fenech, u li dan wassal biex Fenech iħallas iktar flus in konnessjoni ma' dan in-negozju fil-forma tar-rigal ta' €9,000 lill-Onor. Cutajar.

(d) Huwa minnu li Camilleri irrikorra għand l-Onor. Castaldi Paris biex dan jipperswadi l-Prim Ministru jintervjeni biex l-Onor. Cutajar tirrifondi l-flus. Però kemm dan huwa xi forma ta’ entrapment huwa ċertament diskutibbli. Hija teżi plawżibbli li Camilleri ġenwinament ħaseb li kien intitolat għar-rifużjoni ta’ dik is-senserija, iżda ma xtaqx li l-materja tispiċċa l-qorti għal diversi raġunijiet fosthom il-fatt li kollox sar bi flus kontanti u mingħajr riċevuti. Biss, dan fih innifsu ma jaffettwax il-każ investigat minni.

(e) Dak allegat fl-affidavit huwa konsistenti ma’ dak li xehed Camilleri quddiemi. Il-fatt li l-Avukat Lofaro ried ikun jaf x’fih l-affidavit huwa spjegabbli bil-fatt li n-negozju sar bi flus kontanti u fix-xifer tal-legalità. B’hekk seta’ beża’ minħabba l-involviment tiegħu bħala direttur tal-kumpanija ta’ Camilleri, anke jekk bħala fatt m’għaddewx flus minn idejh. Għalhekk jista’ jkun li Camilleri qatta’ l-affidavit mhux għax kien falz iżda biex jevita reazzjoni tal-Avukat Lofaro li beża’ li seta’ jintefa’ xi dell fuqu. F’dan il-kuntest wieħed għandu jżomm f’moħħu li x-xhieda tal-Avukat Lofaro tagħti sostenn qawwi lill-verżjoni ta’ Camilleri dwar il-ħlas ta’ senserija lill-Onor. Cutajar.

(f) Is-sottomissjoni dwar jekk l-Onor. Cutajar kellhiex tiddikjara l-flus f’dan l-istadju, stante li Camilleri għamel protest ġudizzjarju (dejjem jekk wieħed jikkonkludi li l-Onor. Cutajar ħadet is-senserija), huwa argument li seta’ jinġieb li kieku d-difiża tagħha kienet li l-flus ħadithom iżda ma kellhiex obbligu li tiddikjarahom f’dan l-istadju, ġaladarba huma s-suġġett ta’ kontestazzjoni. Fin-nuqqas ta’ ammissjoni li hija ħadet il-flus, dan l-argument ma jistax jintlaqa’.

132. Għal kull buon fini in konnessjoni mal-aħħar punt, għandu jingħad li protest ġudizzjarju ma jikkostitwix proċedura legali li twaqqafni skont il-liġi milli nkompli investigazzjoni. Dan kelli opportunità nesprimih f’rapport preċedenti.[9] Barra minn dan, għadda biżżejjed żmien biex jekk kellha issir kawża din tkun saret. Għaldaqstant m’hemm ebda raġuni għalfejn għandi nissospendi l-investigazzjoni tiegħi, u lanqas ma ġejt mitlub nagħmel dan in vista tal-intavolar ta’ protest ġudizzjarju.

[9] Ir-rapport dwar il-każ K/017, li ġie sottomess lill-Kumitat Parlamentari għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika fil-11 ta’ Frar 2021 iżda qatt ma ġie ppubblikat b’mod uffiċjali.

**Konklużjonijiet**

133. Primarjament, u b'riferenza għall-proċedura ta' investigazzjoni taħt il-Kap 570, l-artiklu 22 tal-istess Att jistipula illi:

> ***22.*** *(1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu japplikaw f'kull każ meta, wara li ssir investigazzjoni bis-saħħa ta' dan l-Att, il-Kummissarju jkun tal-fehma li l-allegazzjoni li tkun tifforma l-qofol tal-investigazzjoni –*
>
> *(a) tidher li prima facie tkun saret kontra dak li trid il-liġi; jew*
>
> *(b) tkun prima facie kisret xi dmir statutorju jew etiku kif previst taħt dan l-Att jew kull liġi oħra.*

134. Għalhekk dak li huwa impost fuqi mil-liġi hu li nasal għal konklużjoni dwar jekk il-qofol tal-allegazzjoni (li l-Onor. Cutajar naqset li tiddikjara somma ta' flus li ħadet bħala senserija) hux minnu jew le.

135. Jien ġejt konfrontat b'żewġ verżjonijiet djamettrikament opposti, t-tnejn ġuramentati. Minn banda għandi l-verzjoni ta' Joseph Camilleri, li inċidentalment mhux il-persuna li għamel l-ilment. Dan jghid li l-Onor. Cutajar kienet ko-sensara, tant li:

- is-senserija miftehma ma' Camilleri rdoppjat meta tfaċċat l-Onor. Cutajar;
- huwa ħallas sehemha mis-senserija direttament lilha;
- hija kkonfermat miegħu li għaddet l-flus u sabithom korretti;
- hija ħarġet €2,000 bħala sehemha mir-rifużjoni tas-senserija;
- Farrugia diversi drabi jirreferi għaliha;
- kienet il-persuna li sabet il-kompratur;
- kienet il-persuna li żammet komunikazzjoni mal-kompratur;
- kienet il-persuna li ġiet mogħtija personalment is-senserija mill-kompratur (biex tgħaddiha lil Farrugia) flimkien ma' somma oħra li ngħatat lilha bħala rigal in konnessjoni mal-istess negozju.

136. Mill-banda l-oħra għandi l-verżjoni tal-Onor. Cutajar li tiċħad kategorikament li hija ħadet flus bħala senserija.

137. Hemm numru ta' fatti u ċirkostanzi li fil-fehma tiegħi jegħlbu l-miżien u jwassluni għall-konvinċiment neċessarju biex nissottometti li l-Onor. Cutajar tħallset senserija in konnessjoni man-negozju ta' dar l-Imdina, oltre x-xhieda ġuramentata ta' Joseph Camilleri li ħallas lil-Farrugia u lill-Onor. Cutajar sehemhom separatament u f'ċirkostanzi differenti.

138. Il-fatti huma prinċipalment:

(a) li l-Onor. Cutajar involviet ruħha fin-negozju tal-propjetà fl-Imdina billi sabet il-kompratur; billi marret tara l-propjetà flimkien max-xerrej, ma' Charles Farrugia u mal-kompratur; billi kienet preżenti wkoll waqt l-ikla f'Marsamxett fejn Joseph Camilleri ħallas is-senserija lilha jew lil Farrugia, skont liema verżjoni titwemmen; u billi ġabret is-senserija mingħand il-kompratur biex tgħaddiha lil Farrugia (skont kif jgħidu hi u Farrugia);

(b) li, skont kif qal Charles Farrugia stess, hu l-ewwel talab wieħed punt ħamsa fil-mija (1.5%) tal-valur tal-propjetà bħala senserija għalih, imbagħad talab wieħed punt ħamsa fil-mija (1.5%) oħra bħala senserija għal persuna oħra;

(ċ) li, meta Camilleri talab lil Farrugia jirrifondi €4,000 mis-senserija, Farrugia irrifondihom f'żewġ pagamenti ta' €2,000 kull wieħed;

(d) li Farrugia stess ammetta li f'dan il-punt huwa semma' lill-Onor. Cutajar biex lil Camilleri forsi "tirtablu qalbu" u Farrugia jiffranka l-€2,000 li allegatament kellha tirrifondihom minn sehemha tas-senserija;

(e) li meta ntalab jirrifondi l-bqija tas-senserija, Farrugia qal li l-Onor. Cutajar ma setgħetx tħallas sehemha għaliex kienet xtrat dar; u

(f) li, minkejja Farrugia żeffen lill-Onor. Farrugia fin-nofs b'dan il-mod, tant li anki l-avukat tagħha rrikonoxxa li "*jekk kien hemm xi ħadd li ħolqilha l-inkwiet, kien hu*" (ara l-paragrafu 130 fuq), huwa baqa' ħabib intimu tagħha.

139. Dan kollu huwa suffiċjenti biex jinduċi fija konvinċiment li jwassalni għas-sejbien ta' nuqqas ibbażat fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet, b'mod partikolari meta titqies ukoll l-istqarrija tal-Avukat Pierre Lofaro li waqt l-iffirmar tal-konvenju Charles Farrugia qal li peress li kemm hu u kemm Rosianne Cutajar kienu sensara, aħjar jitniżżel li m'hemmx senserija.

140. Għaldaqstant nasal għall-fehma li l-allegazzjoni li tifforma l-qofol tal-investigazzjoni hija pruvata sal-grad ta' preponderanza ta' probabilitajiet. B'hekk jidher li hemm prima facie ksur ta' dmir previst taħt l-Att dwar

Standards fil-Ħajja Pubblika, u cioè li l-Onor. Cutajar ma ddikjaratx ħlas ta' senserija fis-sena 2019 bħala dħul fid-dikjarazzjoni tal-assi li hija ssottomettiet fis-sena 2020, kif kellha l-obbligu li tagħmel. Dan jirrappreżenta ksur tal-artikoli 5.7 u 7.3 tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari.

141. Dan ir-rapport u ż-żewġ volumi bl-evidenza miġbura li jakkumpanjawh qed jiġu sottomessi lill-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika skont l-artikolu 22(3)(b) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat skont l-artikoli 27 u 28 tal-Att.

142. Billi l-artikolu 22(3) tal-Att jagħtini s-setgħa wkoll li nagħmel rakkomandazzjonijiet, u l-art. 27(3) jagħti l-kompitu lill-Kumitat li jikkunsidra tali rakkomandazzjonijiet, hija r-rakkomandazzjoni tiegħi lill-Kumitat li jibgħat dan ir-rapport u l-volumi li jakkumpanjawh lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex ikun jista' jieħu kwalunkwe azzjoni li jidhirlu xierqa fid-dawl tal-evidenza miġbura.

143. Jiena nirrakkomanda wkoll li dan ir-rapport u ż-żewġ volumi ta' evidenza fil-Kategorija B li jakkumpanjawh jiġu rilaxxati pubblikament kemm jista' jkun malajr fl-interess tat-trasparenza, u li dan għandu jsir fl-istess waqt li r-rapport jiġi ċirkolat lill-membri tal-Kumitat in vista tal-polemika li inqalgħet kull darba li ġie ċirkolat kopja ta' rapport lill-membri tal-Kumitat.

144. Skont il-proċedura miftehma mal-Kumitat qed ninforma kontestwalment lil min għamel l-ilment u lill-Onor. Cutajar li jiena debitament issottomettejt ir-rapport lill-Kumitat, u dan mingħajr ma ngħaddilhom kopja tiegħu.

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

## LISTA TA' DOKUMENTI MIĠBURA BĦALA EVIDENZA

## KATEGORIJA A

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Email mingħand il-Professur Arnold Cassola datata 20 ta' Diċembru 2020 | A/1 |
| Dikjarazzjoni tal-assi tal-Onor. Rosianne Cutajar għas-sena 2019 | A/2 |

## KATEGORIJA B – L-EWWEL VOLUM

### 1. Dokumenti - Joseph Camilleri

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Ittra lis-Sur Joseph Camilleri mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata 22 ta' Diċembru 2020 | B/JC/1 |
| Stqarrija bil-miktub ta' Joseph Camilleri datata 4 ta' Jannar 2021 | B/JC/2 |
| Kopja tal-konvenju bejn Green Eyes Limited u Yorgen Fenech, datat 14 ta' Mejju 2019 | B/JC/3 |
| Kopja ta' ittra bonarja mibgħuta lill-Onor. Rosianne Cutajar u lis-Sur Carmel Farrugia f'isem Joseph Camilleri fid-9 ta' Lulju 2020 | B/JC/4 |
| Ittra lis-Sur Joseph Camilleri mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata 4 ta' Frar 2021 | B/JC/5 |
| Record ta' laqgħa li saret ma' Joseph Camilleri fit-8 ta' Frar 2021 | B/JC/6 |
| Traskrizzjoni pprovduta minn Joseph Camilleri ta' recording ta' laqgħa li saret fis-17 ta' Frar 2020 | B/JC/7 |
| Dikjarazzjoni datata 16 ta' Frar 2021 dwar traskrizzjoni tal-istess recording li ġiet magħmula mill-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards | B/JC/8 |
| Traskrizzjoni tal-istess recording li ġiet magħmula mill-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards | B/JC/9 |
| Ittra lis-Sur Joseph Camilleri mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata 15 ta' Frar 2021 | B/JC/10 |
| Stqarrija bil-miktub ta' Joseph Camilleri datata 16 ta' Frar 2021 | B/JC/11 |
| Email mibgħuta mill-ġurnalist Ivan Martin lil Joseph Camilleri in konnessjoni mal-konvenju bejn Green Eyes Limited u Yorgen Fenech, u l-allegat senserija, datata 15 ta' Frar 2021 | B/JC/11a |
| Email mibgħuta mill-ġurnalist Ivan Martin lil Joseph Camilleri fejn jinformah illi ser jipproċedi bl-istorja fit-Times of Malta, datata 15 ta' Frar 2021 | B/JC/11b |

| | |
|---|---|
| Email mibgħuta mill-ġurnalist Ivan Martin lil Joseph Camilleri fejn jitlob kummenti mingħandu, datata 15 ta' Frar 2021 | B/JC/11c |
| Traskrizzjoni ta' laqgħa ma' Joseph Camilleri fit-2 ta' Marzu 2021 | B/JC/12 |
| Rilaxx mis-sigriet professjonali in konnessjoni mal-affidavit magħmul minn Joseph Camilleri, datat it-2 ta' Marzu 2021 | B/JC/13 |

## 2. Dokumenti - Dr Pierre Lofaro

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Ittra lill-Avukat Dr Pierre Lofaro mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata 22 ta' Diċembru 2020 | B/PL/1 |
| Stqarrija bil-miktub tal-Avukat Dr Pierre Lofaro, datata 4 ta' Jannar 2021 | B/PL/2 |
| Nota tal-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards dwar telefonata bejn il-Kummissarju u l-Avukat Lofaro, datata 1 ta' Marzu 2021 | B/JC/3 |

## KATEGORIJA B – IT-TIENI VOLUM

## 1. Dokumenti – Carmelo Farrugia

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Ittra lis-Sur Carmelo Farrugia mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata s-7 ta' Jannar 2021 | B/CF/1 |
| Stqarrija bil-miktub ta' Carmelo Farrugia datata s-17 ta' Jannar 2021 | B/CF/2 |
| Kopja ta' ittra bonarja mibgħuta lill-Onor. Rosianne Cutajar u lis-Sur Carmel Farrugia f'isem Joseph Camilleri fid-9 ta' Lulju 2020 | B/CF/2a |
| Ittra lis-Sur Carmelo Farrugia mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata l-1 Frar 2021 | B/CF/3 |
| Stqarrija bil-miktub ta' Carmelo Farrugia datata l-5 ta' Frar 2021 | B/CF/4 |
| Ittra lis-Sur Carmelo Farrugia mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata l-15 ta' Frar 2021 | B/CF/5 |
| Traskrizzjoni ta' laqgħa li saret ma' Carmelo Farrugia fid-19 ta' Frar 2021 | B/CF/6 |
| Ittra mingħand Carmelo Farrugia rigward telefonata li rċieva mingħand l-awditur ta' Joseph Camilleri, datata l-24 ta' Frar 2021 | B/CF/7 |
| Ittra lis-Sur Carmelo Farrugia mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata t-8 ta' Marzu 2021 | B/CF/8 |
| Traskrizzjoni ta' laqgħa li saret ma' Carmelo Farrugia fil-11 ta' Marzu 2021 | B/CF/9 |

## 2. Dokumenti – L-Onor. Ian Castaldi Paris

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Ittra lill-Onor. Ian Castaldi Paris mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata l-24 ta' Frar 2021 | B/ICP/1 |
| Email mibgħuta mill-uffiċċju tal-Onor. Castaldi Paris li tikkonferma l-laqgħa proposta, datata s-26 ta' Frar 2021 | B/ICP/2 |
| Traskrizzjoni ta' laqgħa li saret mal-Onor. Castaldi Paris fl-1 ta' Marzu 2021 | B/ICP/3 |
| Traskrizzjoni ta' laqgħa li saret mal-Onor. Castaldi Paris fit-2 ta' Marzu 2021 | B/ICP/4 |

## 3. Dokumenti – L-Onor. Rosianne Cutajar

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Ittra lill-Onor. Rosianne Cutajar mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata l-24 ta' Frar 2021 | B/RC/1 |
| Traskrizzjoni ta' laqgħa li saret mal-Onor. Rosianne Cutajar fil-5 ta' Marzu 2021 | B/RC/2 |
| Record ta' laqgħa li saret mal-Onor. Rosianne Cutajar fl-uffiċju tal-Kummissarju fit-23 t'April 2021 | B/RC/3 |
| Nota ġuramentata tal-Onor. Rosianne Cutajar datata t-23 t'April 2021 | B/RC/4 |
| Sommarju ta' laqgħa mal-Onor. Rosianne Cutajar li saret fil-21 ta' Ġunju 2021 | B/RC/5 |
| Sommarju tax-xhieda mogħtija mis-Sur George Cutajar fit-23 ta' Ġunju 2021 | B/RC/6 |
| Sommarju tax-xhieda mogħtija mis-Sur Clive Azzopardi fit-23 ta' Ġunju 2021 | B/RC/7 |
| Sommarju ta' laqgħa mal-Onor. Rosianne Cutajar li saret fit-23 ta' Ġunju 2021 | B/RC/8 |

## 4. Dokumenti – Times of Malta

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Ittra lill-Kap Editur tat-Times of Malta, Herman Grech, mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika datata l-11 ta' Marzu 2021 | B/TOM/1 |
| Ittra lill-ġurnalist tat-Times of Malta, Ivan Martin, mingħand il-Kummissarju għall- Istandards fil-Ħajja Pubblika datata s-6 t'April 2021 | B/TOM/2 |

| | |
|---|---|
| Skambjament ta' emails mingħand l-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards u s-Sur Herman Grech u s-Sur Ivan Martin. | B/TOM/3 |
| Traskrizzjoni ta' laqgħa li saret mal-ġurnalist Ivan Martin fit-13 t'April 2021 | B/TOM/4 |
| Sommarju tal-affidavit magħmul minn Joseph Camilleri kif muri lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika mill-ġurnalist Ivan Martin fit-13 t'April 2021 | B/TOM/5 |

### 5. Dokumenti – Il-Kummissarju tal-Pulizija

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata s-17 ta' Marzu 2021 | B/KP/1 |
| Ittra lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija datata t-22 ta' Marzu 2021 | B/KP/2 |
| Ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata t-22 ta' Marzu 2021 | B/KP/3 |
| Ittra lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija datata t-23 ta' Marzu 2021 | B/KP/4 |

### 6. Dokumenti – Il-Qorti tal-Maġistrati

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Rikors tal-Kummissarju għall-Istandards fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet "Il-Pulizija Eżekuttiva v Yorgen Fenech" | B/QM/1 |
| Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati fl-istess kumpilazzjoni, datat it-30 ta' Marzu 2021 | B/QM/2 |

## KATEGORIJA Ċ

### 1. Dokumenti – Joseph Camilleri

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Messaġġ mibgħut mingħand Carmelo Farrugia lil Joseph Camilleri | C/JC/1a |
| Messaġġ mibgħut mingħand Joseph Camilleri lil Carmelo Farrugia | C/JC/1b |
| Messaġġ mibgħut mingħand Carmelo Farrugia lil Joseph Camilleri | C/JC/1c |

| | |
|---|---|
| Konvenju iffirmat bejn Henley Estates Malta Limited u Green Eyes Limited, datat it-30 ta' Jannar 2019 | C/JC/2 |
| Kuntratt ta' bejgħ iffirmat bejn Henley Estates Malta Limited u Green Eyes Limited, datat is-6 ta' Novembru 2019 | C/JC/3 |
| Kuntratt ta' bejgħ iffirmat bejn Green Eyes Limited u Raymond Fenech o.b.o Easysell Properties Limited, datat is-27 ta' Novembru 2020 | C/JC/4 |

## 2. Dokumenti – Dr Pierre Lofaro

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Estensjoni tal-konvenju iffirmat bejn Green Eyes Limited u Yorgen Fenech, datata l-18 ta' Settembru 2019 | C/PL/1 |
| Notifika ta' konvenju maħruġa mill-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi, datata l-31 ta' Mejju 2019 | C/PL/2 |
| Notifika ta' konvenju maħruġa mill-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi, datata s-7 t'Ottubru 2019 | C/PL/3 |
| Emenda tal-konvenju iffirmat bejn Green Eyes Limited u Yorgen Fenech, datata l-15 t'Ottubru 2019 | C/PL/4 |
| Ftehim ta' self bejn Raymond Fenech o.b.o Tumas Group Limited u Green Eyes Limited, data il-15 t'Ottubru 2019 | C/PL/5 |
| Notifika ta' konvenju maħruġa mill-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi, datata s-7 ta' Novembru 2019 | C/PL/6 |

## 3. Dokumenti – L-Onor. Rosianne Cutajar

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Riċerki tal-propjetà maħruġin mit-Taqsima tar-Riċerki tar-Reġistru Pubbliku, Identity Malta, datati it-22 ta' Jannar 2021 | C/RC/1 |
| Rendikont ta' kont attwali tal-Onor. Cutajar, datati l-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019 | C/RC/2a |
| Rendikont ta' kont attwali tal-Onor. Cutajar, datati l-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 | C/RC/2b |
| Rendikont ta' kont "Home Loan" tal-Onor. Cutajar, datati l-1 ta' Jannar 2019 sal-4 ta' Marzu 2021 | C/RC/3 |
| Kopja ta' ċekk datata l-24 ta' Lulju 2019 iffirmata mill-Onor. Cutajar rilatata max-xiri ta' propjetà | C/RC/4a |
| Kopja ta' ċekk datata l-24 ta' Lulju 2019 iffirmata mill-Onor. Cutajar rilatata max-xiri ta' propjetà | C/RC/4b |
| Kopja ta' ċekk datata l-24 ta' Lulju 2019 iffirmata mill-Onor. Cutajar rilatata max-xiri ta' propjetà | C/RC/4c |

| | |
|---|---|
| "Sanction letter" mill-Bank of Valletta lill-Onor. Cutajar rilatata max-xiri ta' propjetà | C/RC/5 |
| Rendikont ta' kont ta' tfaddil tal-Onor. Cutajar, datati l-1 ta' Janar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020 | C/RC/6 |
| Skambjament ta' Whatsapp messages bejn l-Onor. Cutajar u Yorgen Fenech, tal-24 t'Awissu 2019 | C/RC/7 |
| Nota ġuramentata tal-Onor. Cutajar, annessa ma' skambjament ta' Whatsapp messages bejn l-Onor. Cutajar u Yorgen Fenech, tas-27 t'Awissu 2019 | C/RC/8 |

**DOKUMENT A/1**

Email mingħand il-Prof Arnold Cassola datata 20 ta' Diċembru 2020

Ghaziz Kummissarju Hyzler,

Kif qed tara mill-annessi, hemm akkuzi gravi ta' evazjoni fiskali fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa maghmula minn Edward Zammit Lewis fl-2019 (sena stima 2018) u Rosianne Cutajar fl-2020 (sena stina 2019).

Is-sitwazzjoni tal-On. Cutajar hija ulterjorment aggravata billi l-flus mhux iddikjarati allegatament ghamlithom bhala sensara ta' Yorgen Fenech, minkejja li kienet ga a konjizzjoni tal-fatt li huwa, bhala sid 17Black, kien intenzjonat ixahham Ministru u Chief of Staff fl-OPM.

Nitolbok tinvestiga urgentement dawn il-kazi ghax issa jiena, u l-hafna Maltin onesti, tqazzizna bil-klima ta' impunita' li biha jagixxu numru ta' politici Maltin.

Inselli ghalik,

Arnold Cassola

https://timesofmalta-com.cdn.ampproject.org/v/s/timesofmalta.com/articles/view/junior-minister-chased-to-repay-cash-from-yorgen-fenech-deal.839981.amp?amp_js_v=a6&amp_gsa=1&usqp=mq331AQHKAFQArABIA%3D%3D#aoh=16084494170642&referrer=https%3A%2F%2Fwww.google.com&amp_tf=From%20%251%24s&ampshare=https%3A%2F%2Ftimesofmalta.com%2Farticles%2Fview%2Fjunior-minister-chased-to-repay-cash-from-yorgen-fenech-deal.839981

https://www.maltatoday.com.mt/news/national/106595/yorgens_31_million_mdina_deal_rosianne_cutajar_and_the_judges_husband#.X97-WRjTVaw

https://theshiftnews.com/2020/12/19/justice-minister-cannot-explain-his-own-tax-return/

# Dikjarazzjoni tal-Assi - Ministru/Segretarju Parlamentari

(Fil-każ li ma jkunx hemm biżżejjed spazju, paġna oħra għandha tiġi mehmuża u mmarkata b'riferenzi fuq din il-formola)

Silta mill-**Manwal ta' Proċeduri** mehmuż mal-**Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari**
(Fil-Kodiċi ta' Etika u l-Manwal, il-kelma "Ministru" meħuda li tinkludi wkoll Segretarju Parlamentari)

***Interessi Privati - Dikjarazzjoni tal-Assi***

*Fi żmien xahrejn mill-ħatra u mhux aktar tard mix-xahar ta' Marzu ta' kull sena, kull Ministru għandu jibgħat lis-Segretarju tal-Kabinett dikjarazzjoni tal-assi li telenka: (a) il-proprjetà immobbli li hi proprjetà tal-Ministru jew li fuqha l-Ministru għandu xi forma ta' titlu; (b) ishma, bonds jew azzjonijiet f'investimenti oħra, li jista' jkollu f'kumpanniji kummerċjali jew partnerships, pubbliċi jew privati; (c) is-somma totali ta' flus li għandu depożitati f'bank u kull xorta ta' interess finanzjarju; (d) karigi ta' direttur u dawk oħra f'kumpanniji kummerċjali, assoċjazzjonijiet, bordijiet, soċjetajiet koperattivi pubbliċi u privati; (e) id-dħul tiegħu fis-sena ta' qabel; (f) is-somma totali ta' self li jista' jkun irċieva u li tkun għadha ma tħallsitx lura.*

*Din id-dikjarazzjoni għandha tirrifletti l-pożizzjoni tal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel u fil-lista (a), (b) u (ċ) imsemmija hawn fuq, għandha tinkludi l-proprjetà tar-raġel jew mart-il Ministru jekk din tkun parti mill-komunjoni tal-akkwisti, kif ukoll tat-tfal minuri tal-Ministru kemm-il darba għandu l-kustodja tagħhom.*

***(a) Proprjetà Immobbli***

½ Art Ħal Qormi / Farmhouse

Dar f' Ħal Qormi

(b) ***Ishma, Bonds, jew azzjonijiet f'investimenti oħra f'kumpaniji kummerċjali jew partnerships, pubbliċi jew privati***

/

(c) ***Is-Somma totali ta' flus depożitati f'bank u kull xorta ta' interess finanzjarju ieħor***

€22,161 Flexi Plan MSV Life
€ 1,614 Joint Account
€ 3,584 Savings

(d) ***Karigi ta' Direttur u oħrajn***

/

***(e) Dħul fl-2019***

€ 74,000 (gross)

***(f) Is-Somma totali ta' self li tkun għadha ma tħallsitx lura fil-31 ta' Diċembru 2019***

Loan mal- BOV tà € 113,818
Loan mal- BOV tà € 45,417

Niddikjara li d-dettalji tal-interessi privati tiegħi msemmija hawn fuq huma korretti kif kien fil-31 ta' Diċembru 2019.

*Isem b'ittri kbar* ROSIANNE CUTAJAR *Firma* [signature]

*Titolu Uffiċjali* Segretarju Parlamentari *Data ta' Dikjarazzjoni*

## ĠABRA TA' EVIDENZA – L-EWWEL VOLUM

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/032 |
| **Ilment:** | Allegazzjoni ta' nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' dħul fid-Dikjarazzjoni tal-Assi tal-Ministri u Segretarji Parlamentari |
| **Ilmentatur:** | Prof Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 20 ta' Diċembru 2020 |
| **Data ta' Dan Id-Dokument:** | 2 ta' Lulju 2021 |

### 1. Dokumenti - Joseph Camilleri

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Ittra lis-Sur Joseph Camilleri mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata 22 ta' Diċembru 2020 | B/JC/1 |
| Stqarrija bil-miktub ta' Joseph Camilleri datata 4 ta' Jannar 2021 | B/JC/2 |
| Kopja tal-konvenju bejn Green Eyes Limited u Yorgen Fenech, datat 14 ta' Mejju 2019 | B/JC/3 |
| Kopja ta' ittra bonarja mibgħuta lill-Onor. Rosianne Cutajar u lis-Sur Carmel Farrugia f'isem Joseph Camilleri fid-9 ta' Lulju 2020 | B/JC/4 |
| Ittra lis-Sur Joseph Camilleri mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata 4 ta' Frar 2021 | B/JC/5 |
| Record ta' laqgħa li saret ma' Joseph Camilleri fit-8 ta' Frar 2021 | B/JC/6 |
| Traskrizzjoni pprovduta minn Joseph Camilleri ta' recording ta' laqgħa li saret fis-17 ta' Frar 2020 | B/JC/7 |
| Dikjarazzjoni datata 16 ta' Frar 2021 dwar traskrizzjoni tal-istess recording li ġiet magħmula mill-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards | B/JC/8 |
| Traskrizzjoni tal-istess recording li ġiet magħmula mill-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards | B/JC/9 |
| Ittra lis-Sur Joseph Camilleri mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata 15 ta' Frar 2021 | B/JC/10 |

| | |
|---|---|
| Stqarrija bil-miktub ta' Joseph Camilleri datata 16 ta' Frar 2021 | B/JC/11 |
| Email mibgħuta mill-ġurnalist Ivan Martin lil Joseph Camilleri in konnessjoni mal-konvenju bejn Green Eyes Limited u Yorgen Fenech, u l-allegat senserija, datata 15 ta' Frar 2021 | B/JC/11a |
| Email mibgħuta mill-ġurnalist Ivan Martin lil Joseph Camilleri fejn jinformah illi ser jipproċedi bl-istorja fit-Times of Malta, datata 15 ta' Frar 2021 | B/JC/11b |
| Email mibgħuta mill-ġurnalist Ivan Martin lil Joseph Camilleri fejn jitlob kummenti mingħandu, datata 15 ta' Frar 2021 | B/JC/11c |
| Traskrizzjoni ta' laqgħa ma' Joseph Camilleri fit-2 ta' Marzu 2021 | B/JC/12 |
| Rilaxx mis-sigriet professjonali in konnessjoni mal-affidavit magħmul minn Joseph Camilleri, datat it-2 ta' Marzu 2021 | B/JC/13 |

## 2. Dokumenti - Dr Pierre Lofaro

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Ittra lill-Avukat Dr Pierre Lofaro mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata 22 ta' Diċembru 2020 | B/PL/1 |
| Stqarrija bil-miktub tal-Avukat Dr Pierre Lofaro, datata 4 ta' Jannar 2021 | B/PL/2 |
| Nota tal-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards dwar telefonata bejn il-Kummissarju u l-Avukat Lofaro, datata 1 ta' Marzu 2021 | B/JC/3 |

1. Dokumenti - Joseph Camilleri

Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

22 ta' Diċembru 2020

Is-Sur Joseph Camilleri
c/o Ditta Legali Lofaro u Tanti Dougall
91A/1 Triq l-Arċisqof
Il-Belt Valletta VLT 1446

Sur Camilleri,

**Talba għal dokumenti u informazzjoni skont l-artikolu 19 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika**

L-uffiċċju tiegħi irċieva ilment marbut ma' dak allegat f'żewġ artikoli li dehru fil-midja, u li qed nehmeż ma' dina l-ittra, fejn inti ġejt indikat bħala s-sid benefiċjarju ta' Green Eyes Limited (C41992). Qed nehmeż ukoll *post* fuq Facebook tal-Onor Rosianne Cutajar b'reazzjoni għall-artikoli in kwistjoni. Inti mitlub tirrispondi għas-segwenti domandi in kwantu taf il-fatti personalment. Inti mitlub ukoll tindika jekk hemmx skorrettezzi f'dak allegat fl-imsemmi artikoli u fir-risposta tal-Onor Cutajar.

Inti mitlub twieġeb bil-miktub għad-domandi li ġejjin:

(1) Min kien preżenti ghal-konvenju li sar bejn Green Eyes Ltd u Yorgen Fenech, u f'liema kapaċità kien preżenti?

(2) Kif sar il-kuntatt bejnek u/jew il-kumpanija u Yorgen Fenech?

(3) X'kien ir-rwol u l-involviment ta' Rosianne Cutajar?

(4) X'kien ir-rwol u l-involviment ta' Charles Farrugia?

(5) Huwa minnu li tħallset is-senserija? Jekk fl-affermattiv,

  i. Lil min?
  ii. Kemm kien l-ammont?
  iii. Meta tħallset is-senserija?
  iv. Is-senserija tħallset bi flus kontanti, ċekk jew bank transfer?
  v. Jeżistu xi irċevuti?
  vi. Hemm xhieda jew evidenza oħra tal-pagament?
  vii. Fejn sar il-pagament?

(6) Kemm-il darba ltqajt ma' Rosianne Cutajar? Fejn? U min kien preżenti?

(7) Huwa minnu li inti qed tippretendi rifużjoni tas-senserija minnha?

(8) X'laqgħat kellek inti personalment jew kellhom rappreżentanti tiegħek ma' Rosianne Cutajar wara li skada l-konvenju ma' Jorgen Fenech? U jekk iva, kemm-il darba u fejn?

(9) Kif sar il-kuntatt bejnek u/jew il-kumpanija u Ray Fenech?

(10) X'kienu ċ-ċirkostanzi tas-self minn Ray Fenech lill-kumpanija, in kwantu kellha x'taqsam Rosianne Cutajar u/jew Charles Farrugia?

Inti mitlub ukoll tfornini b'dawn id-dokumenti:

(1) kopja tal-konvenju li permezz tiegħu il-kumpanija Green Eyes Limited kellha takkwista l-propjetà in kwistjoni;

(2) kopja tal-kuntratt li permezz tiegħu il-kumpanija eventwalment akkwistat il-propjetà in kwistjoni;

(3) kopja tal-konvenju ma' Yorgen Fenech;

(4) kopji ta' kwalsiasi estensjonijiet tal-konvenji relattivi;

(5) kopja tal-kuntratt ta' bejgħ tal-istess propjetà lil Ray Fenech jew lil xi kumpanija ta' Tumas Group;

(6) kopji ta' rċevuti, deposit slips jew dokumenti oħra marbuta mal-allegat ħlas ta' senserija lill-Onor Rosianne Cutajar u/jew lis-Sur Charles Farrugia;

(7) kopji ta' atti ġudizzjarji li setgħu ġew ippreżentati in konnessjoni mal-allegat ħlas ta' senserija lill-Onor Rosianne Cutajar u/jew lis-Sur Charles Farrugia;

(8) kopji ta' ittri bonarji li ntbagħtu f'isem il-kumpanija tiegħek jew li rċeviet hi dwar l-allegat ħlas ta' senserija lill-Onor Rosianne Cutajar u/jew lis-Sur Charles Farrugia; u

(9) kopji ta' kwalsiasi korrispondenza oħra, inkluż emails, li hija b'xi mod relatata mal-istess ħlas ta' senserija.

Din it-talba għal dokumentazzjoni u tagħrif qed issir bis-saħħa tas-setgħat li jagħtini l-artikolu 19(1) tal-Kap 570. Għandi ngħarrfek li tista' eventwalment tintalab tikkonferma r-risposti tiegħek bil-ġurament.

Inti mitlub twieġeb sa nhar it-**Tlieta 5 ta' Jannar 2021**.

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**B/JC/2**

Joseph Camileri

[redacted]

4 ta' Jannar 2021

Dr. George Marius Hyzler

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

11, Triq San Pawl,

Valletta VLT 1210

Dr. Hyzler,

Irċivejt l-ittra tiegħek datata 22 ta' Diċembru 2020 u nirrispondi għad-domandi tiegħek kif ġej:

**L-ewwel domanda**

Għall-iffirmar tal-konvenju fl-14 ta' Mejju 2019 kienu preżenti (1) jiena, **Joseph Camilleri**, fil-kapaċità tiegħi ta' benefiċċjarju aħħari ta' Green Eyes Limited, (2) **Dr. Pierre Lofaro**, l-avukat tiegħi, direttur u *legal representative* ta' Green Eyes Limited, (3) **Yorgen Fenech** f'ismu proprju – sa dak il-ħin ma kontx għadni naf jekk kienx sejjer jixtri d-dar personalment jew f'isem ta' xi kumpannija, (4) **Mario Bugeja**, in-nutar li għażel Yorgen Fenech u (5) **Carmelo** (mhux Charles) **Farrugia**, li l-laqam tiegħu hu Charlie t-Tikka, li kien qiegħed jidher għalih innifsu u għal Rosianne Cutajar fil-kwalità tagħhom ta' sensara billi kienu huma li laqqawni ma' Yorgen Fenech.

**It-Tieni, it-Tielet u r-raba' domanda**

Qiegħed nirrispondihom flimkien peress illi huma relatati u mhumiex fl-ordni ta' kif seħħet il-grajja.

Kont naf lil Carmelo Farrugia għal aktar minn 20 sena. Konna niltaqgħu dejjem għand Caffé Cordina okkazzjonalment u qatt ma tkellimna fuq negozju speċifiku. F'ġurnata fi Frar jew Marzu 2019 jien kont qiegħed nieħu café waħdi fuq mejda barra ta' Caffé Cordina fi Pjazza Reġina. S-Sur Farrugia kien qiegħed xi tlett imwejjed il bogħod minni ma' Rosianne Cutajar. Hi kienet qiegħda titkellem fuq il-mobile. Huwa sejjaħli u staqsieni jekk għandix xi proprjetà għall-bejgħ; dan peress illi hu kien jaf li jkolli *houses of character* għall-bejgħ. Jiena għidtlu li għandi palazz ġewwa l-Mdina li hu għall-bejgħ. Qalli li kien sejjer iċempilli biex jara din il-proprjetà.

Ma nafx meta ċempilli, però żgur illi fis-16 ta' April 2019 jien iltqajt miegħu ħdejn il-Fontanella ġewwa l-Mdina. Dħalna ġewwa u rajna l-fond. Għidtlu li l-prezz kien €4,200,000 u hu qalli li l-*commision* tiegħu kienet ta' 1.5%. Jien qbilt.

Xi ġranet wara ċempilli biex niltaqgħu l-Belt għand Caffé Cordina. Qalli li hu mhuwiex waħdu bħala sensar u hemm ħaddieħor miegħu li ukoll ried 1.5% senserija u għalhekk it-total ta' *commission* kienet 3%. Appena għditlu li kont ippreparat li nħallas dan l-ammont huwa qalli li l-persuna l-oħra kienet Rosianne Cutajar. Qalli ukoll illi Rosianne Cutajar kienet taf persuna li setgħet kienet interessata tixtri l-proprjetà għaliex din il-persuna kienet qiegħda tfittex tixtri proprjetà ġewwa l-Mdina. Sussegwentement meta kont inkun il-Belt u jkun hemm Carmelo Farrugia u Rosianne Cutajar kont inkellimhom flimkien.

Fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju (ma nafx id-data eżatta) ċempilli t-Tikka u qalli illi huwa u Rosianne Cutajar kienu għamlu appuntament mal-persuna li kienet taf Rosianne Cutajar sabiex din il-persuna tara l-proprjetà. Huma qatt ma riedu jgħiduli min kienet din il-persuna. Kienu jgħiduli biss illi hija persuna importanti li għandha l-flus. L-appuntament kien għad-9 ta' Mejju 2019 fis-2.00pm ħdejn il-Fontanella. Fis-2.00pm, jiena, Carmelo Farrugia u Rosianne Cutajar konna qegħdin nistennew lil din il-persuna, li sa dak il-ħin ma kontx għadni naf min hi, ħdejn il-Fontanella. Waqt li konna qegħdin nistennew lil din il-persuna, Rosianne Cutajar xtaqet tara d-dar. Dħalna, rajniha u erġajna ħriġna 'l barra nistennew. Rosianne Cutajar ċemplet lil din il-persuna ħafna drabi biex tara jekk kiex ġej. Qatt ma rrispondiha. Bqajna nistennew u hawnhekk qaluli li kien Yorgen Fenech. Beda jsir il-ħin u Rosianne Cutajar ċemplet l-uffiċċju tagħha biex tikkanċella l-appuntamenti. L-ewwel appuntament tagħha kien fit-3.00pm u sa dak il-ħin Yorgen Fenech kienu għadu ma ġiex. Xi ftit wara t-3.00pm Rosianne Cutajar reġgħet ċemplitlu u din id-darba rrispondiha u qalliha li dak il-ħin kien dieħel ġewwa l-Mdina. Hekk kif wasal, daħlna ġewwa, ra d-dar u telaq. Ma domnix aktar minn xi 20 minuta.

Fl-istess ġurnata, fil-5.22pm, Carmelo Farrugia ċempilli u qalli biex niltaqgħu l-għada fit-8.30am għand Caffé Cordina. Għalhekk fl-10 ta' Mejju 2019, jiena, it-Tikka u Rosianne Cutajar iltqajna flimkien għand Caffé Cordina. Huma qalluli li Yorgen Fenech għamel offerta ta' tlett miljun euro. Jiena għidtilhom li kont naċċetta €3,100,000.

**Il-ħames domanda**

Iva s-senserija tħallset fuq l-ammont ta' €3,100,000. Tħallset lil Carmelo Farrugia u lil Rosianne Cutajar billi kull wieħed minnhom tajthom €46,500 (total ta' €93,000). Is-senserija ħallastha *cash* xi ftit ġranet wara li ġie ffirmat il-konvenju. Ma tawnix irċevuti. Is-somma ta' €46,500 li ħallast *cash* lis-Sur Farrugia ħallastha lilu meta konna qegħdin nieħdu café għand Caffé Cordina. Qalli li dak il-ħin stess kien sejjer il-BOV sabiex ipoġġihom ġo safety deposit box. Jien avżajtu biex ma jmisshomx qabel ma jsir il-kuntratt finali. Fir-rigward ta' Rosianne Cutajar, huma t-tnejn stednuni biex immur niekol magħhom f'restaurant Marsamxett. Hemmhekk għaddejtilha l-flus u cioè €46,500 kontanti. Għidtilha biex ma tiddisponix minnhom sakemm isir il-kuntratt finali. Fil-fatt din it-twissija għamiltilhom kemm il-darba u huma dejjem qablu li l-flus ma jużawhomx sakemm isir il-kuntratt finali ma Yorgen Fenech. Għandi ngħid illi meta Ray Fenech irriduċa l-prezz minn €3,100,000 għal €3,000,000 bħala kondizzjoni li jislifni l-flus sabiex nixtri l-proprjetà, Carmelo Farrugia tagħni lura €2.000 *in cash* mis-senserija li kont ħallastu. Rosianne Cutajar għall-ewwel ma riditx tagħtini lura il-parti mis-senserija tagħha. Però Carmelo Farrugia insista magħha u tagħtu ċekk ta' €2,000 ewro biex jagħtihuli. Urini ċ-ċekk però qalli li Rosianne Cutajar kien bdiela u riedet tirrifondi l-flus *in cash*. Għalhekk kellna nerġgħu niltaqgħu fejn din id-darba Carmelo Farrugia ġabli €2,000 cash mingħand Rosianne Cutajar.

Wara li waqa' l-konvenju, kull darba illi kont niltaqa' ma' Carmelo Farrugia u nitolbu l-kumplament tas-senserija lura huwa kien jgħidli illi l-flus li kont tajtu kien bgħathom lil ħuh l-Amerka filwaqt illi Rosianne Cutajar kienet xtrat xi proprjetà.

Dwar evidenza oħra ta' pagament jien għandi tlett sms. Dawn qegħdin jiġu mehmużin u markati X1, X2 u X3 rispettivament. L-ewwel wieħed hu mingħand Carmelo Farrugia lili u sar fl-14 ta' Frar 2020. It-tieni wieħed hu mingħandi lil Carmelo Farrugia fit-2 ta' Marzu 2020 u t-tielet wiehed hu mingħand Carmelo Farrugia lili ukoll fit-2 ta' Marzu 2020.

Għandi ukoll recording li sar ġewwa Caffé Cordina fis-17 ta' Frar 2020. Qiegħed nannetti transcript tiegħu li qiegħed nimmarka X4.

**Is-sitt domanda**

Iltqajt ma' Rosianne Cutajra ħafna drabi, kif għidt iktar il fuq, però dejjem fil-preżenza ta' Carmelo Farrugia u dejjem jew għand Caffè Cordina jew għand fil-cafetterija ta' Charles Grech fi Triq ir-Repubblika

**Is-seba' domanda**

Iva. Qiegħed nippretendi €44,500 mingħand kull wieħed minnhom.

**It-tmien domanda**

Iva, diversi drabi, però mhux daqs qabel ma waqa'. Ħafna drabi għand Caffé Cordina u xi kultant għand Charles Grech, Republic Street. Dejjem fil-preżenza ta' Carmelo Farrugia. Qatt ma kien hemm inkontru bejn rappreżentant tieghi ma Rosianne Cutajar.

**Id-disa' domanda**

Sar permezz tan-Nutar Mario Bugeja.

**L-għaxar domanda**

La Rosianne Cutajar u lanqas Carmelo Farrugia ma kellhom x'jaqsmu mas-self minn Ray Fenech. Is-self sar peress illi jien ma kellix flus biżżejjed biex nixtri l-proprjetà. Il-konvenju tiegħi ma min kien qiegħed ibiegħli kien sejjer jagħlaq fid-29 ta' Novembru 2019. Yorgen Fenech ried jixtri l-proprjetà u rranġa ma zijuh biex nissellef €1,200,000 mingħand Tumas Group Company Limited ħalli inkun f'pożizzjoni li nixtri d-dar ta' l-Mdina u nkun b'hekk f'pożizzjoni li mbagħad inbiegħha lil Yorgen Fench u dan stante li n-Nutar Mario Bugeja kien avżani li Yorgen Fenech kien qiegħed jinnegozja mal-BOV sabiex jieħu loan ta' €2,600,000. Is-self sar fil-15 ta' Ottubru 2019 u sar bil-kondizzjoni li l-prezz jiġi ridott għal €3,000,000 (Dokument X5). Fil-fatt id-dar ta' l-Mdina nxtrat minn Green Eyes Limited fis-6 ta' Novembru 2019 bil-flus li kont issellift mingħand Tumas Group Company Limited u parti żgħra mill-flus tiegħi.

**Dokumenti**

Id-dokumenti illi għandi huma

(a) Il-konvenju bejn Geen Eyes Limited u l-persuni mingħand min xtrajt id-dar tal-Mdina (X6)
(b) Il-kuntratt li permezz tiegħu Green Eyes Limited xtrat id-dar tal-Mdina (X7)
(c) Il-konvenju ma Yorgen Fenech (X8)
(d) Kopja tal-kuntratt ta' bejgħ lil Easysell Properties Limited (X9)
(e) Kopja tal-ittra bonarja li l-avukat tiegħi bgħat lil Carmelo Farrugia u Rosianne Cutajar sabiex jirrifondu s-senserija (X10).
(f) Minn verifiki illi inti tista' tagħmel ma Vodafone Limited kif ukoll mill-kontijiet li Vodafone Limited bgħatuli u li kopja tagħhom nista' ngħaddilek għandu jirriżulta numru konsiderevoli ta' telefonati u sms bejni u Carmelo Farrugia u Rosianne Cutajar u dan kemm qabel ma waqa' l-konvenju u kemm wara li waqa'.

Dokumenti oħra mitluba u li m'għandix:

(a) Kopji tal-estensjonijiet tal-konvenju ma Yorgen Fenech
(b) Ma jeżistux id-dokumenti imsemmija fil-paragrfu (6) tal-ittra tiegħek
(c) Qatt ma ntbagħtu ittri ġudizzjarji imsemmija fil-paragrafu (7) tal-ittra tiegħek
(d) Qatt ma rċevejt ittri imsemmija fil-paragrafu (8) tal-ittra tiegħek
(e) Għar-rigward d-dokumenti imsemmija fil-paragrafu (9) tal-ittra tiegħek nirreferik għad-dokumenti (X1, X2, X3 u X4)

**Skorettezzi fl-artikolu tat-Times of Malta.**

1. L-ammont imħallas lil Rosianne Cutajar kien kif għidt aktar il fuq.
2. Jiena qatt ma rajt l-ittra li Rosianne Cutajar bagħtet lill-avukat tiegħi.
3. Kien hemm ittra bonarja waħda u mhux ittri separati lil Rosianne Cutajar u Carmelo Farrugia.
4. Aħna u deħlin fil-boardroom ta' Yorgen Fenech, Yorgen Fenech ġibidli idejja u tagħni baskett. Meta staqsejtu x'kien fih qalli li kien fih id-deposit. Dan ġara fi ftit sekondi sakemm dawk l-oħra prezenti kienu qegħdin ifittxu fejn joqgħodu bilqegħda.
5. Dottor Lofaro ma joperax Green Eyes Limited. Huwa kien direttur tagħha u kull negozzju u ftehim kien isir minni biss.
6. Il-kuntratt ta' bejgħ tad-dar lil Ray Fenech, li deher għan-nom ta' Easysell Properties, sar aktar minn sena wara li kien waqa' l-konvenju ma' Yorgen Fenech
7. Il-konvenju kien jiskadi fit-8 ta' Settembru 2019.
8. M'għandiex id-dati tal-l-estensjonijiet tal-konvenju ma Yorgen Fenech
9. L-ewwel darba li rajt l-ittra datata 6 ta' Ottubru 2020 kienet meta bgħatli kopja tagħha Ivan Martin tat-Times of Malta ftit qabel ma ġie ppubblikat l-artikolu.

**Skorettezzi fl-artikolu tal-Malta Today**

1. Mhuwiex veru li qiegħed nitlob €50,000. Qiegħed nitlob dak li spjegajt aktar il fuq.
2. Għall-istess raġuni s-somma ta' €100,000 hija skorretta.

3. Mhuwiex minnu illi fl-ittra bonarja hemm imsemmija s-somma ta' €100,000. Fil-fatt l-ebda somma speċifika ma hija msemmija.
4. Dwar l-ittra tas-6 ta' Ottubru 2020 mibgħuta minn Dr. Edward Gatt nirreferi għal dak li għidt aktar il fuq.
5. Is-senserija lil Rosianne Cutajar u Carmelo Farrugia kienet tammonta għal €93,000 u mhux €100,000.
6. Mhuwiex minnu li kien hemm u/jew hemm kuntatti bejn Dr. Lofaro u l-avukat ta' Rosianne Cutajar.
7. Dr. Lofaro ma nstallax lil Sarah Camilleri bħala direttur ta' Green Eyes Limited. Kont jien li għażiltha.

**Id-Dikjarazzjoni ta' Rosianne Cutajar fuq Facebook.**

Mhuwiex minnu dak li qegħda tgħid Rosianne Cutajar fuq Facebook. Hi ħadet s-senserija kif spjegajt u sal-lum rritornat €2,000 biss.

Dwar l-ittra tas-6 ta' Ottubru 2020 diġà tkellimt aktar il fuq.

Joseph Camilleri

X 8

An Agreement (this 'Promise of Sale Agreement') entered into this the fourteenth (14th) day of May 2019

Between

Of the one part:

Advocate, Doctor of Laws, Pierre Lofaro, son of the late [redacted] and of the late [redacted] born in [redacted] on the [redacted] and residing at [redacted] holder of identity card number [redacted] who is appearing hereon for and on behalf of the limited liability company Green Eyes Limited having its company address at 91A/1, Archbishop Street, Valletta and having company registration number C 41992, as duly authorised in virtue of the Company's Memorandum and Articles of Association; hereinafter referred to as the Vendor.

And

Of the other part: Yasgin Flunel, son [redacted] and [redacted], born in [redacted] on the [redacted] and residing at [redacted] I.D. [redacted]

The Vendors and the Purchasers are hereinafter referred to collectively as the Parties.

Now, therefore, in virtue of this Promise of Sale Agreement the Vendor undertakes to sell, transfer and assign unto the Purchasers, who accept and who undertake to purchase and acquire from the Vendor the property numbered four (4), ~~known by~~

the name 'Malet', in Triq is-Salvatur, Mdina, which property has a secondary door numbered three (3) in the same street, with all its rights and appurtenances; hereinafter referred to as 'the Property'.

The sale/purchase shall be made and accepted under the following terms and conditions:

1. In consideration of the the price of three million one hundred thousand euro (€3,100,000) payable as follows:

   The sum of three hundred thousand euro (€300,000) concurrently with the signing of this Promise of Sale Agreement by way of a deposit on account of the price (hereinafter 'the Deposit') and for which the Vendor hereby tenders due receipt.

   The balance of two million and eight hundred thousand euro (€2,800,000) shall be paid by the Purchasers to the Vendor upon the publication of the final deed of sale.

   In the event that the Purchasers fail to appear on the final deed of sale without a valid reason at law, the Deposit shall be subject to forfeiture in favour of the Vendor provided that in this eventuality the Vendor shall not be entitled to sue the Purchasers for further or additional damages or for the specific performance of this Promise of Sale Agreement.

   Should the Deposit be refundable to the Purchasers in terms of this Promise of Sale Agreement or in terms of Law, the Vendor undertakes to return the Deposit to the Purchasers.

   The Parties agree that the initial payment of three hundred thousand euro (€300,000) shall not be regulated by the Civil Code provisions relating to earnest (*kapparra*).

2. The Property shall be transferred by the Vendor to the Purchasers:

   (a) *tale quale*; and

   (b) free and unencumbered from all burdens, ground-rents, subground-rents, servitudes, privileges and hypothecs, and free from any rights in favour of

third parties of whatever type or nature, whether real or personal and with free, vacant and immediate possession.

3. The Vendor shall on the final deed of sale:

(a) guarantee the good title to, as well as the peaceful possession and real enjoyment of the Property with all its rights and appurtenances in accordance with the law, and for this purpose the Vendor shall on the final deed of sale grant a general hypothec on all its property in general present and future in favour of the Purchasers;

(b) guarantee the free, vacant and immediate possession of the Property;

(c) guarantee that there are no conditions in any deed, including deeds of emphyteuses or sub-emphyteuses which restrict the development and/or use of the Property or any part thereof;

(d) guarantee that the Property is built in conformity with valid building permits approved by the competent authorities at the time of construction and that today it is constructed according to all applicable laws and regulations;

(e) guarantee that all building fees, road and drainage contributions and any and all related contributions are paid in full and that all architect's fees, contractors and/or other workmen in charge of construction of and/or alterations and/or impovements to the Property and suppliers of materials are fully paid and that there are no outstanding payments relating to such fees and costs and that no claims may be made against the Purchasers in regard to same;

(f) guarantee that the Property is not subject to any enforcement order by the Plannning Authority or any other competent authority;

(g) guarantee that the Property is not subject to requisition orders, possession and use orders, expropriation orders or any other rights whatsover in favour of the any authority;

(h) guarantee that there are no proceedings pending or threatened in connection with and/or relating to the Property and that there are no circumstances which are likely to give rise to any litigation or arbitration.

4. Any compensation or other sums due in respect of the Property to any Government Department or Authority, body or service provider until the publication of the final deed shall be the exclusive responsibility and at the sole charge of the Vendor and Vendor undertakes to settle such dues by the date of the final deed of transfer.

5. The Vendor undertakes to ensure that on the date of the final deed of sale the Property is supplied with water and elecritcity services and that the relative meters are in place.

6. On the final deed of sale the Vendor shall bind itself in favour of the Purchasers to sign all documents and perform all such acts as are required by the competent authorities in order to enable the Purchasers to transfer onto themselves any services relating to the Property.

7. The Purchasers shall neither be bound to pay, nor shall the Purchasers be entitled to receive, any compensation in relation to party walls.

8. The Vendor shall hand over the keys to the Property to the Purchasers concurrently with the signing of the final deed. However, provided that a forty-eight hour notice is given by the Purchasers to the Vendor or its represenative(s), the Vendor shall allow the Purchasers to enter and view the Property together with third parties (including the Purchasers' architect for the latter to inspect the Property and draw up proper plans of the Property), at reasonable times during the duration of this Promise of Sale Agreement.

9. On the final deed of sale the Vendor shall at its expense give the Purchasers the Energy Performance Certificate required by law.

10. This Promise of Sale Agreement is subject to the Purchasers' legal advisor being satisfied that the Vendor has a clean, good, documented, proved and unfettered title to the Property that can be passed on to the Purchasers.

11. All notarial fees and expenses as well as duty on documents shall be borne by the Purchasers according to law, whilst any capital gains tax or final withholding tax shall be borne by the Vendor.

12. Each party shall pay its advisors.

13. ~~Brokerage fees, inclusive of VAT, amounting to four per cent (4%) on three million one hundred thousand euro shall be paid as to three per cent (3%) by the Vendor and as to one per cent (1%) by the Purchasers.~~ No brokerage / No brokerage fees are due.

14. The final deed of sale of the Property from the Vendor to the Purchasers shall take place by the 9th of ~~August 2019~~ / 1st September 2019

15. The Purchasers have the right to transfer their rights and obligations arising from this Promise of Sale Agreement in whole or in part to third Parties.

16. The Parties hereby authorise and delegate Notary Doctor Mario Bugeja to register this Promise of Sale Agreement in their name with the Director General of Inland Revenue or such other person/authority designated by law for the purpose of registering promises of sale agreements and also to deposit with the said Director or other person/authority in the name of the Purchaser the sum of thirty-onre thousand euro (€31,000) representing 1% of the value of the Property on account of the duty on documents which will be due on the final deed of sale.

1. 3 figures and 39 word cancelled
2. One word and 4 figures cancelled.

**B/JC/4**

X 10

Lofaro & Simiana
Advocates

Pierre Lofaro LL.D. • Mark Simiana LL.D. • Gerald Bonello L.P.

91A/1, Archbishop Street,
Valletta VLT 1446 - Malta
Tel: (356) 2122 7800
Fax: (356) 2123 1710
e-mail: l&td@onvol.net

9 ta' Lulju 2020

Ms. Rosianne Cutajar

[redacted]

Is-Sur Carmel Farrugia

[redacted]

Sinjuri,

Nikteb għan-nom tas-Sur Joseph Camilleri għar-rigward senserija li ħallaskom bil-quddiem. Stante li, kif tafu, l-bejgħ ma sarx, inthom qegħdin bil-preżenti mitluba li tirrifonduha.

Filwaqt illi nittama fil-buon sens tagħkom li ma jkunx hemm bżonn jittieħdu proċeduri ulterjuri skont il-liġi,

Inselli għalikhom,

Av. Pierre Lofaro

B/JC/5

**Commissioner for Standards in Public Life**

4 ta' Frar 2021

Is-Sur Joseph Camilleri
[redacted]

Sur Camilleri,

**Talba għal evidenza skont l-artikolu 19 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika**

B'risposta għall-ittra tiegħi tat-22 ta' Diċembru 2020, inti bgħattli fost affarijiet oħra traskrizzjoni ta' konversazzjoni li inti kont irrikordjajt bejnek u bejn is-Sur Charles Farrugia fis-17 ta' Frar 2020.

Inti mitlub li sa nhar it-**Tnejn 8 ta' Frar 2021** tipprovdili kopja tar-recording in kwistjoni.

Din it-talba għal dokumentazzjoni u tagħrif qed issir bis-saħħa tas-setgħat li jagħtini l-artikolu 19(1) tal-Kap 570.

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

# Record of meeting with Mr Joseph Camilleri

| | |
|---|---|
| Date and time: | Monday 8 February 2021 at approximately 10.30 am |
| Present: | Dr George Hyzler, Commissioner for Standards in Public Life<br>Charles Polidano, Director General<br><br>Mr Joseph Camilleri |
| Venue: | Commissioner's office |
| Purpose: | Provision of recording requested in Commissioner's letter of 4 February 2021 and confirmation of evidence on oath in connection with case K/032. |

Mr Camilleri presented himself at the Office of the Commissioner for Standards in Public Life asking to see the Commissioner. He did not have an appointment but the Commissioner agreed to see him since the Commissioner had written to Mr Camilleri asking the latter to present, by not later than 8 February 2021, a copy of an audio recording of which he had earlier provided a transcript.

Mr Camilleri presented the Commissioner with an envelope containing the audio recording. He stated that he had had the audio recording enhanced to make it more intelligible since it had been recorded in a busy café (Cordina's in Valletta) with plenty of background noise.

The Commissioner requested Mr Camilleri to confirm on oath, in terms of article 19(2)(b) of the Standards in Public Life Act, that the evidence he had provided to the Commissioner was true. Mr Camilleri duly took an oath to this effect, which was administered by the Commissioner in the presence of the undersigned.

Charles Polidano
Director General
Office of the Commissioner for Standards in Public Life

8 February 2021

**17 ta Frar 2020**

| | |
|---|---|
| Joseph | Il x'jismu kien 3.1M jiena taghjtkhom 3% In-negozzju ma sehhx,is-sale ma sehhx, allura kif intom qedin tippretendu, int u Rosianne.. |
| Charles | Lil dik ma ssemmijiex |
| Joseph | Mhux jien u int qedin hawn biss |
| Charles | Mil-informazzjoni li ghandna, int ghadek ma rritornajt xejn. |
| Joseph | Inti staqsi In-Nutar Mario Bugeja, qed intik l-isem min hu. U jghidlek, orrajt li il 1.2 million huma self u rrid intijomlu lura. Orrajt, dana jsir jew ma jsirx, irrid intijomlu lura. |
| Charles | Nistghu niltaqghu, jiena int u hi.... |
| Joseph | Issa |
| Charles | Lili biss qed tghid |
| Joseph | Issa fuq il bilanc li fadal li ghandkom ittuni tal-89,000, orrajt, hemm ma sehhx, allura kif intom qed tippretendu li intkom zzommuwhom, heq. |
| Charles | Nistghu niltaqghu naqra? You're pointing your finger at me |
| Joseph | U int u Rosianne mhux haga wahda |
| Charles | L-ahhar darba li tkellimna fuqek |
| Joseph | Eh? |
| Charles | Ghidtila ghax ghal l-ewwel ma riditx u bis-sahha tieghi gibtlek it €2000 lura ghax ghidtila jien, taf jew ma tafx? |
| Joseph | Imma issa fadal €89,000 |
| Charles | Iva, iva, issa nerga nghidila. Hawn, issa x'ser naghmlu ahna? U li tajtni ha nerga nghidlek, ghax ifimni... |
| Joseph | Mhux sew hux, ghax li kieku sar in-negozju, ma kont nghid xejn u naghlaq halqi, imma jekk ma sarx?! Kieku sar il kuntratt kien fuq 3.1M kien, kieku sar il-kuntratt imma ma sarx u l-flus hattuwom xorta, il-commission taghkom, hemm €89,000 il bilanc. Kif tridu ma tirrifonduwomx lura, qed tifimni x'qed nipprova nghidlek jien? |
| Charles | Iva, iva |

| | |
|---|---|
| Joseph | Imma la qed tifimni inti igifieri li inti qed tghidli li dawn huma dovuti lili, qed tifimni? |
| Charles | Mhux qed nikkommetti ruhi jiena, ghax jiena il-parir li hadt.. jekk inti ghandek dawk il-cash f'idejk, ghadhom f'idejk, ghadu ma hadhom hadd, ma haduwomx ta min huma, mela jien....int ma hadtx 1.5? |
| Joseph | Mhux tieghi dawk qed nghidlek jien |
| Charles | Issa naraw |
| Joseph | Saqsi li Mario Bugeja ghax hu ghamel il-karta tas-self, dawk mhumiex tieghi. |
| Charles | Fejn ha nsibuh? |
| Joseph | Issa ntik in-number tieghu |
| Charles | Orajt Orajt, ok. Inkellmek |
| Joseph | Inkellmek, inkella lest biex nurik il-karta, biex nurik li il-karta li ghandi tas-self li taghni, heq. Hekk najseb jien, Ray se joqghod jtijomlok ghal xejn. |
| Charles | Ha nkellem lila |
| Joseph | Thallinix pending, ghax hazin, irridu nissetlejawa dina |
| Charles | Inkellmu lli Ray |
| Joseph | Lil ray tista tkellmu kemm trid, lin-nutar Bugeja, kellmu kemm trid ghax hu amilli il karta tas self. Dawn mhumiex tieghi. Kif qed tippretendu, int u hi li dawk huma tieghi. Ghandi il-karta, trid nurijielek il-karta? Ingibielek u nurijielek. Heq dawk mhux tieghi u? Thallinix pending, Irridu nissettilljawa, f'idejk? F'idejk!. Ciao. |

### Statement Regarding Transcript Made of Audio Recording

On Tuesday, 9 February 2021, I was given an audio file entitled "Audio-recording-17-Feb-2020.mp3", an MP3 file being around 4.27MB in size and 4 minutes 40 seconds long. The file in question appears below.

Audio-recording-17-F
eb-2020.mp3

I was tasked with listening to the recording, and creating, as far as possible, a transcript of what was said in the recording. I confirmed upon listening to the recording, that two voices can be heard throughout. However, the recording is of poor quality, and background noise and ambient sound is audible throughout the recording. This, together with a muffled microphone and periodic interference, meant that the voices in the recording are not always clearly audible. For this reason, I informed the Commissioner for Standards in Public Life and the Director General that it was unlikely that I would be able to provide a full transcript of the recording.

I slowed the recording down, and created a preliminary transcript which I forwarded to the Commissioner and Director General on Tuesday 9 February for their immediate information. As of this date, I had only made reference to the audio file indicated above.

I subsequently revisited the audio file on 16 February 2021. I once again slowed down the recording even further, and revised the transcript I had previously provided. The slower speed provided some further scope for clarity and the amendments made were minor. Once again, I only made reference to the same audio file indicated previously.

At no point in between 9 February 2021 and 16 February 2021, did I refer to any other file or document. At no point did I receive or review any other file, documentation or information, which would have altered my interpretation of the audio file in question. The transcript provided is solely based upon my listening to, and understanding of the audio file indicated.

16 February 2021

**Dr Sarah Pace Warrington**
Research Analyst and Investigator

Transcript of Audio Recording

Date of audio recording listed by the creator of the recording as being 17 February 2020

*The first part of the recording until about 0.13 seconds is unintelligible. Recording starts properly from around 0.15 seconds. For the purposes of this transcript, any speech which is unclear is indicated as being 'unintelligible'.*

**Person 1 recording**: Ha nghidlek, il-...il-x'jismu kien li jkollkom il-...it-3.1 million u tajtkom il-*[unintelligible]* u tajt 50% *[unintelligible]* ...

In negozju ma ssirx, is-sale..is-sale ma ssirx...allura kif inti..kif qed tippretendu illi you're all [here or clear] [Recording temporarily stops]

*[Recording starts again, Person 1 is speaking]*

Intom ma [*unintelligible*]...you know...

**Person 2:** Dik hi l-informazzjoni li ghandna..dik hi l-informazzjoni li ghandna *[unintelligible]*

**Person 1:** Inti saqsi n-nutar mario Bugeja, qed intik l-isem min hu u jghidlek orrajt li...

**Person 2**: Eh

**Person 1:** u jghidlek li l-1.2 miljun huma stess ehh jien irrid intijhomlu lura...orrajt mhux...stenna...isir u ma jsirx...jien...iridhom lura.

**Person 2:** -*[unintelligible]* niltaqghu...

**Person 1:** Interrupts -*[unintelligible]*

**Person 2:** Ilhi -*[unintelligible]*

**Person 1:** issa issa fuq il-[*unintelligible*]... fuq il-bilanc li fadal li ghandkom ittuni ta' 89,000, orrajt, [tahsibx...]... dak kif qed tippretendi li inti kieku zzommhom... heqq...

[Recording goes quiet or stops. Movement is heard near the microphone but no voices]

**Person 2:** Inti you're pointing all the... the finger at..

**Person 1:** U mhux issuq u... karozzi u [*unintelligible*] xorta wahda

**Person 2:** Iva, l-ahhar darba [*unintelligible*] kellimta, meta kellimtek

**Person 1**: [*Interrupts, unintelligible*]

**Person 2:** Meta kellimtlek...Biss sahha tieghi *[unintelligible]* ... ghax ghidtilha jien

[a phone rings]*[unintelligible]*

**Person 1:** Dak li fadal 89,000 imma

**Person 2:** Iva *[unintelligible]*

*[Recording cuts then restarts]*

**Person 2:** X'ser naghmlu ahna? Iggifieri tajtni 100 minn hawn...

**Person 1:** Dik hi...jew

[*unintelligible*]

**Person 1:** Kieku sar in-negozju kont tghid [*unintelligible*] ha, [*unintelligible*] imma ma sarx...[*unintelligible*] kieku sar il-kuntratt, [*unintelligible*] il-*[unintelligible]* taghkom... sa 89,000 [*unintelligible*]

**Person 1:** imma..ifhimni x'qed nipprova nghidlek?

**Person 2:** Iva *[unintelligible]*

**Person 1:** Eq le...

**Person 1:** Le, imma trid tifhimni inti trid [*unintelligible*] isma dawka huma dovuti lili... qed tifhimni ...

**Person 2**: Miniex qed [not entirely clear – '*nikkommetti ruhi*'] jien... ghax jiena mill-parir li hadt, il-[*unintelligible*] li ghandek dawk il-cash quddiemek...ghadhom [*unintelligible*] dik...qaghad jehodhom [*unintelligible*] ma hadhom hadd. Ma hadtuhomx talli *[unintelligible]*

**Person 1**: Mela jien *[unintelligible]*

**Person 2:** -*[unintelligible]* 1.5?

**Person 1:** Mhux tieghi dawk qed nghidlek

**Person 2**: Ijwa, issa ha naraw ha

**Person 1**: Mhux tieghi. Qed nghidlek saqsi l-Mario Bugeja, cempel lil Mario Bugeja ghax hu ghamel il-karta taghhom...ma...mhumiex...

**Person 2:** Mario Bugeja fejn ha nsibu?

**Person 1:** Issa ntik in-number tieghu!

**Person 2:** Orrajt ok orrajt ok, ok. Nitkellmu. Dil-gimgha nkellmu...

**Person 1:** Mur..*[unintelligible]* Kellem lil [*unintelligible*] Biex nurik il-xisimha, il-dak li ghandi, l-karta li ghandi, li taghmel...

Heqq, hekk nahseb jien Ray, le, naqbad u intijomlok hekk ghalxejn,

**Person 2:** -*[unintelligible]* ha nitkellmu [*unintelligible*]

**Person 1:** Thallinix pending ghax hazin, irridu nissettlejawha dina

**Person 2:** U nkellem lil Ray

**Person 1:** Lil Ray tista' tkellmu kemm trid, 'l Mario [*unintelligible*] tkellmu kemm trid ghax hu ghamilli l-karta tal-[*unintelligible*] orrajt. Dawk mhumiex tieghi. Kif..kif qed tippretendu li dawk huma tieghi? Saret il-karta, trid nurihielek il-karta? [unintelligible] nurihielek

**Person 1**: Heqq mhux tieghi u...

**Person 1**: Thallinix pending [*unintelligible reply from person 2*] irridu nissetlejawha, f'idejk? F'idejk ciao

**B/JC/10**

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

15 ta' Frar 2021

Is-Sur Joseph Camilleri
[redacted]

Sur Camilleri,

**Talba għal evidenza skont l-artikolu 19 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika**

Nirreferi għat-telefonata ta' aktar kmieni dalgħodu u nikkonferma li inti mitlub tipprovdini sa nhar l-**Erbgħa 17 ta' Frar 2021** bis-segwenti:

1. Kopji tal-emails bejnek u bejn il-ġurnalisti li talbuk tikkonferma l-istorja li ġiet pubblikata fit-Times of Malta fil-ħarġa tal-20 ta' Diċembru 2020 (https://timesofmalta.com/articles/view/junior-minister-chased-to-repay-cash-from-yorgen-fenech-deal.839981)

2. Id-data ta' u dettalji dwar l-affidavit magħmul minnek quddiem in-Nutar Ian Castaldi Paris, skont kif allegat mit-Times of Malta fl-artikolu li deher fl-14 ta' Frar 2021 u li huwa aċċessibbli minn https://timesofmalta.com/articles/view/labour-mp-took-cut-from-cash-pile-given-by-yorgen-fenech.851357.

Din it-talba għal dokumentazzjoni u tagħrif qed issir bis-saħħa tas-setgħat li jagħtini l-artikolu 19(1) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.com www.standardscommissioner.com

**B/JC/11**

Joseph Camilleri

[redacted]

16 ta' Frar 2021

Dr. George Marius Hyzler

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

11, Triq San Pawl,

Valletta VLT 1210

Dr. Hyzler,

Nagħmel riferenza għat-telefonata li kellna fil-15 ta' Frar 2021.

Ma din l-ittra qiegħed nannetti l-emails li tlabtni u li ġew skambjati bejni u t-Times. Hemm erba emails:

1. Email mingħand Ivan Martin tat-Times datata 7 ta' Diċembru 2020 fejn staqsieni numru ta' domandi.
2. Ir-risposta tiegħi lilu datata 8 ta' Diċembru 2020 fejn għidtlu li m'għandiex kummenti x'nagħti.
3. Email tiegħu aktar tard fit-8 ta' Diċembru 2020 fejn qalli li l-istorja sejra tiġi pubblikata.
4. Email mill-istess Ivan Martin datata 9 ta' Diċembru 2020 li magħha bgħatli kopja ta' ittra allegatament mibgħuta minn Dr. Edward Gatt lil Dr. Pierre Lofaro.

Stante li m'għandix printer, dawn l-emails bgħatthom lil Dr. Lofaro ilbieraħ sabiex jipprintjaħhomli.

Dwar in-Nutar Ciscaldi Paris għandi ngħid illi ili nafu diversi snin għaliex kont biegħejtlu proprjetà ġo Triq San Anton, Ħ'Attard. Dak iż-żmien hu kellu l-uffiċċju l-Iklin u jien kont noqgħod Ħ'Attard. Id-dar li biegħejtlu ma kinitx dik fejn kont noqgħod jien. Wara xi żmien għalaq l-uffiċċju tal-Iklin u fetaħ uffiċċju ġdid ġo Triq l-Ghenba, H'Attard eżattament quddiem fejn kont noqgħod jien. Għalhekk konna niltaqgħu spiss. Kont għidtlu li kelli konvenju sabiex nixtri dar l-Mdina. Darba waħda, wara li kont għamilt il-konvenju ma Yorgen Fenech, konna qegħdin nitkellmu u f'ħin minnhom qalli "Biegħejtha lil Yorgen Fenech dik id-dar tal-Mdina!". Meta staqsejtu kif jaf qalli "Għax naf". Wara li waqa' l-konvenju, fl-inkontri li kien ikollna, dejjem kien jaqa' d-diskors fuq dak li ġara, għaliex ukoll kont għidtlu li kont ħallast is-senserija lil Carmelo Farrugia u Rosianne Cutajar u li dawn ma ridux jagħtuni l-flus lura.

Billi Carmelo Farrugia u Rosianne Cutajar baqgħu jinsistu li ma jagħtunix il-flus lura ddecidejt li mmur inkellmu. Dan kien ftit ġranet wara li biegħejt id-dar tal-Mdina lil Easysell Properties Limited u cioè dan kien fil-bidunett ta' Diċembru 2020. Tlabtu biex jgħini. Hu qalli li lest li jkellem lil Prim Ministru biex il-Prim Ministru jkun jista jkellem lil Rosianne Cutajar u Carmelo Farrugia biex jirrifonduli l-flus u b'hekk jiġi evitat skandlu politiku. Però biex jagħmel dan ried xi ħaġa konkreta f'idu u ssuġġerixxa li jsir affidavit. L-affidavit sar dak il-ħin stess. Meta bdejt inċempillu biex jgħidli x'ġara, dejjem beda jġib xi skuża bħal, per eżempju, 'ma kellix ċans'. Wara li l-istorja ħarġet fil-gazzetti qalli li ma kienx mar ikellmu lil Prim Ministru.

Għar-rigward il-kummenti li tlabtni dwar is-senserija li allegatament ġiet imħallsa minn Yorgen Fenech lil Rosianne Cutajar u Carmelo Farrugia, ngħid li dak kollu li naf fuq din il-ħaġa huwa dak li qalli Carmelo Farrugia. Carmelo Farrugia qalli li Rosianne Cutajar kienet marret għand Yorgen Fenech u li dan ta €30,000 biex Rosianne Cutajar u hu jaqsmuhom bejniethom. Żied jgħid li hu kien qiegħed jaħseb li Yorgen Fenech ta lil Rosianne Cutajar aktar minn hekk imma lilu tagħtu biss €15,000.

Joseph Camilleri

**Dr. Pierre Lofaro**

| | |
|---|---|
| **From:** | Joseph Camilleri [redacted] |
| **Sent:** | Monday, 15 February 2021 12:39 |
| **To:** | [redacted] |
| **Subject:** | Fw: ToM: Mdina property deal |

----- Forwarded Message -----
**From:** Ivan Martin <ivan.martin@timesofmalta.com>
**To:** [redacted]
**Sent:** Monday, December 7, 2020, 05:42:46 PM GMT+1
**Subject:** ToM: Mdina property deal

Mr Camilleri,

Further to our brief telephone conversation earlier today, I writing with questions in relation to a news report we intend to carry in the coming days.

Times of Malta is informed that you, through your fiduciary company Green Eyes Limited, entered into a promise sale agreement with Yorgen Fenech in May 2019.

The agreement was over a property you own at 4, Triq is Salvatur, Mdina for the sum of €3.1million.

We are also informed that the brokers for this deal were Charles Farrugia, known as it-Tikka, and Parliamentary Secretary Rosianne Cutajar MP.

We are informed that both brokers were present when Fenech carried out a viewing of the Mdina property.

The sum of €46,500 was paid by yourself to Farrugia and, separately, also to Cutajar as a brokerage fee in cash.

The promise of sale agreement was extended beyond its original deadline however it was ultimately violated by Fenech when he failed to honour it due to his arrest in connection with the murder of journalist Daphne Caruana Galizia.

We are also informed that you, through your lawyers, have written to both Farrugia and Cutajar in July of 2020, requesting that they repay the brokerage fees since the deal never went through.

You are yet to receive a reply from the two.

**Questions:**

Can you please confirm the facts as stated above?

Can you also confirm whether you are still awaiting reimbursement of the funds given to both Farrugia and Cutajar?

Can you confirm that the Farrugia and Cutajar mentioned above are in the attached photo?

Can you confirm that the funds, in cash, were handed to Cutajar at a Valletta restaurant?

Do you plan on taking legal action against the two?

Do you have any paperwork that can prove you paid Cutajar and Farrugia the brokerage fee?

Have you reported the matter to the police?

We intend on carrying this story shortly and are available should you wish to meet and discuss the facts further.

Regards,

Ivan Martin
Journalist
Times of Malta

Please consider your environmental responsibility before printing this e-mail.

E-mail Disclaimer:

The information contained in this message and in any attachment is confidential and may be legally privileged. It is intended for the recipient or recipients to whom it is addressed. If you are not an intended recipient, and receive this message in error, please delete it and any attachment and all copies of it and of any such attachment from your system immediately, destroy any paper copies and notify the sender. If you are not an intended recipient, you are not authorised to use, distribute, print or copy any parts of this message or of any attachment, whether directly or indirectly. Allied Newspapers Ltd. or Progress Press Ltd. cannot guarantee that email communications are secure or error free, as information could be intercepted, corrupted, amended, lost, destroyed, arrive late or incomplete, or contain viruses and as such does not accept any responsibility in any eventuality.

**Dr. Pierre Lofaro**

**From:** Joseph Camilleri <[redacted]>
**Sent:** Monday, 15 February 2021 12:43
**To:** [redacted]
**Subject:** Fw:

----- Forwarded Message -----
**From:** Ivan Martin <ivan.martin@timesofmalta.com>
**To:** Joseph Camilleri <[redacted]>
**Sent:** Tuesday, December 8, 2020, 12:07:40 PM GMT+1
**Subject:** Re:

Hi Joe,

Reply received. This is to inform you that we will be proceeding with a story based on the information presented to you in our correspondence.

Feel free to contact me should you have any questions.

Ivan

Sent from my iPhone

> On 08 Dec 2020, at 11:56, Joseph Camilleri <[redacted]> wrote:
>
> Dear Mr. Martin,
>
> Thank you or your e mail.
>
> I have no comments to make.
>
> Regards,
>
> Joe Camilleri

Please consider your environmental responsibility before printing this e-mail.

E-mail Disclaimer:

The information contained in this message and in any attachment is confidential and may be legally privileged. It is intended for the recipient or recipients to whom it is addressed. If you are not an intended recipient, and receive this message in error, please delete it and any attachment and all copies of it and of any such attachment from your system immediately, destroy any paper copies and notify the sender. If you are not an intended recipient, you are not authorised to use, distribute, print or copy any parts of this message or of any attachment, whether directly or indirectly. Allied Newspapers Ltd. or Progress Press Ltd. cannot guarantee that email communications are secure or error free, as information could be intercepted, corrupted, amended, lost, destroyed, arrive late or incomplete, or contain viruses and as such does not accept any responsibility in any eventuality.

B/JC/11c

**Dr. Pierre Lofaro**

**From:** Joseph Camilleri <[redacted]>
**Sent:** Monday, 15 February 2021 12:44
**To:** [redacted]
**Subject:** Fw:

----- Forwarded Message -----
**From:** Ivan Martin <ivan.martin@timesofmalta.com>
**To:** Joseph Camilleri <[redacted]>
**Sent:** Wednesday, December 9, 2020, 09:21:35 AM GMT+1
**Subject:** Re:

Good morning Mr Camilleri,

This is to inform you that I have received this correspondence from Rosianne Cutajar.

She is claiming that the issue of outstanding payment has been resolved.

Do you have any comment to make?

Ivan.

Illum 6 ta' Ottubru 2020

Avukat Pierre Lofaro

91 Apt Nru 1

Triq l-Arcisqof,

Il-Belt Valletta.

<u>Ref.- Bejgh ta' propjeta gewwa l-Ma</u>

Nikteb ghan-nom tal-Onor. Rosianne Cutajar bi t[illegible] tieghek f'isem Joe Camilleri, 'n kwantu s-suggett haw[illegible]

Ghandi ngharfek li dak li qed jippretendi l-klijent tieg[illegible] ragun u minghajr ebda ammissjoni ta' xi responsab[illegible] kontra terzi ohra;

Kordjalment,

Sent from my iPhone

On 08 Dec 2020, at 12:07, Ivan Martin <ivan.martin@timesofmalta.com> wrote:

Hi Joe,

Reply received. This is to inform you that we will be proceeding with a story based on the information presented to you in our correspondence.

Feel free to contact me should you have any questions.

Ivan

Sent from my iPhone

On 08 Dec 2020, at 11:56, Joseph Camilleri <[redacted]> wrote:

Dear Mr. Martin,

Thank you or your e mail.

I have no comments to make.

Regards,

Joe Camilleri

Please consider your environmental responsibility before printing this e-mail.

E-mail Disclaimer:

The information contained in this message and in any attachment is confidential and may be legally privileged. It is intended for the recipient or recipients to whom it is addressed. If you are not an intended recipient, and receive this message in error, please delete it and any attachment and all copies of it and of any such attachment from your system immediately, destroy any paper copies and notify the sender. If you are not an intended recipient, you are not authorised to use, distribute, print or copy any parts of this message or of any attachment, whether directly or indirectly. Allied Newspapers Ltd. or Progress Press Ltd. cannot guarantee that email communications are secure or error free, as information could be intercepted, corrupted, amended, lost, destroyed, arrive late or incomplete, or contain viruses and as such does not accept any responsibility in any eventuality.

Transcript – Joseph Camilleri

2 Marzu 2021

Preżenti:

Il-Kummissarju għall-iStandards għall-Ħajja Pubblika – Dr George Hyzler (GH)

Direttur Ġenerali – Sur Charles Polidano

U

Xhud – is-Sur-Joseph Camilleri

GH: Sur Camilleri, erm, qabel xejn ħa namministralek il-ġurament, taħlef li tgħid is-sewwa, is-sewwa kollha u xejn ħlief is-sewwa hekk Alla jgħinek. Ara, ir-raġuni għalfejn erġajt bgħatt għalik huwa għaliex meta jiena bgħatt għan-Nutar Caastaldi Paris, dwar l-affidavit illi ssemma fil-gazzetta tal-Ħadd jew tat-Tnejn li għadda, tal-bieraħ jew il-bieraħ lura, ġie kkwutat, ġew kkwutajti biċċiet minn dan l-affidavit illi inti għidtli m'għandekx kopja tiegħu. Fil-fatt fil-gazzetta ssemma li ġie depożitat kopja f'dan l-uffiċju meta ovvjament mhuwiex il-każ pero mhux dak l-importanti. Allura li xtaqt insaqsik huwa dan - in-Nutar Castaldi Paris talab li jinħeles mis-sigriet professjonali billi kien hu, allegatament, illi ħa l-affidavit. Allura li xtaqt mingħandek huwa konferma li inti tilliberah minn dik…mis-sigriet professjonali…erm…x'għandek xi tgħid fuqha?

JC: erm, li…li ġara eżatt huwa li jiena kont qiegħed fl-uffiċju ta' Dr Pierre Lofaro u peress li Ian Castaldi Paris kien jaf bil-każ kollu, iġġifieri, x'ġara… li jiena, li kien waqa' l-konvenju u li jiena kont diġa' ħallast is-senserija, allura jiena dik…dikinhar meta kont għand Dr Lofaro peress li nafu sew 'il Ian għax jiena kont biegħejtlu dar, u kien, l-uffiċju tiegħu kien eżatt quddiem ta' fejn kont noqgħod jien ġo H'Attard, u konna niltqagħu spiss, u nitkellmu u dana erm…u billi Pierre jaf li jien nitkellem miegħu, ma' ma Ian Castaldi Paris ukoll, Pierre, qalli "għalfejn forsi ma nkellmuhx lil Ian forsi jagħti opinjoni tiegħu x'nistgħu nagħmlu biex niġbru din is-senserija li jiena kont…kont ħallast minn, minn qabel. U Pierre qalli qalli filkaż nagħmlu appuntament, allura jien qbadt il-mobile, ċempilt lil Ian, għidtlu "Ian, jiena qiegħed għand Dr Lofaro" għidtlu u "jixtieq ikellmek", qalli "Fuqiex?" għidtlu fuq hekk, hekk u hekk, qalli ħalli nkellmu u bdew jitkellmu flimkien u u ftehmu li ser nagħmlu xi appuntament. Kif appena qata', reġa' ċempilli Ian Castaldi Paris u qalli "isma, qalli kif titlaq mingħand Pierre," qalli "ejja għandi l-uffiċju tiegħi." Jiena hekk għamilt, kif appena hekk kif tlaqt mingħand Pierre, mort, mort għand, għand Ian u Ian qalli ċertu kliem li qal…eh u meta mort għand Ian, Ian qalli li appena kif inti tlaqt mingħand Pierre, Pierre reġa' ċempel lil Ian, Pierre lil Ian, jien ma kontx hemm iġġifieri, kont on the way għal Ħ'Attard. U Ian qalli, li Pierre qallu, lil Ian, qallu "isma" qallu, qallu "ara kif tkellmu, lil Joe biex forsi dil-ħaġa ma nkomplux għaddejja biha, nissettlejawha", qallu "ma qalax biżżejjed fuqha, d-dar?"

GH: Ian?

JC: Pierre…lil Ian. Qallu…

GH: "Ma qalax biżżejjed" x'jiġġifieri? Għal min qed jgħid?

JC: għax jien… għalija, għax jien kont begħejtha

GH: ah I see, għax Pierre qed jgħid lil Ian biex jikkonvinċik biex twaqqagħha din it-talba..

JC: biex inwaqqa’…il-każ, qallu “ma qalax biżżejjed fuqha d-dar?” qallu, issa dak il-kliem setax qallu…jien “qisu xi tifel żgħir”?

GH: għalik?

JC: għalija. U jien ħadt għalija, jien ħadt għalija, meta qed jgħidli hekk, issa jekk hux veru jew le ma nafx, imbagħad sirt naf li kien veru. Qallu…

GH: dan qed jgħidlek Ian voldieri

JC: iva. Qallu…qallu ara “jekk issiblux xi ħaġa inti” Pierre lil Ian. Qallu “xi tridni nsiblu?” Qali, “xi biċċa business, biex ikopri dawn”, qallu “ara, jien nutar, ma nista’ insiblu xejn”.

GH: mmm. Dejjem qed jgħid Ian lilek

JC: Ian. U jien ħadt għalija, ħadt għalija meta ilha naf lil Pierre erbgħin sena, ħbieb, qed tifhem u dana…, u qallu “qisu xi tifel żgħir” u “ara x’tista’ tirranġa għalih” kont ħadt għalija, u dak il-ħin qalli Ian “ħa ngħidlek x’nagħmlu”, qalli “jiena nista’ ngħinek”. Qali “pero”, qalli u “mmur nkellem lil Prim”, qalli “pero” qalli “mhux sejjer għandu ngħidlu isma hemm Joe Camilleri, ġralu hekk hekk u hekk, ara tistax titkellem lil Rosianne u lil Charles Farrugia ħalli dana”, qalli “rrid xi ħaġa konkreta f’idejja”. Qalli, qalli “ikkollok tagħmel affidavit”, qalli “biex nurih lil Prim” qalli “ħalli biex ikolli xi ħaġa dana”… Għidtlu orrajt jiena, b’hekk iġġifieri, dan huwa l-każ kif…

GH: u din iġġifieri, int għamilt l-affidavit dikinhar stess jew f’ġurnata oħra?

JC: mhinix ċert, mhinix ċert

GH ok issa, dan l-affidavit, inti qatt kellek kopja tiegħu?

JC: kelli kopja tiegħu

GH: u naturalment kellu kopja ukoll in-nutar

JC: naħseb, li għamel kopja żgur, għax hu qalli li sejjer lil Prim, għand il-Prim u bih

GH: voldieri l-unika żewġ persuni li kellhom kopja ta’ dan l-affidavit

JC: jien u

GH: f’dik l-okkażjoni imbagħad kemm saru kopji wara ma tistax tgħid…

JC: jien u…

GH: pero f’dik l-okkażoni kellek kopja inti u kopja n-nutar.

JC: iva

GH: u, ir-raġuni għalfejn għamilt l-affidavit, biex in-Nutar jista’ jmur biha għand…

JC: eżatt

GH: il-Prim Ministru

JC: għalhekk għamiltu, għal dak l-iskop biss, għalxejn iktar u baqa' jgħidli li "dan minn taħt idejja ma joħroġ qatt", "daka jibqa' għandi" u dan…

GH: Voldieri inti taħlef illi lill-gazzetti ma tajtulhomx…

JC: 100%, jiena, jiena mhux…

GH: lili ma tajtunix

JC: mhux naħlef li, jiena bil-prova….

GH: jiena m'għandix fil-pussess tiegħi, għandi bżonnha u m'għandix kopja tagħha…

JC: no m'għandekx, m'għandekx, jiena ma tajtek qatt kopja u bil-prova li jiena żgur ma tajt l-ebda gazzetta, għax kieku Ivan Martin ma kienx jibgħatli dik il-lista u jsaqsini dawk id-domandi kollha għax kieku għandu kopja, ma kellux għalfejn joqgħod isaqsini, u jien nibgħatlu lura "isma, jien m'għandix kummenti x'intik". Iġġifieri mingħandi żgur li ma ħarġitx

GH: mm. ok. Voldieri safejn taf inti, m'hemm ħadd iktar li jista' jkollu kopja tiegħu dan,

JC: Le

GH: min-naħa tiegħek.

JC: Min-naħa tiegħi ħadd. Jiena lanqas lil Dr Lofaro m'għidt.

GH: voldieri Dr Lofaro qas…

JC: Ma kienx jafx… u imbagħad ma nafx kif sar jaf, ma nafx kif sar jaf, għax ma qallix. Hu kien ċempilli d-dar, f'xi l-ħamsa ta filgħaxija, qalli "int għamilt affidavit għand Ian Castaldi Paris?" għidtlu "iva". Qalli "ġejj' issa għandek id-dar", għidtlu "għalfejn?", qalli "għax irrid narah". Għidtlu "orrajt ejja u". Qalli… u ried ikun jaf hux jekk hux imsemmi hu, għidtlu iva, għax jiena tajtu l-istorja kollha, u sakemm ġie id-dar qbadt u qattajtu jiena, qattajtu għax għidt ġej it-trouble żgur. Qattajtu, u ġie d-dar u qalli, qalli qalli ħalli narah, għidtlu "jien qattajtu" u ħriġt fit-terazzin u armejtu.

GH: ok. Ok. Alright. Mela….

JC: dik hija l-….

GH: dawn issa… nistgħu niktbu two liner

JC: dik hija l-istorja kif daħal Ian Castaldi Paris fiha l-ħaġa

GH: sewwa, mela jien ħa diddraftjalek żewġ linji fejn tgħid li tillibera lil Ian Castaldi Paris mis-sigriet professjonali u li huwa liberu jitkellem fuq dak l-affidavit

JC: ok

GH: ok? Naħseb daqshekk hux hekk? Ħaġa waħda biss, voldieri minn dak li kien hemm allegat fil-gazzetta, prinċipalment dwar dan il-fatt ta'….

JC: kien hemm xi żbalji ta, ta' ammonti per eżempju ma jaqblux

GH: mm, mm, pero jiena li jinteressani prinċipalment huwa, l-konversazzjoni illi jingħad illi inti kellek mal-Onorevoli Cutajar fejn qed tgħid li qaltlek illi l-flus kollox sew għax għoddiethom ma' missierha.

JC: jiena saqsejtha, jien saqsejtha, għidtilha "Rosianne, sibt, sibt kollox sew?" u għidtilha "għoddejthom?" qalet "iva għoddejthom, għoddejnihom jiena u l-papa' "

GH: ok, dak kemm wara il-….

JC: wara ftit, li jien tajthomlha, kemm jista' jkun għaddew, 2, 3 days?

GH: mmm. U inti kont semmejtli voldieri biex inkun ċert, illi l-flus kont tajthom f'żewġ okkażonijiet, parti kont tajthom lil Charles Farrugia, Cordina,

JC: eżatt

GH: u parti tajthom lil Rosianne Cutajar, ir-ristorant tal-Marsamxett

JC: eżatt, eżatt, hekk hu

GH: ċert minnha, li f'żewġ okkażjonijiet mhux okkażjoni waħda?

JC: mingħalija f'żewġ okkażjonijiet kienu…imma m'hinix 100% għax issa għadda, għadda, għadda daqxejn żmien,

GH: ehe imma…

JC: iġġifieri ma nafx jekk hux on the same day jew le

GH: on the same day…imma xorta voldieri…imma xorta parti l-Cordina u parti…

JC: le le le dak żgur, iġġifieri jiena tajt €46,500 lil Charles Farrugia għand Cordina u qalli li sejjer bihom il-BOV ħa jiddepożithom ġo safe deposit box Republic Street BOV, żgur dik minnha u imbagħad id-…darb'oħra ma nafx jekk hux l-istess ġurnata jew jew daqxejn wara, kien, konna ltqajna Old Bakery Street, jiena, Rosianne u Charles Farrugia, nistennew id-driver tagħha, dħalna fil-karozza, morna Marsamxett u tajtha l-flus hemmhekk.

GH: bid-driver tagħha

JC: ehe

GH: u meta mortu l-Imdina biex taraw il-propjeta'…

JC: ehe

GH: er…hi kienet ġiet bil-karozza ma' Charles Farrugia, pero bid-driver jew saqet hi?

JC: iva, bid-driver.

GH: bid-driver

JC: bid-driver

GH: u d-driver baqa', barra

JC: baqa' barra, baqa' barra l-gate

GH: ok. Hemm xi ħaġ'oħra? Mmm. Ok. Nieqfu hawn

JC: grazzi

[second recording]

JC: nixtieq inżid xi ħaġa, oħra, fejn meta ġie Dr Pierre Lofaro għandi d-dar, ikkonfermali, dak il-kliem li qal Dr Pierre Lofaro fuq it-telefown lil, lil Ian Castaldi Paris, li, li, erm, li qisu xi tifel żgħir u ma qalax biżżejjed u affarijiet hekk

GH: ah voldieri, meta Dr Lofaro ġie id-dar tiegħek, ikkonfermalek il-kliem li n-Nutar Castaldi Paris kien qallek

JC: iva, li, li li Castaldi Paris qalli x'qallu Pierre

**TMIEM**

*************

Illum 2 ta' Marzu 2021

Jiena hawn taħt iffirmat Joseph Camilleri detentur ta' karta tal-identita numru [redacted] formalment nirrilaxxja lin-Nutar l-Onorevoli Ian Castaldi Paris minn kwalsiasi obbligu ta' sigriet professjonali in konnessjoni mal-affidavit li jien ħlift quddiemu u ċ-ċirkostanzi li wasslu għal tali affidavit u dak li ġara wara dwar senserija mħallsa lill-Onorevoli Rosianne Cutajar u s-Sur Charles Farrugia dwar konvenju dwar dar l-Imdina.

Joseph Camilleri
[redacted]

Xhud tal-firma

Charles Polidano

# 2. Dokumenti - Dr Pierre Lofaro

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

22 ta' Diċembru 2020

Dr Pierre Lofaro
Ditta Legali Lofaro u Tanti Dougall
91A/1 Triq l-Arċisqof
Il-Belt Valletta VLT 1446

Dr Lofaro

**Talba għal dokumenti u informazzjoni skont l-artikolu 19 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika**

L-uffiċċju tiegħi irċieva ilment marbut ma' dak allegat f'żewġ artikoli li dehru fil-midja, u li qed nehmeż ma' dina l-ittra, fejn ġie indikat li inti kont id-direttur ta' Green Eyes Limited (C41992). Qed nehmeż ukoll *post* fuq Facebook tal-Onor Rosianne Cutajar b'reazzjoni għall-artikoli in kwistjoni. Inti mitlub tirrispondi għas-segwenti domandi in kwantu taf il-fatti personalment. Inti mitlub ukoll tindika jekk hemmx skorrettezzi f'dak allegat fl-imsemmi artikoli u fir-risposta tal-Onor Cutajar.

Inti mitlub twieġeb bil-miktub għad-domandi li ġejjin, safejn għandek l-informazzjoni li qed tintalab:

(1) Min kien preżenti ghal-konvenju li sar bejn Green Eyes Ltd u Yorgen Fenech, u f'liema kapaċità kien preżenti?

(2) Kif sar il-kuntatt bejn il-kumpanija u Yorgen Fenech?

(3) X'kien ir-rwol u l-involviment ta' Rosianne Cutajar?

(4) X'kien ir-rwol u l-involviment ta' Charles Farrugia?

(5) Huwa minnu li tħallset is-senserija? Jekk fl-affermattiv,

- i. Lil min?
- ii. Kemm kien l-ammont?
- iii. Meta tħallset is-senserija?
- iv. Is-senserija tħallset bi flus kontanti, ċekk jew bank transfer?
- v. Jeżistu xi irċevuti?
- vi. Hemm xhieda jew evidenza oħra tal-pagament?
- vii. Fejn sar il-pagament?

(6) Kemm-il darba ltqajt ma' Rosianne Cutajar? Fejn? U min kien preżenti?

(7) Huwa minnu li l-kumpanija qed tippretendi rifużjoni tas-senserija minnha?

(8) X'laqgħat kellek inti personalment ma' Rosianne Cutajar wara li skada l-konvenju ma' Yorgen Fenech? U jekk iva, kemm-il darba u fejn?

(9) Kif sar il-kuntatt bejn il-kumpanija u Ray Fenech?

(10) X'kienu ċ-ċirkostanzi tas-self minn Ray Fenech lill-kumpanija, in kwantu kellha x'taqsam Rosianne Cutajar u/jew Charles Farrugia?

Inti mitlub ukoll tfornini b'dawn id-dokumenti, safejn huma fil-pussess tiegħek:

(1) kopja tal-konvenju li permezz tiegħu il-kumpanija Green Eyes Limited kellha takkwista l-propjetà in kwistjoni;

(2) kopja tal-kuntratt li permezz tiegħu il-kumpanija eventwalment akkwistat il-propjetà in kwistjoni;

(3) kopja tal-konvenju ma' Yorgen Fenech;

(4) kopji ta' kwalsiasi estensjonijiet tal-konvenji relattivi;

(5) kopja tal-kuntratt ta' bejgħ tal-istess propjetà lil Ray Fenech jew lil xi kumpanija ta' Tumas Group;

(6) kopji ta' rċevuti, deposit slips jew dokumenti oħra marbuta mal-allegat ħlas ta' senserija lill-Onor Rosianne Cutajar u/jew lis-Sur Charles Farrugia;

(7) kopji ta' atti ġudizzjarji li setgħu ġew ippreżentati in konnessjoni mal-allegat ħlas ta' senserija lill-Onor Rosianne Cutajar u/jew lis-Sur Charles Farrugia;

(8) kopji ta' ittri bonarji li ntbagħtu f'isem il-kumpanija jew li rċeviet hi dwar l-allegat ħlas ta' senserija lill-Onor Rosianne Cutajar u/jew lis-Sur Charles Farrugia; u

(9) kopji ta' kwalsiasi korrispondenza oħra, inkluż emails, li hija b'xi mod relatata mal-istess ħlas ta' senserija.

Din it-talba għal dokumentazzjoni u tagħrif qed issir bis-saħħa tas-setgħat li jagħtini l-artikolu 19(1) tal-Kap 570. Għandi ngħarrfek li tista' eventwalment tintalab tikkonferma r-risposti tiegħek bil-ġurament.

Inti mitlub twieġeb sa nhar it-**Tlieta 5 ta' Jannar 2021**.

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Lofaro & Simiana
Advocates
Pierre Lofaro LL.D. • Mark Simiana LL.D. • Gerald Bonello L.P.

91A/1, Archbishop Street,
Valletta VLT 1446 - Malta
Tel: (356) 2122 7800
Fax: (356) 2123 1710
e-mail: l&td@onvol.net

**B/PL/2**

4 ta' Jannar 2021

Dr. George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika,
11, Triq San Pawl,
Valletta VLT 1210

Dr. Hyzler,

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata 22 ta' Diċembru 2020 u nwieġeb billi l-ewwel nirrispondi d-domandi tiegħek *seriatim*, imbagħad ngħaddi għad-dokumenti illi inti tlabt u fl-aħħar nindika l-iskorrettezzi f'dak allegat fl-artikoli illi inti annettejt ma' l-ittra tiegħek.

**Domandi**

(1) *Min kien preżenti għall-konvenju li sar bejn Green Eyes Ltd u Yorgen Fenech, u f'liema kapaċità kien preżenti?*

<u>Risposta:</u>

(i) Jiena – fil-kwalità tiegħi ta' avukat, uniku direttur ta' Green Eyes Limited u uniku rappreżentant legali tagħha;

(ii) Joseph Camilleri – fil-kwalità tiegħu ta' *ultimate beneficial owner* ta' Green Eyes Limited u l-persuna li tieħu d-deċiżjonijiet kollha rigwardanti n-negozju tal-istess kumpannija;

(iii) Yorgen Fenech – il-kompratur prospettiv. Kien dak il-ħin li sirt naf illi ried jixtri l-proprjetà ta' l-Mdina personalment u mhux f'isem ta' xi kumpannija;

(iv) Carmelo Farrugia – is-sensar, ħabib kbir ta' Rosianne Cutajar u li waqt il-qari tal-konvenju qal li Rosianne Cutajar kienet sejra taqsam is-senserija miegħu; u

(v) In-Nutar Mario Bugeja – in-nutar magħżul minn Yorgen Fenech sabiex jassistih waqt il-konvenju, jirreġistra l-konvenju mal-Kummissarju tat-Taxxi u eventwalment jippubblika l-kuntratt finali.

(2) *Kif sar il-kuntatt bejn il-kumpannija u Yorgen Fenech?*

Risposta:

Skont dejjem kif qalli Joseph Camilleri, għaliex in-negozju tal-kumpannija kien hu li dejjem mexxieħ, il-kuntatt sar billi Joseph Camilleri qal lil Carmelo Farrugia li kellu dar għall-bejgħ l-Mdina, Carmelo Farrugia qal b'dan lil Rosianne Cutajar u huma t-tnejn laqqgħu lil Joseph Camilleri ma' Yorgen Fenech.

(3) *X'kien ir-rwol u l-involviment ta' Rosianne Cutajar?*

Risposta:

Skont dejjem kif qalli Joseph Camilleri, Rosianne Cutajar kienet is-sensara flimkien ma' Carmelo Farrugia.

Oltre dan naf dawn il-fatti personalment:

(i) Fl-abbozz tal-konvenju, ppreparat minni fuq struzzjonijiet preċiżi ta' Joseph Camilleri, s-senserija kellha titħallas kif ġej: '*Brokerage fees, inclusive of VAT, amounting to four per cent (4%) on three million one hundred thousand euro shall be paid as to three per cent (3%) by the Vendor and as to one per cent (1%) by the Purchasers*'. Skont Joseph Camilleri, it-tlieta fil-mija (3%) senserija li kellha tħallas Green Eyes Limited kellhom jitħallsu lil Carmelo Farrugia u Rosianne Cutajar. Meta ltqajna f'Portomaso Towers fl-14 ta' Mejju 2019 sabiex jiġi ffirmat il-konvenju u n-nutar qara l-abbozz ippreparat minni, Carmelo Farrugia qal li peress illi kemm hu u kif ukoll Rosianne Cutajar kienu s-sensara kien ikun aħjar li jitniżżel li m'hemmx senserija. Farrugia qal li kellu fiduċja fil-partijiet li jonoraw l-obbligu tagħhom li jħallsu s-senserija lilu u lil Rosianne Cutajar. Għalhekk in-nutar, fuq struzzjonijiet ta' Yorgen Fenech u ta' Joseph Camilleri, ikkanċella l-klawsola fuq imsemmija u ssostitwiha bis-sentenza '*No brokerage fees are due*'.

(ii) Wara li l-konvenju waqa', Joseph Camilleri qalli li kien ħallas is-senserija lil Rosianne Cutajar u lil Carmelo Farrugia. Beda jinsisti li jirritornawlu l-flus li ħallashom. Matul ix-xhur li segwew, iltqajt b'kumbinazzjoni ma' Carmelo Farrugia diversi drabi miexi ġo Strada Rjali. Kull darba li rajtu kont ngħidlu sabiex huwa u Rosianne Cutajar jirritornaw is-senserija lil Joseph Camilleri. Huwa kien iweġibni li l-flus li ħa hu kien bgħathom għand ħuh l-Amerka filwaqt illi Rosianne Cutajar kienet xtrat xi proprjetà. Dan id-diskors kien ripetut minnu

fl-ufficċju tiegħi quddiem Joseph Camilleri meta darba kont laqqajthom flimkien sabiex nipprova nsolvi l-kwistjoni amikevolment.

(iii) F'wieħed mill-inkontri illi jien kelli ma' Carmelo Farrugia ġo Strada Rjali, dan qalli illi huwa u Rosianne Cutajar kienu ħadu parir mingħand avukat dwar l-ittra tiegħi lilhom tad-9 ta' Lulju 2020 u li dan l-avukat kien qalilhom li Joseph Camilleri ma kellux dritt jitlob lura l-flus li tahom in linea ta' senserija.

*(4) X'kien ir-rwol u l-involviment ta' Charles Farrugia?*

Risposta:

Nippreċiża li l-isem proprju tas-Sur Farrugia huwa Carmelo u mhux Charles. Huwa magħruf bħala Charlie t-Tikka. L-involviment tiegħu kien kif spjegajt fir-risposti preċedenti. Fl-inkontri kollha illi jiena kelli miegħu dejjem tagħni x'nifhem illi huwa kien qiegħed jidher/jitkellem għal Rosianne Cutajar ukoll.

*(5) Huwa minnu li tħallset is-senserija? Jekk fl-affermattiv,*

*i. Lil min?*
*ii. Kemm kien l-ammont?*
*iii. Meta tħallset is-senserija?*
*iv. Is-senserija tħallset bi flus kontanti, ċekk jew bank transfer?*
*v. Jeżistu xi irċevuti?*
*vi. Hemm xhieda jew evidenza oħra tal-pagament?*
*vii. Fejn sar il-pagament?*

Skont dejjem kif qalli Joseph Camilleri, u dan qaluli wara li l-konvenju waqa', huwa ħallas lil Rosianne Cutajar u lil Carmelo Farrugia 3% ta' €3,100,000, u cioè €93,000, fi flus kontanti. Skont Joseph Camilleri din is-somma tħallset fi żmien meta l-konvenju kien għadu in vigore. Xi ġranet wara li ġew ippubblikati l-artikoli fil-ġurnali, Joseph Camilleri qalli, wara li staqsejtu speċifikament, li l-ħlas kien sar ftit ġranet wara li kien ġie ffirmat il-konvenju. Skont ma qalli ukoll Joseph Camilleri, ma jeżistux irċevuti. Huwa qalli ukoll li ħallas lil Carmelo Farrugia s-sehem tiegħu tas-senserija (€46,500) f'Caffé Cordina filwaqt li ħallas lil Rosianne Cutajar sehemha (€46,500) ġo xi *restaurant* il-Belt.

Dwar xhieda jew evidenza oħra, Joseph Camilleri qalli li għandu *text messages* ma' Carmelo Farrugia u hemm ukoll diskors telefoniku rrekordjat bejnu u bejn Carmelo Farrugia.

Oltre dan, f'kull inkontru illi jiena kelli ma' Carmelo Farrugia dwar is-senserija meta kont narah jippassiġġa ġo Strada Rjali kif ukoll fl-inkontru miegħu li semmejt fl-uffficċju tiegħi, hu qatt ma caħad li kemm hu kif ukoll Rosianne Cutajar ħadu s-senserija. Huwa

dejjem kien konsistenti fi kliemu u cioè li l-flus li ħa hu bagħthom għand ħuh l-Amerka filwaqt li Rosianne Cutajar xtrat xi proprjetà.

(6) *Kemm-il darba ltqajt ma' Rosianne Cutajar? Fejn? U min kien preżenti?*

Risposta:

Sa fejn niftakar, iltqajt magħha darba Caffé Cordina. Dan kien fi żmien meta il-konvenju kien għadu in vigore. L-inkontru ma kienx ippjanat. Kont ma' Joseph Camilleri u rajna lil Carmelo Farrugia u Rosianne Cutajar hemmhekk. Carmelo Farrugia stiedinna nieħdu café magħhom. Ma jidhirlix li sar dikors dwar il-konvenju dakinhar. Żgur li ma sar l-ebda diskors dwar senserija. Jiena sirt naf li Joseph Camilleri ħallas is-senserija wara li kien waqa' l-konvenju. Lil Rosianne Cutajar ma kellimthiex dakinhar hlief bonġu u saħħa għaliex kienet kważi l-ħin kollu qiegħda titkellem bil-*mobile*. L-inkontru ma damx iżjed minn kwarta/għoxrin minuta u kien interrott kontinwament minn persuni li ġew ikellemu lil xi wieħed minna.

(7) *Huwa minnu li l-kumpannija qed tippretendi rifużjoni tas-senserija minnha?*

Risposta:

Joseph Camilleri qiegħed jippretendi €45,000 mingħand Carmelo Farrugia u €45,000 mingħand Rosianne Cutajar. Dan stante illi, meta fil-15 ta' Ottubru 2019 Joseph Camilleri ssellef €1,200,000 mingħand Tumas Group Company Limited sabiex jixtri d-dar ta' l-Mdina, Ray Fenech insista li l-prezz jiġi ridott għal €3,000,000. Skont Joseph Camilleri, minħabba din ir-riduzzjoni fil-prezz u dejjem qabel ma waqa' l-konvenju, Carmelo Farrugia u Rosianne Cutajra kienu rritornawlu parti żgħira mis-senserija.

(8) *X'laqgħat kellek inti personalment ma' Rosianne Cutajar wara li skada l-konvenju ma' Yorgen Fenech? U jekk iva, kemm-il darba u fejn?*

Risposta:

Qatt ma ltqajt ma' Rosianne Cutajar wara li waqa' l-konvenju ma' Yorgen Fenech.

(9) *Kif sar il-kuntatt bejn il-kumpannija u Ray Fenech?*

Risposta:

Dan sar tramite n-Nutar Mario Bugeja. Naf personalment illi n-Nutar Mario Bugeja jagħmel ħafna xogħol għal Tumas Group.

(10) *X'kienu ċ-ċirkostanzi tas-self minn Ray Fenech lill-kumpannija, in kwantu kellha x'taqsam Rosianne Cutajar u/jew Charles Farrugia?*

Risposta:

Il-konvenju bejn Joseph Camilleri u l-vendituri tad-dar ta' l-Mdina kien sejjer jiskadi f'Novembru 2019 u Joseph Camilleri qal li ma kellux flus biżżejjed biex jixtriha. Billi hu kien neħħa din il-proprjetà mis-suq f'Mejju 2019 u billi Yorgen Fenech ried jixtriha, Tumas Group Company Limited, tramite Ray Fenech, interveniet biex issalva l-konvenju bejn Yorgen Fenech u Green Eyes Limited. Dan l-intervent sar billi, fil-15 ta' Ottubru 2019, Tumas Group Company Limited silfet lil Green Eyes Limited is-somma ta' €1,200,000 sabiex din tkun tista' tixtri l-proprjetà. Jiena dejjem fhimt li dan l-intervent seħħ fuq talba ta' Yorgen Fenech lil zijuh, imma dan ma nafux di xjenza proprja għax jien ma kontx nindaħal fin-negozju. Ir-rwol tiegħi kien dejjem relatat mal-professjoni tiegħi ta' avukat.

La Rosianne Cutajar u lanqas Carmelo Farrugia ma kellhom x'jaqsmu ma dan is-self; ħlief li wara li sar dan is-self u dejjem waqt li l-konvenju tal-14 ta' Mejju 2019 kien għadu fis-seħħ u dejjem skont Joseph Camilleri, huma rritornawlu parti zgħira mis-senserija u dan għaliex, bħala kondizzjoni tas-self, il-prezz ġie ridott minn €3,100,000 għal €3,000,000.

**Dokumenti mitluba**

(1) *Kopja tal-konvenju li permezz tiegħu l-kumpannija Green Eyes Limited kellha takkwista l-proprjetà in kwistjoni.* Qiegħed nannetti kopja li qiegħda tiġi markata bl-ittra **A**.

(2) *Kopja tal-kuntratt li permezz tiegħu l-kumpannija eventwalment akkwistat il-proprjetà in kwistjoni.* Qiegħed nannetti kopja li qiegħda tiġi markata bl-ittra **B**.

(3) *Kopja tal-konvenju ma' Yorgen Fenech.* Qiegħed nannetti kopja li qiegħda tiġi markata bl-ittra **C**. Il-konvenju ppreparajtu jien skont l-istruzzjonijiet preċiżi mogħtija lili minn Joseph Camilleri u li skont hu kienu qablu dwarhom hu u Yorgen Fenech. L-emendi, inkluż l-isem tax-xerrej, saru min-Nutar Mario Bugeja bil-kaligrafija tiegħu waqt li kien qiegħed jaqra l-konvenju u skont kif ftehemu dak il-ħin Yorgen Fenech, Joseph Camilleri u Carmelo Farrugia.

(4) *Kopji ta' kwalisjasi estensjoni tal-konvenji relattivi.* Il-konvenju bejn il-vendituri tad-dar lil Green Eyes Limited qatt ma kellu bżonn jiġi estiż. Il-konvenju bejn Yorgen Fenech u Green Eyes Limited ġie estiż diversi drabi. M'għandix id-dokumenti kollha. Qiegħed nannetti l-erba' dokumenti li għandi u li qiegħed nimmarkom '**D1**', '**D2**', '**D3**' u '**D4**'.

(5) *Kopja tal-kuntratt ta' bejgħ tal-istess proprjetà lil Ray Fenech jew lil xi kumpannija ta' Tumas Group*. Qiegħed nannetti kopja li qiegħda tiġi markata bl-ittra **E.**

(6) *Kopji ta' rċevuti, deposit slips jew dokumenti oħra marbuta mal-allegat ħlas ta' senserija lill-Onor. Rosianne Cutajar u/jew lis-Sur Charles Farrugia*. M'għandix. Skont ma dejjem qalli Joseph Camilleri huwa ħallashom bi flus kontanti u ma ngħatax riċevuta.

(7) *Kopji ta' atti ġudizzjarji li setgħu ġew ippreżentati in konnessjoni mal-allegat ħlas ta' senserija lill-Onor. Rosianne Cutajar u/jew lis-Sur Charles Farrugia*. Ma ġew ippreżentati ebda atti ġudizzjarji kontrihom in konnessjoni mal-allegat ħlas ta' senserija.

(8) *Kopji ta' ittri bonarji li ntbaghtu f'isem il-kumpannija jew li rċeviet hi dwar l-allegat ħlas ta senserija lil-Onor. Rosianne Cutajar u/jew lis-Sur Charles Farrugia.* L-unika ittra li ntbaghtet kienet dik tad-9 ta' Lulju 2020. Qiegħed nannetti kopja tagħha u li qiegħda tiġi markata bl-ittra **F**. Din inbagħtet minni lil Rosianne Cutajar u Carmelo Farrugia għan-nom ta' Joseph Camilleri. Ma rċevejtx risposta għaliha, la mingħand Rosianne Cutajar, la mingħand Carmelo Farrugia u lanqas mingħand xi ħadd ieħor għan-nom tagħhom. F'wieħed mill-inkontri li kelli ma Carmelo Farrugia huwa qalli li hu u Rosianne Cutajar kienu rċevew din l-ittra, kellmu avukat u ingħataw il-parir li Joseph Camilleri m'għandux dritt jieħu lura l-flus li kien tahom.

(9) *Kopji ta' kwalsijasi korrispondenza oħra, inkluż emails, li hija b'xi mod relatata mal-istess ħlas ta' senserija*. M'għandix. La bgħatt u lanqas irċevejt.

Għalkemm ma gejtx mitlub u għall-fini ta' kompletezza, qiegħed nannetti u nimmarka bl-ittra **G** kopja tal-kuntratt ta' self minn Tumas Group Company Limited lil Green Eyes Limited.

Qiegħed nannetti ukoll u nimmarka bl-ittra **H** kopja tad-dokument li juri li, fl-istess ġurnata li ngħata l-imsemmi self, il-prezz ġie ridott minn €3,100,000 għal €3,000,000. Jiddispjaċini illi m'għandiex kopja aħjar tiegħu.

**Artikolu Times of Malta – fatti li naf personalment illi ma jaqblux mal-kontenut tal-artikolu**

1. Rosianne Cutajar qiegħda tiġi mitluba tirrifondi €45,000 u mhux aktar minn €46,000; dan kif spjegajt aktar il fuq.

   L-ittra datata 6 ta' Ottubru 2020 allegatament mibgħuta lili minn Dr. Edward Gatt għan-nom ta' Rosianne Cutajar ma rċevejtix. Ninnota li l-indirizz hu ħażin. L-indirizz ta' l-uffiċċju tiegħi hu 91A/1, Triq l-Arċisqof, Valletta u mhux 91 Apt Nru 1 Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta.

2. Ma kienx hemm żewġ ittri bonarji – waħda lil Rosianne Cutajar u oħra lil Carmelo Farrugia. Kienet ittra waħda indirizzata lit-tnejn li huma fl-indirizzi personali u separati tagħhom. Carmelo Farrugia zgur irċeva din l-ittra għaliex qalli li hu u Rosianne Cutajar kienu marru jkellmu avukat dwarha kif spjegajt aktar il fuq.

3. Fir-rigward tas-sentenza '*Times of Malta is informed that Fenech paid €300,000 to the property owner as part of the terms of the promise of sale agreement*', ngħid li jekk bil-kliem '*property owner*' l-artikolist qiegħed jirreferi għalija, jiena niċħad bl-aktar mod kategoriku li l-flus ngħataw lili. Jien fl-ebda ħin ma ġejt offrut u fl-ebda ħin ma aċċettajt u/jew irċevejt is-somma €300,000 jew xi parti minnha u/jew xi somma oħra fi flus kontanti jew b'xi mod ieħor. Nagħmilha ċara li l-pagament ma sarx fil-preżenza tiegħi.

4. Jien ma noperax Green Eyes Limited. Kull deċiżjoni dwar negozju kienet tittieħed minn Joseph Camilleri.

*5.* Għar-rigward il-frasi '*Lofaro had taken the matter to the courts on behalf of his client*', ngħid li din kienet ittra uffiċċjali li kont bgħatt għan-nom ta' Green Eyes Limited lil Yorgen Fenech f'Ottubru 2019 sabiex jaddivjeni għall-kuntratt finali u dan billi estensjoni tal-konvenju kienet sejra tiskadi.

*6.* Is-self mingħand Tumas Group Company Limited sar fil-15 ta' Ottubru 2019 u mhux wara li waqa' l-konvenju; dan kif spjegajt aktar il fuq.

*7.* Il-proprjetà ġiet mibjugħa lil Easysell Properties Limited fis-27 ta' Novembru 2020 u mhux '*a short while later*'.

**Artikolu Malta Today – fatti li naf personalment illi ma jaqblux mal-kontenut tal-artikolu**

Nibda billi ngħid li kemm jista jkun minix sejjer nerġa nikkoreġi skorrettezzi li diġà weġibt għalihom fir-rigward tal-artikolu tat-Times u li ġew ripetuti fl-artikolu tal-Malta Today.

1. Kif ġja spjegajt l-ammont li qiegħed jitlob Joseph Camilleri mingħand Rosianne Cutajar mhuwiex €50,000.

2. Jien m'għandiex żewġ Fiduciary Companies. Ma nopera l-ebda fiduciary company. Ghandi shares f'waħda biss u cioè f'L&td Fiduciaries Limited li mhijix il-fiduciary company ta' Green Eyes Limited; dan kif wieħed jista' faċilment jivverifika mir-reġistru

tal-kumpanniji. Il-fiduciary company ta' Green Eyes Limited hija Finaserv Consultancy Limited.

3. L-unika ittra li bgħatt in konnessjoni mas-senserija kienet dik tad-9 ta' Lulju 2020.

4. Il-laqgħa tal-14 ta' Mejju 2019 kienet waħda ferm kordjali. Kollox sar f'inqas minn tletin minuta. In-Nutar Mario Bugeja sempliċiment qara l-konvenju li kont abbozzajt jien u saru l-emendi minnu bil-kaligrafija tiegħu kif jidher fil-kopja annessa. Hekk kif iffirmajt il-konvenju fl-14 ta' Mejju 2020 dort fuq Joseph Camilleri u staqsejtu dwar id-depożitu. Hu weġibni li Yorgen Fenech kien ġja ħallsu.

5. Jien qatt ma kelli xi kuntatt ma xi avukat ta' Rosianne Cutajar u/jew Carmelo Farrugia dwar is-senserija u/jew dwar kwalunkwe ħaġa oħra.

6. Jien ma nstallajtx lil Sarah Camilleri bħala direttur ta' Green Eyes Limited. Joseph Camilleri għażilha hu. Sarah Camilleri hija bintu.

**Id-dikjarazzjoni ta' Rosianne Cutajar u l-allegata ittra tas-6 ta' Ottubru 2020.**

Diġà għidt dak li kelli xi ngħid dwar il-kontenut tad-dikjarazzjoni ta' Rosianne Cutajar u tal-ittra tas-6 ta' Ottubru 2020 aktar il fuq.

**L-aħħar rimarki dwar l-artikoli annessi ma' l-Ittra tiegħek**

M'għamilt l-ebda aċċenn għal skorettezzi li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' l-investigazzjonijiet tiegħek. Hekk, per eżempju, għar-riferenza fl-artikolu tal-Malta Today għal Porto Notos Limited.

Fl-aħħarnet, ninfurmak illi jien lest li nikkonferma dak kollu li għidt bil-ġurament.

Dr. Pierre Lofaro

B/PL/3

Commissioner for Standards in Public Life

Office Note

The Commissioner spoke to Dr Pierre Lofaro on the phone on 1 March 2021 in the morning in my presence. Part of the conversation was on speaker phone.

The Commissioner asked Dr Lofaro about the report published early this morning by the Times of Malta stating that, according to an affidavit allegedly (but not actually) in the Commissioner's possession, Rosianne Cutajar told Joe Camilleri that she had counted the property brokerage fee of €46,500 which Mr Camilleri had given to her.

Dr Lofaro stated that this was true but when Joe Camilleri was drawing up his statement to the Commissioner in consultation with Dr Lofaro, they decided that this fact did not merit being mentioned. Mr Camilleri met Rosianne Cutajar on a number of occasions at Cafe Cordina together with Charles Farrugia "Il-Tikka".

[signature]

1/3/21

**ĠABRA TA' EVIDENZA – IT-TIENI VOLUM**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/032 |
| **Ilment:** | Allegazzjoni ta' nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' dħul fid-Dikjarazzjoni tal-Assi tal-Ministri u Segretarji Parlamentari |
| **Ilmentatur:** | Prof Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 20 ta' Diċembru 2020 |
| **Data ta' Dan Id-Dokument:** | 2 ta' Lulju 2021 |

## 1. Dokumenti – Carmelo Farrugia

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Ittra lis-Sur Carmelo Farrugia mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata s-7 ta' Jannar 2021 | B/CF/1 |
| Stqarrija bil-miktub ta' Carmelo Farrugia datata s-17 ta' Jannar 2021 | B/CF/2 |
| Kopja ta' ittra bonarja mibgħuta lill-Onor. Rosianne Cutajar u lis-Sur Carmel Farrugia f'isem Joseph Camilleri fid-9 ta' Lulju 2020 | B/CF/2a |
| Ittra lis-Sur Carmelo Farrugia mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata l-1 Frar 2021 | B/CF/3 |
| Stqarrija bil-miktub ta' Carmelo Farrugia datata l-5 ta' Frar 2021 | B/CF/4 |
| Ittra lis-Sur Carmelo Farrugia mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata l-15 ta' Frar 2021 | B/CF/5 |
| Traskrizzjoni ta' laqgħa li saret ma' Carmelo Farrugia fid-19 ta' Frar 2021 | B/CF/6 |
| Ittra mingħand Carmelo Farrugia rigward telefonata li rċieva mingħand l-awditur ta' Joseph Camilleri, datata l-24 ta' Frar 2021 | B/CF/7 |
| Ittra lis-Sur Carmelo Farrugia mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata t-8 ta' Marzu 2021 | B/CF/8 |
| Traskrizzjoni ta' laqgħa li saret ma' Carmelo Farrugia fil-11 ta' Marzu 2021 | B/CF/9 |

## 2. Dokumenti – L-Onor. Ian Castaldi Paris

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Ittra lill-Onor. Ian Castaldi Paris mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata l-24 ta' Frar 2021 | B/ICP/1 |
| Email mibgħuta mill-uffiċċju tal-Onor. Castaldi Paris li tikkonferma l-laqgħa proposta, datata s-26 ta' Frar 2021 | B/ICP/2 |
| Traskrizzjoni ta' laqgħa li saret mal-Onor. Castaldi Paris fl-1 ta' Marzu 2021 | B/ICP/3 |
| Traskrizzjoni ta' laqgħa li saret mal-Onor. Castaldi Paris fit-2 ta' Marzu 2021 | B/ICP/4 |

## 3. Dokumenti – L-Onor. Rosianne Cutajar

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Ittra lill-Onor. Rosianne Cutajar mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata l-24 ta' Frar 2021 | B/RC/1 |
| Traskrizzjoni ta' laqgħa li saret mal-Onor. Rosianne Cutajar fil-5 ta' Marzu 2021 | B/RC/2 |
| Record ta' laqgħa li saret mal-Onor. Rosianne Cutajar fl-uffiċju tal-Kummissarju fit-23 t'April 2021 | B/RC/3 |
| Nota ġuramentata tal-Onor. Rosianne Cutajar datata t-23 t'April 2021 | B/RC/4 |
| Sommarju ta' laqgħa mal-Onor. Rosianne Cutajar, li saret fil-21 ta' Ġunju 2021 | B/RC/5 |
| Sommarju tax-xhieda tas-Sur George Cutajar, fit-23 ta' Ġunju 2021 | B/RC/6 |
| Sommarju tax-xhieda tas-Sur Clive Azzopardi, fit-23 ta' Ġunju 2021 | B/RC/7 |
| Sommarju ta' laqgħa mal-Onor. Rosianne Cutajar, li saret fit-23 ta' Ġunju 2021 | B/RC/8 |

## 4. Dokumenti – Times of Malta

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Ittra lill-Kap Editur tat-Times of Malta, Herman Grech, mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika datata l-11 ta' Marzu 2021 | B/TOM/1 |
| Ittra lill-ġurnalist tat-Times of Malta, Ivan Martin, mingħand il-Kummissarju għall- Istandards fil-Ħajja Pubblika datata s-6 t'April 2021 | B/TOM/2 |
| Skambjament ta' emails mingħand l-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards u s-Sur Herman Grech u s-Sur Ivan Martin. | B/TOM/3 |

| | |
|---|---|
| Traskrizzjoni ta' laqgħa li saret mal-ġurnalist Ivan Martin fit-13 t'April 2021 | B/TOM/4 |
| Sommarju tal-affidavit magħmul minn Joseph Camilleri kif muri lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika mill-ġurnalist Ivan Martin fit-13 t'April 2021 | B/TOM/5 |

## 5. Dokumenti – Il-Kummissarju tal-Pulizija

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata s-17 ta' Marzu 2021 | B/KP/1 |
| Ittra lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija datata t-22 ta' Marzu 2021 | B/KP/2 |
| Ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards datata t-22 ta' Marzu 2021 | B/KP/3 |
| Ittra lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija datata t-23 ta' Marzu 2021 | B/KP/4 |

## 6. Dokumenti – Il-Qorti tal-Maġistrati

| *Dokument* | *DOK Nru:* |
|---|---|
| Rikors tal-Kummissarju għall-Istandards fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet "Il-Pulizija Eżekuttiva v Yorgen Fenech" | B/QM/1 |
| Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati fl-istess kumpilazzjoni, datat it-30 ta' Marzu 2021 | B/QM/2 |

# 1. Dokumenti - Carmelo Farrugia

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

7 ta' Jannar 2021

Is-Sur Carmel Farrugia
[redacted]

Sur Farrugia,

**Talba għal dokumenti u informazzjoni skont l-artikolu 19 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika**

L-uffiċċju tiegħi irċieva ilment marbut ma' dak allegat f'żewġ artikoli li dehru fil-midja, u li qed nehmeż ma' dina l-ittra, fejn inti ġejt indikat bħala sensar flimkien mal-Onor Rosianne Cutajar, f'negozju dwar propjetà l-Imdina.

Inti mitlub tindika jekk hemmx skorrettezzi f'dak allegat fl-imsemmi artikoli u tirrispondi għas-segwenti domandi, li huma mibnija fuq il-presuppost li l-allegazzjonijiet huma, fis-sustanza, korretti:

(1) Min kien preżenti għall-konvenju li sar bejn Green Eyes Ltd u Yorgen Fenech, u f'liema kapaċità kien/u preżenti?

(2) Kif sar il-kuntatt bejnek u Joseph Camilleri (sid benefiċjarju ta' Green Eyes Limited) u l-kuntatt ma' Yorgen Fenech?

(3) X'kien ir-rwol u l-involviment tal-Onor Rosianne Cutajar?

(4) Huwa minnu li tħallset senserija lilek u lill-Onor Rosianne Cutajar? Jekk fl-affermattiv,

  i. Minn min?
  ii. Kemm kien l-ammont?
  iii. Meta tħallset is-senserija?
  iv. Is-senserija tħallset bi flus kontanti, ċekk jew bank transfer?
  v. Jeżistu riċevuti?
  vi. Hemm xhieda jew evidenza oħra tal-pagament?
  vii. Fejn sar il-pagament jew pagamenti?
  viii. Fejn ġew depożitati l-flus li tħallsu lilek?
  ix. Taf x'għamlet b'sehemha mis-senserija l-Onor Rosianne Cutajar?

(5) Kemm-il darba ltqajt ma' Joseph Camilleri? Fejn? U min kien preżenti?

(6) Kemm-il darba ltqajt mal-Avukat Pierre Lofaro? Fejn? U min kien preżenti?

(7) Huwa minnu li Green Eyes Limited u/jew Joseph Camilleri qed jippretendu rifużjoni tas-senserija mħallsa lilek u lill-Onor Rosianne Cutajar?

(8) X'laqgħat kellek inti personalment jew kellhom rappreżentanti tiegħek ma' Joseph Camilleri u/jew Dr Pierre Lofaro wara li skada l-konvenju ma' Yorgen Fenech? U jekk iva, kemm-il darba u fejn?

(9) X'taf dwar in-negozju dwar il-propjetà l-Imdina mal-kumpanija rappreżentata minn Ray Fenech?

Inti mitlub ukoll tfornini b'dawn id-dokumenti:

(1) kopji ta' rċevuti, deposit slips jew dokumenti oħra marbuta mal-allegat ħlas ta' senserija lilek;

(2) kopji ta' atti ġudizzjarji li setgħu ġew ippreżentati in konnessjoni mal-allegat ħlas ta' senserija lilek;

(3) kopji ta' ittri bonarji li ntbagħtu f'isem Green Eyes Ltd dwar l-allegat ħlas ta' senserija lilek u lill-Onor Rosianne Cutajar; u

(4) kopji ta' kwalsiasi korrispondenza oħra, inkluż emails, li hija b'xi mod relatata mal-istess ħlas ta' senserija.

Din it-talba għal dokumentazzjoni u tagħrif qed issir bis-saħħa tas-setgħat li jagħtini l-artikolu 19(1) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-Kap 570 tal-liġijiet ta' Malta). Inti m'intix is-suġġett tal-investigazzjoni tiegħi u qed tintalab tipprovdi din l-informazzjoni bħala xhud.

Għandi ngħarrfek li tista' eventwalment tintalab tikkonferma r-risposti tiegħek bil-ġurament, u li nuqqas ta' koperazzjoni mingħandek tista' twassal għal pieni skont kif ipprovdut fl-istess Att.

Inti mitlub twieġeb sa nhar it-**Tlieta 19 ta' Jannar 2021**.

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

B/CF/2

17 ta' Jannar 2021

Dr George Marius Hyzler

Kummissarju ghall-Istandards fil-Hajja Pubblika

Sur Kummissarju,

Grazzi ta' l-ittra tieghek datata 7 ta' Jannar 2021 fejn tlabtni inwiegeb serje ta' domandi. Nibda biex nippreciza sa mill-ewwel li jiena gieli nagixxi ta' sensar izda sal-lum, QATT ma kien il-kaz li jien agixxejt ta' sensar flimkien ma l-Onor. Rosianne Cutajar.

Dwar dan l-episodju jien nixtieq nikkjarfika dan li gej:

1. Jien ilni naf lill-Onor. Rosianne Cutajar ghal diversi snin. Huwa fatt maghruf li qabel saret Segretarju Parlamentari f'Jannar 2020, konna inkunu fil-prezenza ta' xulxin, tista' tghid, kuljum, u ghal hafna hin matul il-gurnata. Dan peress li nghinha fix-xoghol politiku taghha.

2. F'April/Mejju 2019, jien ippruvajt nghaqqad negozju ta' dar fl-Imdina. Dan in-negozju kellu jsir bejn is-sur Joe Camilleri (il-bejjiegh) u is-sur Yorgen Fenech (ix-xerrej);

3. Wara ammont ta' diskussjonijiet u ntlahaq ftehim dwar il-prezz, sar il- konvenju bejn is-sur Joe Camilleri u is-sur Yorgen Fenech;

4. Ftit jiem wara l-konvenju, is-sur Camilleri ghaddieli somma fi flus kontanti;

5. Jiena dejjem fhimt li dik is-somma ghaddiet ghandi buona gratia ghaliex irnexxieli nghaqqad il-konvenju u allura inghatat lili indipendentement mill-kuntratt;

6. Ftit taz-zmien wara li sar dan il-konvenju, gie arrestat is-Sur Yorgen Fenech. Joe Camilleri beda jinkwieta li l-bejgh mhux se jsir. Minn naha tieghu Dr Lofaro wkoll kien inkwetat. Effettivament il-kuntratt sar bejn Joe Camilleri (il-bejjiegh) u s-sur Raymond Fenech (ix-xerrej)li jigi iz-ziju ta' Yorgen Fenech;

7 . Jien ma hadtx is-senserija mal-kuntratt ta' bejn Joe Camilleri (il-bejjiegh) u s-sur Raymond Fenech (ix-xerrej).

8. Jien fhimt li ma kellix ghalfejn nghaddi lura l-flus li ghaddieli Joe Camilleri ghax skont jien, dawn ma jikkwalifikawx bhala senserija. Dan ghaliex jien dejjem ghallmuni li s-senserija hi marbuta ma' kuntratt mentri dak li ghaddieli s-Sur Camilleri wara l-konvenju kien bil-buona gratia tieghu talli ghaqqaddtlu l-konvenju.

9. Sadanittant, f' Lulju 2020 (allura, aktar minn sena wara li is-Sur Camilleri ghaddieli l-imsemmija ammont ta' flus wara l-konvenju bil-buona grazzja tieghu), ircevejt b'sorpriza ittra legali minn Dr. Pierre Lofaro fejn dan talabni naghtih il-flus lura. Naf li ittra simili ircevietha l-Onor. Rosianne Cutajar minkejja li din m'ghandiex x'taqsam ma' dan kollu.

10. Is-sitwazzjoni illum hi allura ta' kwistjoni civili bejni u bejn s-Sur Camilleri. Jidher li s-Sur Camilleri assuma/qed jassumi li jien ghaddejt parti mill-ammont li tani lill-Onor. Rosianne Cutajar, meta dan qatt ma kien il-kaz.

11. Nispjega li kien hemm okkazzjonijiet fejn kont inkun mal-Onor. Rosianne Cutajar niehu caffe u jieqaf ikellimni Joe Camilleri dwar xi negozju, inkluz fuq din id-dar tal-Mdina. Niftakar ukoll li f'okkazzjoni minnhom jien kont tlabt lill- Onor. Rosianne Cutajar twassalni u tlabtha iccempel lis-sur Yorgen Fenech ghax kellu jigi fuq il-post f'certu hin u baqa' ma deherx u x'hin cempiltlu jiena ma qabadnix. Mill-bqija, l- Onor. Rosianne Cutajar ma kellha ebda involviment biex naslu ghall-konvenju. Fil-fatt, l-Onor. Rosianne Cutajar lanqas biss kienet prezenti fil-konvenju.

12. Peress li kif spjegajt li l- Onor. Rosianne Cutajar kienet tkun fil-presenza tieghi u peress li Camilleri kien jaf li l-Onor. Rosianne Cutajar setghet potenzjalment tiffacilita n-negozju ghax hi kienet taf bil-post u lis-sur Fenech, huwa jew seta' assuma li jien kont partner maghha f'dan in-negozju (kif spjegajt, mhux il-kaz) jew inkella, minghajr ma nitfa' dawl ikrah fuq hadd, huwa baghat ittra legali fl-istess hin lill-Onor. Rosianne Cutajar biex din taghmel pressjoni fuqi u naghti l-flus lura lil Camilleri.

13. Meta l-Onor. Rosianne Cutajar irceviet l-ittra legali ta' Camilleri sabiex taghti l-flus lura, hi rreferiet lill-Camilleri ghandi ghax hi ma kinitx involuta kif donnu haseb Camilleri;

Dawn huma l-fatti kif nafhom jien.

Issa, ser nghaddi biex inwiegeb id-domandi tieghek b'mod specifiku:

(1) Min kien prezenti ghall-konvenju li sar bejn Green Eyes Litd u Yorgen Fenech, u f'liema kapacita' kien/u prezenti?

Jiena, Joe Camilleri, Dr. Pierre Lofaro bhala avukat u shareholder ta' Green Eyes Limited, Yorgen Fenech u n-Nutar Mario Bugeja.

(2) Kif sar il-kuntatt bejnek u Joseph Camilleri (sid beneficjarju ta' Green Eyes Limited) u l-kuntatt ma Yorgen Fenech?

Jiena naf lit-tnejn li huma. Kif spjegajt, jiena gieli nahdem ta' sensar. F'dak il-perijodu ta' Mejju 2019, jien kont qed nipprova inbiegh xi proprejatajiet ta' Camilleri, fosthom dik in kwistjoni.

(3) X'kien l-irwol u l-involviment ta' l-Onor Cutajar?

Ma kellha l-ebda involviment. Ara l-ispjega aktar 'il fuq.

(4) Huwa minnu li thallset senserija lilek u lill-Onor Cutajar?

Nenfasizza, kif ghedt aktar 'il fuq, li le. Il-flus inghataw lili ghax jien kont qed nghaqqad in-negozju u mhux l-Onor. Cutajar. Imbilli tkun mieghi ma jfissirx li tibbenefika finanzjarjament minn negozji li jiena nkun involut fihom.

(5) Kemm il-darba ltqajt ma Joseph Camilleri? Fejn? U min kien prezenti?

Kif ghedt, jien kelli hafna inkontri ma Joseph Camilleri ghaliex kont qed nipprova inbieghlu xi proprjetajiet. Gieli iltqajt wahdi mieghu u gieli le. Hafna mid-drabi iltqajt mieghu l-Belt peress li nkun hemm kuljum izda ma niftakarx bl-ezatt kemm il-darba iltqajt mieghu, fejn u min seta' kien hemm.

(6) Kemm il-darba ltqajt ma Dr Pierre Lofaro? Fejn? U min kien prezenti

F'hajti kelli diversi inkontri ma Dr Lofaro ghax nafu bhala avukat u mhux l-ewwel darba li ninzertah il-Belt. Jista' jkun li gieli iltqajt wahdi mieghu. Izda ma niftakarx bl-ezatt kemm il-darba iltqajt mieghu, fejn u min seta' kien hemm meta ltqajt mieghu.

(7) Huwa minnu li Green Eyes Ltd u/jew Joseph Camileri qed jippretendu rifuzjoni tas-senserija mhallsa lilek u lil onor. Cutajar?

Tajt spjega aktar 'il fuq.

(8) X'laqghat kellek inti personalment jew kellkom rapprezentanti tieghek ma' Joseph Camileri u/jew Dr Pierre Lofaro wara li skada l-konvenju ma Yorgen Fenech? U jekk iva, kemm il-darba u fejn?

Ma kellix.

(9) X'taf dwar in-negozju dwar il-proprjeta l-Imdina mal-kumpanija rapprezentata minn Ray Fenech?

Li naf hu li l-bejgh xorta wahda sar ma' tal-Familja Fenech.

Dokumenti mitluba:

(1) Ricevuti, deposits, slips mas-senserija m'ghandix. Infakkar ghal darb'ohra li l-ammont mghoddi lili kien wiehed ta' bouna gratia u mhux senserija marbuta ma l-eghluq tal-kuntratt. Ovjament, la kien ammont bouna gratia m'hemmx ricevuti.

(2) Kopji ta' atti gudizzjarji li setghu gew ipprezetati in konnessjoni mal-allegat hlas ta' senserija m'ghandix.

(3) Kopji ta' ittri bonarji li ntbaghtu f'isem Green Eyes Ltd dwar l-allegat hlas ta' senserija lilek u lill-Onor. Cutajar – ara DOK CF 1 anness. Kopja li setghet ntbaghtet lill-Onor. Cutajar m'ghandix.

(4) Kopji ta' kwalsijasi korrispondenza ohra, inkluz emails, li hija b'xi mod relata mal-hlas ta' senserija, m'ghandix.

Grazzi tal-attenzjoni tieghek.

Charles Farrugia

Lofaro & Simiana
Advocates

Pierre Lofaro LL.D. • Mark Simiana LL.D. • Gerald Bonello L.P.

91A/1, Archbishop Street,
Valletta VLT 1446 - Malta
Tel: (356) 2122 7800
Fax: (356) 2123 1710
e-mail: l&td@onvol.net

**B/CF/2a**

9 ta' Lulju 2020

Ms. Rosianne Cutajar
[redacted]

Is-Sur Carmel Farrugia
[redacted]

Sinjuri,

Nikteb għan-nom tas-Sur Joseph Camilleri għar-rigward senserija li ħallaskom bil-quddiem. Stante li, kif tafu, l-bejgħ ma sarx, inthom qegħdin bil-preżenti mitluba li tirrifonduha.

Filwaqt illi nittama fil-buon sens tagħkom li ma jkunx hemm bżonn jittieħdu proċeduri ulterjuri skont il-liġi,

Inselli għalikhom,

Av. Pierre Lofaro

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

1 ta' Frar 2021

Is-Sur Carmel Farrugia
[redacted]

Sur Farrugia,

**Talba għal informazzjoni skont l-artikolu 19 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika**

Nirreferi għall-istqarrija tiegħek tas-17 ta' Jannar 2021 fuq talba kontenuta fl-ittra tiegħi tas-7 ta' Jannar 2021.

Nitolbok twieġeb għas-segwenti mistoqsijiet ulterjuri:

1. Dwar fejn inti għidt (fil-punt numru 4 tal-istqarrija tiegħek): "Ftit jiem wara l-konvenju, s-sur Camilleri għaddieli somma fi flus kontanti":
    i. Kemm kien l-ammont totali ta' dan il-pagament?
    ii. Fejn sar dan il-pagament?
    iii. X'għamilt bil-flus li ingħatawlek?
2. Huwa minnu li ftit jiem wara dina l-okkażjoni inti flimkien mal-Onor Cutajar u s-Sur Camilleri mortu tieklu f'ristorant Marsamxett?
3. Huwa minnu li dakinhar fir-ristorant għaddew flus bejn is-Sur Camilleri u l-Onor Cutajar?
4. Huwa minnu li wara xi żmien inti rrifondejt €2000 lis-Sur Camilleri billi l-prezz tal-bejgħ kien ġie ridott?
5. Huwa minnu li sussegwentement inti rrifondejt lis-Sur Camilleri €2000 oħra għan-nom tal-Onor Cutajar?
6. Huwa minnu li dan l-ammont kont ser tħallsu b'cheque (diġà miktub u ffirmat mill-Onor Cutajar) u imbagħad ħallastu in kontanti?
7. Huwa minnu li s-Sur Yorgen Fenech kellu jħallas 1% tal-prezz tal-akkwist lilek u lill-Onor Cutajar?
8. Tħallas dan l-ammont?

9. Kif tħallas?
10. Inti xtrajt xi propjetà fi żmien sena wara l-iffirmar tal-konvenju?
11. Tikkonferma li lil Dr Lofaro għedtlu li sehmek bgħattu lil ħuk l-Amerika u li l-Onor Cutajar użathom biex tixtri propjetà?
12. L-ammont li inti tgħid li rċevejt għadu fil-pussess tiegħek?
13. Kif tispjega li fl-abbozz tal-konvenju tal-14 ta' Mejju 2019, fejn inti tgħid li kont preżenti, kien hemm stampat li kellha titħallas senserija ta' 3% mill-venditur (*Vendor*) u 1% mill-kompraturi (*Purchasers*) u minflok tħassru dawk il-kliem u tniżżel li "*No brokerage fees are due*"?
14. X'kien l-impjieg tiegħek fiż-żmien li sar in-negozju?

Din it-talba għal dokumentazzjoni u tagħrif qed issir bis-saħħa tas-setgħat li jagħtini l-artikolu 19(1) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-Kap 570 tal-liġijiet ta' Malta). Inti m'intix is-suġġett tal-investigazzjoni tiegħi u qed tintalab tipprovdi din l-informazzjoni bħala xhud.

Għandi ngħarrfek li tista' eventwalment tintalab tikkonferma r-risposti tiegħek bil-ġurament, u li nuqqas ta' koperazzjoni mingħandek jista' jwassal għal pieni skont kif ipprovdut fl-istess Att.

Inti mitlub twieġeb sa nhar it-**Tnejn 8 ta' Frar 2021**.

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**B/CF/4**

5 ta' Frar 2021

Dr George Marius Hyzler

Kummissarju ghall-Istandads fil-Hajja Pubblika

11 Trq San Pawl

Valletta

VLT1210

Sur Kummissarju,

Nirreferi ghall-ittra tieghek ta' l-ewwel ta' Frar 2020. It-twegibiet tieghi ghad-domandi hemm maghmula huma s-segwenti:

1

(i) L-ammont li ghaddieli s-sur Camilleri ftit jiem wara l-konvenju kien madwar Eur 90, 000. Nerga' nghid li dan kien ammont mghoddi lili bouna grazzja ghax laqqajt il-partijiet u mhux bhala senserija li skont il-ligi trid li l-intermedjarju jwassal lill-partijiet sal-kuntratt;

(ii) Dan il-pagament ma niftakarx fejn Camilleri tahuli. Jekk il-memorja isservini tajjeb, jidhirli li kien go ristorant f'Marsamxett jew f'cafeteria gol-Belt;

(iii) Parti minn dawn il-flus zammejthom u parti infaqthom.

2 Jiena kont immur regolari ma l-Onor. Cutajar go ristoranti, inkluz f' dawk li jinsabu Marsamxett;

3 Naghmilha cara li l-ammont imsemmi ghaddew kollha ghandi u mhux ghand l-Onor. Cutajar;

4 Jien irrifondejt l-ammont ta' Eur 4,000 lil Camilleri ghaliex il-prezz miftihem bejn il-partijiet naqas. Kif spjegajt fl-ittra tas-17 ta' Jannar 2021, l-Onor. Cutajar qatt ma rceviet flus u ghalhekk ma kellhiex xi trodd;

5 Kif spjegajt fl-ittra tas-17 ta' Jannar 2021, l-Onor. Cutajar qatt ma rceviet flus u ghalhekk ma kellhiex xi trodd;

6 Mhuwiex il-kaz li jien kont se nhallas jew hallast b'cheque ta' l-Onor. Cutajar. Jien irrifondejt is-somma ta' Eur 4,000 bi flus kontanti minn dawk li Camilleri kien diga tani u dan wara li l-istess

Camilleri qalli li x-xerrej offrielu inqas. B'hekk, jien hassejt li kien only fair li ntih parti mill-ammont lura galadarba kien gentili mieghi u tani somma flus minghajr il-bzonn li nwasslu sal-kuntratt;

7 Yorgen Fenech, bhala xerrej, kellu jghaddili ammont kontanti fuq il- prezz ta' l-akkwist. Ma naf bl-ebda ftehim biex Fenech jaghmel xi hlas lil Onor. Cutajar in konnessjoni ma dan in-negozju.

8 Spjegajt fir-risposta 7 precedenti.

9 Spjegajt fir-risposta 7 precedenti.

10 Jien ma xtrajtx proprjeta fi zmien sena wara l-iffirmar tal-konvenju.

11 Nikkonferma li gieli semmejt lil hija ta' l-Amerka ma' Dr Lofaro izda lil hija qatt ma bghattlu flus. Jista' jkun li lill Dr Lofaro kont semmejtlu li l-Onor Cutajar kellha kwistjoni l-Qorti ma' xi zija fuq xiri ta' proprjeta. Ma nafx pero id-dettalji dwar din il-proprjeta' ta' l-Onor. Cutajar u ma nafx x'konnessjoni ghandha din il-proprjeta' ta' l-Onor. Cutajar ma' din il-kwestjoni tieghi ma' Camilleri;

12 Spjegajt fir-risposta 1 (iii) precedenti.

13 Peress li kif spjegajt fl-ittra tas-17 ta' Jannar 2021 il-flus ma kienux legalment jikkwalifikaw bhala 'senserija' izda flus buona grazzja ghax irnexxieli nlaqqa' l-partijiet minghajr il-bzonn li nkompli nassistihom, ma kienx hemm lok li jkun hemm referenza ghal 'brokerage fees';

14 Fi zmien indikat minnek, jien kont nahdem part-time u bhalma spjegajt gieli ipprovajt naghmel xi xoghol ta' bejgh ta' proprjeta'.

Inselli ghalik,

Charles Farrugia

Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

15 ta' Frar 2021

Is-Sur Charles Farrugia
[redacted]

Sur Farrugia,

**Taħrika biex tixhed skont l-artikolu 19**
**tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika**

Bis-saħħa tal-artikolu 19 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), inti qed tiġi mħarrek biex tidher quddiemi f'dan l-uffiċċju:

**Data:** il-Ġimgħa 19 ta' Frar 2021

**Ħin:** fl-10.30 am

**Għan ta' din it-taħrika:** Sabiex tixhed bil-ġurament in konnessjoni mal-evidenza li inti diġà ipprovdejt bil-miktub.

**Dokumenti li għandek iġġib miegħek:** Il-karta tal-identità tiegħek.

Inti m'intix is-suġġett tal-investigazzjoni tiegħi u qed tintalab tidher quddiemi bħala xhud. Nuqqas ta' koperazzjoni mingħandek jista' jwassal għal pieni skont kif ipprovdut fl-Att, iżda m'intix obbligat twieġeb domandi jekk ir-risposta jkollha mnejn tesponik għal xi prosekuzzjoni kriminali.

Nitolbok tikkonferma li rċevejt din l-ittra u li ser tattendi. Għal dan il-għan tista' tibgħat email fuq l-indirizz li jidher hawn taħt.

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.com www.standardscommissioner.com

Transcript

19 Frar 2021

Office of the Commissioner for Standards in Public Life

Preżenti: Dr George Hyzler, Kummissarju għall-iStandards (GH)

Is-Sur Charles Polidano, Direttur Ġenerali (CP)

Xhud: Charles 'It-Tikka' Farrugia (CF)

Avukat: Dr Robert Musumeci (RM)

GH : Bonġu Sur Farrugia, bonġu avukat Musumeci, erm.. l-ewwel ħaġa xtaqt nitolbok biex tikkonferma bil-ġurament dak li inti kkonfermajtli diġa bil-miktub b'risposta għall-ittri tiegħi tal-7 ta' Jannar u tal-1 ta Frar iġġifieri r-risposti tiegħi datati s-17 ta' Jannar u 5 ta Frar… u…tikkonferma ok ukoll dak li ha tgħid bil-ġurament…li taħlef li tgħid is sewwa, u xejn ħlief is-sewwa, hekk Alla jgħinek

Grazzi. Mela l-ewwel ħaġa, tista' tispjegalna x'inhi l-kariga tiegħek illum u x'kienet il-kariga tiegħek dakinhar tal-…li kien qed isir dak in-negozju tal-bejgħ..

CF: Erm illum qiegħed bħala consultant. Illum qiegħed bħala consultant mal-Onorevoli Rosianne Cutajar u dak iż-żmien illi kien qed isir in-negozju kont fil-x'jismu l-istess x'jismu ta' Rosianne Cutajar għax ktibtha ta…erm…tal-…tal-istandard…

GH: Tal-erm.. fil-dak li kien Kummissajru għall-hasra tal-burokrazija…kont fis-segretarjat…is-segretarjat tagħha.

CF: Prosit…prosit…kont fis-segretarjat, fis-segretarjat

GH: Bħala konsulent jew bħala membru tal-istaff? Tiftakar x'kont?

CF: Issa?

GH: Le dak iż-żmien

CF: Ah ok, le membru tal-istaff, membru tal-istaff

GH: Membru tal-istaff. U ma tiftakarx f'liema kariga kont? F'liema pożizzjoni?

CF: Le le membru, membru just a member

GH: Membru tal-istaff…erm issa. Tispjelagna ftit fil-qosor ta, x'kienet ir-relazzjoni tiegħek jew x'kien l-involviment tiegħek f'dan negozju tad-dar tal-Imdina, prinċipalment ma…ma…mas sur Camilleri tal-Green Eyes…Green Eyes Limited hux hekk jekk ma niżbaljax, u imbagħad mas-Sur Yorgen Fenech.

CF: Ehe issa qabel ma nibda d-diskussjoni tiegħi jiena, f'dan il… in-negozu insejħulu n-negozju, Rosianne Cutajar ma kienet involuta xejn.

GH Sewwa issa niġu  għaliha tibzax

CF: Ah ok orrajt biex … iġġifieri le biex ikun car

GH: Ha niġu  l-ewwel għad-domanda dwar l-involviment tiegħek x'kien

Cf: Ehe

GH: Issa inti, mela kien hemm did-dar l-Imdina…inti għidtilna li ġie [unclear] ta' sensar

CF: Mela ok jien kont qed nieħu… mela jien kont qiegħed Pjazza Reġina nieħu kafé, ġie Joe Camilleri poġġa maġenbi qalli "hi Charles" għidtlu "aw Joe". Qalli "għandi biċċa propjeta' naħseb tinterressak".

Għidtlu "prosit iva" għidtlu "tajjeb" għidtlu. [unclear]… naraw nistgħux naħdmuha". Imbagħad qalli "ma nistax ngħidlek fejn qegħda għalissa" qalli "ilgħaliex qiegħda go post bħal speci daqxejn attractive" u x'ried jgħid insomma.

Għidltu "ok mhix problema" qalli "nerġgħu niltaqgħu". Erġajna ltqajna u mbagħad dan qalli qalli "dan għandi palazzz l-Imdina fuq is-sur" qalli "u dan irid ikun xi ħadd li jiflaħ għalih". Għidtlu "mela x'inti titlob tiegħu?" Mingħalija dak iż-żmien kien talabni xi 4 miljuni u xi ħaġa. U imbagħad għaddiet. Iltqajt ma' Rosianne għax jiena dejjem ma' Rosianne minn filgħodu sa filgħaxija, dejjem ma' Rosianne u għidtilha "Ro", hekk u hekk mhu "għidtilha ara ssibblix lil xi ħadd forsi nlaqqaħhom". Qalitli "issa nkellem lil Yorgen Fenech". Daqshekk. Dan kellimt 'l Joe Camilleri għidtlu "isma naħseb ghandna persuna potenzjali" ghal dan il-x'jismu . Għidtlu "hemm Yorgen Fenech għidtlu issa nara kif nasal għalih etc etc.".

U [unclear] għaddejin il-kuntatti issa meta ngħidu l-kuntatti huwa sibt 'l Rosianne għidtilha "ara kif tista tlaqqani daqxejn ma' dan Yorgen Fenech". Apparentiment għamlitlu xi telefonata u ltqajna. Wara ħafna skossi dan daqqa għandu hekk u daqqa għandu hekk u daqqa għandu hekk

GH: Inti lqtajt miegħu personalment qed tgħid

CF: Once iltqajt miegħu

GH: Darba biss lqajt miegħu

CF: Darba biss meta ġie jara l-palazz…aw l-Imdina

GH: I see voldieri l-unika darba li inti ltaqjt ma' Yorgen Fenech meta ġie li-Imdina biex jara d-dar l-ewwel darba

CF: Ehe u imbagħa…ehe u mbagħad iktar 'l quddiem meta sar il konvenju. Since then ma rajtux iktar jiena.  Jiena persolament qatt ma kont nafu, jiena lil Yorgen Fenech, naf 'l missieru għax tifel minn Ħal-Qormi etċ etċ, kiber miegħi Ħal-Qormi u daqshekk.

GH: Sewwa jiġġifieri…

CF: Xiex?

GH: Jiġġifieri  emm..il-kuntatti ma' Yorgen Fenech bit-telefown, jew bil-…xi mod ieħor kienu dejjem permezz ta' l-Onorevoli Cutajar, mhux inti kont ċċempillu?

CF : Jien ċempiltu xi darbtejn imma naħseb qatt ma wasalt għalih u Rosianne kienu limitati t-telefonati li għamlet miegħu fuq d'il-biċċa xogħol.

GH: Le apparti x għamlet hi għax ovvajment x'għamlet hi sa ċertu punt trid tgħidilna hi pero inti….

CF: Ma nafx ma nafx

GH: Inti ma kellekx inti l-kuntatt dirett miegħu qatt ma kellimtu dirett int

CF: Le le kellimtu jien

GH: B'telefonati qed ngħid

CF: Telefonati qed ngħidu

GH: Kellek il-mobile number tiegħu biex niftehmu

CF: Xiex?

GH: Kellek in-numru tal-mowbajl tiegħu

CF: Iva n-numru tiegħu iva iva

GH: Mela ejja niġu  għall-episodju tal-visita tad-dar ta' meta hu mar jaraw id-dar. Jien fhimt mill-iskambju tal-ċioe mid-domandi li għamiltlek u risposti illi dakinhar inti naturalment kont preżenti flimkien mal-Onorevoli Cutajar, flimkien ma' Camilleri u flimkien ma' Yorgen Fenech.

CF: Sewwa

GH: U li dan Yorgen Fenech ġie tard ħafna

CF: Dam ħafna ma ġie ehe

GH Issa meta qed ngħidlek din l-informazzjoni,  jista' jkun li mhux kollha li tajthieli inti imma jista' jkun qed insaqsik ukoll a bażi ta' dak li qal Camilleri biex niftehmu

CF: Sewwa sewwa

GH: Erm…Qed nifhem sew illi l Onorevoli Cutajar bdiet ċċempillu biex tara x'sar minnu għaliex għadu ma ġiex ?

CF: Ehe għax kellha appuntament miegħu

GH: Sewwa voldieri kellha appuntament  miegħu biex jiġi dik inhar

CF: Biex jiġi dakinhar

GH: U kien qed idum ma jiġi

CF: U dam ma ġie

GH: U ċċempillu biex jiġi

CF: Biex nara jekk aħniex se noqogħu nistennew għalxejn jew jekk hux ġej

GH: Hekk hu hekk hu

CF: Ħaġa normali li ssir mhux hekk kemm se ddum fejn wasalt. Eqq

GH: Emmm Camilleri jgħid ukoll illi dikinhar kontu tlajtu bil-karozza tagħha u pparkjajtu barra l-Imdina

CF: Tagħha min?

GH: Tal-Onorevoli Cutajar meta ngħid tagħha

CF: Jiena

GH: Bil-karozza tiegħek tlajtu?

CF: Le le min..min tela' bil-karozza tagħha?

GH: Sorry..ħa nerġa nsaqsi ħa niċċarra d-domanda. Milli fhimt milli qal Camilleri, illi dakinhar tal-visita tal-Imdina kontu tlaqjtu l-Imdina inti u l-Onorevoli Cutajar bil-karozza tagħha tax-xogħol tagħha

CF: Tax-xogħol

GH: U waqqfkom barra l-Imdina

CF: Waqqafna barra l-Imdina eżatt ehe. Kienet għadha membru parlamenti dak…

GH: Sewwa kienet għadha l-Kummissarju tas-simplifikazzjoni…

CF: Ma kinitx…it wasn't an official car iġġifieri. Ma rikeb ħadd magħna jiena u l-Onorevoli Rosianne Cutajar

GH: Tajjeb. Issa ha niġu għal din l-famuża senserija. Dak li qed jiġi allegat kemm minn Camilleri u kif ġie rappurtat fil-media, meta ngħid rapurtat fil-media, mhux għax dak li jgħid il-media huwa fatt ara taħsibx li għax qiegħed rappurtat fil-media qed nikkunsidraha fatt.

CF: Jiena għalhekk ħadt pjaċir li bgħatt għalija ta għax tlett kwarti tal-media huwa kollu… imma issa insomma

GH: Dak li qed jingħad huwa jekk kemm minn Camilleri u kemm kif ġie rapurtat, illi Camilleri lilek tak is-somma ta' €46,500 fl-okkażjoni li ltqajtu Cordina…

CF: Le

GH: …xi ġranet, xi ġranet wara li sar il-konvenju.

CF: Nista' nitkellem jien? ok mela. Mela dan wara ħafna battikati biex isir dan il-konvenju, erm….waslet il-ġurnata tal-konvenju u ltqajna jiena, Joe Camilleri, sotto ġuramento dan..jiena. Joe Camilleri, Pierre Lofaro, Mister… in-Nutar…

GH: Mario Bugeja

CF: …Mario Bugeja u Yorgen Fenech.

GH: L-uffiċċju ta' Yorgen Fenech

CF: L-uffiċċju ta' Yorgen Fenech

GH: Portomaso?

CF: Portomaso. Jien ħadt pjaċir għax kien qiegħed fl-għoli qatt ma kont tlajt daqshekk għoli imma insomma u poġġejna bilqiegħda u bdejna nitkellmu. Jien ma tkellimt xejn għax jien la ffirmajt xejn u anqas issemmejt imkien. Anyway. Għadda kollox, sar il-konvenju, qam Yorgen Fenech minn bilqegħda u għamel sinjal lil Joe Camilleri, daħlu miegħu, Joe Camilleri ħareġ pakkett. Minn fejn ħarġu seta' ġabu mill-kċina...ġabu…ma nafx minn fejn ġie dan il-pakkett u żammu ħdejh il-pakkett u wara d-diskkussjonijiet insomma lil dan..qomna, bye, issa niltaqgħu għall-kuntratt. U dan jiena ħriġt miegħu, bl-ebda mod Rosianne Cutajar ma kienet magħna iġġifieri dan għall- konvenju avolja ħafna nies qed jgħidu li kienet preżenti fil-konvenju.

GH: Le. Le fis-sens illi Camilleri mhux qed jgħid hekk. Camilleri eżatt kif qed tgħid int qed jgħid.

CF: Eh orrajt, tant aħjar għax qed naqblu naħseb. Issa dan imbagħad inżilna, jiena mort bil-karozza ma' Joe Camilleri qalli dak tani 300,000 jew ma nafx kemm could be 300 plus…eżattament… għaddew sentejn. U qalli "issa nara x'hemm u nkellmek". Ċempilli l-għada jew forsi xi two days after, qalli "mmorru nieklu x'imkien għada?" Għidtlu "xorta" I mean…. U mingħalija nżilna ħadna xi drink mingħalija ħa nipprova niftakar… Charles Grech, Charles Grech, u mbagħad inżilna nieħdu lunch Marsamxett. Inżilna nieħdu lunch Marsamxett. Dan tani l-pakkett, pakkett lili tah.

GH: L-Onorevoli Cutajar kienet magħkom qed tgħid dakinhar iġġifieri?

CF: Ehh ħadtha miegħi jien u

GH: Le le imma għadek m'għidtiex ma jimpurtax

CF: Iva ibżax le kont se niġi għaliha, le le niġi għalija le le le le

GH: U tak pakkett

CF: U Rosianne għidtilha "jien ha niltaqa' ma dak trid ejja ħalli ma nkunx waħdi"… qas tgħidli nieħdu lunch daqshekk. U dak tani l-pakkett qalli ara fejn ħa tagħmlu u ngħidlek id-dritt biex ma nħalli fuq il-mejda poġġejtu bejn …. aw fejn saqqajja fejn għandi l-borżetta tiegħi. U il-pakkett kien fih xi 93,000 mingħalija. Xi tlieta u disgħin elf. Issa, dan at no time ma qalli, agħmel division nofshom għalik u nofshom għal Rosianne u wara kollox jien kieku stess dan qalli hekk kont ngħidlu isma n-negozju jien għamiltu ma għamlitux Rosianne xi trid għal din senserija aw il -x'jismu għax għax kient senserija din. Din wassalthom għal ftehim, waslu, u ma wasalniex għall-kuntratt mela tawni l-flus u daqshekkk. Il-loġika hekk donnha tgħid naħseb jien Dott.

GH: Ssaqsinix. Hawn daqxejn bħal gues-…. Ssaqsix inti

CF: Xejn jobbligani biex intiha l-flus hux.

GH: Sewwa

CF: Ix-xoghol jien għamiltu, jien laqqajt, jien ġrejt. Mela għax ġiet tara d dar jew għax għamlet telefonata… heqq.

GH: X'iktar?

CF: U bqajna b'hekk. Issa imbagħad dak f'daqqa waħda kien qed ixomm illi dan ser jiġri xi ħaġa u beda jgħidli isma Chal għax l-affarijiet donnhom qishom qed jitwalu u l-flus irridhom lura u għidtlu..

Ha ngħidlek jien, dan kellu xi 4 xhur wara, qaltomlu ta' taħt il-lift ta' bieb il-bejt għax inżilna mit-taraġ għax jibża mill-lift u inżilna hemm taħt u qalli Chal qalli aħseb biex tibda ttini l-flus ta… għidtlu jien flus mhixu ha ntihomlok lura għidtlu dawk tajtomli bid-dritt. Għidtlu dawk jien ma bgħattikx ttini sehmi, jien qagħdt nistenna l-kuntratt biex ittini sehmi imma mhux hekk. Dan qabad, tani l-flus u ħadthom, trid tkun baħnan itihomlok u ma teħodhomx. Għidtlu issa..kif nirranġaw, tliet kwarti minnhom dawk diġa nfaqthom u vera kont infaqthom.

Infaqthom bejn safar, bejn xtrajt hekk u bejn għamilt hekk u bejn għamilt hekk u bejn għamilt hekk eqq…

This was a once in a lifetime ta' Dott għalija. U jien miniex ta' dak…nagħmel dawn it-tip ta' negozju għandi 73 sena konni pilloli u heqq. Ġiet hekk għidt ħa nieħu ċans għaliha. Jien kull min jafni jaf x'nagħmel ħeqq. Mhux ħa nipprofitta ruħi.

GH: Ara hux qegħdin naqblu illi l-ammont li tak kien ekwavalenti għall-dan l-ammont li inti tgħid li tak kien ekiwalventi għal-3% tal-bejgħ jiġġifieri l-bejgħ kien 3.1 million fuq il-konvenju u dan jirrappreżenta 3% tat-3.1 million. Qed ngħid sex jew le? F'dawn huma jiġu allegat u dawn huma ċ-ċiffri kif jallegaw voldieri jekk inti tagħmel 3.1 million x 3% jiġi 93,000.

CF: Hux 93,000 jien ngħidlek 9300 u forsi xi ħaġa

GH Ħa nieħdok daqxejn lura għall-konvenju. Jiena fhimt sew illi l-konvenju ġie ddraftjat, ġie abbuzzat, ġie miktub, ttajpjat minn Dr Lofaro, ġie bih lest? Il-konvenju ġie bih lest. U li kull ma ġara fil-konvenju kien illi mtela' l-isem ta' min se jixtri? Għaliex għalkemm apparentiment kien ovvju li kien ħa jixtri Yorgen ma kienux jafu kienx se jixtri Yorgen Fenech b'kumpanija, jew f'ismu, jew f'isem il-grupp insomma u allura n-nutar mela' d-dettalji ta' Yorgen Fenech dak il-ħin għandek idea? Għandi kopja tal-konvenju ta voldieri.

CF: Kont se ngħidlek jien, dan il-Yorgen Fenech kien qed jidher issa. Kien qed jidher għall-kumpanija..jaħdem…qas nidħol fiha dik

GH Mhux dik id-domanda d-domanda hija ara tiftakarx illi fuq il-konvenju kien hemm dak il-spazju vojt biex imbagħad jimtella bil-biro. Ġie bih in-nutar voldieri. Għandek idea?

CF: M'għandix idea Dott onestament

GH: Ma tiftakarx

GH: Ara tiftakarx illi fil-konvenju kif kien abbozzat, kif kien iddraftjat, kif kien ttajpjat minn Dr Lofaro, kien hemm illi għandha titħallas senserija ta' 3% mingħand min qed ibigħ u 1% mingħand min qed jixtri.

CF: Senserija qatt ma ssemmiet.

GH: Le mhux dik id-domanda, id-domanda hija din. Ara ngħidx sew illi fil-konvenju kif kien miktub kien hemm miktub ttajpat illi senserija kellu jitħallas 3% mingħand min qed ibigħ u 1% mingħand min qed jixtri jiġġifieri 3% mingħand Green Eyes Limited li hija tas-Sur Camilleri

CF: Ta’ Pierre Lofaro

GH: Li għaliha jidher Pierre Lofaro u 1% mingħand min qed jixtri jiġġifieri mingħand Yorgen Fenech u li dawn il-kliem 3 percent u 1 percent u senserija etc tħassru u kiteb li m’hemmx senserija dovuta. No brokerage fees are due. Tiftakru dan? Tiftakar li sar diskors dwaru dan?

CF: Ma niftakarx ta

GH: Ma tiftakarx

CF: Għax aħjar ngħid hekk

RM: Erġa’ ifhem id-domanda

GH: Ara jien nista’ nurik il-konvenju ta voldieri.

RM: [unclear]

GH: Ħa nurik il-konvenju ħa nuri lill-avukat tiegħek ukoll naturalment. Tara fl-ewwel paġna ikun hawn spazzju vojt li timtela’ mill-handwriting, bil-kitba, bl-idejn. Skont is-Sur Camilleri din imliha n-nutar. Skont is-Sur Camilleri ukoll t-typing kollu u anke skont Dr Lofaro, it-typing kollu kien sar minn Dr Lofaro u ġabu lest miegħu. Tajjeb? Imbagħad hemm il-klawsola numru 13 illi tgħid “*brokerage fees inclusive of VAT amounting to 4 percent on 3,100,000 euro shall be paid as to 3% by the vendor and as to 1% by the purchaser*.” Is-Sur Camilleri jgħid li inti dakinhar għidtilhom isma din m’għandix għalfejn nagħmluha għax jiena nafdakhom. Qattgħuha dak il-ħin stess u għamlu no brokerage fees are due.

RM: Din hija risposta tiegħu fejn inti għidt…nista’ nkellem hawn jekk jogħġbok…mela fejn inti għidt, fejn inti għidt li ma kienx hemm…

GH: X’tirrispondi?

RM: It-13?

GH: Inti ara fir-risposta tiegħek għidt hekk. Peress li kif spjegajt fl-ittra tas-17 ta’ Jannar il-flus ma jkunux legalment jikkwalifikaw bħala senserija iżda flus b’buona grazia għax irnexxieli nlaqqa’ l-partijiet.

CF: Eżatt

GH: M’hemmx bżonn li nkompli nassitihom. Ma kienx hemm lok li jkun kemm riferenza għal brokerage fees.

CF: Eżatt

GH: Issa d-domanda tiegħu pero hija, ngħid sew jew, qed jgħidu sew għax jiena mhux qed ngħid xejn naturalment. Qed jgħidu sew illi inti kont il-wieħed dakinhar tal-konvenju li għidtilhom dik il-klawsola m’għandnix għalfejn indaħħluha?

CF: Ma jidhirlix li jien għidt hekk ma jidhirlix. Ma jidhirlix li għidta jien

RM: Kummissarju biex…

GH: Għidli

CF: Jiena kullma ridt illi nwassalhom safejn kelli nwassalhom u daqshekk

GH Ok. Issa, qed jingħad ukoll, ġie anke rapurtat fil-gazzetti tal-Ħadd li għadda fit-*Times*, illi Yorgen Fenech ħallas senserija ukoll, dak li huwa senserija, naturalment senserija jew dak li qed jissejjaħ li huwa senserija u li dan l-ammont ngħata lill-Onorevoli Cutajar u li dan l-ammont kellu jitqassam miegħek. Anzi fil-gazzetta kien hemm illi hu għaddiela s-somma ta' 40,000 illi minnhom 31,000 kienu l-1 percent tiegħu dejjem skont dak li jingħad huwa l-ftehim u 9,000 kienu żejda qishom xi tip ta' rigal għaliha... Dan taf bih jew le? Issa mhux nsaqsik għalnmument jekk ħadtx flus minnhom inti jew le.. tafx bħala fatt fis-sens bħala fatt għax tkun qaltlek l-Onorevoli Cutajar mhux qed ngħid...tafx bħala fatt illi Yorgen Fenech għadda dan l-ammont lill- Onorevoli Cutajar ?

CF: Ma nafx biha, ma nafx biha ta

GH: Ma tafx

CF: Dan min qalu?

GH: Jien qed bħalissa qed nikkwota x'qed jingħad fil-gazzetti pero, pero din issa noqgħodu daqsxejn b'għajnejna miftuħin, jekk qed nifhem sew il-gazzetti qed jikkwotaw xi chats li jeżistu bejn Yorgen Fenech u l-Onorevoli Cutajar. Jiena fil-kors ta' din l-investigazzjoni ser ikolli nitlobhom dawn il-chats biex nistabbillixxi dawn hux veru veru jew le. Ittuhomlix u le hija kwistjoni oħra pero jiena ser nitlobhom. Voldieri dak li tgħid inti u dak li tgħid hi jistgħu jiġu kontradetti minn dawn ic-chats. Inti qed tgħid li ma tafx bihom voldieri sa fejn taf inti, ħlief id-90,000…kemm kienu id-93,000 li ta lilek, ma għaddew ebda flus oħra li taf int.

Erm

Skont dejjem ma ntqal minn Camilleri u kif ġie rappurtat, erm,il-… l-ammonti li kienu kollha cash, hux hekk, dejjem cash.

CF: Cash cash cash cash

GH: Cash cash cash

CF: Le qatt ma semmew li għaddew daqshekk flus dak. Heqq. Għax hekk jien għidtilha… qed nikser il-liġi jien għax aċċettajt dawk cash, heqq, għalih ukoll

GH: Jiena lilek tinsiex jiena m'għandi x'naqsam xejn miegħek ħlief bħala xhud. Inti mhux qed tiġi investigat minni tajjeb. Erm. Ħaġ'oħra, Camilleri jgħid illi biex hu ikun jista' jħallas liċ-Ċiniż mingħand min kien qed jixtri hu, billi l-konvenju kien qed jitwal id-dan tal-kuntratt qed jitwal, spiċċa jsellef il-flus mingħand Ray Fenech.

CF: mhm, one point xi ħaġa. Rajtu ċ-ċekk jien urihuli.

GH: Tajjeb. Mela Ray Fenech spiċċa silef il-flus lil Camilleri biex jixtri, biex ma jkollux il-problema illli ha jiskadielu l-konvenju maċ-Ċiniz. Qegħdin naqblu? Qed naq… ħu paċenzja għax li ma jidħolx fit tape… jekk tgħidli qed taqbel qed naqbel

CF: Ijja naf naf

GH: Qed taqbel. Issa, ara tiftakarx illi meta Ray Fenech silef il-flus, għamel kundizzjoni lil Camilleri li irraħħas il-prezz lil Yorgen Fenech.

CF: Sewwa

GH: U bit-3.1 nizzillu l-prezz sa 3 million.

CF: b'xi ħaġa. U lili talabni 4000 euro

GH: Tajjeb mela qed naqblu illi prezz niżel

CF: Niżel

GH: U li lilek talbek 4000 ewro

CF: 4000 ewro.

GH: Tajjeb.

CF: U qalli Ii Rosianne Cutajar kienet se ttih cheque ta' 2000. Hux veru xejn. Il-flus jien tajthomlu 4000 ewro.

GH: Camilleri qed jgħid illi talbek il-flus lura u li inti l-ewwel tajtu l-2000 dejjem skontu l-2000 tiegħek

CF: Tiegħi

GH: U imbagħad eventwalment, ġibtlu 2000 oħra li hu jgħid li inti għidtlu illi ġibthomlu mingħand Rosianne Cutajar u li qabel ma tajthomlu l-ewwel urejtu cheque għax kien skont hu hi l-ewwel se thallsu b'cheque u imbagħad tathomlok cash. Dan x'qed jgħidlek Camilleri. Issa dan inti qed tgħid mhux minnu. Qed tifhimha d-domanda?

CF: Fhimtek. Dan jiena talabni 4000 ewro qalli għax il-prezz waqa'.

GH: Tajjeb mela ha nimxu biċċa biċċa. Naqblu li l-ewwel tajtu 2000 u imbagħad tajtu 2000 oħra?

CF: Iva tajtu 2000 għax mort il-bank u ġbidt 2000. U imbagħad erġajt mort l-għada, għax erġajt iltqajt miegħu għand Cordina qed tifhimni u tajtu l-2000 oħra cash.

GH: Sew, issa, voldieri din l-istorja…

CF: U għidtlu at no time, Rosianne m'għandha xtaqsam f'dan id-deal

GH: Kollox sew

CF: Heqq.

GH: Imma qegħdin naqblu illi… Mhux qegħdin naqblu… maħniex qegħdin naqblu… illi inti urejtlu cheque ta' Rosianne?

CF: Ma jidhirlix li urejtu cheque. No way. No way ta.

GH: Ok

CF: aqqas per idea

GH: Imma dan l- famużi 4000, jekk l-ammont li tak ta’ 93000 ma kienux jirrappreżentaw persentaġġ imma kienu sempliċiment rigal hekk minn jeddu, mingħajr l-ebda obligazzjoni ta’ xejn

CF: Li issa niżlu 89,000 għax inqast 4,000

GH: Sekonda ehe, mela inti għidtilna il-93,000, it-tlieta u disgħin elf, ma kinux senserija miftehma, ma kienx hemm persentaġġ miftiehem, mhux hekk? Għax jekk huwa rigal jekk tahomlom inti.. dejjem [unclear]

CF: Imma hu tahomli ħadem kif naħseb kieku kont jien ngħid din mhix senserija din rigal, ħadem kif suppost kienet tkun… kif ha… kif kellah tkun is-senserija, għidt tħallihom la ntih inqas u la ntih iżjed mela dawn huma 93,000 rigal tax-xogħol li għamilt, talli wassaltlu sa fejn wassaltlu. Naħseb jien

GH: Dr Musumeci

RM: Le le għaliex li qed qed jipprova jwassal bħala messaġġ err is-Sur Farrugia huwa li dan mhuwiex dan l-ammont mhuwiex assoċjat ma’ senserija fis-sens għaliex ma kienx hu li wassalhom sal-kuntratt iġġiefieri hu qed jgħid jekk qed…

GH: Kollox sew jekk dik, nagħmluha fit-trattazzjoni, ma jekk jiena, ttrattazzjoni..jien għidt trattazzjoni imma qed tifhmu qed nifhmu

RM: Mhux qed nittratatta ta iġġifieri jiena, qed ngħidu, jiena effitivament jekk qed nifhem sew mhux hu wassalhom sal-kuntratt allura dak li ngħata ngħata għax kellu jingħata pero ma jistax jintrabat. …

CF: Għax waqafna hemm

GH: Id-domanda tiegħi mhux dik kienet id-domanda tiegħi kienet ladarba dan l-ammont ma kienx ammont miftiehem, ma kienx hemm persentaġġi miftehma, meta dan l-ammont naqas b’ammont relattivament żgħir, għax minn 3 miljuni punt wieħed jinżel għall-3 miljuni fl-istampa l-kbira ngħidulha hekk l-ammont huwa żgħir dan Camilleri għaliex talbek l-4000 u għaliex tajtomlu?

CF: Le l 4000 le jien kont erġajt bizzejjed, le le le le

GH: Punt tal-irġulija probabbli qed tgħid

CF: Ehe fuq punt tal-irġulija dan kif qalli Charl isma s-somma ġiet tant, naqqastlu tant, għidt trid ttini 40000 euro, trid ittini 500 euro lura, ngħidlu ħa dawk tiegħek. Le għax ra l-prezz naqas naqas. Jiena wassalt… wassalt… wassalt …l-partijiet sa dan l-ammont ta’ flus. Issa jekk sakemm waslu s’hawn niżel l-ammont jien irid intih…dovut..fid-dover li intihomlu lura hu

Imma mhux hekk taħseb Dott?

GH: Diġa għidtlek, ssaqsinix domandi

RM: Le imma mhux..

CF: M’inix tekniku jien ħafna

GH: Inti f'konversazzjonijiet bit-telefown, jew b'messaġġi, ma' Camilleri qatt iddiskutejtuha din, b'chats u dawn l-affarijiet, qas kitiblek u ktibtlu lura u dawn l-affarijiet?

CF: Li? Erġa rrepeti please

GH: Bejnek u bejn Camilleri

CF: Camilleri

GH: Qatt bgħattu messaġġi lil xulxin?

CF: Ma naħsibx ta, ma tantx tkellimna

GH: Camilleri jgħid li bgħattu messaggi,

CF: Ehe ma niftakarx? Ma niftarkarx, jista' jkun iva jista jkun le, għax ma niftakarx onestament. Għax iktar… il-mobile tiegħu dak għandu mobile komuni allura ma naħsibx li kien pero..tal-messaġġi. Jista' jkun li bgħattlu pero miniex ċert qed tifhimni. Iktar konna nitkellmu u bit-telefown

GH: U mal-Onorevoli Cutajar ġieli bgħatt messaġġi?

CF: Min?

GH: Inti mhux Camilleri inti għax

CF: Fuq xiex? Fuq il-… fuq dan il-każ?

GH: Fuq dan, dan in-negozju

CF: Ah fuq in-negozju? Ftit ta' naħseb ftit

GH: Ok

CF: U l-messaġġi kienu jkunu mhux xi messaġġi…isma kif x'ħa niltaqgħu, kif x'wasal x'ma wasalniex, għax qed itawwal , dat-tip ta' ….dat-tip ta' messaġġi iġġifieri

GH: Imma jekk hi ma kienx… ma kellhiex interess f'dan in-negozju għaliex….

CF: X'inhi?

GH Jekk hi ma kellhiex interess finanzjarju f'dan in-negozju

CF: Ma kellhiex

GH: Ehe allura x'kien l-interess li tiktbu lil xulxin u tgħidu.. u tgħidlek għax ma waslaniex, ma wassaltux

CF: Le mmux wasalniex, ma kinitx tgħidli hekk, tgħidli fiex wasaltu għax gwanni..x'taħseb. Ser jeħodha ma jeħodhiex.

GH: Għidtu in interess ġenerali

CF: L-interess tagħha kienet iss li tara lili u mbagħad id-dar xejn iktar le le le le. Jew qatt ma qaltli per eżempju, din Rosianne, isma Chal ara ttini xi ħaġa, naħliflek fuq l-ikbar kruċifiss li qatt ma qalituli dan id-diskors.

GH: Skont ma qed jingħad ovvjament, mhux ħa titlob lilek, għaliex skont ma qed jingħad hi ħadet sehma direttament voldieri mhux ħa titlobielek lilek 'ittini xi ħaġa'

CF: Jien ma nafx x ħadet jien ma nafx x'ħadet, ma nafx xejn x'ħadet jien

GH: Mela dikinhar illi tak il-flus erm Camilleri

CF: Fraħt bihom jien

GH: X'għamilt bihom fiżikament x'għamilt bihom, ħadthom il-bank, ħadthom id-dar

CF: Le ħadthom id-dar

GH: Għax hu jgħid

CF: Ma stajtx neħodhom il-bank Dott

GH: Għax hu jgħid li inti kellek xi safe deposit box mal-Bank of Valletta

CF: Eh kelli m'għadhiex għandi kienet għandi għax kelli ftit ġoellerija tal-mama

GH: Sew voldieri kellek safe deposit box voldieri hu qed jgħid biex inkunu ċari

CF: Hu min qed jgħid?

GH: Hu Camilleri

CF: Iz-zikk

GH: Hu qed jgħid li inti għidtlu li dan I-flus ħa tibqa sejjer bihom dritt il-Bank of Valletta

CF: Imma ma ħadthomx il-bank

GH: U tpoġġihom fis-safe deposit box

CF: Imma ma ħadthomx il-bank.

GH: Ma ħadthomx

CF: Kelli d-dritt ngħidlu hekk jien? Kelli dritt naħseb eh xil-…

RM: U l-fatti...

GH: Imma għalija ħa ngħid hekk jekk hu jgħidli

CF: Uwijja x'qallek hu

GH: Jekk hu jgħidli li inti għidtlu għandi safe deposit box u inti tgħidli qatt ma kelli safe deposit box jidħolli dubju

CF: Le qaltlek li kelli

GH: Jidħolli dubju hux qed jgħid l-verita' jew le

CF: Le le le qaltlek, le le le le qiegħed hawn biex ngħid kollox

GH: Imma għal dan il-fatt li għandek safe deposit box ha ngħidu hekk qed tikkonferma li inti kellek safe deposit box u li llum m'għadhiex għandek

CF: Għalhekk qiegħed hawn biex nikkonferma l-affarijiet kif saru eżatt

GH: Sewwa.

CF: Għax minn warajja kulħadd jgħid li irid

GH: Issa mela voldieri evidenza ta' depożitu fil-bank naturalment m'għandekx għax inti qatt ma poġġejthom il-bank il-flus hux hekk

CF: Le le le le żammejthom għandi

GH: Żammejthom għandek

CF: Għax jiena kont għadni in time u għad għadni in time skont il – dak li nista' nħallas it taxxa fuqhom

RM: ijwa…

GH: Issa isssa

CF: Imma l-affarijiet jien inħobb..biex inkun konċiż

GH: Pero ha ngħidlek meta jien saqsejtek x'għamilt bihom inti għidtli parti żammejthom u parti infaqthom

CF: Ovvja hu mill-ewwel għidtlek

GH: Tajjeb iva pero

CF: M'għadhomx kollha għandi

GH: Pero qed nikellmu fuq 90 elf  voldieri u għalekk anke antiċipajtek u saqsejtlek xtrajt xi propjeta' u għidtli le

CF: Le le le propjeta' le ma xtrajtx le le

GH: Hekk hu mela apparti il-kelb għax għidtli li xtrajt kelb issa voldieri xtrajt kelb fhimtek sew?

CF: Kelb?

GH: Ehe mhux hekk

CF: Le

GH: Fhimtek ħażin jien mela skużani imma xtrajt affarijiet żgħar ma semmejtx affarijiet kbar, 90,000 huma ħafna flus

CF: Imma ta valur, imma ta valur. Jien jekk ha nixtri nkwatru ha nipprova nixtrih ta' valur jekk ha nixtri kruċifiss ha nixtri, għax jiena nħobb is-sagru, is-sagru għali.

GH: Voldieri kelli ngħidlek tispjega kemm minn dak l-ammont inti nfaqt u kemm żammejt, dak li nfaqt qiegħed f'pożizzjoni li tispjegali  x'inhu, fiex infaqtu?

CF: Eqq deheb, għax inhobb id-deheb, biċċtejn għamara le xtrajt affarijiet li jammontaw għall-flus għall-ammonti, heqq.

GH: Ma nafx imma kieku kelli nitolbok rċevuti għandek tagħhom dawn?

CF: Ehhhh

GH: U bħala persentaġġ minn dawn id-90 elf kemm żammejt u kemm infaqt?

CF: Eh offhand ma nafx imma. Offhand ma nafx heqq. Heqq jien qatt ma kont se nkun preparat għalihom dawn l-affarijiet eq eq eq

GH: Kif għidtlek Sur Farrugia inti mhux qed tiġi investigat hawnhekk, inti qed tixhed bħala xhud

CF: Imma kif qed tkellimni qisek qed tinvestigani

GH: Le le qed noqgħod attent ħafna

RM: Qiegħed attent ħafna l-Kummissarju naħseb

CF: Jien qatt m'għaddejt minn dawn l-affarijiet allura nħossni

RM: Le le

CF: Daqsxejn

RM: Imma domandi leġittimi

CF: Ma nafx ta

GH: Inti għandek il-vantaġġ li għandek l-avukat hawn u tal-affari tiegħu u kieku jien insaqsi xi domandi li m'għandix insaqsiha…

RM: Mhux hekk

GH: Nasigurak li jintervjeni u jwaqqafni

RM: U mhux hekk

GH: Mhux qed ngħid li għandek tort ma żammejtx rċevuti qed insaqsik qed tifhem

CF: Għax kieku kont naf li neħel f'dis sitwazzjoni

GH: Tifhem x'inhi diffikulta, li jien għandi verżjoni ta' naħa u ser ikolli il-verżjoni tal-Onorevoli Cutajar qed nantiċipa hija bħal tiegħek bejn wieħed u ieħor f'dak li għandu x jaqsam ma ħlasijiet lilha allura wieħed jiġi biex jara liema waħda titwemmen u allura mhux każ ta' intkom qegħdin tnejn u dak qiegħed wieħed allura wieħed bilfors ikollu jemmen it-tnejn kontra l-wieħed għax nista' nemmen wieħed kontra tnejn. Imma dawn it-tip ta' risposti jistgħu jgħinuni nara liem hi l verita'

CF: Għax jien per eżempju qas kont naf dan iċ-Ċiniż li kien involut, qatt ma rajtu dan iċ-Ċiniż kien jgħid li dawn xi familja Ċiniżi, kien negozjant tal-passaport, xtara passaport. Imma jien onestament, ħa nitkellem ta dawn l-affarijiet nibża minnhom fejn ikun hemm dawn it-tip ta affarijiet għax kieku kont dan ma kontx nidħol għaliha żgur żgur żgur żgur

GH: Ma nasħibx illi l-problema hija illi l-Camilleri xtara mingħand Ċiniz

CF: Imma jien seta' qalli lili

GH: Il-problema hija daqxejn differenti

CF: Seta qalli lili isma dan hu

GH: Imma x'differenza

CF: Se jasal mhux se jasal

GH: X'differenza ha tagħmillek ?

CF: Heqq ma nafx. Jiena l-affarijiet inħobbhom hekk ma nħobbx indur mal-lewża. Għax inbagħti għall-ħaddiehor ma rridx

CP: Il-1 percent?

GH: Ma jafx biha mhux hekk?

GH: Għax qed ifakkarni s-Sur Polidano dwar il-1 percent jekk fhimt sew inti għidt li Yorgen Fenech lilek ma tak xejn iżjed

CF: Le le

GH: U lil…jekk ta lil Onorevoli Cutaajr ma tafx

CF: X'ta l-Onorevoli Cutajar ma nafx

GH: Ok. Jiena naħseb għalissa daqshekk. Għalissa daqshekk u nispera li ma jkollix domandi iktar

CF: Terġax iġġibli

RM: Punt żgħir, punt żgħir, jekk bil-ġentilezza tiegħek Sur Kummissarju forsi tispjega ftit illi as we speak, Camilleri qiegħed fit-trattrativi miegħek biex taraw, forsi tispjega ftit lill-Kummissarju

CF: Ilbieraħ per eżempju ċempilli ċertu Anthony Camilleri he addressed himself as the financial controller of Joe Camilleri. Dan xi 4 weeks ago ċemipilli qalli nixtieq niltaqa' miegħek. U since then ma kellimnix iktar. Issa ilbieraħ filgħaxija reġa ċċempilli qalli Charles qed tgħarafni Joe Camilleri għax għandijkun la naf Manuel Camilleri qas Joe Camilleri jismu dan. Qalli nixtieq niltaqa' miegħek naqra u jiena biex niċċajta niġbidlu saqajh għidtlu tbigħlix propjeta' ta ddeffisnix f'propjeta'. Qalli le le le qalli biex nippruvaw insibu soluzzjoni ma' Joe Camilleri ħa nirranġakom. Jiena għidtlu…

RM: Ok…biex tgħidlu l-messaġġ hu li sal-bieraħ stess sur Kummissarju kien qed jippruvaw isibu…jikkuntatjaw miegħu

CF: Ehe qed tifhem sal-bieraħ stess dan iġġifferi Joe Camilleri jaf u ma jafx fejn qiegħed

GH: Iva imma ħa ngħidlek

RM: Just

GH: Dawn ir-rapporti jieħdu ħajja għalihom, ħajja tagħhom fis-sens la darba jkun dar ir-rapport ikun x'ikun l- arranġament intom u Camilleri jew inti u Camilleri lili ma jinteressanix

RM: Pero l-kuntest huwa biex, is-Sur Farrugia qed jikkorabora dak li qal qabel iġġifieri fis-sens illi r-relazzjoni juridica jekk teżisti kienet sa ma' Camilleri u potenzjalment anke sal-bieraħ stess il-

parti l-oħra qed jirrikonixxiha għax qed iċemplulu ma nafx jekk jagħmluha mal-Onorevoli Cutajar ma nidħolx biex nirrappreżenta l-Onorevoli Cutajar pero ċertament qed iċemplulu biex jaslu f' arranġament.

CF: Sal-bieraħ stess jekk trid tikkwotah kkwotah kollox għandi iġġifieri

GH: Camilleri qalhieli

RM: eh iġġifieri

CF: Eh qalielek?

GH: Le le ħalli u nispjega għaliex għaliex Camilleri l-interess tiegħu mhux dan ir-rapport dan ir-rapport ma jinteressah assolutament xejn. Fil-fatt mhux hu għamlu.

RM: Naqblu

GH: Camilleri l-interess tiegħu huwa li jieħu il-flus tiegħu lura

CF: Imma jien ma nistax intihomlu l-flus

RM: Pero id-dunkwe hi li qed jirrikonoxxi lil Farrugia tajjeb jew ħażin bħala persuna singulari

CF: U dan wara kollox, wara kollox, id-deal minn ma' Yorgen forsi waqaf jew forsi għadu għaddej through z-ziju. Mela xi ħadd jaf, jiena 'il Ray kont kellimtu jien kont għidtlu trid tixtrih għidtlu, għidtlu ħudu dik id-dar għax sabiħa, qalli ħallini x'nieħu Chal dak għandi ttini miljun u 3 mitt elf x'ħa nieħu hekk qalli biex imbagħad…

RM: Sur Farrugia

CF: Imbagħad naqbad it-telefown inċempillu għidtlu Ray jiena smajt li ħadtha d-dar qali iva xtrajtha

RM: Sur Farrugia, Sur Farrugia il-punt hu li sal-bieraħ stess il parti l-oħra qed tipprova titranssi – qed tipprova tasal miegħek. Imma qed nifhem ma nafux…li miegħek biss. Allura lilek tirrokonoxxi, iġġifieri dawna li jiena fhimt mill-ġurnali ovvjament jien miniex hawnhekk biex niġġudika, ovvjament ikun [unclear] jiġġudika, wieħed irid jara li kollox fl-assjen tiegħu. Dik biss iġġifieri hija korroborazjoni oħra, [unclear] bul-ġurament, illi sal-bieraħ stess irrikonoxxewk bħala l-persuna li sehma għandekx tasal magħhom. Għandekx ittihom…

GH: Ha ngħidlek

CFL Le hu ma qallix

GH: Huwa fatt, huwa fatt

CF: Biex ittijomholi lura qalli nippruvaw naslu fi ftehim

GH: Huwa fatt illi Camilleri jitkellem miegħek u mhux mal-Onorevoli Cutajar. Pero ara ngħidx sew illi fit-telefonati li kellkom bejnietkom inkluż fic-chats tissemma l-Onorevoli Cutajar li hu kien jgħidlek kellimha ara x'ħa tagħmel, inti għidtlu li dawk l-2000 ġibthom bis-saħħa tiegħek, ġibthom mingħandha bis-saħħa tiegħek, iġġifieri fid-diskors, fil-konversazzjonijiet li kien hemm bejnietkom, u qed ngħidlek, jista' jkun li huma bil-miktub ukoll, u jista' jkun li anke jispiċċaw għandi, illi hemm riferenza għaliha anki minnek. Per eżempju, f'telefonata minnhom huwa

rreferi l-ewwel irrefera għaliha u inti għidtlu lil dik issemmhiex. Iktar tard fl-istess telefonata, inti tkun għid… hu ikun qallek li hemm hi involuta u inti tgħidlu issa nkellimha. U dat-tip ta…

CF: Imma le minuta waħda. Meta l-ewwel darba jiena għidtlu inti ssemmihiex għax ma kinitx involuta. Ma kellux għalfejn joqgħod isemmi lil Rosianne mela din għax ħadet kafé miegħu daħlet fin-negozju. Waħda. Number 2, number 2, x'kienet id-domanda naqra?

GH: Per ezempju meta jgħidlek inti trid iġġib…trid ttini l-flus, dak kollu ġara wara, tajjeb,

CF: Wara wara wara

GH: Meta jgħidlek tridu ittuni dak il-flus lura, għall-4000 qed ngħid issa, inti tgħidlu per eżempju issa nkellimha u naraw u nara kif nagħmlu

CF: Eh

GH: U titkellem bil-plural u tgħid nkellimha, bil-femminil

CF: Jiena, jiena meta kien jgħidli hekk għax ma' Rosianne kont nitkellem kollox fuqu dan il-każ minuta waħda kont ngħidilha isma dak talabni elfejn oħra, dik irid hekk dak irid hekk allura tant jiena bniedem close ta' Rosianne jien, naħseb iktar minn ommha u minn missierha u kullħadd u mill- agħar saħħa l-affarijiet saħħa we disclose them to each other

GH: Iva, mhux dik hi d-domanda. Id-domanda hija li Camilleri allura kellek għalfejn tgħidlu issa nkellem lilha?

CF: Ma nafs għaliex le ta. Ngħidilha isma Ro ta dak talabni 2000 ewro oħra.

GH: Mhux qed ngħidlek kellekx inti tkellem lilha dik stajt kellimt lil min ridt lil hu min hu. Meta Camilleri qed jgħidlek irrid il-flus lura inti kellek għalfejn tgħidlu ha nkellem lilha?

CF: Għall-2000 hu qed tgħid?

GH: Ħa nibdew bl-2000 għall-ewwel

CF: Iva għall elfejn, iva kont inħoss li kelli ngħidilha. Ngħidulu dak isma Rosianne parti għax hi apparti li hi li hi jien kont nieħu ħafna pariri mingħandha għax hi mhijiex baħnana, mhijiex xi tifla injoranta

GH: Ok. Nistgħu nieqfu hawn?

CP: Fir-rigward tal-4000, inti għidt tajthom lura 2000 u imbagħad 2000. Għidt għax mort il-bank jiġġifieri inti t-tieni 2000 qed nifhem li ġbidthom mill-bank biex ittihomlu?

CF: Ġbidthom mill-bank ovvja

CP: Iġġifieri hemm withdrawal mill-bank li jikkorrispondi …

RM: Tiftakar imma jew?

CF: X'inhi x'inhi?

RM: Tiftakar?

CF: Xiex ?

GH: Le le għax inti meta meta semmejtilna r-refund tal-4000, għidtli l-ewwel tajtu 2000 cash u imbagħad xi jumejn wara mort il-bank, ġbidt 2000 u tajtu 2000 oħra cash.

CF: Eh

GH: Imma ġbidthom il-bank. Issa s-Sur Polidano qed isaqsik ladarba inti ġbidthom mill-bank suppost fl-istatement tiegħek tal-bank ser jirriżultalek li inti ġbidt elfejn.

CF: [Jidħaq] Ma tantx inżommhom l-istatements. Jiena ħa ngħidlek, issa bir-rispett kollu jien flus il-bank ma tantx għandi tista' tagħmel..tidħol fuq il-dak tiegħi, ma niftakarx, qas niftakar kif ha niftakar?

GH: Ma jimpurtax. Erm. Tini daqxejn dati għax ħaġa li ma ddiskutejnix hija meta għaddew dawn il flus, jiġġifieri id-data meta inti kont tajt…

CF: Xiex?

GH: Did-data meta inti tgħid li mortu r-ristorant tal-Marsamxett,

CF: Sewwa

GH: L-ewwelnett, inti tiftakar x'jismu r-ristorant?

CF: Inbidel l-isem issa dan, dak ma nafx x ġie

GH: Qabel x'kien jismu?

CF: Eh?

GH: Qabel tiftakar x'kien jismu?

CF: Ħa nipprova. Dan x'kien dak ir-ristorant ta' Daren Debono ma niftakarx ta

GH: Ta' Darren Debono jiġġifieri

CF: Ma ssemmix lil Darren Debono

GH: Dan hu ristorant li qabel kien jismu Scoglitti

CF: Scoglietti, ista' jkun iva

GH: Hux hekk hux

CF: Scoglietti

GH: U riċentement inbiddel u sar jisem Porticello

CF: ma nafx

GH: jekk qed nifhem sew. Lanqas is sur Camilleri ma ftakar x'jismu.

CF: x'jismu, qed tara

GH: Pero ftakar ħaġa interessanti, illi għal dik l-ikla marret biex tħallas l-Onorevoli Cutajar

CF: Daqshekk billi marret tħallas. Xiex?

GH: Bil-credit card tagħha

CF: Allura so what x'għamlet ħażina għamlet xi ħaġa ħażina ma naħsibx

GH: M'għamlet xejn ħażin erm ħlief illi dak ir-ristorant ma jiħux credit cards.

CF: Ma jiħux credit cards?

GH: Le

CF: Għaliex xiex ma nafx

GH: Ma nafx, ma jiħux credit cards

CF: Ma nafx.

GH: U allura ħallas is-Sur Camilleri

CF: Eh xiex. Iġġifieri trid intojhomlu lura?

GH: Le

CF: Eh x'inhi l-problema allura għax im..ħallas Rosianne

GH: Le le għaliex is-Sur Camilleri qal li ġie mistieden mingħandkom, minnek u mill-Onorevoli Cutajar

CF: Le le minni ġie mistieden. Din li qed idaħħal il-ħin kollu lil Rosianne fin-nofs għax dan imbagħad ha nispiċċa jiena noqgħod ngħid isma ma għandha taqsam xejn m'hawnhekk

GH: Mela ifhimni ftit

CF: M'għandu x'jaqsam xejn minn m'hawnekk

GH: Mela ippermettili sekonda

CF: Daqskemm qala' xorti biex tgħamillu dan kieku dan jien mhux il-ħabs nitfgħu ta ġol-infern imma

GH: Ippermettili. Mela meta għidtilna l ewwel darba għidtilna li l-ewwell mortu tieħdu drink

CF: ħadna drink ehe

GH: Għand Charles Grech għaliex hu ċempillek biex tmorru tieklu

CF: eh

GH: u inti għidt lil Rosianne Cutajar ġiet magħkom ukoll

CF: Eh ijwa għax kienet miegħi dejjem miegħi Rosianne bħal ma jaf hu

GH: u imbagħad qed ngħidu illi offrietlu tħallas hi

CF: Eh

GH: Jew ippruvat tħallas hi bil-credit card u qalu ma nieħdux credit card u mbagħad ħallas hu.

CF: Jien ma nafx li qamet biex tħallas Rosianne

GH: U fl-istess ħin qed tgħidli li stendintu inti

CF: Iva għax ma kellix cash ma kellix flus fuqi jien

GH: Ifhimni… għadu kemm tak borża b 93,000 elf qed tgħid…

CF: Ippermettili ippermetilli

GH: Voldieri li tgħid li ma kellekx cash dikinhar

CF: Jiena qas naf, qas niftakar li qamet rosianne biex tħallas ta wara kollox

GH: Eh imma għalhekk trid toqgħod attent kif tirrispondini. Jekk jiena saqsejtek ngħid sew li offriet li tħallas hi ma tistax tgħidli l-ewwel tgħidli iva jew u imbagħad fuq kollox ma nafx

CF: Le le m'għidtx iva jien m'għidtx iva

GH: Anyway. Mhuwiex daqshekk importanti qed ngħidlek pero x'qed jgħidli s-Sur Camilleri u x'qed tirrispondini inti. Xi haġ'oħra? Nieqfu hawn.

RM: thank you

GH: Nispera ma jkollix għalfejn nerġa' insaqsik

CF: Le terġax iġġibni ta għax ha..minn dak.. bdejt nirċievi..għamilt ħajti vera.

**TMIEM**

****

B/CF7

- 1 MAR 2021
Commissioner
for Standards
in Public Life

24 ta' Frar 2021.

Ghaziz Sur Kummissarju,

Qed niktiblek din l-ittra biex naggornak bi zviluppi fir-rigward ta' dak li tkellimna nhar id-19 ta' Frar 2021.

Fil-jiem li ghaddew ghamel kuntatt mieghi permezz ta' telefonata s-Sur Victor Camilleri, l-Awditur tas-Sur Joe Camilleri u Green Eyes Limited. Huwa qal li xtaq jiltaqa' mieghi u iltqajna nhar it-Tnejn 22 ta' Frar 2021.

Huwa wera x-xewqa li jsir settlement agreement bejni u bejn is-Sur Joe Camilleri sabiex l-kwistjoni kollha li tirrigwardja l-bejgh tad-dar tal-Imdina kif spjegajtlek li sehhet tigi rizolta. Naggornak b'aktar zviluppi meta u jekk ikun hemm.

Inselli ghalik,

Charles Farrugia

Commissioner for Standards
in Public Life

8 ta' Marzu 2021

Is-Sur Charles Farrugia
[redacted]

Bil-posta u bl-email fuq [redacted]

Sur Farrugia,

**Taħrika biex tixhed skont l-artikolu 19
tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika**

Bis-saħħa tal-artikolu 19 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), inti qed tiġi mħarrek biex terġa' tidher quddiemi f'dan l-uffiċċju skont kif jidher hawn taħt:

**Data:** il-Ħamis 11 ta' Marzu 2021

**Ħin:** fl-10.30 am

**Għan ta' din it-taħrika:** Sabiex tixhed bil-ġurament in konnessjoni mal-evidenza u x-xhieda li inti diġà ipprovdejt.

**Dokumenti li għandek iġġib miegħek:** Il-karta tal-identità tiegħek.

Inti m'intix is-suġġett tal-investigazzjoni tiegħi u qed tintalab tidher quddiemi bħala xhud. Nuqqas ta' koperazzjoni mingħandek jista' jwassal għal pieni skont kif ipprovdut fl-Att, iżda m'intix obbligat twieġeb domandi jekk ir-risposta jkollha mnejn tesponik għal xi prosekuzzjoni kriminali.

Nitolbok tikkonferma li rċevejt din l-ittra u li ser tattendi. Għal dan il-għan tista' tibgħat email fuq l-indirizz li jidher hawn taħt.

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Transcript

Intervista tal-11th March 2021

Carmelo sive Charlie "It-Tikka" Farrugia

Preżenti:

Il-Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika - Dr George Hyzler (GH)

Direttur Ġenerali, is-Sur Charles Polidano (CP)

u

Xhud – Is-Sur Charles Farrugia (CF)

Rappreżentant Legali – Dr Robert Musumeci (RM)

GH Bonġu, emm, is-sur Farrugia, emm avvukat (cough) Musumeci,

RM Bonġu

GH Emm. L-ewwel ħaġa, nerġaw, namministralek l-ġurament sur Farrugia, taħlef li tgħid is-sewwa, is-sewwa kollha u xejn ħlief is-sewwa hekk Alla jghinek. Kemm tbus is-salib…

Mela sur Farrugia jiena xtaqt, erġajt bgħatt għalik għax xtaqt nisma' mingħandek l-ispjega tiegħek dwar dak li qed jingħad, dejjem fil-media…err – illi lis-sur Yorgen Fenech ta ammont ta' flus ta' wiehed u tlettin elf lil, em, l-Onorevoli Cutajar flimkien ma' somma oħra ta' xi disgħat elef jekk ma niżbaljax, li kienu intiżi għaliha personalment. Emm dan dejjem qed ngħid x'qed jingħad fil-media… emm… u mingħajr ma' ngħidlek naturalment x'qalet ukoll l-Onorevoli Cutajar. Emm…inti meta kont xehedt kont għidt illi inti ma tafx xejn dwar dawn l-ammonti. Fhimtek sew jew le?

RM Mela…

GH Jekk jogħġbok.

CF Le, jiena dan… jiena mingħand Yorgen Fenech (cough to clear throat) kull ma rċevejt, wieħed u tletin elf Euros, li jammontaw għal one percent senserija. Jiena ma' semmejtomlokx għax inti ma saqsejtnix għalihom l-aħħar… laqgħa li kelli miegħek. Issa l-oħrajn x'ħadet Rosianne jien ma' nafx bihom, ma' naf xejn.

GH Le le. Meta jiena staqsejtek dwar inti irċevejtx flus jew le mingħand Yorgen Fenech, inti għidtli li ma rċevejt xejn u li ma tafx li ġew mingħand…through, jew emm… Rosianne Cutajar, pero' issa niċċekkja t-tape biex inkun ċert li dak li għidtlek jew dak li qed nissuġġerilek li jien għidtlek huwa korrett. Pero' inti illum qed tgħid illi inti fil-fatt inti irċevejt wieħed u tletin elf minghand Yorgen Fenech.

CF Ezatt, one percent tal-ammont tal-..tal-…tal-bejgh tal-post.

GH Allura meta jien meta kont saqsejtek oriġinarjament jekk kienx hemm ftehim ta' three percent min naħa u one per cent minn oħra, tiftakar x'kont għidtli?

CF [pause] Errr. Ma tantx niftakar.

GH Ma tiftakarx. Ok. Emm…ok voldieri jekk jiena nissuġerilek…nerġa' nissuġġerilek…illi il-ftehim oriġinali, anke kif kien abbozzat fil-konvenju li kien għamel l-avukat Lofaro, kien illi l-venditur, jiġġifieri Camilleri, kellu jħallas three percent senserija, filwaqt illi l-kompratur, jiġġifieri Yorgen Fenech, kellu jħallas one percent. Għidtlek ukoll illi dik inhar tal-konvenju, inti stess għidtilhom "din m'hemmx għalfejn innizzluha" u tħassret. U bil-biro tan-nutar, emm, Mario Bugeja, hemm miktub 'no brokerage fees are due', m'hemmx senserija.

CF Le. Jien m'għidtx jien…biex jithassar għax jien, m'hinix daqshekk tekniku fuq dawn l-affarijiet, jiena qatt m'għamilt dat-tipi ta' x'jisimhom hekk…

GH Nissospendi minuta.

GH Thank you.

[ħoss ta' tieqa tingħalaq]

GH Mela.

GH Mela. Emm….ara tiftakarx ukoll, għax din hija l-allegazzjoni ta'… tas-sur Camilleri, illi fil-bidu nett, meta intkom ltqajtu fil-bidu nett u semmielek dan l-post u dan, u li inti għidtlu li ridt 1.5% senserija. Tiftakaraha din?

CF Kemm?

GH One point five percent (1.5%). One point five percent (1.5%).

CF Kont tlabtu, jista' jkun.

GH Jista' jkun. Ara ngħidlekx sew ukoll, illi sussegwentement, għidtlu…ghidtlu illi hemm xi ħadd ieħor involut u ried, ried dal persuna, mingħajr ma semmejtlu minn, ried one point five percent (1.5%) ukoll u għalhekk ġejtu illi s-senserija kienet ta' three percent (3%)…Tiftakru dan?

CF Iva, niftakru dan. Imma jiena ma semmejtlu… ma semmejtlux nies jiena…

GH Kollox sew.

CF Semmejtlu…

GH Ippermettili. Tiftakar li ġara hekk… jiġġifieri….

CF Ehe, ehe.

GH L-ewwel tlabtu one point five (1.5).

CF Biex is-senserija dejjem tikber iktar.

GH Imbagħad għidtlu illi…

CF Għalhekk.

GH … one point five (1.5) għal xi hadd iehor, pero mingħajr ma semmejtlu min. u ismijiet ma semmejtx...

CF Le le le. Ma semmejt qatt lill ħadd għax it was <u>me</u>, li kont qed nagħmel d-deal. Ma' kien hemm ħadd iktar miegħi Dr Hyzler.

GH Alright. Jekk jien ngħidlek li f'diskursati ma' Camilleri, issemmi diversi drabi l-Onorevoli Cutajar, x'tgħidli?

CF Heqq, Rosianne l-ewwelnett dejjem fil-kumpanija tiegħi. Kull ma ssemmiet Rosianne ma ssemmietx fuq…fuq… fuq in-negozju ħa ngħidu hekk, fuq in-

negozju qatt ma' ssemmiet Rosianne.  Ma nafx għalfejn jiġġifieri Joe Camilleri qed iżeffen lir-Rosianne fin-nofs. Rosianne sempliċiment kont qed nieħu kafe' ma' Joe Camilleri fil-preżenza ta' Rosianne Cutajar.  Spjegajtilha li għandu dar għal-bejgħ l-Imdina, u kull ma' għidtilha, għidtilha tafx, ara tkunx taf lil xi ħadd forsi, jkun interessat. Stop there.

GH	Ara meta, meta talbek ir-rifużjoni, ir-rrefund…

CF	Yorgen?

GH	…Meta talbek Camilleri…

CF	Eh.

GH	…Mela, meta Camilleri talbek ir-rifużjoni, il-ħlas lura…

CF	Eh.

GH	…Ta' parti mill-ammont li kien tak, li hu issejħilha senserija u inti ssejħilha pagament buone gratie…ta' elfejn u elfejn, ta' erbat elef Ewro, għaliex kien maqsum f'żewġ biċċiet, għaliex elfejn mingħandek…

CF	Mela.

GH	u imbagħad ġibtlu elfejn oħra?

CF	Iva [clears throat] Dan iltqajt miegħu dejjem għand-Cordina qalli "isma Chal", qalli "id-deal waqa'" jew bgħatli messaġġ - ma' niftakarx eżatt.  Qalli "id-deal, il-prezz niżel u trid ittini lura erbat elef ewro". Jien għidtlu "elfejn euro nista' ntihomlok għada", għidtlu, "imma l-elfejn l-oħra irrid ntihomlok iktar tard" għidtlu, "għax m'għandix".

GH	U kemm wa…, wara kemm żmien tajthomlu dawn l-elfejn l-oħra?

CF	L-oħra?

GH	Mhmm.

CF	Forsi two days?

GH	Mhmm.  Voldieri, l-ewwel tajtu elfejn, dejjem cash,  qedin nit…qed nifhem…

CF	Dejjem cash tajtu.

GH Dejjem cash.

CF Dejjem cash.

GH L-ewwel tajtu elfejn u imbaghad tajtu elfejn oħra wara xi jumejn.

CF Sewwa.

GH Issa, l-aħħar darba li ltqajna, jiena kont issuġġerejtlek, u inti ma qbiltx, illi kont għidtlu, illi dawn l-elfejn kellhom jiġu mingħand, err, Rosianne Cutajar u kienet se ttihomlok b'ċekk, se ttijhomlu b'ċekk u imbagħad wara għidtlu, imma "riedet ittihomlok cash". U tajthomlu cash. Dan inti xhedtu iġġifieri m'hu veru, xejn dan pero' taċ-ċekk u mhux taċ-ċekk.

CF Issa jiena, jiena għidtlu hekk, għidtlu hekk [clears throat]. Semmejt lir-Rosianne biex forsi dan kien, jien naf, tirtablu daqxejn qalbu jgħidli 'mela ismagħni, ħallihom dawk l-elfejn'. Mhux għax ta' Rosianne…biex niffrankhom jien. Għax meta tajtu l-ewwel elfejn għidtlu "tini xi ħaġa minnhom, qlajt daqs dawk flus", għax dan, mhux eluf ta, qala', ok? Qalli "le ta", qalli "le-le-le-le-le". U baqa' bil-[unclear] u ma tani xejn. At the end, tajtu, the four thousand euros minn BUTI, minn BUTI.

GH Iva, imma… meta tgħid… inti, jekk ma niżbaljax, l-aħħar darba kont għidtli li mort il-bank u ġbidthom mil-bank.

CF Ijja.

GH Imma, ngħid jiena, meta inti għandek, dejjem skond inti, disgħin elf cash id-dar, kellek għalfejn tmur il-bank biex tiġbed elfejn euro, wara jumejn? Għax kieku dak il-ħin stess nifhimha, ngħid, "isma m'għandix fuqi, ħa mmur niġbidhom mill-bank". Imma jekk ħad….jekk kollox sar cash, kollox ma' jidhirx…

CF Iva, naf, imma jien x'….

GH Kellek…. Dak x'għidtli d-darba l-oħra, issa ma' nafx li qed tgħid l-istess ħaġa illum.

CF Issa ħa ngħidlek, ħa ngħidlek, jiena dawk il-flus storjajthom fejn kien [unclear] id-dar, ma' stajtx nerġa' mmur niftaħ u nerġa' naqla', u nagħmel

għax…heqq, fiċ-ċirkostanzi li huma illum, jien naf. Forsi jkunu semgħu li jiena għandi cash id-dar, eee, jien naf, allura żammejt… tajtha low profile u daqshekk. Qbaqt elfejn euro mil-…mil-genb u tajthomlu.

GH Jiġġifieri fejn inti semmejtlu lil Rosianne Cutajar, semmejtulha, semmejtu, semmejtha lilu biss biex…

CF Just…

GH …Forsi…

CF …Eżatt prosit prosit…

GH Tirtablu qalbu…

CF Eżatt.

GH U, u jaħfirhomlok.

CF To discourage him a bit.

GH To discourage him.

CF Eżatt.

GH Ok. Hmm.

CF Eżatt. Rosianne, she was never in the deal, Dr Hyzler, qatt, from punto di partenza sal punto finale. Qatt. Rosianne għax ġiet tara d-dar ma jfissirx li kienet involuta, le! I was the person involved.

GH Imma, imma, tifhem hux hekk , mela għandi 'l xi ħadd li qed jgħid illi kienet involuta, u li taha il-flus…

CF Hemm ħafna qed jgħidu li kienet involuta imma I know…

GH …Iva, le, le…

CF …Jien naf.

GH …imma qed ngħidlek x'għandi jiena issa. Jiena l-verżjoni li għandi ta' Camilleri hija li hu taha forty-six thousand five hundred Porticello. Tajjeb? Emm, inti qed tgħidli 'ma dan m'hu veru xejn, tani disgħin elf, kollha kemm huma Porticello, mhux f'żewġ biċċiet, biċċa Cordina, jew jew jew"…

CF Le.

GH …Charles Grech u biċċa Porticello

CF No. No.

GH Ma jimpurtax. Iva, kollox sew. Imma dawk huma l-verżjonijiet li għandi jien. Imbagħad għandi l-verżjoni, imbagħad għandi ukoll dawn il-biċċiet l-oħra: waħda illi meta talab ir-refund, ir-refund ngħata f'żewġ… f'żewġ tranches, żewġ biċċiet. Għandi l-konferma mingħandek illi inti semmejt lir-Rosianne Cutajar biex trattabblu qalbu; voldieri, jiena x'suppost nifhem biha din meta ikolli niżen dawn iż-żewġ verżjonijiet, x'ser nagħmel jien? Qed tifihmni? Hmm…erm

CF Le, l-erbat elef kienu faċli ntihomlu għax kelli l-cash.

GH Mux ovvja?

CF Eqq!

GH Imma issa….

CF Imma mhux se mmur niġri b'disgħin elf ewro biex intih erbat elef euro? Eq? naħseb, jien, ma nafx?

GH Iva, imma għidtilna ukoll illi l-ewwel elfejn, ma tajthomlux dak il-ħin li talabhomlok, tajthomlu wara xi żmien, xi ġurnata jew tnejn.

CF Iva…

GH u imbagħad għaddew jumejn ohra….u….

CF Iva, imma..ma kellix cash fuqi. Jien x'….ħa nġorr elfejn ewro fuqi? Min iġorr elfejn ewro hekk mux min se jagħmel biċċa negozju. Heqq…

GH Hekk hu.

CF Naħseb, ma' nafx. Jiena, mhinix tekniku, imma jien qed nirrispondik fuq il-fatti; fuq il-ftit li naf jiena. Heqq. U dik tal- tal- tal- biex ma titħallasx taxxa, dik qalha Pierre Lofaro mhux jien għidtha. Ma nifhimhom, jien f'dawn l-affarijiet Dottor ma nifhimhomx. Jien ma nifhimhomx …

GH Ara …

CF Tgħiduli fuq affarijiet oħra, milli fuq dawn l-affarijiet.

GH Tiftakar li kont għidtlu lil Camilleri meta talbek il-flus lura, is-somma kollha, biex nifthemu, mhux l-erbat elef issa, meta talbek il-flus lura, illi issa inti tiegħek bgħatthom lil ħuk l-Amerika?

CF Imma, dik kienet, dik għidtha lil Pierre Lofaro, jiena.

GH Għidtha lil Pierre Lofaro.

CF Ħa ngħidlek, 'il Pierre Lofaro għidtlu jien, qalli, għidtlu "ha ngħidlek Pierre" għidtlu "jiena l-flus jista' jinsihom. Bgħatthom, parti minnhom bgħatthom lil ħija l-Amerika u żammejt xi ħaġa jien għax kelli xi commitments", etcetera, etcetera. Pero' il-flus ma bgħattomlu qatt lil ħija. Kif nista' nibgħatlu cash, fejn ha nibgħathom? Jekk tista' tibgħathom?

GH Kollox sew.

CF U ħija, wara kollox, pensjonant, m'għadux bżonnhom

GH Ara, ara tiftakarx ukoll li għidtlu illi "…u li u tar-Rosianne dik issa xtrat dar u…"

CF Ijja dik kienet qed tibni, qas xtratha, Rosianne. Rosianne kienet qed tibni appartament milli kellha tal-familja.

GH Sewwa, sewwa, imma.

CF Tal-familja

GH Il-punt huwa id-domanda, li meta għidt lil Pierre Lofaro, għidtlu ukoll "u l-parti ta' Rosianne dik issa, awk nefqithom għax xtrat dar".

CF Imma għidtlu hekk ghax heqq, ma kontx ħa ntihomlu, bdejt nitkellem fil-plural għalija.

GH Ok.

CF Heqq. Għalhekk. Jien dejjem żeffint lil Rosianne u dan ma kellha għalfejn inżeffinha, fis-sens jiġġifieri.

GH Ma tantx għamiltilha pjaċir kbir.

CF Iva, imma ifhimni, eqq, eqq.

GH Alright.

CF Imma il-fatti huma dawk li huma Dr Hyzler.

GH Fair enough.

CF Dawk, għax hekk, u kulhadd jgħid ghax il-… li Chalie t-Tikka ħa hekk u Chalie t-Tikka ħa hekk… u Rosianne ħadet hekk, m'hu veru minnu xejn. Jiena l-flus jien ħadthom.

GH Ok.

CF U issa għalfejn ġew daharhom mal-ħajt il-ħin kollu jitolbuni l-flus lura. Iċempluli?

GH Ara, ħa mmur lura għal wieħed u tlettin elf li ġew għandek. Tiftakar kif waslu għandek?

CF X'inhuma?

GH Il-wieħed u tletin elf.

CF Il-wieħed u tletin elf ta… eeee…Rosianne kella x'tiltaqa' ma' Yorgen over a coffee, ma' nafx xiex insomma…u ċemplitli Rosianne u qaltli "inti qiegħed id-dar?", għidtilha, "le mhinix id-dar", qaltli "għax għandi l-flus, tani l-flus ta' Yorgen". U jekk tgħidli għalfejn tahomlha 'l Ros, u ma tahomx lilek… jiena għax jaf li-Rosianne we are very close. Qed tifhimni?

GH voldieri ma kontx mifthiehem miegħu….

CF Le-le-le-le.

GH Li tmur tiġborhom.

CF Qatt ma' ftehimt miegħu jien. Le, le jien u qas lil Camilleri. Jiena la wieħed u lanqas lill-ieħor. Jiena sar il-konvenju, sar il-konvenju, qam Yorgen Fenech qed nimmaġina issa, imma biex niftakar trid tagħmel stampa. Yorgen Fenech min hawn, għamel sinjal lil Camilleri għax kien hawnhekk, b'rasu, daħlu ġo kamra, u ħareġ b'pakkett, pakkett wieħed, pakkett wieħed.

GH Sewwa dak inhar tal-konvenju, issa.

CF Dakinhar tal-konvenju.

GH Mux dakinhar tal-konvenju.

CF Cash.

GH Kollox sew.

GH Ma’ jidhirx li hemm kwistjoni fuqha.

CF Le, imma jiena niċċaralek kollox.

GH Kollox sew.

CF Kif kienet il-picture.

GH Jiena d-domanda mhix dik. Id-domanda tiegħi hija, meta Yorgen Fenech għadda l-wieħed u tletin elf, flimkien ma’ xi somma oħra, lil Ros…

CF Le, il-wieħed u tletin elf tatni lili.

GH Inti, la kont preżenti, lanqas kont miftiehem  miegħu biex tmur tiġborhom u ma kontx taf li ħa jtihomlha. Sempliċiment din ċemplitlek u qaltlek ‘isma Yorgen Fenech tak”…

CF Hekk hekk ehe

GH Hekk.

CF Wieħed u tletin elf.

GH Ok.

CF Fejn ma’ kontx preżenti?

GH Le, le dikinhar ma kontx preżenti.

CF Le le ma kontx preżenti dahinhar.

GH …dan il-flus…

CF Le-le-le-le u qas kont id-dar meta ċemplitli, għidtilha m’inhix id-dar.

GH Ok.

GH u imbagħad tathomlok eventwalment….

CF Pero lili ġabitli thirty one thousand Euro. Stop there.

GH Sewwa.

GH Xi ħaġa oħra?

CP Hmm. It-thirty one thousand inti għidt illi dawk kienu il-one percent ta' Yorgen Fenech, hux hekk?

CF Xiex?

CP It-thirty one thousand, għidt li dawk kienu...

CF Il-one percent.

CP Ta' Yorgen Fenech.

CF Ta' Yorgen Fenech.

CP Ok.

GH Ok.  Nirringrazzjak. Nispera li ma' jkollniex għalfejn nerġaw niltaqgħu.

CF Tibgħatx għalija, ta!

GH Grazzi.

**Tmiem**

****

2. Dokumenti - L-Onor. Ian Castaldi Paris

Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

24 ta' Frar 2021

L-Onor Nutar Ian Castaldi Paris
[redacted]

Bil-posta u bl-email fuq
[redacted]

Onor Castaldi Paris

**Taħrika biex tixhed skont l-artikolu 19**
**tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika**

Bis-saħħa tal-artikolu 19 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), inti qed tiġi mħarrek biex tidher quddiemi f'dan l-uffiċċju kif indikat hawn taħt:

**Data:** it-Tnejn 1 ta' Marzu 2021.

**Ħin:** fl-11.00 am.

**Għan ta' din it-taħrika:** Sabiex tixhed bil-ġurament dwar affidavit li inti allegatament ippreparajt fuq talba tas-Sur Joseph Camilleri in konnessjoni mal-ħlas ta' senserija fuq proprjetà fl-Imdina.

**Dokumenti li għandek iġġib miegħek:** L-affidavit in kwistjoni.

Inti m'intix is-suġġett tal-investigazzjoni tiegħi u qed tintalab tidher quddiemi bħala xhud. Nuqqas ta' koperazzjoni mingħandek jista' jwassal għal pieni skont kif ipprovdut fl-Att, iżda m'intix obbligat twieġeb domandi jekk ir-risposta jkollha mnejn tesponik għal prosekuzzjoni kriminali.

Nitolbok tikkonferma li rċevejt din l-ittra u li ser tattendi. Għal dan il-għan tista' tibgħat email fuq l-indirizz li jidher hawn taħt.

Inselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.com www.standardscommissioner.com

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

| | |
|---|---|
| **From:** | In-Nutar Ian Castaldi Paris [redacted] |
| **Sent:** | Friday, 26 February 2021 08:54 |
| **To:** | Office |

Dear Dr.Hyzler,

On behalf of Onor.Ian Castaldi Paris, I would like to confirm his attendance on Monday.

Thanks

Transcript

Laqgħa tal-1 Marzu 2021

Preżenti:

Il-Kummissarju għall-Istandards Dr George Hyzler (GH)

Direttur Ġenerali Charles Polidano (CP)

Xhud:

L-Onor Ian Castaldi Paris (ICP)

****

GH: mela, bonġu Onorevoli,

ICP: Bonġu, bonġu

GH: kif taf fil-gazzetti qed jiġi rappurtat, erm, qed nikkwota mill-gazzetti għaliex qegħdin fil-public domain, ġie rappurtat illi sar xi…saret xi dikjarazzjoni, f'forma ta' affidavit, erm… quddiemek, erm, u xtaqt, kummenti tiegħek dwar dan, dan l-affidavit minn Camilleri li huwa Joe Camilleri tal-Green Eyes, dwar il-każ tal-…senserija jew allegata senserija li tħallset lill-Onorevoli Rosianne Cutajar. Għalhekk l-ewwel domanda tiegħi hija, dan Camilleri tafu? Inti ħa nibdew minn hawn

ICP: naf min hu iva

GH: voldieri dan tafu ħabib, tiegħu, toqogħdu ħdejn xulxin….

ICP: we go back a long way, nafu 'l xulxin iva

GH: u tafu kif, fil-… fil-professjoni, bħala ġirien, bħala ħbieb?

ICP: konoxxenza, sirna nafu 'l xulxin fuq professjoni ukoll

GH: "ukoll" tfisser għax jien għandi nifhem li jew kellek uffiċju quddiem id-dar tiegħu jew xi ħaġa simili…

ICP: quddiem id-dar

GH: jew kontu…midħla ta' xulxin jew xi viċin ta' xulxin…

GH: iġġifieri, f'dan il-każ, ħa nsejħulu każ tal-Onorevoli Cutajar, qed nifhem sew illi dan, b'xi mod, tkellem miegħek dwaru?

ICP: mela, ħa nibdew…l-ewwel ħaġa, irrid nagħmilha..dana qed nixhed b'ġurament, ta, iġġifieri mela…

GH: fil-fatt għadek….

ICP: yes għalhekk, għalhekk, għalekk, għalhekk, ħa nieħu l-ġurament ħalli naċċertak illi ħa ngħid hija pura verita'

GH: taħlef li tgħid is-sewwa, is-sewwa kollha u xejn ħlief is-sewwa hekk Alla jgħinek

ICP: [ibus is-salib] iva. Mela, jiena fejn qed jidħol dan l-allegat affidavit, nikkonferma li jiena, fil-pussess tiegħi, m'għandi l-ebda forma ta' affidavit u allura anke fuq l-ittra, li jiena nippreżenta affidavit illum, b'ġurament qed nikkonferma li jiena, bl-ebda mod, ma stajt la jkolli kopja tiegħu, jew lanqas soft copy ta' dan l-affidavit.

GH: pero qabel ma niġu għandekx f'idejk…

ICP: m'għandix. Qed nikkonferma b'ġurament…. U

GH: tajjeb kollox sew, mela nistabbillixu li m'għandekx kopja f'idejk, pero, qed tikkonferma illi kien sar dan l-affidavit?

ICP: Nixtieq ma nweġibx din id-domanda għax nibża' mis-sigriet professjonali hawnhekk.

GH: tajjeb jiġġifieri jekk is-Sur Camilleri jirrillaxxak mis-sigriet professjonali, tkun tista' tikkonferma iva jew le?

ICP: jekk jirrillaxxani mis-sigriet professjonali imbagħad iva, nkun nista' nitkellem dwar dan

GH: ok. Erm…jien għandi nifhem minn dak li qed jallega s-Sur Camilleri, insa' l-affidavit għal mument, illi huwa talbek tintervjeni mal-Prim Ministru, ċertament mhux bħala nutar…

ICP: mhmm

GH: dwar dan il-każ, jiġġifieri

ICP: mhmm

GH: li talbek tintervjeni mal-Prim Ministru biex jinkoraġġixxi jew biex ikellem lill-Onorevoli Cutajar biex tirrifondi l-flus

ICP: sewwa

GH: dan, tista' tikkonfermah?

ICP: mhux ħa nikkummenta fuq dan, nixtieq ma nikkummentax. Għar-raġuni hija, li qed jingħad ħafna f'gazzetti hemm barra erm…u fil-verita' l-affidavit ma nafx hux hemm wieħed, tnejn, tlieta jew erbgħa, u ma rridx li..li..li ngħid xi ħaġa li ma tkunx f'postha jew f'ħinha jew f'waqtha

GH: Fair enough. Ok. Jiġġifieri, jiena xogħli huwa allura li insaqsi lis-Sur Camilleri biex itini bil-miktub dikjarazzjoni illi jirrillaxxak jew le

ICP: hekk hu, ovvjament…

GH: issa jiena, jiena sa dalgħodu stess qed naqra fil-gazzetta illi għandi dan l-affidavit jien…

ICP: Jiena Dott ħa ngħidlek, jiena, mela, hux aħna b'ġurament qegħdin hawn? Jiena din il-kwistjoni tal-affidavit, din ma ħriġtha ma ħadd u ma xejn pero jien anke kelli l' xi ħadd jiġini l-uffiċju, jheddidni biex jekk għandi affidavit, jiena dan ma noħorġux. Iġġifieri jiena kulħadd qed jaqra li jrid fuq il-gazzetti, kulħadd qed jgħid li jrid, anke, nibda' nara jiena, bħal dalgħodu bagħtuli, x'intqal fuq il-gazzetta, pero naħseb is-segwenzi u l-fatti jkunu ħafna xi

kultant  mhux korretti sa barra, u allura, fejn tidħol fuq l-affidavit, fil-kwalita' tiegħi bħala nutar, nista' nerġa' nikkonfermalek mitejn fil-mija, li jien dan bl-ebda mod u bl-  ebda ħin ma seta' jiena illum ikolli kopja hawnhekk u intihielek. Erm. Li naf, lil Joe Camilleri ilhi nafu għaxar snin, Joe comes across as being a very nice man, a very decent person, iġġifieri, min-naħa ta' Joe jiena persważ illi Joe, huwa persuna li dak li jgħid, jgħid il-verita' fuqu imma other than that anke li jekk Joe ħa jgħid li jiena nista'….jiena marbut imbagħad b'ċerta element ta' sigriet professjonali. Ladarba jiena jkolli l-comfort li jekk ngħid xi ħaġa mhux qed nikser sigriet professjonali, u naħseb li jekk hemm persuni involuti, jistgħu huma jiddispensawni minnu, jiena nkun nista' imbagħad nitkellem b'mod iktar liberu, pero rrid noqgħod attent li jiena… għax diġa' qed nispiċċa target ta' ħafna affarijiet.

GH: Kollox sew, jiena, jiena, ma assummejtx li…

ICP: Jiena l-affidavit, rajt li kien hawn, kopja għax hekk qalu l-media. Jiena li żgur jekk turini int id-dokument nista' nikkonfermalek dak id-dokument hux tiegħi jew le. Iktar minn hekk ma nkunx nista' ngħid pero.

GH: le le jiena m'assummejtx li ħa tinvoka il-…is-sigriet professjonali.

ICP: no, persważ, qed nitkellem bl-iktar mod open ta miegħek iġġifieri…

GH: għas-sempliċi raġuni illi minn kif kellimni Camilleri, ma tanix l-impressjoni li kien qed ikellmek bħala nutar jew bħala professjonist imma bħala ħabib tiegħu biex tintervjeni mal-Prim Ministru. Pero, ma jimpurtax, għal kull buon fini…

ICP: le allura, allura jekk is-Sur Camilleri qallek hekk, allura jiena, jekk qed jallega li hemm affidavit, naħseb ikellimni ikollu bħala professjonist, mhux bħala…

GH: le le, kollox sew, jiena għax jien għandi parti li huwa, dak li qed jingħad lilek bħala nutar, li qed tagħti l-ġurament fuqu, tajjeb jew ħażin naħseb jista' jiġi kklassifikat anyway bħala, bħala parti mill-professjoni. Pero, x'tagħmel bih wara, iġġifieri illi jitolbok naturalment bħala Membru Parlamentari issa at this point, bħala ħabib tiegħu, li inzertajt Membru Parlamentari li allura għandek aċċess lill-Prim Ministru, fejn Camilleri qed jaħseb tista' ssir pressjoni fuq xi ħadd biex iħallsu l-flus. Dik hija, dik hija n-narrativa issa, tgħidli hux veru jew le, dak…dak qed nipprova nsib il-verita' jiena imma… hux hekk?

ICP: mhux hekk, mhux hekk, mhux hekk u mhux hekk. Aħj….ma rridx nikkummenta aħjar, għax ma rridx  li ngħid xi ħaġa li mhux minnha .

GH: mela, nerġa' niskommodak tiġi?

ICP: jiena available meta trid, u x'ħin trid.

GH: għada wara n-nofsinhar fi x'ħin tajjeb għalik?

ICP: għada wara nofsinhar, din, short notice hekk, irrid nara.

GH: aha. Għidli inti, għidli fi x'ħin tajjeb għalik, any time…

ICP: pero pero, is-suġġett…

GH: Dan.

ICP: huwa l-affidavit.

GH: dan…mela,mela, is-suġġett huwa…

ICP: issa, dik li jekk inti tal-oltre, u kif u como u x'seta' u kien, jien nippreferi li nitkellem fuq l-affidavit jekk ħa ssaqsini fuqu.

GH: aha le imma…fuq xiex tixtieq titkellem…

ICP: le le għar-raġuni, għar-raġuni..

GH: fis-sens

ICP: nista' nirriżerva d-dritt li ma, ma, ma nweġibx, għar-raġuni minħabba li ma nkunx nixtieq ngħid affarijiet li jistgħu forsi…għax jekk ħa…imbagħad…

GH: ħa ngħidlek ara, jiena kelli każ wieħed fejn jiena deherli li dak li qalli fil-fatt il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, ma kienx ta' natura..li kien allura…erm..privata eċċetera, jiena ma ħriġthiex, u ma ħarġet qatt…

ICP: iġġifieri l-affidavit int m'għandekx, kif qed jgħidu l-gazzetti?

GH: Ħu paċenzja biha u…ma nixtieqx li ssaqsi domandi lili

ICP: ehhh… għax le kieku turini dokument, jiena bil-qalb kollha lest li ngħidlek dak id-dokument hux redatt minni, hux maħluf quddiemi jew le, imma… ma nafx jiena, x'affidavits jista' jkun hemm u x'm'hemmx, u hemmx wieħed, tnejn, tlieta, erbgħa…

GH: iġġifieri dak li qed nistabilixxu illum, indipendentiment minn x'taf mis-sigriet professjonali, huwa li inti, illum il-ġurnata, m'intix f'pożizzjoni li tipproduċi ebda tip ta' affidavit ta' Joe Camilleri quddiemi.

ICP: No, għaliex jien m'għandix fil-pussess tiegħi u fl-ebda mod ma nista' nintraċċa xi forma ta' allegat affidavit li qed jissemma.

GH: ok. Ħa nieqfu hawn għal mument, jekk hu tajjeb. Erm, li xtaqt li, iktar tard illum, tikkonferma fi x'ħin tajjeb għalik niltaqgħu għada

ICP: ehe, imma jiena, jiena nixtieq ma nafx…

GH: Dejjem, jekk… jekk Joe Camilleri jkun tani ir-release

ICP: Pero jiena, jiena li nixtieq nitkellem huwa fuq l-affidavit iġġifieri, ma nafx għandix id-dritt li ma nikkummentax fuq affarijiet oħra, anke jekk is-Sur Camilleri jgħid li nista' nikummenta jew ma nistax nikkummenta, erm, ma nafx jekk ikollix id-dritt nagħmel hekk.

GH: erm, ifhimni jiena nissuġġerilek li allura tieħu parir li għandek tieħu

ICP: Yes. Le jiena fuq l-affidavit, lest li nirrispondi kull domanda li ssaqsini, bid-dispensa tas-Sur Camilleri u napprezza li jekk nista' jkolli kopja biex anke…

GH: naturalment

ICP: nitlob anke l-awtorita' kkonċernata li ħa tgħidli isma, iva dak id-dokument jiena nista' nitkellem jew ma nitkellimx dwarha.

GH: Tajjeb…nagħmlu hekk?

ICP: pero jiena ħsibt li ġej hawn illum, ħa turini xi forma ta' dokument u nikkonfermaħulek għaliex il-… il-media hemm barra qed jgħidu li inti għandek il-kopja

GH: il-media jgħidu ħafna affarijiet

ICP: mhux għalhekk

GH: pero, ifhimni l-media jkollhom informazzjoni li mhux forsi ikolli jien, ok? Għax huma imbagħad jagħmlu xogħolhom, kulħadd jagħmel ix-xogħol tiegħu skont l-aħjar li jista'…

ICP: imma jiena fuq…jiena l-kwistjoni hija li nixtieq, għax jiena ssemmejt fl-affidavit, issa, jekk jiġi xi ħadd fit-triq u ikellimni dwar xi ħaġa, dik hija…materja oħra, imma fuq l-affidavit jiena lest li nitkellem jew nikkonferma, ma nikkonfermax ovvjament, jekk anke nara xi forma ta' dokument għax jiena ma nkunx naf fuq liema affidavit jew x'affidavit hu dan.

GH: ok

ICP: għaliex, li ssemma affidavit pero…jaf ikun hemm diversi affidavits oħra li ħadd ma semmihom.

GH: fair enough fair enough fair enough. Nagħmlu hekk?

ICP: nagħmlu hekk

GH: inti ħa ssibli slot għal għada

ICP: yes, għada iva

GH: any time, minn filgħodu sa' bil-lejl

ICP: prosit

GH: erm, u fil-frattemp jiena nara nistax inġib il-… id-dispenza, insejħulha dispenza

ICP: issa jekk tikkonfermali d-dispenza fuq xiex please?

GH: fuq l-affidavit.

ICP: nippreferi imma kieku mela…inti…

GH: għidli inti kif tixtieq

ICP: mela, le ħa ngħidlek għaliex imma

GH: inti ,trid tkun komdu bih inti għax jien ma nistax…

ICP: mela mela mela, jiena nippreferi, mela, jiena m'għandi…

GH: għalkemm ħa nkunu ċari, jiena għandi l-istess poteri, ta'…ta' imħallef, iġġifieri naħseb illi anke għandi d-dritt li nirrilaxxak jien, pero ejja għal mument ma mmorrux hemm, ejja ma mmorrux hemm

ICP: Le jiena Dott, jekk inti tikkonfermali li għandek dan id-dritt…

GH: ħa nkun ċert minnha ukoll

ICP: jiena jekk inti tikkonfermali dan id-dritt jiena noqgħod fuq il-kelma tiegħek wara kollox…

GH: ħa nkun…

ICP: …pero jiena anke fuq il-forma jew allegat affidavit, jekk ikolli niġi mistoqsi domanda ġiex xi ħadd jagħmel affidavit għandi, jiena ma nistax la nikkonferma u lanqas niċħad.

GH: le għandek raġun għandek raġun, dak huwa parti mis-sigriet professjonali, qegħdin naqblu.

ICP: imma anke jekk xi ħadd qed jgħid tak dispenza għax ma nafx fuq liema dokument il-persuna ikun qed jitkellem. Jaf inti qed ssaqsini fuq affidavit u hu jkun affidavit totalment differenti ta’ xi ħadd ieħor.

GH: kollox sew, ħa nieqfu hawn għax inkella…ok? Mela aħna ser nerġgħu niltaqgħu għada.

TMIEM

*****

Transcript

Laqgħa tat-2 Marzu 2021

Preżenti:

Il-Kummissarju għall-Istandards Dr George Hyzler (GH)

Direttur Ġenerali Charles Polidano (CP)

Xhud:

L-Onor Ian Castaldi Paris (ICP)

****

GH: mela, erm…Onorevoli, dalgħodu ġie Joseph Camilleri hawnhekk, tlabtu il-…release u tani din.

ICP: tajjeb

GH: xorta, xorta kien ikolli il-…il-poter bil-liġi biex nagħmilha, pero kont nippreferi li jkolli l-comfort illi hu ukoll, illi r-relazzjoni tiegħu huwa miegħek, iktar milli miegħi…anyway, hu x'inhu, erm…

ICP: Jiena nixtieq ngħid xi ħaġa, before we continue, li sfortunatament, il-laqgħa tal-bieraħ jidher illi ġiet illeakjata.

GH: Illeakjata?

ICP: Iva. Jiena dalgħodu erġajt ġejt mhedded minn xi ħadd l-uffiċju, li qalli li lbieraħ ġejt hawnhekk u reġa' dax-xi ħadd indika illi jiena nista' nkun f'pussess t'affidavit u reġa' ammonini li jekk joħroġ l-affidavit, għandi l-familjari tiegħi li jistgħu jiġu imminati b'xi mod. Jiena just biex din inpoġġuha on the record, jiena ħadd ma kien jaf min-naħa tiegħi bil-meeting, lanqas il-mara tiegħi. Just to let you know ħalli it will be documented. It's the second time which happened.

GH: L-ewwel darba naturalment ma kellhiex x'taqsam mal-meeting t'hawnhekk?

ICP: no no no no no no, pero jidher ċar illi…

GH: pero ħa nkunu ċari, jiena, fil-kors ta' investigazzjoni, dan il-bieraħ qed tgħid ġara?

ICP: dalgħodu

GH: dalgħodu. Għax jiena fl-kors ta' investigazzjoni nista' ngħid li qed nitkellem ma' dak u mal-ieħor.

ICP: agreed. Le le jien just bien tkun minuted…

GH: voldieri…

ICP: għaliex ovvjament jiena illum ħa…naħseb ħa ħa nilloġġja rapport mal-pulizija fejn ħa nitlob protezzjoni għax it-…it-tieni darba li ġrat, persuna mhux identifikat reġa' illum, Imma ma nafx, ma nafx, but anyway, just for the record

GH: fi kwalunkwe każ, inti diġa' kkonfermajtilna li m'għandekx dak l-affidavit

ICP: no no no no no no

GH: jiġġifieri

ICP: u lanqas b'xi mod jista' jiġi intraċċat fil-…fil-pussess tiegħi

ICP: jiena voldieri safejn naf jiena, m'hemmx affidavit x'joħroġ

ICP: no, min-…min-naħa tiegħi żgur li le. No no no Dott.

GH: jiena għandi kurżita', imma hija purament kurżita', x'għandhom il-press, għaliex jidhru illi għandhom informazzjoni li jien m'għandix, ħalli qegħdin jgħidu illi għandi l-affidavit pero jiena m'għandix, erm, u qed, qed qed, qed jikkwotaw allura minnu, allura għandi nifhem illi dawn għandhom xi kopja issa…

ICP: jekk hemm xi affidavit

GH: …kif għandhom ma nafx

ICP: ma nafx lanqas jien

GH: ċertament ma jistax jieħdu mingħandi għax jien m'għandix, inti qed tgħidli li…

ICP: m'għandix

GH: …m'għandekx, pero l-iskop ta' din ix-xhieda iktar milli biex tipproduċi l-affidavit, ladarba m'għandekx, huwa biex inti tiddeskrivilna ċ-ċirkostanzi illi fih sar dak l-affidavit, għaliex sar.

ICP: jiena Dott ħa ngħidlek jiena, qabel ma nkun qed nara dan, dan il-form ta' allegat affidavit li qed jingħad, jiena mhux ħa nitkellem fuq xi ħaġa li mhux qed nara fuq xiex qed nitkellem, għaliex inkun qed nispara fl-arja, u nibża' li nkun qed ngħid affarijiet li mhux minnhom.

GH: ok inpoġġuha mod ieħor. Naqblu li sar affidavit quddiemek?

ICP: nixtieq nara d-dokument għal liema qed tirreferu

GH: le le mhux qed ngħidlek "Dan d-dokument"…li sar affidavit" hu x'inhu, jekk jien ngħidlek, "naqblu li inti bħala nutar ġieli ppubblikajt kuntratt?"

ICP: imma ma nistax inwieġeb domanda ġenerali hekk Dott

GH: heqq, issa, mela kkonċentra ftit fuq li qed insaqsik għax qed nassigurak…

ICP: eh qed nikkonċentra, qed nikkonċentra

GH: li mhux l-iskop tiegħi bl-ebda mod li…li li nittrappolak.

ICP: le le lanqas… persważ…għal korrettezza

GH: jekk jien ngħidlek, jekk jien ngħidlek "inti bħala Nutar, ġieli ppubblikajt kuntratt? Ġieli għamilt testment? Inti naħseb ħa tgħidli, iva". Ma tgħidlix "irrid nara liema kuntratt qed tgħidli biex jien nista' ngħidlek għamiltx dan il-kuntratt jew le". Mhux qed ngħidlek liem hu l-…għax jien stess ma nafx…

ICP: jekk tgħidli ġieli għamilt affidavits fil-professjoni tiegħi għamilt eluf affidavits.

GH: tajjeb, mela, mela, ġieli għamilt affidavit jew għalinqas f'okkażjoni waħda, għamilt affidavit ta' Joe Camilleri?

ICP: ma nixtieqx nikkumenta fuqha din…Għaliex mhux qed nara għal liema dokument qed tirreferi.

GH: mhux qed…

ICP: U…u…u anke ġew spekulati fil-gazzetti, li sar affidavit u għamiltu jiena, pero for all it's worth, jaf hemm diversi affidavits u jien qiegħed hawn nitkellem fuq xi ħaġa u fil-verita' dak li qed jiġi… avvżat fil-media jew li allegatament wasal għandek, ikun totalment xi ħaġa...li ma jkunx għandu x'naqsam fih jiena.

GH: ħa ngħidlek ara ħa npoġġiha mod ieħor. Li kieku jiena għandi l-affidavit f'idejja, jiena kont nikkonfrontak bih, nikkonfrontak fis-sens nurihulek, ngħidlek "isma, dik il-firma tiegħek, dan quddiemek sar, iva, le?"

ICP: eżatt

GH: tajjeb. Il-problema hi, li jien m'għandix, li inti m'għandekx…

ICP: m'għandix

GH: …u Joe Camilleri m'għandux. L-uniċi nies li jidher għandhom huma l-press, il-media, issa, jiena dik hija s-sitwazzjoni li jiena rinfaċċjat biha.

ICP: u jekk l-affidavit huwa tas-Sur Camilleri kif m'għandux?

GH: għax huwa mqatta'. Kif inti bl-istess mod qed tgħid li m'għandekx jien naf

ICP: Eżatt, eżatt, hekk hu

GH: it-tnejn, it-tnejn kemm intom

ICP: hekk hu

GH: x'entużjażmu kien hemm biex jitqatta' dan l-affidavit. Heqq. Għax allura bilfors wieħed irid jasal għal ċerti konklużjonijiet. Ifhimni, Nutar, ilbieraħ meta ltqajt miegħek, għidt li ma tistax tix…

ICP: imma jekk is-Sur Camilleri qal li qatta' dan l-allegat affidavit, ma jistax jgħid x'kien fih hu, il-kontenut?

GH: qalli x'fih.

ICP: eh qallek x'fih alright, agreed, alright, alright agreed alright

GH: u jien ara, ħa nkunu ċari… l-unika fatt li joħroġ mill-affidavit illi ma kellix jien, meta ngħidu fatt, fatt allegat naturalment għax…

ICP: issa dan, dejjem, jekk qed jirreferi għall-affidavit li qed jgħid…

GH: hu qed jgħid li wieħed għamel miegħek, ma qallix li għamel sitta, wieħed. Jiġġifieri, il-kwistjoni, dejjem skont Camilleri, huwa fuq affidavit wieħed.

ICP: mmm

GH: Voldieri kieku dan għamel għaxar affidavits nista' nifhem illi jkun hemm daqxejn ta' ambigwita' fuq liema wieħed qegħdin nitkellmu, pero, Camilleri qed jgħid li għamel affidavit

wieħed. Qed jgħid li għamel affidavit wieħed meta talab l-għajnuna tiegħek, biex tintervjeni mal-Prim Ministru, biex il-Prim Ministru jgħinu jiġbor il-flus li hu jgħid li huma dovuti lilu.

ICP: mhmm

GH: mingħand l-Onorevoli Cutajar u mingħand Chalie Farrugia. It's as simple as that. Voldieri, mhux qed jgħid li talbek tagħmel iżjed minn hekk.

ICP: dan x'qed jgħid hu, x'qed jgħid hu u…

GH: iva x'qed jgħid hu, issa jien qed insaqsik jekk dan hux minnu jew le…

ICP: mela jikkonfermah hu x'qed jgħid hu

GH: …jekk din l-allegazzjoni hux minnha jew le…

ICP: jiena Dott, la mhux qed nara għal liema affidavit qed ngħidu, lanqas irrid nikkummenta jew nirrimarka fuq xi ħaġa x'qed jgħid hu, x'jista' jgħid ħaddieħor, qabel mal-bażi fuq xiex qed jgħid, inkun qed narah u naf għal liema qed jirreferi.

GH: insa l-affidavit. Naqblu li Camilleri kellmek fuq dan il-każ?

ICP: over a span of months iva

GH: iva. Naqblu li…

ICP: għaliex konna naħbtu ma' xulxin Ħ'Attard, iva mela.

GH: tajjeb. Naqblu illi talab l-intervent tiegħek mal-Prim Ministru?

ICP: mhux ħa nikkummenta fuq din. Nixtieq ma nikkummentax fuq din…

GH: imma tifhem għaliex jien nasal għal ċerti konklużjonijiet. Jien tinsix li jien hawnhekk qiegħed fil-livell ta' prima facie. M'hemmx…

ICP: imma jekk is-Sur Camilleri qed jgħid hekk, is-Sur Camilleri jgħid li irid, jiena m'hinix qiegħed hawn biex…

GH: iva mhux…

ICP: sorry?

GH: inti mhux qed tgħid li mhux veru. Voldieri jiena ħa jkolli verżjoni li tgħid abjad…

ICP: le le le mhux qed nikkummenta.

GH: iva sewwa sewwa, sewwa, mhux qed tikkummenta fis-sens, la qed tgħidli veru, lanqas mhux veru. M'intix qed tikkummenta

ICP: għar-raġuni pero, li dan l-affidavit, jiena għal liema qed jirreferi purament jew għalxiex qiegħed hawn jien, li nitkellem fuqu, ma rajtux.

GH: mela, jiena m'inix qed insaqsi iżjed fuq l-affidavit. Qed insaqsi biss fuq iċ-ċirkostanzi fejn huwa kellmek

ICP: imma jiena għax għandi nitkellem fuq ċirkostanzi?

GH: għax din hija xhieda u…

ICP: imma ċirkostanzi m'għandux x'taqsam mal-allegat affidavit

GH: insih l-affidavit…m'hinix qed insaqsik fuq l-affidavit. Qed nieħu l-kelma tiegħek…

ICP: imma s-Sur Camilleri nitkellmu konna fuq ħafna affarijiet Dott. Fuq ħafna affarijiet. Fuq ħafna affarijiet.

GH: jiena, m'hinix qed insaqsik fuq ħafna affarijiet. Qed insaqsik fuq affari waħda.

ICP: fuq din l-affari…

GH: u din l-affari hija dwar is-senserija li hu ried lura…

ICP: jekk nista'…

GH: …li ried jiġbor mingħand dawn it-tnejn min-nies.

ICP: dik il-concern iva kemm il-darba qalli. Over a period of ten, eleven months.

GH: fair enough, fair enough. Mela. Qegħdin naqblu, naqblu, naqblu mhux jien qed naqbel iġġifieri m'għandix x'naqsam…

ICP: Le le le agreed, agreed, agreed, agreed

GH: il-verżjoni…jiena imma int, tapprezza illi jiena rrid nasal …

ICP: nifhmek Dott, nifhmek nifhmek

GH: …għall-verita' ok, voldieri tkun very unfair

ICP: imma unfair ta, mhux jien ħa ngħidha fis-sens, jiena, ma… ma… ma… ma nafx x'għamel u x'm'għamilx u x'għamlu u x'm'għamlux, iġġifieri…

GH: Onorevoli ara, jiena irrid nasal għall-verita' tajjeb jew ħażin, dak huwa l-piż li rrid inġorr, tajjeb? Issa, biex nasal għal dik il-verita' għandi bżonn…kont se nuża' l-kelma għajnuna, m'hiex l-għajnuna, hija x-xhieda tal-persuni involuti. Issa jekk il-persuni involuti ma jgħidulix …

ICP: imma jekk is-Sur Camilleri qed jallega illi qalli hekk, dik mhux ħa twassal għall-verita'. Jekk qal pero li qed ifittex u jiġri wara s-senserija, dik iva qalieli s-Sur Camilleri, kemm il-darba.

GH: Sewwa. Tajjeb, issa. Id-domanda allura hija, talbek tgħinu b'xi mod?

ICP: [pawża] Jiena kont dejjem ngħidlu, jekk dan huwa l-każ, ara li inti tasal b'xi mod li tiġbor flusek lura. Pero fl-aħħar mill-aħħar, jiena il-verita' jien ma nkunx nafha.

GH: I mean…

ICP: jitolbuni ħafna nies jien ngħinhom Dott fuq diversi affarijiet

GH: uwijja, mhux ovvja, jien kont f'did-dinja li qiegħed fiha llum, voldieri naf xi tfisser li jkollok nies ikellmuk fuq il-problemi, xi wħud li tista' tgħinhom u …

ICP: jiena li hu żgur huwa li s-Sur Camilleri meta, is-Sur Camilleri meta kien dejjem jarani fuq it-televixin il-Parlament kien jgħidli "rajtek bilqegħda ħdejha" u jistaqsini tgħarraftilhiex xi ħaġa u jien kont ngħidlu "assolutament jien mhux ħa nidħol fiha".

GH: fair enough, ok, imma, allura, mela inti qed tgħidli li hu talbek biex tkellimha, għax inti kont…

ICP: mhux darba pero, kien anke anke…

GH: orrajt…ok

ICP: anke forsi informalment, kien jgħidli "rajtek ilbieraħ ħdejha".

GH: mhm. Tajjeb.

ICP: Over a period of ten, eleven months.

GH: fair enough.

ICP: Is-Sur Camilleri ukoll lili qalli… u hemm nies oħra li hu tkellem ma’ ħaddieħor jew ma’ diversi nies oħra imma …daka mhux qiegħed jiena hawn biex ngħidu, dak jarahom. Jidhirli ħadd ma għenu pero.

GH: sewwa. U lili hekk qalli ukoll. Lili hekk qalli, qalli “jiena tlabt diversi nies jgħinuni”, mela le

ICP: sal-lum ma nistax nifhem jiena is-Sur Camilleri jekk ma nafx jiena, ppruvax jużani biex inkun iċ-ċirasa fuq il-kejk imma ma nafx.

GH: le le. Ħa n…

ICP: Jiena kif għidt ilbieraħ…

GH: is-Sur Camilleri talabnix, jew stedinix, jew b’xi mod qalli biex jiena insaqsi domandi lilek, din li jien insaqsi d-domandi

ICP: le le persważ

GH: ovvjament hija r-responsabbilta’ ta’ dan l-uffiċu, naraw min jista’ jikkontribwixxi. Ladarba ħarġet din fl-media ta’ dan l-affidavit…

ICP: jiena…

GH: …u li l-media għandhom kopja tiegħu, milli jidher, u meta ngħid milli jidher, għaliex, meta jiena lil Camilleri għidtlu, għidtlu “dawn il-fatti lili ma tajtom…m’għidtulix”. Qalli “għax ma ħsibtx li kienu importanti”. Għidtlu “allura mela kif ħarġu hawn”. Qalli “dawk l-unika post fejn għidthom kienu fl-affidavit”, li safejn jaf hu ma jeżistix iżjed. Jiġġifieri, illi mod il-media qegħdin jispekkulaw fuq xi ħaġa li ma teżistix, u mod qegħdin jgħidu li jeżisti, u jikkwutaw minn xi ħaġa illi milli jidher…

ICP: jiena xtaqt li nara dan id-dokument x’inhu

GH: eh anke jien xtaqt. Anke jiena xtaqt.

ICP: jiena mhux qed ngħid li għamel jew m’għamilx, pero nixtieq nara għal liema dokument qed nirreferu. Jiena li għidtlek ilbieraħ nerġa’ ngħidha. Lil Joe ilhi nafu snin, li Joe huwa raġel raġonevoli u raġel li jgħid il-verita’, dikha m’għandix dubju minnha jiena.

GH: Dottor…Dottor Lofaro kellmek fuqu dan l-affidavit?

ICP: mmm le. Le.

GH: jew, Dottor Lofaro kellmek fuq il-laqgħa li kellek, u li kien ser ikollok ma’ Camilleri?

ICP: ma nixtieqx nidħol f’dan id-dettall jekk jogħġbok.

GH: ifhimni, Onorevoli, jiena, jiena hawnhekk mhu ħa nizforzzaw ‘l ħadd

ICP: għax mhux fuq l-affidavit innifsu jew dan jew l-allegat affidavit u…

GH: le, mhux fuq l-affidavit. Għidtlek l-affidavit insieh. L-affidavit, inti qed tgħidli bil-ġurament, illi, din hija kontinwazzjoni tal-bieraħ,

ICP: mela, yes yes yes yes

GH: għadna taħt l-istess ġurament. Erm. inti qed tgħidli bil-ġurament, illi, l-affidavit m'għandekx, jien nieqaf hemm. M'għandix għalfejn insqasi…

ICP: Le jiena, mela, mela mela, bil-ġurament, ikkonfermajt u nikkonferma, mela, la qed ngħid li għandi jew li m'għandix…li qatt għamilt jew li qatt m'għamiltx affidavit, dik ma rridx ngħidha, mhux ħa nidħol fiha, pero iva, nikkonferma bil-ġurament li dan l-allegat affidavit, jiena bl-ebda mod ma nista' lilek nippreżentah, jew inġibu jew nirretrievjah minn x'imkien, iġġifieri biex inkunu ċari, biex mhux jien inkun għidtlek li sar jew qatt ma sar affidavit…biex inkunu ċari hawn. Pero jekk tgħidli jekk sar affidavit u jekk sar minnek, tista' b'xi mod iġġibu u tippreżentah? Dik nieħu ġurament li m'hemm l-ebda mod kif jien nista' nirretrievja dan l-allegat affidavit. Biex ma mmurx niġi miżinterpretat li jien għidt xi ħaġa li mhux minnha quddiemek

GH: Kollox sew imma jiena, jiena nobodhom is-sorpriżi, iġġifieri meta inti tpoġġili b'dan il-mod, twassalni biex nemmen, illi affidavit sar, affidavit m'għandekx illum, hi x'inhi r-raġuni, pero, ċertament mhux qed tiċħad li sar…

ICP: nista' nitlob naqra ilma jekk jogħġbok? Sorry Dott ma fhimtx l-aħħar domanda?

GH: pero, mela, qed tgħidli, affidavit sar, affidavit, mhux inti qed tgħidli, jien qed nifhem. Affidavit sar, m'għandekx kopja tiegħu, u illi ma tixtieqx tikkummenta fuq x'seta' kien fih l-affidavit li inti ma tridx tikkonferma li sar, qabel ma tara l-affidavit, voldieri tifhem il-pożizzjoni x'inhi.

ICP: le kont inkun iktar, kieku narah dan id-dokument, u nikkonfermalek sar fil-preżenza tiegħi jew le, u imbagħad minn hemm nitkellem li hemm bżonn fuqu.

GH: ara jiena nista' nassigurak hekk…

ICP: mhmm

GH: m'għandix għalfejn, pero ħa nassigurak hekk. Illi jekk jitfaċċa dan l-affidavit, jien ħa nurihulek, u nitolbok tikkonfermah qabel ma nasal għall-konklużjoni tiegħi. Jekk ma jkollix kopja ta' dak l-affidavit, jien ser nemmen li sar, għax iċ-ċirkostanzi iwassluni biex nemmen, hawnhekk tinsiex jiena dejjem fil-livell ta' prima facie, biex nibgħat…lill-Kumitat tal-Parlament u imbagħad jaqblu huma. Tajjeb? Erm, jiena, erm, nasal għal dik il-konklużoni, naħseb li hija loġika, meta għandi wieħed qed jgħidli "għamilt hekk", ma li hu, u l-ieħor ma jridx jikkummenta sarx jew le, m'għandix għalfejn ma nemmnux.

ICP: Le. Għar-raġuni li mhux qed nara d-dokument għal liema qed tirreferi

GH: heqq imma jiena le hu x'inhu …

ICP: u anke li qed tassumi li s-Sur Camilleri għamel wieħed biss, jien ma nassumi xejn illum. Ma nassumi xejn jiena. Ma nkunx naf… x'għamel u kemm għamel u x'seta' għamel.

GH: le jiena…

ICP: u għalhekk, għalhekk jiena mhux qed nikkummenta, għaliex naf li jekk qed nikkummenta fuq affidavit, aħna qed immorru [unclear] għal affidavit li għamilt jiena s-Sur Camilleri, mentri…l-affidavit forsi qed jiġi ċirkolat jew affidavit li għandhom il-media huwa affidavit li ma sarx…

GH: mija fil-mija pero allura ir-risposta trid tkun "jiena affidavit għamilt, pero qabel ma nikkonfermalek li dak li qed jingħad huwa l-affidavit li sar quddiemi, irrid nara d-dokument" imma ma tistax tgħidli, "ma nistax ngħidlek sarx affidavit jew le". Jekk jiena insaqsik għamiltx kuntratt ta' propjeta' bejn A u B u tgħidli "ma nistax ngħidlek għax ma nafx liema wieħed", tgħidli..eq..issa jekk saru mija, għandek raġun issaqsi biex tara liema wieħed, imma jekk sar wieħed biss, ieħed iva sar wieħed.

ICP: qed tassumi li wieħed

GH: Iva imma imma…jiena, jiena m’għandix prova kuntrarju

ICP: Ma nassumix li wieħed jien imma

GH: m’għandix prova kuntrarju

ICP: ma nassumix li wieħed sar.

GH: quddiemek? Quddiemek qed ngħid

ICP: ejja ngħidu li ma nassumix li sar wieħed, issa, jista’ jkun mhux quddiemi

GH: eqq. Jiena jekk sar affidavit quddiem xi ħadd ieħor ma nistax ngħid pero ovvjament m’għandi l-ebda indikazzjoni li sar ieħor. Jekk sar ieħor, sar ieħor, mhux qed ngħidlek li mhux il-każ, ma nistax ngħid…

ICP: u l-iskop …

GH: ħadd m’allegali li sar ieħor ħa nagħmilha mod ieħor. Pero, li sar wieħed quddiemek hemm dik l-allegazzjoni. L-unika wieħed li jista’ jikkonferma jew jiċħadha huwa inti.

ICP: Le, is-Sur Camilleri naħseb ukoll.

GH: Le, hu diġa’ kkonfermaha

ICP: ikkonfermaha?

GH: ċe, hu diġa’ għamel l-allegazzjoni bil-ġurament, issa, inti l-unika persuna li tista’ tikkonferma iva, jew le. U minflok qed tagħżel li tgħidli ma nikkummentax għaliex…

ICP: Le le, kieku narah, kieku nkun nista’ nikkummenta jekk hux tiegħi jew le.

GH: Anyway. Għax. Illum it-Tlieta u naħseb nibqgħu sejrin sal-aħħar tal-ġimgħa ħa nibqgħu nduru bl-istess…l-istess ċirku…

ICP: Le mhux…

GH: erm. le m’għandi xejn iktar jien. [pawża] Jiena wara li ltqajna lbieraħ kont fhimt, għalhekk bgħatt għalih illum, illi jekk itini r-release inti tkun tista’ tixhed. Issa li qed tgħidli huwa li nonostante li ġibt ir-release, xorta intix se tixhed. Hux hekk? Hekk hu…

ICP: Nippreferi kieku nara dan id-dokument li qed jiġi…

GH: Naf, naf, jiena nippreferi, jiena xtaqt li għandi d-dokument għax jista’ jikkonferma ħafna affarijiet. Tajjeb? Fosthom l-allegazzjoni tiegħu illi talab l-għajnuna tiegħek. Issa. Issa illum wasalna biss li tkellimtu dwar il-problema.

ICP: Mmm. Tkellimna, tkellimna pero b’mod informali, għaliex dana kien joqgħod faċċata tal-uffiċju tiegħi, kien jiġi jieħu kafe’ wara l-uffiċju tiegħi u ġieli niltaqgħu hekk anke bil-karozza u nieqaf fejn it-tieqa u nkellmu. U dejjem wera’ l-concern tiegħu fuq din il-ħaġa, iġġifieri…Sa l-aħħar diskussjoni li kelli għax Joe nafu ħafna, dejjem anke, jidher li mar iħabbat diversi bibien. U fetaħ qalbu ma’ diversi nies dwar, dwar din l-issue. Naħseb imbagħad meta bdiet tiġri ma’ kull rokna tar-raħal u ta’ kullimkien imbagħad, naħseb jiena…

GH: ok. Nistgħu nieqfu hawn. Xi ħaġ’ oħra? Tixtieq tgħid xi ħaġ’ oħra?

ICP: no.

GH: alright. Nirringrazzjak. Jiddispjaċini li skomoddajtek.

ICP: Lanqas xejn. Din, din nista’ neħodha Dott?

GH: Iva naturalment, naturalment

ICP: alright, alright.

GH: Trid xi envelope għaliha? Trid envelope għaliha?

ICP: aħjar jimporta

GH: ok, ħa nitfi r-recording.

**TMIEM**

******

3. Dokumenti - L-Onor. Rosianne Cutajar

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

24 ta' Frar 2021

L-Onor Rosianne Cutajar
Segretarju Parlamentari għall-Ugwaljanza
u r-Riformi
Auberge d'Aragon
Misraħ Indipendenza
Il-Belt Valletta VLT 1521

Bl-idejn u bl-email fuq rosianne.cutajar@gov.mt

Onorevoli Cutajar,

**Taħrika biex tixhed skont l-artikolu 19 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika**

Bis-saħħa tal-artikolu 19 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), inti qed tiġi mħarrka biex tidher quddiemi f'dan l-uffiċċju kif indikat hawn taħt:

**Data:** l-Erbgħa 3 ta' Marzu 2021.

**Ħin:** fl-11.00 am.

**Għan ta' din it-taħrika:** Sabiex tixhed dwar is-senserija li inti allegatament ġejt imħallsa in konnessjoni mal-bejgħ ta' proprjetà fl-Imdina u li allegatament inqast milli tiddikjara fid-dikjarazzjoni dwar l-assi għas-sena 2019.

Nuqqas ta' koperazzjoni mingħandek jista' jwassal għal pieni skont kif ipprovdut fl-Att, iżda m'intix obbligata twieġeb domandi jekk ir-risposta jkollha mnejn tesponik għal prosekuzzjoni kriminali.

Nitolbok tikkonferma li rċevejt din l-ittra u li ser tattendi. Għal dan il-għan tista' tibgħat email fuq l-indirizz li jidher hawn taħt.

Inselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.com www.standardscommissioner.com

Transcript
5 Marzu 2021

Preżenti:
Kummissarju għall-Istandards - Dr George Hyzler
Direttur Ġenerali - Charles Polidano

Avukati:
Edward Gatt
Mark Vassallo

U

Rosianne Cutajar MP

GH: erm, bonġu sinjuri. Illum fiex qegħdin?

CP: Ħamsa

GH: illum 5 ta' Marzu 2021. Preżenti, l-Onorevoli Rosianne Cutajar, l-Avukati Edward Gatt u Mark Vassallo, kif ukoll is-Sur Charles Polidano. Mela, Onorevoli, erm, dak li tajtek il-ġurament, taħlef li tgħid is-sewwa, xejn ħlief is-sewwa, hekk Alla jgħinek

RC: naħlef li ngħid is-sewwa

GH: mela, jien xtaqt, biex nibdew, tispjegalna ftit dwar dan il-…, dawn l-allegazzjonijiet li qed isiru, naturalment, dak li għandu x jaqsam, dak li għandu x'jaqsam mal-allegazzjoni li inti tħallast senserija, dwar il-bejgħ ta' dar tal-Imdina, erm, mhux bejgħ, il-konvenju li sar ma…d-dar tal-Imdina ma' Yorgen Fenech

RC: Mela min-naħa tiegħi, ovvjament u hawnhekk qed immur lura għall-perjodu l-ewwel darba li ltqajt mas-Sur Camilleri niftakar, konna qegħdin il-Belt nieħdu kafe' jiena u Chalie bħalma nagħmlu prattikament ta' kuljum għall-dawn l-aħħar snin, u niftakar li kien resaq lejna dan ir-raġel li imbagħad introduċieh lili Chalie bħala Joe Camilleri u dan Joe Camilleri..er…minnufih lil Chalie beda jgħidlu fuq xi djar illi għandu għall-bejgħ, ilgħaliex kien jaf ovvjament illi jagħmel dan it-tip ta' xogħol Chalie, jipprova jgħaqqad xi negozju relatat ma' bejgħ ta' propjeta'…u għadni niftakar lil Joe Camilleri jgħidlu "Għandi palazz l-Imdina l-ġmiel tiegħu Chal" u Chalie wera qisu li qed jieħu l-interess, qallu "ehe ehe xi kemm hi t-talba tiegħu" u dan niftakar kien illi semma ċifra, aktar minn 3 miljuni ma nafx hux 3 miljuni jew 4 miljuni, u Chalie speċi qal "il-marelli...erm...4 miljuni ma naf 'il-ħadd 'il min jista' jaffordja dak it-tip ta' propjeta'." U jiena kont hemhekk bilqegħda u għidtlu "Chal, taf 'l min missek tkellem, 'l Yorgen ta' Tumas"…ġġifieri dak kien, biex ngħid hekk, l-uniku involviment jekk tista' ssejjaħlu involviment, min-naħa tiegħi f'din il-kwistjoni kollha illi titratta d-dar tal-Imdina…erm..iġġifieri, tant hu hekk illi x'ġara wara, dik il-ġurnata partikolari, ftit li xejn għandi informazzjoni..ilgħaliex mhux jiena kont is-sensara… jew aħjar, il-persuna illi qiegħda tgħaqqad dan in-negozju bejn Yorgen Fenech u Joe Camilleri.

GH: Ok, jiġġifieri, qed nifhem sew li qed tgħid illi inti lil Yorgen Fenech allura ma kellimtu xejn dwar dan in-negozju? Għaliex kif inti kellek okkażjoni tara, fil-erm…file, dak li għaddejtlek jumejn ilu

bħala disclosure tal-…tal-dak li kont ġbart, erm…hemm minn Charles Farrugia stess illi l-kuntatt ma' Yorgen Fenech sar minnek, iġġifieri il-kuntatt miegħu sar permezz ta' telefonata jew xi mod ieħor, pero hu ma kellux kuntatt ma' Yorgen Fenech.

RC: Hekk hu le, jien sabiex anke nippreċiża, meta qed ngħid illi… ma kellix x'naqsam ma' dan in-negozju, ma rridx infisser illi jiena lil Yorgen <u>qatt</u> ma kellimtu fuq din id-dar jew lanqas 'l Chalie ilgħaliex eqq bħalma taf, in-nies jitkellmu bejniethom, iġġiefieri jien niftakar jiena stess 'l Yorgen kont għidtlu "vera sabiħa din id-dar" u niftakar kien hemm anke episodju partikolari fejn Chalie ma setax jaqbdu lil Yorgen u kien qalli "Ro ara jirnexxilekx taqbdu inti għax forsi qas għandu n-numru tiegħi" u niftakar kont pruvajt inkellmu biex ngħidlu "isma Chalie qed jipprova jagħmel kuntatt miegħek" imma ma kienx hemm involviment min-naħa tiegħi biex ngħid hekk,  biex in-negozju jiġi maqgħud…

GH: Le le, kollox sew, l-interpretazzjoni tal-fatti dik ovvjament sta għalija biex nagħmilha ejja noqgħodu fuq il-fatti għall-mument jiġġifieri…Chalie Farrugia jgħid illi lil Yorgen Fenech, inti qbadtu u inti kellimtu l-ewwel darba dwar din id-dar biex…għalxiex issa ovvjament… biex jew jixtriha jew mhux ħa jixtriha…

RC: le le eżatt kont għidtlu, għidtlu "isma Yor..." għidtlu, "Chalie jixtieq ikellmek fuq din id-dar", qalli "le mhix problema" qalli "mhux jibgħatli ikellimni" iġġifieri s'hemmhekk biss kien… l-irwol tiegħi jekk nistgħu insejħulu rwol…bħal meta jiġi xi ħadd "isma, jien naf, tafu lil Dr Gatt?" "Iva mela" u nibgħat 'l Dr Gatt, "Dr Gatt ħa tkellmek ħabiba tiegħi għandha bżonn l-għajnuna jew ħa jkellmek xi ħadd li għandu bżonn isaqsik xi ħaġa"…iġġifieri ma jffissirx illi jien imbagħad ikolli x' naqsam fil-kwistjoni li din il-persuna tkun ħa titkellem ma' Dr Gatt per eżempju…

GH: Le le, xi tfisser u ma tfissirx għalhekk qed ngħid…dik ħalliha f'idejja, dak huwa x-xogħol tiegħi li ninterpretahom

RC: Mela le, mela le

GH: Erm, li li qed ngħidlek huwa pero huwa illi Farrugia, qal, illi hu qatt ma kellem lil Yorgen Fenech u hekk niftakar tajjeb…erm..l-unika darba jew l-ewwel darba li kellmu kien meta ltqajtu l-Imdina, jiġġifieri, qabel l-okkażjoni tal-Imdina, l-unika persuna li kellmet 'il Yorgen Fenech dwar din id-dar kienet int. Dik, hekk qed nifhem tajjeb, huwa l-dak li qal…er…Charles Farrugia. Voldieri, qegħdin naqblu fuqha din jew le hekk hux?

RC: Iva, jiena…le le… 'l Yorgen ilhi nafu numru ta' snin iġġifieri, it-tnejn Qriema, it-tnejn ma tantx hemm differenza fl-eta' bejnietna, iġġifieri….le…insomma…jien 32 ta, miniex… m'għadniex daqshekk żgħira…ermm..imma niftakar qabel dak l-episodju jista' jkun li darba kont il-Corinthia u jista' jkun li ltqajna' ma'…ma' Yorgen u allura kont ppreżentajtlu lil Chalie, ma kienx ovvjament nafu bħalma kont nafu jiena, lil Chalie, imma ovvjament meta jagħmlu l-v…, meta marru jaraw il-viewing u meta kien hemm…. il-konvenju ltaqgħu ovvjament reġgħu mill-ġdid.

GH: Dak li qed insaqsik huwa differenti. Dak li qed ngħidlek huwa, Charles Farrugia qal illi l-ewwel darba li huwa kellem 'l Yorgen, kien…Yorgen Fenech...kien…dikinhar li ltqajtu l-Imdina. Nista' nikkonferma hekk ta voldieri…ssibli…[*riferenza għall-file u transcript ta' Charles Farrguia*] u mar oltre. Qal ukoll illi meta Yorgen Fenech beda ma tfaċċax jew beda jdum…erm…kont inti li bdejt iċċempillu biex tara x'sar minnu.

RC: Le le…fil-fatt…jiena stess għadni kemm għidt illi darba minnhom ma setax jaqbdu u beda jinkoraġixxi lili "pprova aqbdu inti għax forsi lilek jirrispondik għax jagħraf in numru"

GH Ehe pero lilna ma qalilniex li pprova jaqbdu u ma rnexxilux. Sempliċiment..

RC: Eh…dak x'niftakar ovvjament jiena u

GH: ifhimni dawn huma fatti jfissru li jfissru li…imma…mhux qed nghid illi għax qbadtu inti tfisser li kellek involviment iktar milli…

RC: Le le le  mhux hekk

GH: …qed tgħid illi kellek, sempliċiment biex nistabbilixxi l-fatti

RC: Le jiena I am recalling li dik kienet ir-raġuni ilgħaliex provajt naqbdu ilgħaliex hu ma bediex jirrispondih lilu.

GH: mmm. Eh. U qed nikkonferma, qed nara x-xhieda ta'… ..ta'…ta' Charles Farrugia fejn qed jgħid li hu qatt ma rnexxielu jaqbdu hu u dejjem qabdu tramite..mmm…voldieri dikinhar…permezz tiegħek insomma...dikinhar dal-Imdina kont inti li ċempiltlu.

RC: Issa dakinhar anke tal-Imdina jiena kont...mort iktar milli xejn, b'kumbina…mhux…iktar b'kurzita'  ilgħaliex tant iddeskrivewha b'mod sabiħ din id-dar, li rnexxielek tara Sqallija jekk ikun temp bnazzi, illi kont qiegħda ma' Chalie l-Belt qalli "illum ha mmur nara d-dar tal-Imdina ma' Yorgen u Joe", qalli "ejja miegħi". Qalli "xejn xejn tarah". U mort iġġifieri out of curiosity. Niftakar anke meta qagħdu...insomma…jitkellmu u… jinnegozzjaw bejniethom lanqas biss as such kont ħdejhom għax bdejt inħossni ovvjament naqa' skomda u niftakar qagħdt indur roaming around did-dar iġġifieri on my own, fil-verita', imma hemmhekk kien l-episodju fejn jiena ċempiltlu għax niftakar kien dam ma ġie, ma setax jaqbdu Chalie u kien qalli "ara tipprivax taqbdu inti Ro", u kont ċempiltlu.

GH: Ara inti xogħol ta' senserija qatt għamilt f'ħajtek?

RC: Le, le, le

GH: Erm. Kif rajt ukoll, mill…mill-xhieda, li ġbart jien u li għamilt aċċessibbli għalik, erm, Camilleri qed jgħid illi ta borża b'€46,500 fihom, lilek, meta mortu r-ristorant Marsamxett li jiena fhimt li huwa dak li llum jissejjaħ Porticello. Qal ukoll illi qabel dik l-okkażjoni, kien ta borża oħra flus lil Charles Farrugia, meta kienu qegħdin, jekk ma niżbaljax, Cordina. Jiġġifieri hu qed jgħid "Tajt €46,500 lil Charles Farrugia meta konna qegħdin Cordina, imbagħad tajt €46,500 oħra lill-Onoveroli Cutajar meta konna dan ir-ristorant Porticello". Erm. X'għandek xi tgħid fuqha din?

RC: Assolutament mhux veru, din hija waħda minn sensiela ta' gideb illi qal Joe Camilleri. Jiġġifieri jiena dakinhar, illi kien hemm din l-ikla ta' Porticello, mort Charles Grech, bħalma nagħmel ta' kuljum, nerġa' ngħid, niltaqa' ma' Chalie, niddiskutu l-kostitwenza eċċetera, u niftakar illi Chalie kien kuntent għaliex qalli "għamilna l-konvenju" iġġifieri qed nissoponi illi l-konvenju kien sar ftit jiem qabel, u qalli ukoll illi dakinhar kellu jmur jiekol mas-Sur Joe Camilleri għax stiednu għall-ikel. Iġġifieri jiena anqas kien pjanat illi nattendi għal din l-ikla u spiċċajt mort għal din l-ikla ilgħaliex kif ġie Joe Camilleri, Charles Grech, lili dak il-ħin, stednuni jekk jogħġbokx, trid tiġi magħna tiekol, u jiena weġibt iva. Lili personali, ħadd ma tani la basket u lanqas flus b'cash.

GH: Ah. Hu li jgħid Camilleri huwa illi stedintu inti għall-ikla, u li fl-aħħar tal-ikla anke offrejt li tħallas b'credit card.

RC: M'huwa vera xejn, hija gidba assoluta, għax tant hu hekk illi kien Joe Camilleri illi stieden 'l Chalie għall-ikel oriġinarjament…u jiena ġejt mistiedna meta wasalt Charles Grech u kien

sarilhom il-ħin għall-ikel u, bħal… bħala gentlemen staqsewni jekk nixtieqx nakkumpanjahom u jiena weġibt iva..iġġifieri jien ma kelli għalfejn inħallas jiena…

GH: Voldieri dak li qed tgħid huwa li meta mort Charles Grech huma kienu diġa' qegħdin hemmhekk u inti ltqajt magħhom hemmhekk u…

RC: L-ewwel kien hemm Chalie meta mort jiena, u qalli li qed jistenna 'l Joe Camilleri għax għandu jmur jiekol miegħu u niftakar ukoll dakinhar u j'alla għandix ritratt, illi dawn tant kienu kuntenti li saħansitra ordnaw tazza xampanja u xorbuha flimkien. U jekk jirnexxili nsibhom anke dan ir-ritratt ngħaddihulek, fejn dawn ħadu ritratt għax ovvjament kienu kuntenti, Chalie kien kuntent ovvjament illi sar il-konvenju u min-naħa tiegħu ovvjament, Joe Camilleri, bħala l-persuna li kienet qed tbiegħ kien kuntent ukoll. Jien ma kellix raġuni ilgħaliex biex ngħid hekk, niċċelebra, kont just, orrajt, kuntenta għax Chalie qisu prattikament missieri kont kuntenta narah jagħmel dan in-negozju, imma that's it.

GH: erm. Kif taf ukoll, il-…erm… il-prezz tal-bejgħ kien niżel mill-3.1 million għal 3 million, u, s-Sur Camilleri talab lura lil Charles Farrugia, erm, parti mis-senserija jew imsejħa senserija lura. Din kienet erbat elef ewro u ppretenda elfejn mingħand Chalie Farrugia u elfejn mingħandek. Hu jghid illi wara, fil-battibekki, Charles Farrugia tah l-elfejn, u wara xi ġranet, jew wara xi żmien, ġablu elfejn oħra, allegatament skond Charles Farrugia, mingħandek, u li inti l-ewwel tajtu cheque, lil Charles Farrugia, pero qal…urih lil…lil…lil Camilleri u dan qallu "imma qaltli biex ma ntikx ic-cheque imma ntihomlok cash". U ġablu elfejn cash.

RC: Mhux vera.

GH: Mhux vera…Niġi għal dawn il-famużi chats…

RC: Mhmm

GH: Bejnek u bejn Yorgen Fenech

RC: Mhmm

GH: Illi jidher li huma allegatament eżebiti l-Qorti fil-proċeduri li għaddejjin bħalissa kontra Yorgen Fenech. Erm, fejn, skont il-gazzetti, skont il-gazzetti, qed jingħad illi Yorgen Fenech qallek, f'din ic-chat, illi "bgħattlek €40,000" li kien hemm parti minnhom over and above, dejjem, x'jiftiehem issa mhux…qed nikkwota eżatt minnhom għax m'għandix ic-chats quddiemi, pero li jiftiehem huwa li kien hemm €31,000, bħala, voldieri wieħed u tletin elf, bħala jirrappreżentaw il-1% tal-bejgħ, u €9,000 li kienu qishom rigal għalik. Taf bihom dawn ic-chats?

RC: Iva, ovvjament naf bihom ilgħaliex jiena kont il-persuna illi nikkomunika ma'…ma' Yorgen Fenech. Erm. Nixtieq illi inti jkollok aċċess għal dawn ic-chats ilgħaliex sfortunatament, bħalma wieħed jista' jara, dawn ic-chats qegħdin jintużaw b'mod qarrieq fis-sens illi, b'mod selettiv qed jiġu strapolati partijiet minn dawn ic-chats, out of context, u jingħataw lill-media, biex bħal donnu ovvjament, jagħmlu assassinju ta' karattru fuqi. Nixtieqek illi inti bħala Commissioner ikollok dawn ic-chats ilgħaliex minn dawn ic-chats joħroġ ċar u tond, kif jiena mhux biss ma ħadtx senserija min-naħa ta' Joe Camilleri, imma wisq anqas, ma ħadt xejn bħala senserija mingħand Yorgen Fenech. Iġġifieri f'dawn ic-chats jiena ngħid ċar u tond illi qatt ma jien se naċċetta senserija mingħand Yorgen. Yorgen kien ħabib tiegħi, għal għal għal diversi snin, kien hemm…snin minn dawn is-snin li kont nafu fejn konna… close ta' xulxin… u m'għandix ovvjament għalfejn nidħol f'dettal, u allura jiena kont nistħi li kieku nieħu senserija mingħand Yorgen Fenech. Kif għidt tajjeb inti, dak l-ammont ta' flus, tad-disat elef Ewro ma

kienux senserija, imma kienu birthday present, ilgħaliex ftit tal-jiem wara, jiena kont se nagħlaq eluq snieni.

GH: Sewwa imma, dejjem jekk fhimt sew…

RC: Mhmm

GH: Minn dak li qiegħed rappurtat fil-gazzetta, jiġġifieri, illi l-…il-31,000

RC: Mhmm

GH: Jiena fhimt li inti għidtlu wara "imnalla qed tgħidli li hemm iżżejjed għax kont se mmur biex naqsamhom".

RC: Le le

EG/MV: Le

RC: Ma jgħidux hekk, jgħidu għax kont se mmur intijhomlu, iġġifieri fil-media qiegħed irrappurtat, ilgħaliex kont se mmur intijhom, iġġifieri jien hemmhekk, there again, qed joħroġ illi 1. Ma kontx aware…illi lili kien tani s-senserija ta' Chalie u li kieku ma qallix b'dawn id-9,000, jiena most probably, kont se naqbad u neħodhomlu u lanqas biss inkun naf illi kien ħalla rigal tal-birthday għalija. Iġġifieri, t-31,000 joħroġ ċar mill-gazzetta li huma s-senserija ta' Chalie. Ma nafx irrnexxilekx issibha Commissioner…

GH: Erm. Inti kopja ta' dawn ic-chats żammejt?

RC: Jiena ovvjament, erm, kopja fiżika m'għandix, pero ovvjament jiena naf x'għidt, ma' ma' Yorgen iġġifieri jekk dawn għandhom ejja ngħidu, ic-chats minn 2019 lura, jekk hemm bħalma ġie dejjem irrapurtat elf chat jew..x'imkien fil-viċin bejni u bejn Yorgen…li huwa żgur huwa illi joħroġ ċar jien qatt ma ħadt senserija la min-naħa u lanqas min-naħa l-oħra…

GH: Le, id-domanda tiegħi hija għandekx kopja ċioe'..skużani, li xtaqt insaqsik huwa inti għandekx kopja ta' dawn ic-chats iġġifieri…nirreferi għac-chat tal-…tas-27 t'Awissu, jiġġifieri din ic-chat partikolari.

RC: Nista' infittex f'xi mobile li kelli ovvjament two years ago, erm, pero niftakar illi iġġifieri, ċar u tond,

GH: Mela, erm

RC: U anzi, f'dawn il-messaġġi, u nerġa ngħidlek, inti forsi għandek aktar awtorita' minni li titlobhom mill-Qorti dawn il-messaġġi, joħroġ ċar ukoll illi jiena la kont inkun naf dettalji bħalma huma d-data tal-konvenju…erm…la kont naf per eżempju, dettalji oħrajn illi jikkonċernaw dan in-negozju, anzi, jekk niftakar sew, li darba minnhom, anke peress li Yorgen jaf illi jien kont inkun hemm ma' Chalie, f'istanza minnhom jew iktar minn istanza waħda kien qalli "isma tgħidlu inti 'l Chalie" u jiena kont dejjem ngħidlu, "isma tieħux għalik, kellmu inti għax Chali jgħidlek Rosianne x'għandha x'taqsam f' dan in-negozju?" iġġifieri…it is black on white. Iġġifieri jien niftakar ovvjament għax kont il-persuna li nikkomunika ma' Yorgen

GH: Issa, dawn il-konversazzjonijiet li qed tirreferi għalihom…

RC: Mhmm

GH: Dawn saru bil-miktub? Fis-sens, huma messaġġi jew?

RC: Iva whatsapp messages, whatsapp messages

GH: Mela għandek ħila issibhomli?

[diskors bejn l-avukati]

RC: Jiena naħseb li iktar faċli għalik bħala Commissioner li titlobhom mill-Qorti għax dawn suppost hemm digriet tal-Qorti li anqas jinħarġu…issa ħalliha li spiċċaw għand il-media imma…

GH: il-digriet tal-Qorti jikkonċerna dak li hemm eżebit il-Qorti. Ic-chats li huma tiegħek…

RC: huma eżebiti ukoll

GH: Le le, cioe, fis-sens, min-naħa tiegħek, tista' tagħmel bihom li trid u ċertament nista' nordnalek jien li ġġibhom...voldieri qed tgħid li jeżistu, nista' nordnalek. Frankament, jien għandi awtorita' daqs il-Qorti voldieri l-fatt li l-Qorti ddeċidiet hekk f'dawk il proċeduri, nista' nordna jien u naturalment imbagħad probabbilment nagħzel li ma nippubblikahomx biex ma..biex ma nippreġudikax il-…il-..il-…il-proċeduri tal-Qorti

RC: le le jiena, onestament, jien nieħu pjaċir li kieku hu jkollu aċċess għalihom

EG: Aħna anzi nistgħu nivverbalizzaw jekk taħdem hekk, ma nafx iġġifieri, I'm questioning, illi hi min-naħa tagħha qed tagħti kull permess  u awtorita' li jinġiebu

RC: għax jien ovvjament.

EG: m'għandniex..anzi..għalina

RC: M'għandniex x'naħbu, anzi, iktar aħjar

EG: Għalina, jiena inġibhom dawn

GH: Naturalment, jinterressani biss chats li għandu x'jaqsam man-negozju

EG: Jien..jien Dr Hyzler dawn inġibhom imma jiena hemm digriet tal-Qorti u jien ma rridx nesponi ruħi biex nikser dak id-digriet. Iġġifieri jiena naf għax iffollowjajtha din jien mill-gazzetti ukoll, illi l-Qorti donnha, is being very adamant mir-rilaxx tagħhom dawn. Issa, ovvjament, ovvjament, it-talba mill-pożizzjoni tiegħek hija differenti għax inti għandek ċertu…

GH: Jiena…

EG: …ċertu qafas legali li tista' titlobhom

GH: Ħa ngħidlek, jiena erm…

EG: Eqq naf x'għandi nagħmel biex inġibhom imma

GH: Jiena nixtieq nevita' clashes bejn awtoritajiet tal-Istat, jiġġifieri ma nixtieqx inpoġġi lili nnifsi  fi clash ma' awtorita' oħra…

…Le le, eh, le,  jiena li qed ngħid huwa, inti għandek bilfors, mhux, biddilt jew ma biddiltx il-mobile frankament huwa naħseb irrelevanti, aċċess għal, għal, għal chats tiegħek. Voldieri, ic-

chats tiegħek u qed intik id-data, ma' xi chats oħra li m'għandhomx x'jaqsmu, li qed ngħidlek huwa għandi bżonn ic-chats tas-27 ta' Awwissu, fejn ġie rappurtat li sar dan l-iskambju

EG: Ah mela aħna nistgħu nobbligaw ruħna…

GH: U jekk hemm, u jekk hemm chats oħra li tixtieq teżebixxi

RC: mela mela mela, tant l-aħjar

GH: qabel u wara, jiena, erm, ħa ngħid lil Qorti b'li għandi f'idejja, jekk ma ttihomlix il-Qorti u nista' ma neżebihomx

EG: Le, jiena nista', illum seduta stante, nista' nobliga ruħi għan-nom tagħha, illi ħa nagħmel ħilti biex dawn ic-chats inġibhom, u li kif appena ikunu fil-pussess tiegħi, ngħadduhomkom.

GH: Tajjeb

EG: Ir-raġuni hi, illi illi immaterjalment minn dak li ser jirriżultalek minnhom, ovvjament dix-xjenza, propju hi taf x'kitbet, u hawn qed tixhed bil-ġurament

RC: Hekk hu

EG: U u u …hi tiċħad kategorikament illi kien hemm xi chat bejnha u bejn Fenech li jgħid "isma ħa ntik dawk l-40,000 biex taqsamhom ma' Chalie"

RC: Imkien…

EG: Anzi, anzi, anzi, anzi

EG: L-inferenza, l-inferenza li wieħed jislet minnha din, l-inferenza li jislet minnha hi, li jekk ta' 40,000 u 31,000 minnhom kienu tas-sensar jew whatever x'sejħilha Farrugia, u d-9,000 l-oħra tahomlha għaliha, kemm anzi hi ma kellhiex sehem f'dawn is-senserija, għax id-9,000 mhux qed tikkontesta li ħadithom.

RC: Hekk hu. Erm. Fil-fatt, anka mill-messaġġi, per eżempju…joħor…dejjem din tibqa' toħroġ b'mod ċar…per eżempju… meta kien hemm il-mument per eżempju li Chalie…erm… għadda ċ-ċavvetta. Huwa dettall anke importanti fil-kuntest għax hemmhekk ikompli joħroġ ċar kif ma kienx hemm involviment tiegħi f'dan in-negozju just qegħdin nitkellmu fuq fuq il-ħaġa imma qed joħroġ ċar li ma kienx hemm involviment tiegħi f'terminu ta', ta' negozju ma'… ma' Yorgen Fenech. Tant hu hekk illi anke meta, meta għaddieli erm..din is-somma, li jiena għamilt "40?" iġġifieri anqas biss kont aware li kieku jiena kont se nieħu xi senserija mingħandu, kont inkun naf l-ammont ta' senserija li ser nirċievi. Iġġifieri, ovvjament, inti m'għandekx xi chats quddiemek imma jiena I can recall għax jiena kont il-persuna illi qegħda nikkomunika ermm…miegħu

GH: Tajjeb mela allura qegħdin niftehmu li inti sadattant ha tipprova tir…tagħmel printout ta' dawn il-chats

EG: U kif ikunu f'idejna ngħadduhomlok

GH: Turini telephone li…to match them

RC: Ehe mhux hekk

GH: [unclear] print out tajjeb.erm…u…u….u… u nerġgħu nitkellmu fuq dan

EG: eh

GH: issa, pero, erm, rajtu ukoll x'intqal minn Charles Farrugia fix-xhieda tiegħu. Hu qed jgħid li minn dawn l-40,000 hu ma missu xejn. Tagħmel sens din?

RC: Le, ma…ma jidhirlix li qrajt illi ma messu xejn.

GH: Ħa nsib ix-xhieda tiegħu

RC: Jiena qrajt illi qal ovvjament over and above dik is-somma li kienet intitolata għalih bħala senserija, ma jafx jekk Yorgen Fenech tanix xi ħaġa, lili personali bħala Rosianne, jien hekk jidhirli li fhimt illi qal.

Fil-messaġġi per eżempju, erm, ma' Yorgen anzi kien hemm istanzi minnhom fejn Yorgen beda jgħajru lil Chalie bħala qammiel għax qalli "Għarukaża" speċi, "ħa kollox hu", iġġifieri jien miegħu dan kont nitkellem open ma' Yorgen, iġġifieri li kieku jien verament ħadt xi ħaġa ma kontx ħa nigdeb 'l Yorgen u ngħidlu "le ma tani xejn", iġġifieri kieku kont ngħidlu "iva ta, tani xi ħaġa" jew…

GH: Dan li qed tgħid minn fejn jirriżulta?

RC: Mill-messages għax jiena…

GH: Mill-messages.

RC: Għax jiena ovvjament kkomunikajt miegħu

GH: voldieri ħa ġġibli dawn il-messaġġi

RC: Le mhux hekk, mhux hekk…hekk hekk hekk, jekk jirnexxilna mhux problema…

…Anke Chalie jidhirli fil-questions…

GH: Ara

RC: Qallek, qallek "jiena..erm.. kont ser nirċievi somma ukoll min-naħa ta' Yorgen bħala…bħala..x-xerrej"

GH: Skużani ma fhimtx erġa' għidli ?

RC: Fil-, fil-mistoqsijiet naħseb illi kont għamilt inti lil Chalie bil-miktub, erm , inti kont saqsejtu jekk kienx ħa jieħu xi ħaġa mingħand Yorgen bħala x-xerrej u wieġeb fl-affermattiv Chalie

GH: ah hu qed jgħid hekk, meta saqsejtu dwar dawn l-40,000 elf, id-domanda hija daqxejn twila, "dan taf bih jew le?". Issa mhux nistaqsik għal mument jekk ħadtx flus minnhom inti jew le. "Tafx bħala fatt, fis-sens bħala fatt għax tkun qaltlek l-Onorevoli Cutajar, tafx bħala fatt illi Yorgen Fenech għadda dan l-ammont lill-Onorevoli Cutajar?" "Ma nafx bih, ma nafx bih" qal. "Ma tafx?" "Dan min qallu?" qed jgħid Chalie. Qed ngħid, qed nikkwota mill-gazzetti bażikament.

RC: Naħseb hemmhekk kien qed jgħidlek "ma nafx" ilgħaliex hu jaf x'ħa hu mingħand Yorgen imma ma jafx jekk over and above is-somma li ħa hu, lili tani xi ħaġa. Iġġifieri hu ma nafx jekk Yorgen jien naf, tanix birthday present jew…iġġifieri hu kien qed jistenna dawk it-31,000 ilgħaliex hekk kien miftiehem ma' Yorgen. Ovvjament ma kienx f'pożizzjoni li jaf Yorgen jekk tax xi ħaġa lili.

GH: Ma nafx fejn qed jgħid li ma ħa xejn…

RC: tant kemm hu vera illi dawk it-31 ħadhom hu illi jiena anka, fil-kommunikazzjoni li kelli ma', ma' Yorgen, għidtlu "imnalla qed tgħidli għaliex kont sejra issa stess bihom".

GH: mmm

RC: Iġġifieri jien meta għaddiehomli mill-ewwel bqajt, bqajt sejra… sejra għand Chalie..isma dak mhux tiegħi..

EG: Xtaqt insaqsik jekk jogħġbok, il-kuntratt ta' bejgħ finali, eventwali..

GH: mhmm

EG: Tpoġġa għad-dispożizzjoni tiegħek? Għax ma rajtux fl-atti.

GH: Niddubita, ma naħsibx li rajtu jien, lanqas, pero huwa ma'…mal-…xi ħadd minn ta' Tumas Group, voldieri Ray Fenech..pero ta' Tumas Group

EG Orrajt imma, iġġifieri ma ntagħtalekx lilek għax meta niġu għat-trattazzjoni finali, xtaqt nagħmel punt fuqha din, din il-kwistjoni

GH: nista' nġib…

EG: Għaliex għaliex għaliex għandna żewġ istanti min-naħa ta' dan Camilleri, li lilek ovvjament ma jgħidhomlokx imma jirriżultaw, li jirrendi l-opperat tiegħu bħala wieħed illeċitu…reituż jiġġifieri qed nħid issa mhux etika

GH: ifhimni jekk

EG: Le u meta nidħol jiena fuq kwistjoni ta' kreddibilita' ovvjament, jiena, jiena irrid niġbidlek l-attenzjoni li hawnhekk għandek quddiemek persuna illi, illi at best, kommettiet żewġ reati b'dan, b'dan, b'dan id-dealings. Li, li huma ovvji liem huma. L-ewwelnett għandek, rriżultalek illi dawn…dawn in-93,000 telaqhom minn idejh għax kien għadu kemm ħa 400,000 mhux dikjarati li ħadhom cash fuq il-konvenju u huwa ovvju li din is-senserija jew sejħilha li trid ghax Farrugia ma ssejħiliex senserija, din telaqhom minn idejh biex jibda jiddisponi minn dawn il-flus li ma kienux dikkjarati u dik riżultat, hemm 400,000 li ngħatawlu Portomaso

RC: Mhmm

EG: It-…hemm tlett mitt elf u erba' mitt elf.. l-ewwel jgħidu tlett mitt elf u imbagħad jgħid erba' mitt elf Farrugia, qal imma mhuwiex ċert

GH: le ara tinsewx, u dan rajtuh intkom, illi fil-konvenju, skont il-ftehim, cioe, kif ġie abbozzat il-konvenju mill-avukat Lofaro a bażi ta'

EG: Li ma kienx l-avukat, kien qed jidher…

RC: shareholder…

GH: Kien, kien il-, il-persuna jirrappreżenta fuq il-kumpanija lil Camilleri bħala beneficial owner. Erm, pero, pero erm, Pierre Lofaro, l-avukat Pierre Lofaro kien qed jilbes żewġt ikpiepel, kien qed jilbes kappell tad-Direttur tal-kumpanija li qed jirrappreżenta pero ukoll avukat li abbozza l-konvenju. F'dak il-konvenju abbozzat kif kien rappurtat lilu minn Camilleri, in-negozjati għamilhom Camilleri, kien li dan kellhom jitħallsu 3% mill-venditur

EG: Mhux qed ngħid fuq il-konvenju, mhux qed ngħid fuq is-senserija

GH: U u u 1%  mill-kompratur. Meta ġew għall-konvenju

RC: Li huma dawn it-31 mhux hekk

EG: Ingassawha

GH: meta ġew għall-konvenju li thassret u qal no brokerage fees are due u imbagħad dak l-ammonti tħallsu wara

EG: mhux fuq dak qed ngħid jien, jien qed ngħid illi parti mid-depoż…li parti mid-depożitu tal-prezz, mhux senserija issa, jirriżulta illi tah tlett mitt elf undeclared. U l-għada, Camilleri, beda jiddisponi minnhom billi tah is-senserija

GH: dak kollox sew

EG: Le imma hija reituża, jien qed ngħid ta' kredibbilita' qed ngħid

GH: Dak kollox sew, dak imbagħad fi trattazzjoni tista' tgħidha kemm trid ovvjament. M'għandix dubju illi illi, meta nagħlqu din ix-xhieda tista' tgħid xi affarijiet oħra

EG: Anke l-fatt, anke l-fatt tal-konve…, il-fatt li lilek m'għaddewlekx il-kuntratt

GH: pero ma tlabtux frankament għax kieku tlabtu

EG: ijja imma dawk ħafna affarijiet u dan ma tahulekx

RC: dan huwa bniedem li ssellef xi miljun u nofs

EG: inti …

GH: ppermettuli sekonda, dak li jiena għandi bżonnha għall-investigazzjoni tiegħi, jien nitolbu u nġibu, tajjeb?

EG: ok

GH: jiġġifieri jekk xi ħadd ma tanix xi ħaġa għax ma tlabtulux, għax kieku ġabu u kieku ma ġabux hu kont inġibu mod ieħor, tajjeb, voldieri mhux, mhux, hekk tgħidli li hi rilevanti jekk tħoss li hi rilevanti bil-qalb kollha jiena nżidu fl-atti

EG: Naħseb li hija rilevanti għax meta ħa niġu biex naraw min hu kreddibli u min mhux, jien qed nikkontendi illi dan Camilleri f'iktar minn istanza waħda, jien għandi żgur tliet okkażjonijiet,

GH: eh kollox sew dik hija trattazzjoni, inti qed tgħid illi l-kuntratt finali jista' jkollu xi tip ta' rilevanza, xi tip ta' bearing fuq dawn il-proċeduri…tajjeb. Nippreferi kieku tgħidli għalxiex

EG: Għax ma setax isir kif sar

GH: X'differenza tagħmel, għaliex?

EG: Użgur li ta…użgur, jekk inti Yorgen Fenech ġie sostitwit u ġie sostitwit fil-vesti tiegħu ta' xerrej, li rrid nara kif ġie…le dak kellu freezing dak kellu freezing order

GH: ippermett..ħa nitfi.. ħa nitfi daqxejn it-tape ħa ngħidlek għalfejn, ħalli jekk inti tixtieq tittratta verbalment, b'dan il-mod u imbagħad wara tpoġġiha f'nota

EG: Le

GH: M'għandi l-ebda diffikulta', pero biex mhux trattazzjoni għax inħarbat ix-xhieda

EG: Le inħalli d-domandi lill-Onorevoli

GH: Kollox sew, kollox sew. Ara erm…dwar l-involviment ta'..tan-Nutar Castaldi Paris, tal-Onorevoli Castaldi Paris, inti lilek qatt kellmek dwar dan?

RC: Le jien l-ewwel darba li rajt ismu, ngħidlek il-verita' xxokkjajt għax ovvjament huwa kollega tiegħi erm…qatt ma qalli xejn iġġifieri qatt ma qalli b'dan l-affidavit. Li naf hu huwa li qed iħossu ftit ovvjament skomdu..erm…u qed ittini x'jifhem illi erm..jekk ħa jiġi daru mal-ħajt, ħa, ħa, jsemmi l-persuna li hemm wara din l-istorja u jiena ovvjament hemmhekk qed iqumu ħafna mistoqsijiet f'moħħi. Iġġifieri jiena, qed inħossu skomdu ħafna lin-Nutar

GH: X'jiġġifieri persuna li hemm wara l-istorja?

RC: Ma nafx, iġġifieri hu qisu ma qallix isma jiena ovvjament..erm..nutar jew ġie bniedem għandi jagħmel affidavit nagħmillulu…

GH: F'dal-punt qed nifhem lilek daqskemm fhimt lilu

RC: le

GH: iġġifieri ma fhimt xejn

RC: Le imma iġġifieri inti l-aħħar darba għidtilna li dan qallek per eżempju li m'għandux kopja tal-affidavit

GH: iva

RC: I am recalling x'qal in-Nutar illi erm..qatt ma qalli xejn iġġifieri, jien ma nafx meta għamlu dan l-affidavit, qatt ma rajtu, qatt ma uriehuli, qatt ma offra li jien narah, iġġifieri jiena kullma naf huwa dak illi qiegħed jiġi rrapurtat mill-gazzetti illi allegatament intqal f'dan l-affidavit

GH: Le le

RC: Sa issa, għadni qatt ma rajtu dan l-affidavit

GH: Issa qegħdin nitkellmu fuq x'konversazzjonijiet kellek inti ma' Castaldi Paris

EG: man-nutar

RC: le le le

GH: mhux x'intqal fil-gazzetti issa

EG: x'rajt

RC: Eh, jiena? Jiena meta ovvjament rajt ismu fil-..fil-gazzetti, bgħattlu, kont irrabjata ħafna għalih u ovvjament, konversazzjoni ma tantx kienet…

GH: iva kollox sew imma, x'kienet ir-reazzjoni tiegħu? Mela, l-ewwel ħaġa, ammetta jew m'ammettiex li għamel l-affidavit?

RC: Ħa nsib il-…ic-chat…

GH: Nissospendi. Ok.

RC: "Int bis-serjeta'? Trid tkun mejjet bil-ġuħ biex taċċetta li tagħmel affidavit falz kontra kollega tiegħek u persuna ta' 73 sena. I think you need to listen to my version". "Kieku fl-interess tiegħi kont tgħidli can we talk please?" Għidtlu "kulħadd qed jgħid bik dalgħodu." "Naħliflek fuq uliedi that the only reason I signed it was to protect you u issa qlatjha jiena". U imbagħad ovvjament ikompli f'dan il-gist ovvjament jiena rrabjata

GH: Imma, qallek x'għamel bih..dan l-affidavit?

RC: Ma qallix u…ma qallix…u ovvjament inti kkonfermajt jumejn ilu li meta tlabtu inti qallek illi m'għandux

GH: le le le hu konferma li m'għandux kopja tal-affidavit iva. Qatt ma qalli li għamlu, qatt ma qalli li m'għamlux, pero kkonferma li m'għandux kopja..issa…

RC: Eqq jiena

GH: Tifhem ir-ruħ ta voldieri mhux qed ngħid għax jiena naħseb

RC: U dik qed tkompli ttambarli f'moħħi li dan il-bniedem hu effetivament skomdu, għal xi ħaġa qiegħed skomdu issa jew għax jaf illi Joe Camilleri jidher, ma nafx. Imma anke l-fatt illi ma qalli xejn jiena fis-sens orrajt, marbut bis-sigriet professjonali imma..ma naħsibx li teknikament seta' jgħidli li ġie xi ħadd jagħmel affidavit fil-konfront tiegħi.

GH: ok, mela, kif taf ukoll, erm, jiena ottjenejt riċerki dwar akkwisti li għamilt inti

RC: mhmm

GH: li minnhom jirriżultaw erm…żewġ propjetajiet li nxtraw qabel din id-data minn terzi persuni, u terza persuna, kif ukoll propjeta' li xtrajt inti waħdek..erm… l-ewwel parti xtrajtha minn, xtrajt tlett partijiet minn ħamsa minn, minn membru tal-familja tal-papa' tiegħek, fl-istess ġurnata, jekk ma niżbaljax, erm, il-papa' tiegħek tak donazzjoni sehmu

RC: Sehmu, tahieli

GH: tahulek ta' wieħed minn ħamsa, u eventwalment, inti xtrajt il-kumplament, il-1/5 li kien fadal, parti li kien fadal. Erm, tista' tispjega kif, kif eh, ftehmna jumejn ilu

MV: Nistgħu…xi dokument

RC: Mela, biex forsi anke sakemm insibu d-dokumenti, il-, il- mela, din id-dar in kwistjoni…

GH: le voldieri, id-domanda hija mela

MV: kif ħallast

GH: L-ewwel sittin elf

RC: aha

GH: Kif ħallasthom u imbagħad it-tieni ammont għandi nifhem kien bil-bank loan

RC: Ezatt ezatt, hawnhekk għandi kopja taċ-ċekkijiet illi, ħriġt lit-tliet zijiet tiegħi u imbagħad għas-sehem tal-persuna li tinsab barra minn Malta, erm, kont ħadt dan il-loan biex, biex tajtha sehma, erm…kellha xi kuratriċi u effettivament imbagħad tgħaddihulha hi iġgifieri jien kont ftaħt kawża anke l-Qorti ilgħaliex kien hemm erba' minn ħames aħwa li riedu ibiegħu u din il-persuna partikolari, iz-zija tiegħi li tgħix barra minn Malta ma riditx tbiegħ.

EG: Minn dawn tal-konvenju li li tiftiehem mal-partiijiet kollha, ikollok parti fuq il-konvenju li ma waslitx, u imbagħad tagħmel dak ir-rikors

GH: Kollox sew,voldieri l-ħlasijiet saru b'ċekkijiet bankari

RC: u loan, u loan u ssarfu u ssarfu

MV: u ssarfu għandek hawnhekk ukoll mmarkati bil-blue

RC: tajjeb li ngħid…

EC: B'kumbinazzjoni, b'kumbinazzjoni ukoll, għax dana s-Sur Camilleri ma semmihiex b'kumbinazzjoni, l-ammont li rriżultalek li ħadet bħala loan, kumbinazzjoni jirrifletti l-ammont li hu qed jgħid li ta lilha u għalhekk semmieh dax-xiri

MV: jekk tarah

EG: jekk tarah

MV: tara is-sanction letter …

GH: le ma naħsibx jekk niftakar tajjeb, mhux qed inħares lejn id-dokumenti biex ma noqgħodx inqalleb għalissa, erm, il-loan kien ta' xi mitt elf u l-ammont li tħallas kien sittin

RC: imma sehmu huwa kważi eżatt ta' kemm qed jallega li jien ħadt f'senserija

GH: pero, pero, erm, ifhimni din hija trattazzjoni, fis sens li l-45,000 li tħallsu għall-1/5 li kien fadal, tħallsu ħafna wara illi tħallast inti allegatament.

MV: imma, imma these

RC: hu mhux hekk qed jallega? Li jien użajthom…

EG: Din semmielek, din semmielek Camilleri tax-xiri tal-propjeta'

RC: Hu qed jallega illi jien użajthom biex nixtri dar le?

EG: ma semmhiex għalxejn

MV: jekk il-Kummissarju jara iktar

480 GH: id-domanda hija din – meta intri xtrajt l-ewwel parti tad-dar, l-ewwel 3/5 biex niftehmu

RC: mhmm

GH: minn fejn ġibt il-flus biex tħallashom? bank u mhux bank

RC: savings, savings infatti ħriġt iċ-ċekkijiet

GH: issa, dawk is-savings, kienu ddikjarati fid-Dikjarazzjoni tal-Assi tiegħek?

485 RC: mela, mela, erm għandek tat-2018 Dikjarazzjoni tal-Assi fejn kelli 60,000 savings?

MV: irridu nipprintjawha

RC: bgħattielek whatsapp …qiegħda… qiegħda

MV: nistgħu nipprintjawha issa? Għandek xi ħadd jista’?

GH: Ibgħatha email lili

490 MV: ok, mela le, mela le

RC: il-bank ma jaċċetta l-ebda cash iġġifieri din hi assurda, li jiena iġġifieri, ma jistax ikun li mort il-bank b’xi cash illi kelli u l-bank ħallieni ovvjament niddepożithom

GH: mela, jien għandi bżonn mingħandek, il-bank transactions

RC: Qegħdin hemm

495 GH: li, leading up, li waslu għall-…voldieri mhux lejliet qed ngħid, per eżempju tliet xhur qabel, erba’ xhur qabel…

RC: Tajjeb li ngħid illi l-kawża infetħet qabel ma jiena sirt naf ‘l Joe Camilleri iġġifieri qas tista’…il-kawża biex jien nixtri din id-dar, peress li ovvjament kien hemm persuna li ma tridx tbiegħ, jiena kelli nagħmel rikors il-Qorti

500 GH: dak kollu…Sekonda, dak kollu ma nafux jiġġifieri, hekk tridu tispjegawli

RC: hekk qed nippruva..tgħaddili ftit il-file

GH: erm, x’kien dan in-negozju ta’ din id-dar, jiena m’għandi l-ebda informazzjoni ħlief li xtrajtha

RC: Mark, Mark, le imma, din mhux dar li tixtriha bħalma tixtri dar normali ilgħaliex kelli niftaħ kawża l-Qorti peress li kien hemm waħda mill-aħwa mill-ħames aħwa li ma riedetx tbigħ

505 GH: imma kellek konvenju jiġġifieri?

RC: Le, l-ewwel ma bdejna l-ewwel tagħmel stima ta’ kemm tiswa’ d-dar u din kienet saret fit-2018

GH: Ippermettili, ippermettili, sekonda, hekk jien irrid nixtri dar ma nistax nagħmel kawża biex nixtriha

RC: Le le

GH: nista' nagħmel kawża biex nixtriha jekk għandi xi dritt diġa' fuqha

RC: mela,

EG: għanda l-kawża

RC: Fit-12 ta' Diċembru 2018, jiena għamilt orrajt, erm, kawża il-Qorti, biex jiena, il-Qorti tordna, il-bejgħ ta' din id-dar ilgħaliex

GH: Imma inti x'kellek x'taqsam magħha?

RC: Jekk kont se nixtriha jiena? U kelli erba'….

EG: nista' nispjegalek…għax mhux…Sur

GH: Kellha konvenju

EG: Sur Comm..

RC: Imma iġġifieri illi qed ngħidlek huwa l-konvenju kien ħafna qabel

GH: Le le le

EG: Nista' nikklerja ftit duħħan

GH: Sewwa

EG: Mela ara, hi għamlet konvenju

RC: ħafna qabel

GH: Hekk hu, mela dak kullma ridt…mela d-dritt legali tagħha joħroġ mill-konvenju

RC: eqq mela

EG: Il-konvenju għamlitu, il-konvenju għamlitu mall-propjetarji kollha…

GH: sewwa

EG: salv li ma ffirmatx bħala venditriċi

GH: uwijja kollox sew

EG: waħda …issa għamlet ċitazzjoni hi, fejn fiha, is-sidien, mhux hi..

GH: Kollox sew kollox sew

EG: Talbu lill-Qorti tikko…erm…tivvalidita' dan il-bejgħ u lilha għan-nom ta' kuraturi deputat….

GH: biex jisforzawha biex…

EG: biex jersqu u bis-saħħa ta' dik il-proċedura ressqet. Jien jekk trid nista' ngħaddilek l-inkartament

MV: L-email fejn ħa nibgħatielek Sur Kummissarju?

GH: Commissioner@standardscommissioner.com

MV: ħa nibgħatielek issa, fil-fatt fiha ħa jirriżulta li kellha biżżejjed dikkjarati flus biex tkopri s-sittin elef.

GH: eh, jien għandi bżonn il-transactions

EG: Fid-dikjarazzjoni ta' qabel

MV: tat-2019 ħa ntik

RC: Tal-18 dik, dik tal-18

MV: Iġġifieri qabel ma sar il-….

RC: Pero id-data hija importanti ilgħaliex wieħed jista' jirrealizza li m'hemm l-ebda konnessjoni ma' din l-allegazzjoni li jiena ħadt xi somma cash iġġifieri jiena għax diġa kont naf li stajt naffordjaha din id-dar, għamilt il-pass biex ovvjament nixtriha, u mhux għax kelli xi somma cash bħalma qed jiġi allegat

EG: apparti l-fatt li inti jekk tmur il-bank b'ħames mitt euro

RC: eqq qas…

EG: bħala PEP, ikollok l-provenjenza

RC: jiena anke jekk missieri jiftaħ bank account jgħidulu..

EG: jekk ħallset b'cheque

RC: ngħadduhomlu ukoll 'il dawn…lill-Commissioner

EG: hekk kif irid

RC: eh ok ma nafx jekk forsi, jekk hemmx ukoll ta' rilevanza anke għalik..hemm id-dati qegħdin highlighted

GH: mela inti qed turini l-inkartament tal-Qorti

RC: mhmm

GH: erm. Jiġġifieri, dak li qed tgħidli, mhux inti ftaħt kawża, is-sidien

EG: is-sidien..li ffirmaw

GH: għax id-diffikulta' tiegħi kienet…inti x'..kif setgħet tiftaħ kawża…

EG: le

RC: Għandek raġun għax fil-verita' tinfetaħ fuq ovvjament il-persuni li għandhom is-share f'dik id-dar in kwistjoni.

GH: sewwa. Ok

MV: issa, wara dik il-kawża li ġie deċiż, is-sehem, il-1/5 li fadal kien 45,600 għandna ukoll statement illi hu withdrawal, kif tħallas, hi l-ewwel waħda fil-fatt. Fuq, fuq..

GH: Sewwa sewwa. Ehe dan qed juri li tħallas l-ammont

MV: Eżatt, kif tħallas ukoll għax loan

GH: Le id-domanda tiegħi kienet, x'transaction qabel din id-data għax biex niftehmu jekk jiena imma ħa….

EG: li bgħattna bl-email

GH: Dik l-email, orrajt ok

MV: Bgħattna d-Dikjarazzjoni tal-Assi

GH: Mela ħa nsib l-email sekonda

RC: Dak il-bank, dak il-flus il-bank tahomli għax jiena permezz ta' loan ħriġthom iġġifieri jiena qabel mhux ħa jkun hemm transazzjoni għax hemmhekk hemm is-sanction letter ta' mitt elf ewro bħala loan, u 45,000 minnhom użajthom biex inħallas is-sehem ta' waħda minnhom

GH: sewwa, il-,il-,il-, il-loan li ħadt mill-bank dak m'hemmx kwistjoni fuqu, ħadt loan mill-bank, id-domanda tiegħi hija, l-flus, l-ewwel 60,000 li tħallsu

RC: mhmm. Minn savings

GH: ħarġu minn savings

RC: tal-bank

GH: issa jiena xtaqt mingħandek, il-l-istatement tal-bank bejn id-data ta' meta sar il-konvenju u meta sar dan il-bejgħ.

RC: dik ħa toħroġ mill-….mid-Declaration of Assets

GH: L-ewwel, l-ewwel, l-ewwel portion biex niftehmu. Qed niftehmu?

RC: Mhmm

GH: għax jiena li inti…ħa nkun ċar, qed qed qed nixhdu bil-karti miftuħin mhux hekk, ladarba rajtu x -xhieda l-oħra jiġġifieri jekk inti ħriġt sittin elf mill-bank u tgħidlu ħriġt sittin elf iva kollox sew, pero, trid turini dawk is-sittin elf…

EG: kif ġew hemm

GH: kif ġew mhux hekk? Għax jekk jiena għall-argument, ħa ntik eżempju, għall-argument kont qed tmur il-bank darba fil-ġimgħa u tiddepożita elf ewro ma jsaqsikx domandi

RC: Ma jħallikx, ma jħallikx ta. Lili ma jħallinix bħala PEP. Jien anke jekk imur missieri biex jiftaħ kont, li missieri hu pensjonant jiġu b'ħafna, aħseb u ara iġġifieri jekk immur b'somma cash. Ħa jaċċettaw…

GH: u iva, insomma

MV: pero biex inkunu ċari, mid-Dikjarazzjoni tal-Assi tas-sena 2018 hemm il-bilanċi kollha, issa aħna ħa ħa nġibulek dokument biex nuru li kien hemm, vera, hemm 53,000 fil BOV per eżempju

RC: U imbagħad hemm l-MSV Life 18,000, iġġifieri hemm iktar minn 60,000 hemm kważi 70,000

GH: u dawk kont sarrafthom voldieri

RC: Le użajthom biex inħallas il-…lil ħut missieri u f'ċekkijiet

GH: Is-sittin elf

RC: Mela mela

GH: ah voldieri ma baqgħux għandek dawn

RC: Le, infatti jekk tara t'issa m'għandi xejn

EG: imbagħad hemm elf

GH: ok ok ok. Erm,

EG: Għaddejniehulu

RC: ehe għaddejtielu? Ok

GH: mela, xi ħaġa oħra li ma ddiskutejniex għadna hija l-…it-tapes, it-tape li ħa allegatament erm..mhux allegatament, ħa recording,

RC: illegali

GH: ta' bejnu u bejn Charles Farrugia, fejn inti ssemmejt f'xi okkażjonijiet. Erm, x'għandek x'tgħid fuqhom dawn? Naf li inti qed targumenta li dawn huma tapes illegali etc etc pero jiena ovvjament la qegħdin għandi qegħdin għandi issa, kif ittieħdu, din hija kwistjoni oħra

RC: ovvjament ma tantx nista' nikkumenta għax ma kontx jiena il-persuna f'dak it-tape iġġifieri li nista' ngħid anke wara li rajt it-transcripts huwa illi naħseb Chalie anke meta kien qed isemmi lili jista' jkun li kien qed jibbluffja, bħalma kien qed jibbluffja meta per eżempju, din qrajtha x'imkien, beda jgħid illi l-flus bagħathom għand ħuħ l-Amerika, iġġifieri jien naħseb f'dak il-punt, Chalie li ma kienx kuntent ovvjament li dan qed jitolbu xi ħaġa żgħira lura minnhom, naħseb illi kien ovvjament qed jipprova jivvinta xi skużi biex ovvjament ma jirritornalux…erm… dan il-flus dan l-ammont li kien talbu..erm.. Camilleri. Iġġifieri jista' jien naf, ma nafx, qed insaqsi jiena għax ovvjament lil Chalie trid tagħmilha din il-mistoqsija, jista' jkun li forsi biex jaqtalu qalbu 'l Joe? Għax imbagħad fi transcripts oħrajn jgħid "isma

tgħoqqodx issemi ‘l Rosianne” tipo “Rosianne m’għandhiex x’taqsam” u tant kemm jien m’għandix x’naqsam illi kif għidnielek anke jumejn ilu, li Joe Camilleri dejjem ċempel lil Chalie biex jirritornalu dawk il-89, 93000 euros, iġġifieri qatt ma ċempel lili iġġifieri kieku kien verament konvint  Joe Camilleri illi jiena effetivament ħadt xi ħaġa kien joqgħod iċempel lili

EG: u jirrekordjak

RC: u jirrekordja lili mhux ‘l Chalie ilgħaliex hemmhekk se issaħħaħ il-verżjoni tiegħu, iġġifieri l-fatt li dan iċempel dejjem ‘l Chalie, sa din il-ġimgħa stess, er, l-awditur tiegħu “Chalie ejja nagħmlu settlement agreement”. Iġġifieri, qed juri li dan anqas għandu interess illi verament imur il-Qorti kif beda jispjega anke Dr Gatt

GH: ok erm, jiġġifieri, hu kuntatt miegħek qatt ma kellu?

RC: ..jiena dik l-ittra legali, jidhirli għandek kont ġejt Dr Gatt iġġifieri

EG: dakinhar li rajtu l- Cordina

RC: Eżatt, dakinhar li rajtu Cordina li kien hemm l-episodju fejn… meta morna nieklu

GH: le le li qed insaqi huwa, wara

EG: Wara l-konvenju

GH: Wara l-konvenju

RC: Le le le le le le

GH: Qatt ma tkellem miegħek

RC: Le le le le le qatt

GH: lanqas qatt ma ltaqa’ miegħek, qatt ma talbek xejn

RC: Qas ma’ Dr Lofaro fil-fatt iġġifieri kieku ikolli narah personalment iġġifieri, għax ġieli nisma’ “bonġu Dr Lofaro” iġġifieri qas kont nafu personalment, iġġifieri sal-ġurnata tallum ma nistax ngħid li Dr Lofaro huwa ħabib tiegħi, jew … anqas, għandi n-numru tiegħu naħseb anqas ta’ Joe Camilleri m’għandi n-numru fil-verita’...għax…u u u hemmhekk ikompli joħroġ biċ-ċar anke li dejjem Chalie  kien il-, il-persuna li għaqqdet dan in-negozju. X’seta’ assuma ħa ngħid hekk għaliex illum il-ġurnata nghid naħseb, aktar milli assuma dan, b’mod intenzjonali ried jagħmel ħsara lili, dan  induna li jekk mhux ħa nIżżeffen jien fin-nofs, il-flus li hu għandu l-pretensjonijiet li jerġa’ jieħu lura, mhux ħa jingħatalu ħa ngħid hekk.

CP: X’kienet ir-raġuni li Yorgen Fenech  dawk it-31,000 għaddihom lilek biex tgħaddihom  lil Charles Farrugia?

RC: Ara, dakinhar, niftakar li kellu jiġi magħna Chalie imma naf illi kellu jmur hu l-bank u kien dam hemmhekk. Chalie jħobb, ta’ Qormi li hu jmur jieħu siesta wara nofsinhar u peress li ltqajt miegħu naħseb f’xi t-tlieta ta’ wara nofsinhar, kien qalli, qalli “Ro filkas mur inti” pero  jiena ma kontx naf illi ħa jgħaddihomli as in, dakinhar, għax jien għidt mux ħa jtihom lili la ma ġiex Chalie. Fil-fatt, erm, hu naħseb tant jaf li aħna qrib ta’ xulxin, jgħidlek ”Alla ħares ma jafdax ‘l Rosianne” taf kif,  qisha t-tifla tiegħu, iġġifieri jiena tant ma kontx naf illi meta tlajt fil-karozza għax niftakar kellu l-mobile mitfi, kien qalli “isma Ro għax issa xegħel il-mobile, hemmhekk

hemm erbgħin" u jien għidtlu "erbgħin?" iġġifieri jien anqas biss kont naf, iġġifieri kemm kien l-ammont li għandu jagħti 'l Chali bħala senserija. Li naf huwa li għadda imbagħad dak l-ammont lili, li there again, mhux meta tahuli kont naf li tani 9000 ewro bħala rigal tal-birthday, kont fil-karozza u hu jgħidli "għax bdejt nistħi", fil-fatt kienet anka rappurtata fil-gazzetta għax din oħra kif Alla jbierek il-media għandhom kopji tal-messaġġi u jiena, imnalla li I can recall u li għadni żgħira fl-eta' ghax nista' niftakarhom ċerti affarijiet, għax ovvjament iż-żmien jibda għaddej. Imma din kienet ir-raġuni, iġġifieri Yorgen kien jaf li jiena Chalie qisu missieri għalija, iġġifieri ma ħasx li ħa tkun issue illi jiena ħa neħodomlu jiena gialadarba hu ma ġiex għal dak il-meeting. Tant ma kinitx, tant ma kontx naf, illi fil-fatt morna l-Busy Bee tal-Imrieħel. I mean, kieku jiena kont se mmur hemmhekk, knowing li, illi jien ħa ningħata xi flus, ma kontx ħa mmur ovvjament erm, il-kaf…il-coffeeshop tal-Busy Bee tal-Imrieħel u poġġejna barra

GH: Fejn skużani ma fhimtx

EG: l-Imrieħel, fejn Farsons, Busy Bee

GH: ah Busy Bee

RC: Il-Busy Bee ehe u ġġifieri poġġejna barra, kien hemm in-nies madwarna tant hu hekk illi meta għaddieli dan il-basket u qalli "hemm xi ħaġa tipo tal-birthday" qas biss kont naf li kien hemm flus jiena, fil-karozza rrealizzajt…erm… dan kollu

GH: waħda mill-kontradizzjonijiet li għandna quddiemna hija dan il-fatt jiġġifieri illi qed jiġi aċċettat minnek illi Yorgen Fenech għadda 40,000 lilek li minnhom 9,000 kienu rigal u inti qed tgħid li l-31,000 kienu..

RC: senserija għal Chalie

GH: waqt li Chalie jgħid li dan ma jaf bih assolutament xejn u li ma ħadhomx

RC: imma filkas erġa' kellem lilu għax jien anqas.., forsi ma semgħekx imma Chalie…jaf li ħa..tant hu hekk li fil-mistoqsijiet li kont għamiltlu inti, er… jgħid illi, kien ftiehem ma'… ma' Yorgen biex ittih dik il-1% u jien niftakar kienu anke llattikaw bejniethom ħabba dan il-famuż 1% għax Yorgen beda jargumenta "isma jien qatt ma smajtha li min jixtri irid joħroġ is-senserija ukoll". Imma effettivament kien aċċetta imbagħad għax jaf lil Chalie u speċi qisu ħassu embarazzat, ma riedx ikkissirha miegħu ħabba 1% ħa ngħid hekk. Pero jekk hemm bżonn anke tibgħat għal Chalie għax naħseb, knowing Chalie li kieku kien jaf li għandu jieħu 31,000 u ma ħadhomx naħseb..kien jgħidli xi ħaġa

EG: X'għandna festa bejn galatomi eh

RC: eh leee

EG: Bejn ta' Camilleri u bejn Charlie

RC: [tidħaq]

GH: Le insomma, le insomma. Erm,

RC: iġġifieri jekk tibgħat għalih m'għandix dubju li se jiċċaraha

GH: kieku kelli ngħidlek ara ssibx il-…iċ-chequebook

RC: mhmm

GH: Biex nindirizzaw l-allegazzjoni taċ-cheque li jista' jkun titqatta',

RC: mhmm

GH: x'tgħidli?

RC: Heqq nipprova insibhom imma

GH: voldieri jekk issibli l-istubs

RC: ehe ehe

GH: ta' dak il-perjodu, jiġġifieri ….

RC: imma diffiċli qed ngħidu kemm sentejn issa? Sentejn lura? Naħseb li bdiltu ċ-chequebook minn dak iż-żmien

MV: ħa nippruvaw, ħa nippruvaw,

GH: ħa ngħidlek, ħa npoġġiha mod ieħor. Erm…Jekk inti ġġibbli l-istatement tal-current account

RC: mhmm

GH: se jkun hemm ic-cheques li ssarfu

RC: mhmm

GH: bid-dati li ssarfu

RC: mhmm

GH: li m'għandhomx x'jaqsmu ma' dan-negozju. Jekk dak li qed jgħid Camilleri huwa minnu, jiġġifieri illi Charles Farrugia urih cheque tiegħek illi imbagħad ma tahulekx, dak ifisser jista' jkun, illi cheque number so and so, f'dik id-data, ma ssarrafx, mhux hekk? Voldieri inti ħa jkollok lista ta' cheques li ssarfu, ma jkunux eżattament wara xu…, bejn wieħed u ieħor, u jkollok cheque minnhom, wieħed, tnejn, tlieta ma nafx, li ma ssarfux. Issa, kemm il-darba ma jirriżultax dan, jista' jgħin ħafna it-teżi tiegħek. Kemm il-darba jirriżulta li f'dak il-perjodu hemm cheque wieħed jew jekk tgħidli ma ssarfux mingħajr spjegazzjoni, tajjeb, għax inti erm, stajt

RC: pero, l-oneru tal-prova qed ddur fuqi. Naħseb jiena min.. min jallega irid…irid jipprova

GH: le le, ħa ngħidlek jiena qed nistiednek, qed nistiednek

EG: ħa nfittxuhom, ħa nfittxuhom

RC: eh ħa nfittxhom imma

GH: ed nistiednek ifhimni, mhix konklussiva fiha nnifisha

RC: mhuwiex fair li issa f'daqqa waħda l-oneru tal-prova spiċċa fuqi

GH: iva imma

RC: meta dan qed jallegaha xi ħadd ieħor

GH: ħa ngħidlek, sekonda waħda

RC: iss..iġġifieri jekk jiena ma nsibx iġġifieri ic-chequebook, x'ħa nagħmel? Mhux ħa niġi [-] iġġifieri?

GH: mhux neċessarjament ifisser li mhux qed tgħid il-verita'

RC: iva imma

GH: pero lili tgħini nasal għaliha issa tinsiex ħaġa waħda, u għalhekk forsi jien qiegħed f'pożizzjoni partikolari skomda, għax jiena hawnhekk il-il-il-… irrid nasal tal-livell tal-prima facie, illi kieku qegħdin l-Qorti, il-prima facie, b'allegazzjoni bħal din kważi faċli taċċetaha. Eh? Voldieri, u jien qed nipprova mmur daqxejn oltre ħalli…mhux hekk?

EG: ehe nifhem, iġġifieri aħna ħa nagħmlu impenn totali biex dak kollu li qed jissemmi għal għandna nġibulek għax fl-aħħar mill-aħħar, għalkemm veru l-oneru tal-prova mhux fuqna, pero fl-interess tagħna illi din noħorġu minnha dil-balbuljata, iġġifieri

RC: ehe

EG: dak kollu li għandna available ħa nġibuh

RC: pero prima facie diġa pprovdejna…iġġifieri, xi ħaġa li giddibnieh, li qal li jien xtrajt propjeta', fhimt x'ed nipprova ngħidlek? Iġġifieri jien nista' nfittex dan iċ-chequebook imma…

GH: le le ħa ngħidlek, ħa nkunu, ħa nkunu fair issa ma' Camilleri. Camilleri jgħid illi meta hu qal lil Chalie Farrugia biex jirritorna l-flus…

RC: mmm

GH: Chalie Farrugia  qal "jiena sehmi diġa' bagħattu 'l ħija l-Amerika.."

RC: mmm

GH: "u Rosianne xtrat propjeta'". Minn hemm ħarġet din tal-propjeta' għaliex Farrugia qallu li inti xtrajt propjeta'

RC: eqq u….

GH: issa iva, issa użajtx dawk il-flus jew le hija kwistjoni oħra. Pero bħala fatt, irriżultalu lilu li kien veru. Tajjeb? Per eżempju, Chalie Farrugia, Chalie Farrugia qallu lil Camilleri "jien minn hawn ħa nibqa' sejjer, inpoġġi sehmi" – dan il-flus li ta, tal-40..l-ewwel, l-ewwel, l-ewwel lot, qalulu l-ewwel lot, "ġo safe deposit box il-Bank of Valletta". Jien saqsejt 'l Chalie Farrugia "inti kellek safe deposit box?" "Iva m'għadhiex għandi". Voldieri, hemm ċerti affarijiet, li tgħidli imma dak..Camilleri…jista' joqgħod jivvintahom?

RC: Le le

GH: mela qed jivvinta li kellu safe deposit box? Iva/le. Qed jivvinta li inti xtrajt propjeta’ Fhimt x’qed ngħidlek? Jiġġifieri mhux hu qed jara x’isib ma xiex jiggranfa. Hu qed jaqbad affarijiet li ntqalulu

EG: minn Chalie Farrugia

GH: minn Chalie Farrugia, u jagħmel, jgħaqqadhom, issa, u imbagħad wieħed jemmen li għandu jemmen pero bħala fatt..

EG: aha aha, jiena

GH: bħala fatt, ma rridx li lil Camilleri neċessarjament, jien ngħid li dan qed jivvinta l-affarijiet biex joskurak għax hu qed jgħid affarijiet li qallu Farrugia

EG: jiena, fil-fatt qabel ma ġejna, għamiltha ċara lill-Onorevoli Farru…lill-Onorevoli Cutajar, jien frankament dak li qal Chalie lil Camilleri, ma ma..miniex set nidħol…minix se nintrabat miegħu. Jien li fhimt żgur huwa li dana Chalie Tikka kien hemm retiċenza li l-flus itihomlu lura

RC: ovvjament

EG: issa, u għad hemm retiċenza li jtihom. Issa issa x’qallu biex jiġġustifika dik ir-retiċenza, miniex ser nidħol…mhux ser nidħol fiha jien

RC: ma..ma kellix kontroll fuqha

GH: mela

EG: mela aħna how are we going to go about? Nagħmlu kuntatt miegħek niktbulek? Meta jkollna dawn l-affarijiet ?

GH: jiena tistgħu, meta tkunu lesti ċċempluli,

EG: ehe nikkomunikaw miegħek

GH: aha, telefonata jew email

EG: u jekk in the meantime hemm xi requisites oħra, li tridu tagħmlulna just ikkuntajtulna u we’ll come over

GH: tajjeb voldieri

EG: jew kif tgħidulna

GH: tajjeb, voldieri to, to recap. U ssibu dawk l-istatements hux hekk?

EG: mela statements, il- id-diskors li għamlet barra

GH: tal-Council of Europe

RC: dak qiegħed hawn tista’ tibgħatulu

EG: il-, ic-chats ha naraw kif ħa nġibuhom,

GH: chats

RC: bgħatthom

EG: ħa nagħmlu sforz inġibu dawn ic-cheques

MV: l-istubs

EG: u l-iċekk stubs. Dawk niftakar jien

GH: ok? Jekk niftakru f'xi ħaġ'oħra jiena ħa niktbilkom.

MV: thank you

GH: grazzi

**TMIEM**

*****

# Record of meeting with the Hon. Rosianne Cutajar

| | |
|---|---|
| Meeting Date: | Friday 23 April 2021 |
| Requested By: | Dr Edward Gatt |
| Present: | Dr George Marius Hyzler, Commissioner for Standards in Public Life |
| | The Hon. Rosianne Cutajar<br>Dr Edward Gatt<br>Dr Mark Vassallo |
| Purpose: | For the presentation of copies of phone chats |

I received a message from Dr Edward Gatt on the 23 April 2021, informing me that the Hon. Cutajar had in her possession copies of chats between herself and Yorgen Fenech which had been given to her by the police, and that she could produce them. He informed me that the Hon. Cutajar happened to be in Valletta that day and that she had asked whether it would be possible to meet with myself that same day.

I agreed to meet at 10.00am at my office. The Hon. Cutajar was accompanied by Dr Edward Gatt and Dr Mark Vassallo. She handed to me a printed set of phone chat messages which were accompanied by an affidavit signed by herself, as well as another printed set of screenshots of Whatsapp messages between herself and Yorgen Fenech.

George Hyzler
Commissioner for Standards in Public Life

23 April 2021

**B/RC/4**

Illum 23 t'April, 2021

Nota ġuramentata tal **Onor. Rosianne Cutajar**, membru parlamentari, bint George Cutajar u Veronica nee' Pace, imwielda Pieta' nhar il 4 ta' Settembru, 1988, residenti Qormi, detentriċi tal karta tal identita' numru: [redacted] bil ġurament tagħha tiddikjara:

1. Illi mehmuż ma' din l umli nota qegħdha nesebixxi kopja ta' *chats* li jiena kelli mas Sur Yurgen Fenech f'Awwissu, 2019, liema *chats* jindikaw b'mod ċar illi jiena qatt ma ħadt flus dwar senserija ta' propjeta' fl Imdina, kif ġie allegat abbużivament fil konfront tiegħi u minn qari akkurat tal imsemmija *chats* jidher ċar illi jiena kull ma ħadt kien rigal fis somma ta' Euro9,000 li s Sur Yurgen Fenech kien għoġbu jagħtini bħala rigal ta' egħluq żmieni, ftit jiem qabel kelli l *birthday* (DOK A);

2. Illi niċċara illi jiena dak iż żminijiet kelli relazzjoni ta' ħbieberija mas Sur Fenech li kienet tmur lura għal numru ta' snin;

3. Ic *chats* li qegħdha nesebixxi kopja tagħhom huma kopja fidila u ingħataw lili mill-Pulizija Eżekuttiva bħala dritt ta' disclosure.

Iffirmat:

Rosianne Cutajar

Illum 23 t' April 2021
Deheret Cutajar Rosianne
I.D. No. [redacted]
ħalef il-korretezza ta' dan l-att
waqt li qrajtulu

DANIEL AQUILINA B.A.,L.P.
Commissioner for Oaths

# Sommarju ta' laqgħa mal-Onor. Rosianne Cutajar

| | |
|---|---|
| Data tal-laqgħa: | 21 ta' Ġunju 2021 |
| Preżenti: | Dr George Hyzler, Kummissarju għall-Istandards<br>Is-Sur Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju<br><br>L-Onorevoli Rosianne Cutajar<br>Dr Edward Gatt, rappreżentant legali tal-Onor. Cutajar<br>Dr Mark Vassallo, rappreżentant legali tal-Onor. Cutajar |
| Post: | L-uffiċċju tal-Kummissarju |
| Għan: | Sabiex l-Onor. Cutajar tintwera evidenza li kienet għadha ma ratx in konnessjoni mal-każ K/032. |

**Eżami ta' dokumenti**

L-Onor. Cutajar, flimkien mal-avukati tagħha Dr Edward Gatt u Dr Mark Vassallo, ingħataw il-faċilità li jeżaminaw dawn id-dokumenti:

- traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-Onor. Nutar Ian Castaldi Paris waqt l-ewwel dehra tiegħu quddiem il-Kummissarju għall-Istandards fl-1 ta' Marzu 2021;
- traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mnn Joseph Camilleri quddiem il-Kummissarju fit-2 ta' Marzu 2021;
- traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-Onor. Nutar Ian Castaldi Paris waqt it-tieni dehra tiegħu quddiem il-Kummissarju għall-Istandards fit-2 ta' Marzu 2021;
- traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minn Carmelo Farrugia quddiem il-Kummissarju fil-11 ta' Marzu 2021;
- traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minn Ivan Martin quddiem il-Kummissarju fit-13 ta' April 2021;
- sommarju tal-affidavit magħmul mis-Sur Joseph Camilleri, kif muri lill-Kummissarju mill-ġurnalista Ivan Martin fit-13 ta' April 2021;
- sommarju ta' laqgħa bejn il-Kummissarju, l-Onor. Cutajar u r-rappreżentanti legali tagħha li saret fit-23 ta' April 2021, meta l-Onor. Cutajar tat lill-Kummissarju kopji ta' phone chats bejnha u bejn Yorgen Fenech.

L-Onor. Cutajar u r-rappreżentanti legali tagħha kienu ngħataw aċċess għall-bqija tal-evidenza fil-pussess tal-Kummissarju fit-3 ta' Marzu 2021.

**Ftehim dwar laqgħa oħra**

Ġie miftiehem li ssir laqgħa oħra fit-23 ta' Ġunju 2021 bil-għan li:

- l-Onor. Cutajar u r-rappreżentanti legali tagħha jressqu żewġ xhieda in konnessjoni ma' avvenimenti li rrefera għalihom Joseph Camilleri fl-affidavit tiegħu;
- l-Onor. Cutajar turi lill-Kummissarju l-mobile l-antik tagħha li kellu fuqu ċ-chats tal-24 ta' Awwissu 2020, biex hu jkun jista' jivverifika li ma tħalla xejn relevanti barra mill-iscreenshots tal-istess chats li hija kienet ipprovdietlu fit-23 ta' April 2021.

Charles Polidano
Direttur Ġenerali
Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

25 ta' Ġunju 2021

**B/RC/6**

# Stqarrija tas-Sur George Cutajar

| | |
|---|---|
| Data: | L-Erbgħa 23 ta' Ġunju 2021 |
| Preżenti: | Dr George Hyzler, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika<br>Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju<br>Dr Sarah Pace Warrington, Investigatur u Analista fl-uffiċċju tal-Kummissarju<br><br>Is-Sur George Cutajar<br>Dr Edward Gatt, avukat tal-Onor. Rosianne Cutajar<br>Dr Mark Vassallo, avukat tal-Onor. Rosianne Cutajar |
| Post: | L-uffiċċju tal-Kummissarju |
| Għan: | Sabiex jixhed bil-ġurament in konnessjoni mal-każ K/032 bħala xhud imressaq mill-Onor. Cutajar. |

Is-Sur Cutajar ħalef bil-ġurament li jgħid is-sewwa.

Is-Sur Cutajar ikkonferma illi hu missier l-Onorevoli Rosianne Cutajar. Stqarr illi ma jafx lis-Sur Joseph Camilleri, u qatt ma ltaqa' mas-Sur Camilleri.

Is-Sur Cutajar ġie mistoqsi mill-Avukat Gatt jekk kenitx veru l-allegazzjoni tas-Sur Camilleri illi hu, flimkien ma' bintu, kien għadd il-flus li s-Sur Joseph Camilleri ta lilha. Is-Sur Cutajar ċaħad din l-allegazzjoni.

Dr Sarah Pace Warrington
Investigatur u Analista fl-uffiċċju tal-Kummissarju

23 Ġunju 2021

# Stqarrija tas-Sur Clive Azzopardi

| | |
|---|---|
| Data: | L-Erbgħa 23 ta' Ġunju 2021 |
| Preżenti: | Dr George Hyzler, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika<br>Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju<br>Dr Sarah Pace Warrington, Investigatur u Analista fl-uffiċċju tal-Kummissarju<br><br>Is-Sur Clive Azzopardi<br>Dr Edward Gatt, avukat tal-Onor. Rosianne Cutajar<br>Dr Mark Vassallo, avukat tal-Onor. Rosianne Cutajar |
| Post: | L-uffiċċju tal-Kummissarju |
| Għan: | Sabiex jixhed bil-ġurament in konnessjoni mal-każ K/032 bħala xhud imressaq mill-Onor. Cutajar. |

Is-Sur Azzopardi ħalef bil-ġurament li jgħid is-sewwa.

Is-Sur Azzopardi kkonferma illi kien ilu jaħdem bħala xufier tal-Onorevoli Rosianne Cutajar għal sentejn. L-avukat Gatt irrefera għall-Fol 4 tat-transcript tax-xhieda tas-Sur Joseph Camilleri datata t-2 ta' Marzu 2021, u kkwota s-segwenti:

> *"le le le dak żgur, iġġifieri jiena tajt €46,500 lil Charles Farrugia għand Cordina u qalli li sejjer bihom il-BOV ħa jiddepożithom ġo safe deposit box Republic Street BOV, żgur dik minnha u imbagħad id-...darb'oħra ma nafx jekk hux l-istess ġurnata jew jew daqxejn wara, kien, konna ltqajna Old Bakery Street, jiena, Rosianne u Charles Farrugia, nistennew id-driver tagħha, dħalna fil-karozza, morna Marsamxett u tajtha l-flus hemmhekk."*

L-Avukat Gatt staqsa lis-Sur Azzopardi jekk kienx jiftakar l-episodju fejn l-Onorevoli Cutajar marret l-Imdina, kif ukoll jekk is-Sur Azzopardi jafx lis-Sur Joseph Camilleri jew qatt rikkeb lis-Sur Camilleri fil-karozza mal-Onorevoli Cutajar.

Is-Sur Azzopardi kkonferma illi ħadd ħlief l-Onorevoli Cutajar, is-Sur Farrugia jew membri oħra tal-istaff tal-Onorevoli Cutajar ma kien jirkeb miegħu fil-karozza.

L-Avukat Gatt wera ritratt tas-Sur Camilleri lis-Sur Azzopardi. Is-Sur Azzopardi stqarr illi ma jagħrafx lis-Sur Camilleri. Stqarr ukoll illi meta wassal lill-Onorevoli Cutajar l-Imdina għall-"viewing" tal-propjetà, ma kienx ra lis-Sur Camilleri qabel jew wara dik il-laqgħa.

Filwaqt li s-Sur Azzopardi jiftakar illi ġieli kien iwassal lill-Onorevoli Cutajar u s-Sur Farrugia sa Marsamxett, qal illi qatt ma wassal lis-Sur Camilleri 'l hemmhekk.

Dr Sarah Pace Warrington
Investigatur u Analista fl-uffiċċju tal-Kummissarju

23 Ġunju 2021

# Sommarju ta' laqgħa

Data tal-laqgħa: 23 ta' Ġunju 2021

Preżenti: Dr George Hyzler, Kummissarju għall-Istandards
Is-Sur Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju
Dr Sarah Pace Warrington, Investigatur u Analista fl-uffiċċju tal-Kummissarju

L-Onorevoli Rosianne Cutajar
Dr Edward Gatt
Dr Mark Vassallo

Post: L-uffiċċju tal-Kummissarju

**Screenshots ta' messaġġi skambjati bejn l-Onorevoli Cutajar u Yorgen Fenech**

Wara li ġew eżaminati l-iscreenshots li Onorevoli Cutajar kienet tat lill-Kummissarju għall-Istandards fit-23 ta' April 2021, ġie deċiż li ħa jerġgħu jintbagħtu set screenshots ta' messaġġi fuq Whatsapp bejn l-Onorevoli Cutajar u Yorgen Fenech, datati 24 ta' Awissu 2020, fit-totalità tagħhom, u dan peress li meta l-ewwel sett ġie ppreżentat lill-Kummissarju fit-23 ta' April 2021, l-Onorevoli Cutajar kienet għaddiet biss dawk iċ-chats li dehrilha hi li kienu rilevanti għan-negozju tal-propjetà fl-Imdina. Sett komplet tal-messaġġi tal-24 Awissu 2020 ġie mgħoddi lill-Kummissarju, liema chats jinkludu l-messaġġi kollha tad-data in kwistjoni, għall-analiżi tal-Kummissarju.

**Sottomissjonijiet tal-Avukat Edward Gatt**

Wara li ġew ppreżentati l-iscreenshots, l-avukat Gatt għamel sottomissjonijet fejn qajjem is-segwenti punti:

Il-livell ta' provi f'kawżi quddiem il-Kummissarju għall-Istandards huwa l-livell tal-prima facie, u cioe, livell baxx. Madankollu, il-Kummissarju xorta għandu jeżamina jekk il-kontenut ta' verżjoni, ċioe, id-dikjarazzjoni promotur tal-Ilment, huwiex veru jew le.

Fl-opinjoni tal-Avukat Gatt, is-Sur Joseph Camilleri "stad" lil Carmelo Farrugia biex jislet inċidenti li ġraw u jirrendi l-verżjoni tiegħu kredibbli fir-rigward tal-allegazzjoni li l-Onor. Cutajar ħadet flus bħala senserija mingħandu.

Deherlu ukoll li t-test ta' kredibbiltà ta' Joseph Camilleri ma jistax isir bi tqabbil mal-verżjoni tal-avvenimenti pprovduta minn Carmelo Farrugia, peress li s-Sur Farrugia mhuwiex il-

persuna taħt investigazzjoni. F'dan ir-rigward, ikun inġust u żbaljat li Joseph Camilleri jidher kredibbli minħabba x-xhieda u diskors ta' Carmelo Farrugia.

L-avukat Gatt ssottometta wkoll li filwaqt li s-Sur Farrugia żgur ried jaqdi lill-Onor. Cutajar f'dawn il-proċeduri, "fil-verità, kieku kellek issaqsini, jien ngħidlek mhux talli ma qdihiex, talli jekk kien hemm xi ħadd li ħolqilha l-inkwiet, kien hu."

Irrefera ukoll għall-messaġġi bejn l-Onor. Cutajar u l-kumpratur Yorgen Fenech. Dr Gatt sostna li fil-kuntest ta' dawk il-messaġġi, Yorgen Fenech ma kellux inibizzjonijiet biex jaħbi jekk taha l-flus, tant hu hekk li dawk il-flus li taha fl-ammont ta' €9,000 kienu msemmijin fil-messaġġi. Skont l-Avukat Gatt, il-messaġġi kollha kemm huma juru li l-Onor. Cutajar ma ħaditx flus mingħand Joseph Camilleri, u meta nkitbu dawk il-messaġġi, ħadd ma kien jaf li kienu ser jispiċċaw quddiem il-Kummissarju. Sostna wkoll l-iscreenshot ta' messaġġ li ntbagħat minn Carmelo Farrugia lil Yorgen Fenech, u li Yorgen Fenech sussegwentement bagħat lill-Onor. Cutajar, jindika li Camilleri gideb meta allega li ta l-flus lill-Onor. Cutajar, kif ukoll li Carmelo Farrugia ried li jew hu jew Yorgen Fenech jagħti xi ħaġa ta' flus lill-Onor. Cutajar.

Dr Gatt qal li Joseph Camilleri involva nies importanti f'eżerċizzju qarrieqi biex jieħu dak li ma kienx tiegħu, u li Camilleri żeffen ukoll politikant ieħor fil-proċeduri. Dr Gatt issottometta illi dan kien każ ta' entrapment, fejn in-Nutar Ian Castaldi Paris għamel affidavit, li imbagħad quddiem il-Kummissarju ma riedx jgħid fejn spiċċa.

Fir-rigward tal-allegazzjoni li għaddew €300,000 flus kontanti, Dr Gatt qajjem domandi dwar kemm legalment seta' jsir il-kuntratt finali bejn Green Eyes Ltd. u kumpratur ġdid. Semma' li malli l-avukat Dr Pierre Lofaro sar jaf bl-affidavit li għamel Joseph Camilleri u mar jarah, Joseph Camilleri qatta' l-affidavit. Dan jindika li l-affidavit kien falz, jiġifieri Joseph Camilleri ikkommetta reat kriminali billi għamel ġurament falz.

Dr Gatt issottometta li l-affidavit spiċċa għand ġurnalist "li huwa magħruf illi jippresta ruħu għal ċerti sitwazzjonijiet," dan wara Joseph Camilleri u l-Onor. Castaldi Paris ċaħdu li kellhom l-affidavit huma.

Dr Gatt qal ukoll li ssottometta kopja tal-protest ġudizzjarju li għamel Camilleri biex juri li hemm kontestazzjoni tal-flus. Dr Gatt issottometta li, anke jekk titwemmen l-allegazzjoni ta' Camilleri li l-flus ħadithom l-Onor. Cutajar, il-flus jistgħu biss isiru tagħha meta Camilleri jagħmel dikjarazzjoni li jgħid li saru tagħha, jew meta ikun hemm deċiżjoni minn xi tribunal jew istituzzjoni li tgħid li dawk il-flus huma tal-Onor. Cutajar u mhux ta' Camilleri. Fil-kuntest, allura, ta' kontestazzjoni, Dr Gatt qajjem id-domanda dwar jekk jeżistix jew le l-obbligu li tiddikjara l-flus f'dan l-istadju.

Charles Polidano
30 ta' Ġunju 2021

4. Dokumenti  - Times of Malta

Commissioner for Standards
in Public Life

11 March 2021

Mr Herman Grech
Editor-in-Chief
Times of Malta

By email to:
herman.grech@timesofmalta.com

Mr Grech

**Summons to produce documents pursuant to article 19 of the Standards in Public Life Act**

By virtue of article 19 of the Standards in Public Life Act (chapter 570 of the laws of Malta), you are hereby summoned to appear before me at this office as follows:

**Date:** Wednesday 17 March 2021

**Time:** 11.00 am

**Purpose of this summons:** To produce a copy of the sworn statement purportedly signed and sworn by Joseph Camilleri that was referred to in a report published by the Times of Malta on 1 March 2021.

Kindly note that you are not being requested to divulge the source of the information in your possession.

You are requested to confirm that you have received this letter and you shall be attending. You may wish to do so by email using the address that appears below.

**Dr George Marius Hyzler**
Commissioner for Standards in Public Life

Office of the Commissioner for Standards in Public Life, 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.com www.standardscommissioner.com

B/TOM/2

**Commissioner for Standards in Public Life**

6 April 2021

Mr Ivan Martin
Journalist
Times of Malta

By email to ivan.martin@timesofmalta.com

Mr Martin

**Requirement to provide documentation in terms of article 19 of the Standards in Public Life Act**

A Times of Malta news report of 1 March 2021 which appears under your by-line quotes from an affidavit allegedly made by Mr Joseph Camilleri concerning the payment of brokerage fees in connection with the sale of a property. The news report is available at https://timesofmalta.com/articles/view/rosianne-cutajar-meticulously-counted-property-deal-cash-with-her.854884.

You are hereby required to provide me with a copy of the affidavit to which this news report refers.

This letter is being sent by virtue of the powers vested in me by article 19(1) of the Standards in Public Life Act (chapter 570 of the laws of Malta). You are not the subject of my investigation and you are being requested to provide this document in the capacity of a witness.

Please provide the required document by no later than **Friday 9 April 2021**.

Yours sincerely,

Dr George Marius Hyzler
Commissioner for Standards in Public Life

cc: Mr Herman Grech, Editor-in-Chief, Times of Malta

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

**From:** Ivan Martin <ivan.martin@timesofmalta.com>
**Sent:** Sunday, 11 April 2021 16:24
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Re: Requirement to provide documentation in terms of article 19 of the Standards in Public Life Act

Tuesday at 10:30am is fine.

Ivan

---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com>
**Sent:** Saturday, April 10, 2021 2:00 AM
**To:** Ivan Martin <ivan.martin@timesofmalta.com>
**Subject:** RE: Requirement to provide documentation in terms of article 19 of the Standards in Public Life Act

Mr Martin

Dr Hyzler is available on Tuesday 13 April. He is suggesting 10.30 am but is available throughout the day if that time is not convenient.

Charles Polidano
Director General

**Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
+356 27 269 593 www.standardscommissioner.com

---

**From:** Ivan Martin <ivan.martin@timesofmalta.com>
**Sent:** Friday, 9 April 2021 18:25
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com>
**Subject:** Re: Requirement to provide documentation in terms of article 19 of the Standards in Public Life Act

Mr Polidano,

On further consultation with Herman Grech, we wish to request a meeting with Mr Hyzler to discuss this matter further.

Let me know when this would be possible.

Thanks,

Ivan

---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com>
**Sent:** Tuesday, April 6, 2021 12:14 AM
**To:** Ivan Martin <ivan.martin@timesofmalta.com>
**Cc:** Herman Grech <herman.grech@timesofmalta.com>
**Subject:** RE: Requirement to provide documentation in terms of article 19 of the Standards in Public Life Act

Mr Martin

Thank you for your quick reply. I should however point out that in his letter the Commissioner did not ask about the source of the affidavit from which you allegedly quoted in your news report of 1 March 2021. He only requested the document itself.

Regards,

Charles Polidano
Director General

**Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
+356 27 269 593 www.standardscommissioner.com

---

**From:** Ivan Martin <ivan.martin@timesofmalta.com>
**Sent:** Tuesday, 6 April 2021 12:52
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com>
**Subject:** Re: Requirement to provide documentation in terms of article 19 of the Standards in Public Life Act

Mr Polidano,

Thank you for writing to me.

I have been instructed by the registered editor of Times of Malta that the documents you wish me to hand over are covered by source protection and therefore cannot be released.

Please do write to me with any further questions you may have.

Regards,

Ivan Martin

---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com>
**Sent:** Monday, April 5, 2021 11:34 PM
**To:** Ivan Martin <ivan.martin@timesofmalta.com>
**Cc:** Herman Grech <herman.grech@timesofmalta.com>
**Subject:** Requirement to provide documentation in terms of article 19 of the Standards in Public Life Act

Mr Ivan Martin
Journalist
Times of Malta

Dear Mr Martin,

Please find attached a letter from the Commissioner for Standards in Public Life.

Yours sincerely,

Charles Polidano
Director General

**Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
+356 27 269 593 www.standardscommissioner.com

Please consider your environmental responsibility before printing this e-mail.

E-mail Disclaimer:

The information contained in this message and in any attachment is confidential and may be legally privileged. It is intended for the recipient or recipients to whom it is addressed. If you are not an intended recipient, and receive this message in error, please delete it and any attachment and all copies of it and of any such attachment from your system immediately, destroy any paper copies and notify the sender. If you are not an intended recipient, you are not authorised to use, distribute, print or copy any parts of this message or of any attachment, whether directly or indirectly. Allied Newspapers Ltd. or Progress Press Ltd. cannot guarantee that email communications are secure or error free, as information could be intercepted, corrupted, amended, lost, destroyed, arrive late or incomplete, or contain viruses and as such does not accept any responsibility in any eventuality.

Please consider your environmental responsibility before printing this e-mail.

E-mail Disclaimer:

The information contained in this message and in any attachment is confidential and may be legally privileged. It is intended for the recipient or recipients to whom it is addressed. If you are not an intended recipient, and receive this message in error, please delete it and any attachment and all copies of it and of any such attachment from your system immediately, destroy any paper copies and notify the sender. If you are not an intended recipient, you are not authorised to use, distribute, print or copy any parts of this message or of any attachment, whether directly or indirectly. Allied Newspapers Ltd. or Progress Press Ltd. cannot guarantee that email communications are secure or error free, as information could be intercepted, corrupted, amended, lost, destroyed, arrive late or incomplete, or contain viruses and as such does not accept any responsibility in any eventuality.

Please consider your environmental responsibility before printing this e-mail.

E-mail Disclaimer:

The information contained in this message and in any attachment is confidential and may be legally privileged. It is intended for the recipient or recipients to whom it is addressed. If you are not an intended recipient, and receive this message in error, please delete it and any attachment and all copies of it and of any such attachment from your system immediately, destroy any paper copies and notify the sender. If you are not an intended recipient, you are not authorised to use, distribute, print or copy any parts of this message or of any attachment, whether directly or indirectly. Allied Newspapers Ltd. or Progress Press Ltd. cannot guarantee that email communications are secure or error free, as information could be intercepted, corrupted, amended, lost, destroyed, arrive late or incomplete, or contain viruses and as such does not accept any responsibility in any eventuality.

Transcript – Ivan Martin

13 April 2021

Preżenti:

Il-Kummissarju għall-Istandards – Dr George Hyzler

Direttur Ġenerali – Is-Sur Charles Polidano

Xhud – Is-Sur Ivan Martin

GH: voldieri…mela sur Martin grazzi talli ġejt. Din il-konversazzjoni qed tiġi rikordjata bħala parti mill-proċess pero naturalment, mhux neċessarjament tiġi miktuba kelma b'kelma. Ir-raġuni għalfejn aħna tlabnik tiġi llum huwa billi l-Times of Malta ħarġet artikolu, iktar minn wiehed, fejn inti dehert bħala ġurnalista flimkien ma' Jacob Borg, fejn għamiltu riferenza għal dokument parikolari illi allegatament qiegħed fil-pussess tagħkom, iġġifieri xi tip ta' affidavit li għamel Joe Camilleri quddiem in-Nutar Ian Castaldi Paris. Issa aħna dan id-dokument xtaqna illi ikun fil-pussess tagħna għax jista' jifta' dawl fuq l-investigazzjoni li qed nagħmlu dwar l-allegat pagament ta' senserija lill-Onorevoli Rosianne Cutajar, in konnessjoni ma' bejgħ ta' dar l-Imdina. Voldieri, aħna assolutament ma jinteressaniex, għaliex ovvjament nirrispettaw il-proċedura tal-…tal-ġurnalisti u r-regoli tagħkom li ma tikxfux is-sors, voldieri aħna assolutament ma jinteressaniex, mhux li nitolbuk minn fejn ġiet, jekk qiegħed għandek. Tajjeb? Voldieri jekk inti tista' ttina dan id-dokument, aħna għandna x'nambuh

IM: look I understand your situation, we discussed this at length…

GH: skużani jiena tkellimt bil-Malti pero għandi nifhem li titkellem bil-Malti hux hekk? m'għandix diffikulta' tkellem biex trid.

IM: it's fine it's fine, erm, so yes we discussed this myself, Herman and your office over emails right? Our issue is that when the document in question erm, was… when it changed hands, it changed hands under the understanding that it would not be released from the Times of Malta and that is an agreement that we take very seriously, erm, however, at the same time, we do not want to erm, be uncooperative with your office. So I discussed the matter, we discussed the matter at length, Herman Grech and myself and the solution that we thought could work was if we showed it to you but we do not release it from our possession. I don't know if that is something that works for you, I've brought it here in a soft copy on my laptop for you to see, but I… want to respect the agreement that we have with the source which is that we do not release the document from our possession. That's, that's, that's what I'm, I'm, I'm able to offer you really so.

GH: erm. ok. Jiena kif għidtlek m'għandi ebda, ebda xewqa illi b'xi mod inpoġġikom f'sitwazzjoni ta' kunflitt mar-responsabbiltajiet tagħkom…naħseb, naħseb illi din hija soluzzjoni illi hija, ħa ngħid hekk, aħjar minn xejn, għaliex jiena frankament, li xtaqt nagħmel huwa li nikkonfronta lis-sur Camilleri u, jew, lil…

IM: lil terzi

GH: in-nutar Castaldi Paris dwar l-awtentiċita' tad-dokument, voldieri jiena meta ħa nkun narah b'dan il-mod, ma tantx ser nasal għall-iskop tiegħi. Allura l-iskop li nista' narah issa huwa biss li nara jekk hemmx xi ħaġa fih li tista' tgħini, pero mhux ser inkun qiegħed daqshekk

kkomfort bl-awtentiċita’ tad-dokument voldieri jiena ma nafx jekk dan id-dokument hux vera jew le.

IM: mhmm

GH: għandi nifhem illi dan huwa, photocopy, jiġġifieri inti rajt l-oriġinal,

IM: mhmm

GH: hux hekk?

IM: well, I, I, can’t be certain that I…. that that it was an original because I only saw a digital, soft copy of this, this document, I’ve never handled… a hard copy of the document

GH: iġġifieri li li li qed tgħid huwa li il-…il-…id-dokument in..in..in bħala hard copy, paper format, m’għandekx, qatt ma kellek

IM: no

GH: mmm pero huwa, huwa a photocopy fis -sens li tidher per eżempju il-firma ta’ wieħed jew l-ieħor

IM: yes yes yes there are signatures on it and, and stamps

GH: x’taħseb?

IM: I mean it’s here for you to see irregardless, irrespective, I mean, here I’ll pass it on to you…

GH: mhm ok.

CP: is it a long document?

IM: come again?

GH: one pager

CP: is it a long document?

IM: well, no it’s a five pager I’m afraid

GH: five pager??

IM: yeah. So. If you press, sorry about that, if you press up and down it will take you through it. There’s also this, which is the legal letter that was sent erm, by Pierre Lofaro.

GH: dak kollox sew, wait wait, who was it sent to sorry?

IM: it was sent to Rosianne Cutajar

GH: mela nistgħu…sew, nista’ nwaqqaf għalissa. Mela f’dan l-istadju jien ħa noqgħod nara d-dokument u ħa nwaqqaf ir-recording.

[pawża]

GH: erm ok mela grazzi mela issa jiena qrajt l-affidavit. Mr Martin nirringrazzjak. Jekk ikkollna bżonn xi ħaġ’ oħra nerġgħu nkellmuk.

IM: yes

GH: grazzi

**TMIEM**

# Sommarju tal-affidavit magħmul minn Joseph Camilleri, kif muri lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika mill-ġurnalista Ivan Martin

| | |
|---|---|
| Data: | It-Tlieta 13 ta' April 2021 |
| Preżenti: | Dr George Hyzler, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika<br>Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju<br><br>Is-Sur Ivan Martin, Ġurnalista mat-*Times of Malta* |
| Post: | L-uffiċċju tal-Kummissarju |
| Għan: | Laqgħa mitluba mis-Sur Martin b'risposta għall-ittra tal-Kummissarju datata 6 ta' April 2021, fejn il-Kummissarju talab kopja ta' affidavit li dwaru t-*Times of Malta* ippubblikat rapport fil-1 ta' Marzu 2021. |

Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika informa lis-Sur Ivan Martin li xtaq kopja tal-affidavit magħmul minn Joseph Camilleri quddiem in-Nutar Ian Castaldi Paris. It-*Times of Malta* kienet irrapportat dwar dan l-affidavit permezz ta' artikoli li deheru taħt isem Ivan Martin u Jacob Borg, ġurnalisti tal-istess *Times*. Il-Kummissarju qal li l-affidavit seta' jitfa' dawl fuq l-allegat pagament ta' senserija lill-Onor. Rosianne Cutajar in konnessjoni mal-bejgħ ta' propjetà fl-Imdina. Dan il-każ kien qed jiġi investigat minnu.

Il-Kummissarju qal li jifhem li hija regola tal-ġurnalisti li huma ma jikxfux is-sors tal-informazzjoni tagħhom, u hu ma kienx qed jitlob lis-Sur Martin jgħid minn fejn ġab l-affidavit.

Is-Sur Martin informa lill-Kummissarju li t-*Times* kienet akkwistat l-affidavit bil-ftehim li ma titilqux minn taħt idejha, u t-*Times* tieħu dan il-ftehim ħafna bis-serjetà. Madankollu huwa ddiskuta l-każ mal-editur tiegħu, is-Sur Herman Grech, għaliex ma xtaqux li ma jikkooperawx mal-uffiċċju tal-Kummissarju. Għaldaqstant xtaqu jipproponu li s-Sur Martin juri l-affidavit lill-Kummissarju bħala kopja elettronika fuq il-laptop li s-Sur Martin kellu miegħu.

Il-Kummissarju aċċetta dan l-arranġament. Huwa staqsa lis-Sur Martin jekk hu kienx ra l-oriġinal tal-affidavit. Is-Sur Martin qal li hu kien ra biss kopja diġitali tal-affidavit, jiġifieri hu qatt ma ra l-oriġinal. Il-Kummissarju staqsa kemm hu twil l-affidavit, u s-Sur Martin wieġeb li fih ħames paġni.

Il-Kummissarju ra l-affidavit fuq il-laptop tas-Sur Martin. Huwa u jarah, għamel sommarju verbali tal-kontenut tal-affidavit sabiex Charles Polidano (li kien bilqegħda viċin iżda ma kienx qed jara l-affidavit) jieħu noti bil-miktub milli sema' l-Kummissarju jgħid.

Il-punti ewlenin li joħorġu mill-affidavit huma dawn:

- L-affidavit sar fl-1 ta' Diċembru 2020. Fiħ stqarrija mingħand Camilleri li qed "jiddikjara bil-ġurament u jikkonferma" iżda ma fihx dikjarazzjoni tan-nutar li dan qed jiġi maħluf quddiemu, kif solitament isir.

- L-affidavit fih timbru li mhuwiex ċar minħabba l-kwalità fqira tal-kopja. Jidhru l-kliem "Notary Public" u possibbilment "Commissioner for Oaths", iżda isem in-nutar ma jidhirx. Fih ukoll firma li tista' tkun tan-nutar, iżda ma tinqarax.
- Skont ix-xhieda ta' Joseph Camilleri fl-affidavit, Charles Farrugia talab wieħed punt ħamsa (1.5) fil-mija tal-valur tal-propjetà bħala senserija għalih, imbagħad talab wieħed punt ħamsa (1.5) fil-mija oħra għal persuna oħra peress li din il-persuna kienet sabet il-kompratur.
- Camilleri sar jaf li l-kompratur kien Yorgen Fenech dakinhar li ltaqgħu biex il-kompratur jara l-propjetà, jiġifieri fid-9 ta' Mejju 2019.
- Yorgen Fenech ġie siegħa tard. Waqt li kienu qegħdin jistennewh l-Onor. Rosianne Cutajar, li kienet preżenti, xtaqet tara l-propjetà, allura Camilleri uriha l-propjetà qabel ma ġie l-kompratur.
- Meta mbagħad ġie Fenech u kienu qed jaraw il-propjetà miegħu, l-Onor. Cutajar bdiet tinkoraġġih jixtriha. Hi biss tkellmet miegħu.
- Il-konvenju ġie ffirmat fl-14 ta' Mejju 2019. Dakinhar Camilleri staqsa għall-Onor. Cutajar iżda Charles Farrugia qallu li jkun aħjar jekk hi ma tidhirx minħabba l-kariga tagħha.
- Xi ġranet wara Camilleri ħallas €46,500 lil Charles Farrugia bħala sehemu tas-senserija. Fl-istess ġurnata ltaqgħu mal-Onor. Cutajar u marru bil-karozza tagħha sa restorant f'Marsamxett, u hemmhekk ħallasha s-sehem tagħha bi flus kontanti f'basket żgħir.
- Jumejn wara, l-Onor. Cutajar ċemplitlu biex tgħidlu li kienet għaddet il-flus ma' missierha u kkonfermat li l-ammont kien dak miftiehem.
- Fid-19 ta' Novembru 2019 ġie ppreparat dokument biex jestendi l-konvenju iżda aktar tard Camilleri rrealizza li Yorgen Fenech ma kienx iffirma d-dokument.
- Camilleri kellem sew lil Charles Farrugia u sew lill-Onor. Cutajar biex jitlobhom il-flus lura, iżda assigurawh li l-bejgħ tal-propjetà kien se jseħħ.
- Charles Farrugia qal li l-Onor. Cutajar qalet li kienet akkwistat €30,000 mingħand Yorgen Fenech, iżda ħaseb li Fenech kien taha somma addizzjonali.
- L-Avukat Pierre Lofaro donnu ma xtaqx li jieħu passi biex iġib il-flus lura, iżda Camilleri fl-aħħar ikkonvinċih jikteb ittra uffiċjali lil Farrugia u Cutajar.
- Sad-data tal-affidavit Camilleri kien għadu ma tħallasx, u kien iħoss li daħqu bih.

Charles Polidano
Direttur Ġenerali
Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

18 ta' Ġunju 2021

# 5. Dokumenti - Il-Kummissarju tal-Pulizija

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

17 ta' Marzu 2021

Lill-Kummissarju tal-Pulizija

Bl-email fuq angelo.gafa@gov.mt

Kummissarju,

**Każ K/032: talba għal chats bejn is-Sur Yorgen Fenech u l-Onor Rosianne Cutajar**

Kif ġie rapportat fil-midja, jiena qed ninvestiga allegazzjoni dwar flus li ma ġewx rapportati mill-Onorevoli Rosianne Cutajar fid-dikjarazzjoni dwar assi hi hija kienet obbligata tagħmel bħala Segretarju Parlamentari fis-sena 2020 għas-sena bażi 2019.

L-eżami u l-verifika tad-dikjarazzjonijiet dwar assi hija parti mir-responsabbiltajiet tiegħi ai termini tal-artikolu 13(1)(a) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), filwaqt li l-artikolu 13(1)(b) tal-istess Att jagħtini r-responsabbiltà ġenerali li ninvestiga allegazzjonijiet dwar ksur ta' dmirijiet etiċi jew statutorji min-naħa ta' persuni li jaqgħu taħt l-Att.

Dawn il-flus ġew allegatament imħallsa lill-Onorevoli Rosiarne Cutajar bħala senserija in konnessjoni ma' xiri/bejgħ ta' dar l-Imdina fis-sena 2019. Dan in-negozju kellu jsir bejn is-soċjetà Green Eyes Limited (C-41992) bħala venditur u Yorgen Fenech (K.I. 35482M) bħala l-kompratur.

Fil-kors tal-investigazzjoni irriżultali li jeżistu phone chats bejn Yorgen Fenech u l-Onorevoli Rosianne Cutajar u li kopji ta' dawn iċ-chats huma fil-pussess tal-pulizija.

Dawn il-phone chats jistgħu jikkostitwixxu prova materjali dwar l-allegat rwol tal-Onor Cutajar f'dan in-negozju u l-aċċettazzjoni o menù tas-senserija minnha.

Għaldaqstant nitolbok tirrilaxxjali kopja ta' dawn iċ-chats, b'mod partikolari dawk tas-27 ta' Awwissu 2019.

Inselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

B/KP/2

22 ta' Marzu 2021

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju ghall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl
Il-Belt Valletta
VLT 1210

Kummissarju,

**Dwar: Każ K/032: talba għal chats bejn is-Sur Yorgen Fenech u l-Onor Rosianne Cutajar**

Nirreferi għall-ittra tiegħek tas-17 ta' Marzu 2021 fejn jien intlabt sabiex ngħaddi kopja ta' phone chats bejn Yorgen Fenech u l-Onorevoli Rosianne Cutajar b'mod partikolari dawk tas-27 ta' Awwissu 2019.

Ninfurmak li l-phone chats li għalihom issir referenza fl-ittra tiegħek jinsabu esebiti fi proċeduri kriminali pendenti kontra Yorgen Fenech. Konsegwentement jiena prekluż milli ngħaddi tali evidenza.

Inselli għalik,

**Angelo Gafà**
**Kummissarju tal-Pulizija**

Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Pjazza San Kalċidonju, Floriana - Malta, FRN 1530
+356 2122 4001 | pulizija@gov.mt | pulizija.gov.mt

Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

22 ta' Marzu 2021

Lill-Kummissarju tal-Pulizija

Bl-email fuq commissioner.police@gov.mt

Kummissarju,

**Każ K/032: talba għal chats bejn is-Sur Yorgen Fenech u l-Onor Rosianne Cutajar**

Nirringrazzjak tal-ittra tiegħek tal-llum.

Napprezza li hemm digriet tal-Qorti li jipprojbixxi l-publikazzjoni ta' *phone-chats* b'rabta mal-proċeduri kontra Yorgen Fenech.

Nifhem ukoll li inti li għandek kopja ta' dawn iċ-chats tista' titlob lill-Qorti awtorizzazzjoni sabiex tgħaddili kopja stante li m'għandhomx rilevanza għall-proċeduri imsemmija, u dan għall-iskop tal-investigazzjoni tal-allegazzjoni dwar flus li ma ġewx rapportati mill-Onorevoli Rosianne Cutajar fid-dikjarazzjoni dwar assi, li qed nikkonduċi jien skont l-artikolu 13 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Napprezza jekk tikkonferma intix f'qagħda li tagħmel tali talba.

Inselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, il-Belt Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.com www.standardscommissioner.com

B/KP/4

23 ta' Marzu 2021

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl
Il-Belt Valletta
VLT 1210

Kummissarju,

**Dwar: Każ K/032: talba għal chats bejn is-Sur Yorgen Fenech u l-Onor Rosianne Cutajar**

Nirreferi għall-ittra tiegħek tat-22 ta' Marzu 2021 dwar is-suġġett hawn fuq ċitat.

Umilment nerġa' ninfurmak li l-phone chats li għalihom issir referenza fl-ittra tiegħek jinsabu esebiti fi proċeduri kriminali pendenti kontra Yorgen Fenech. Konsegwentement it-talba tiegħek għal kopja tal-phone chats għandha ssir lill-qorti skont dak li jipprovdi l-Artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali.

Inselli għalik,

**Angelo Gafà**
**Kummissarju tal-Pulizija**



Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Pjazza San Kalċidonju, Floriana - Malta, FRN 1530
+356 2122 4001 | pulizija@gov.mt | pulizija.gov.mt

6. Dokumenti - Il-Qorti tal-Maġistrati

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja

Fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet:

Il-Pulizija Eżekuttiva
(Supretendent Keith Arnaud u
Spettur Kurt Zahra)

vs

Yorgen Fenech

(Maġistrat Dr Rachel Montebello)

(Differita 6 ta' April 2021)

Rikors tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Jesponi bir-rispett:

Illi huwa qed jinvestiga rapport dwar allegazzjoni ta' ħlas ta' senserija lill-Onorevoli Rosianne Cutajar, liema ħlas, jekk sar, ma ġiex rappurtat mill-Onorevoli Cutajar fid-dikjarazzjoni tal-assi u interessi li kull Ministru u Segretarju Parlamentari huwa tenut li jissottometti skont l-artikolu 7.3 tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika (il-Kapitolu 570 tal-Liġijiet ta' Malta);

Illi l-eżami u l-verifika tad-dikjarazzjonijiet dwar assi u interessi ta' persuni li jaqgħu taħt l-Att huma parti mir-responsabbiltajiet tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 13(1)(a) tal-istess Kapitolu 570, filwaqt li l-artikolu 13(1)(b) tal-istess Att jagħtih ir-responsabbiltà ġenerali li jinvestiga allegazzjonijiet dwar ksur ta' dmirijiet etiċi jew statutorji;

Illi skont ma ġie rappurtat fil-medja jeżistu *phone chats* bejn Yorgen Fenech u l-Onorevoli Rosianne Cutajar, li jirreferu għan-negozju li allegatament ta lok għall-ħlas tas-senserija imsemmija;

Illi kopji ta' dawn iċ-*chats* huma preżentement eżibiti fl-atti ta' dina l-kompilazzjoni;

Illi l-imsemmi Kummissarju talab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jagħtih kopja ta' dawn il-*phone chats* iżda l-Kummissarju tal-Pulizija stqarr li ma jistax jagħtih kopja, stante li huma eżibiti fil-proċeduri kriminali kontra Yorgen Fenech quddiem dina l-Qorti;

Illi dawn il-*phone chats* jistgħu jikkostitwixxu prova materjali dwar l-allegat irwol tal-Onor. Cutajar f'dan in-negozju u l-aċċettazzjoni o meno minnha tal-allegata senserija;

Illi skont ma hu informat ir-rikorrent, dawn il-*phone chats* m'għandhom l-ebda rilevanza għall-akkużi li qed jiġi akkużat bihom l-imputat f'dawn il-proċeduri, u allura ma jistgħux jippreġuddikaw il-proċeduri kontra l-imputat bl-ebda mod;

Għaldaqstant, ir-rikorrent jitlob li dina l-Qorti tordna, bis-setgħa mogħtija lilha bl-artikolu 518 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li r-rikorrent jingħata kopja tal-iskambju tal-*phone chats* bejn Yorgen Fenech u l-Onor Rosianne Cutajar li setgħu saru fil-perjodu bejn l-ewwel ta' April 2019 u l-20 ta' Novembru 2019, u dan taħt dawk il-provvedimenti li dina l-Qorti jidhrilha xierqa.

**Avv Dr Sarah Pace Warrington**

11, Triq San Pawl
Il-Belt
VLT 1210

**From:** [redacted]
**To:** Sarah Pace Warrington - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** re decree requested in the case Yorgen Fenech
**Date:** Wednesday, 7 April 2021 13:30:01

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI STRUTTORJA**

**MAGISTRAT DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**[Superintendent Keith Arnaud]**

**[Spettur Kurt Zahra]**

**-vs-**

**YORGEN FENECH**

**Illum, 30 ta' Marzu 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-Kummissarju ghall-Istandards fil-Hajja Pubblika maghmula that l-Artikolu 518 tal-Kap. 9 biex jinghata "*kopja tal-iskambju tal-phone chats bejn Yorgen Fenech u l-Onor Rosianne Cutajar li setghu saru fil-perijodu bejn l-ewwel ta' April 2019 u l-20 ta' Novembru 2019*";

Qabel xejn u b'referenza ghal dak li gie premess fir-rikors, tosserva illi r-rapporti li dehru fil-midja dwar konversazzjonijiet li sehhew bejn l-imputat u l-persuna investigata mir-rikorrent, gew ippubblikati bi ksur tad-divjet tal-pubblikazzjoni tal-kontenut tat-telefon cellulari ta' Yorgen Fenech - l-akkuzat fil-proceduri kriminali odjerni – liema divjet gie ordnat b'digriet tat-30 ta' Novembru 2020, u wkoll

minghajr ma ntalbet u nkisbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex dan isir;

Rat ukoll illi Yorgen Fenech, l-imputat fil-proceduri quddiem din il-Qorti, m'huwiex is-soggett tal-investigazzjonijiet quddiem ir-rikorrent u li dawn l-investigazzjonijiet jikkoncernaw terzi persuni estraneji ghal dawn il-proceduri;

Tqis illi bis-sahha ta' diversi dispozizzjonijiet tal-Att dwar Standards fil-Hajja Pubblika (Kap. 570), senjatament l-Art. 18(2) u (5) u l-Art. 19(2) u (5) tal-Att, ir-rikorrent ghandu poteri vasti biex jikseb it-taghrif li jehtieg dwar xi kwistjoni li tkun qiegħda tiġi investigata minnu, filwaqt li l-persuni investigati u persuni ohrajn li fil-fehma tar-rikorrent jafu b'fatti jew ghandhom fil-pussess taghhom informazzjoni jew dokumenti li ghandhom x'jaqsmu mal-kwistjoni investigata minnu, huma fid-dmir li jikkoperaw mal-investigazzjoni u li jixhdu u jipproducu dak li huwa mitlub minnhom.  Ghalhekk ghandu fl-ewwel lok jaghmel uzu minn dawn is-setghat moghtija lilu mil-ligi biex jikseb l-informazzjoni li hija relevanti ghall-fini tal-investigazzjoni tieghu.

Qieset ukoll illi f'kull kaz, peress illi l-informazzjoni mitluba mir-rikorrent tikkonsisti fi skambju ta' korrispondenza fuq perijodu konsiderevoli ta' zmien, l-akkoljiment tat-talba kif imfassla jkun fih innifsu u indubbjament, jikkostitwixxi interferenza sostanzjali fil-jedd tal-individwu ghall-privatezza tal-komunikazzjonijiet tieghu.

**Ghaldaqstant, qieghda, f'dan l-istadju, tichad it-talba kif maghmula fir-rikors**.

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAGISTRAT.**

[redacted]

Clerk **- Mag. R. Montebello LL.D.**

t [redacted]

e [redacted] w www.courtservices.mt

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

Court Services Agency

MAIN COURTS, REPUBLIC
STREET
VALLETTA